ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 16 E

Volum 53

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

22 ta' Jannar 2010

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|

**Parlament Ewropew**

SESSJONI 2008-2009

Dati tas-seduti: 18-20 Novembru 2008

TESTI ADOTTATI

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 29 E, 5.2.2009.*

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**tal-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta, 18 ta' Novembru 2008**


| | | |
|---|---|---|
| 2010/C 16 E/01 | Ħarsien tal-konsumatur: Titjib tal-edukazzjoni u l-għarfien tal-konsumatur dwar il-kreditu u l-finanzi<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-ħarsien tal-konsumatur: dwar it-titjib tal-edukazzjoni u tal-kuxjenza tal-konsumatur dwar kreditu u finanzi (2007/2288(INI)) | 1 |
| 2010/C 16 E/02 | It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur (2008/2057(INI)) | 5 |
| 2010/C 16 E/03 | L-EMU@10: L-ewwel għaxar snin tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-isfidi għall-ġejjieni<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar l-EMU@10: L-ewwel għaxar snin tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-isfidi għall-ġejjieni (2008/2156(INI)) | 8 |


MT

Prezz: 3 EUR

*(Ikompli)*

| Avviż Nru | Werrej *(ikompli)* | Paġna |
|---|---|---|
| 2010/C 16 E/04 | Applikazzjoni tal-prinċipju ta' pagi ugwali għall-irġiel u n-nisa<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' pagi ugwali għall-irġiel u n-nisa (2008/2012(INI)) | 21 |
| | ANNESS<br>RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA | 24 |
| 2010/C 16 E/05 | Appoġġ għal turija minn kmieni tal-produzzjoni sostenibbli tal-enerġija mill-fjuwils fossili<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar l-appoġġ għal turija minn kmieni tal-produzzjoni sostenibbli tal-enerġija mill-fjuwils fossili (2008/2140(INI)) | 28 |
| | **Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008** | |
| 2010/C 16 E/06 | Rapport speċjali mill-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew wara l-abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-ilment Nru 1487/2005/GG<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar ir-Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew wara l-abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-ilment Nru 1487/2005/GG (2008/2072(INI)) | 33 |
| 2010/C 16 E/07 | Il-futur tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-pensjonijiet<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-futur tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-pensjonijiet: il-finanzjament tagħhom u x-xejra lejn l-individwalizzazzjoni (2007/2290(INI)) | 35 |
| 2010/C 16 E/08 | L-UE u data PNR<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar l-użu tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (Passenger Name Record - PNR) għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi | 44 |
| 2010/C 16 E/09 | Għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-ħolqien ta' faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja fuq medda medja ta' żmien għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri | 49 |
| 2010/C 16 E/10 | Ir-reazzjoni tal-UE għas-sitwazzjoni fil-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar ir-reazzjoni tal-UE għas-sitwazzjoni li sejra għall-agħar fil-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo | 51 |
| 2010/C 16 E/11 | Il-politika spazjali Ewropea<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-politika spazjali Ewropea: kif nistgħu inqarrbu l-ispazju lejn id-dinja | 57 |
| 2010/C 16 E/12 | Il-Munizzjon tat-tip Cluster<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon tat-tip Cluster | 61 |
| 2010/C 16 E/13 | HIV/AIDS: dijanjożi bikrija u kura bikrija<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar l-HIV/AIDS: dijanjożi bikrija u kura bikrija | 62 |
| 2010/C 16 E/14 | Is-sitwazzjoni fis-settur tal-apikultura<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar is-sitwazzjoni fis-settur tal-apikultura | 65 |


MT

*(Ikompli)*

| Avviż Nru | Werrej *(ikompli)* | Paġna |
|---|---|---|
| 2010/C 16 E/15 | Eżami mill-ġdid tar-rakkomondazzjoni 2001/331/KE li tipprovdi kriterji mininimi għall-ispezzjonijiet ambjentali fl-Istati Membri<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar ir-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni 2001/331/KE li tipprovdi għal kriterji minimi ta' spezzjonijiet ambjentali fl-Istati Membri | 67 |
| 2010/C 16 E/16 | Is-Somalja<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar is-Somalja | 68 |
| 2010/C 16 E/17 | Il-piena tal-mewt fin-Niġerja<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-piena tal-mewt fin-Niġerja | 71 |
| 2010/C 16 E/18 | Il-każ tal-familja al-Kurd<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-każ tal-familja al-Kurd | 73 |


II *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**tal-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta, 18 ta' Novembru 2008**


| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|
| 2010/C 16 E/19 | It-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Frank Vanhecke<br>Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Frank Vanhecke (2008/2092(IMM)) | 76 |
| 2010/C 16 E/20 | It-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Massimo D'Alema<br>Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Massimo D'Alema (2008/2298(IMM)) | 77 |


III *Atti preparatorji*

**tal-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta, 18 ta' Novembru 2008**


| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|
| 2010/C 16 E/21 | Protokoll għall-Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-KE u l-Każakstan *<br>Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda u r-Repubblika tal-Każakstan min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea (COM(2007)0105 — C6-0328/2008 — 2007/0039(CNS)) | 78 |


MT

*(Ikompli)*

2010/C 16 E/22 Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (COM(2008)0483 — C6-0305/2008 — 2008/0159(CNS)) . . . . . . . . . . 79

2010/C 16 E/23 Immarkar statutorju għal vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti (verżjoni kodifikata) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immarkar statutorju għal vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti (verżjoni kodifikata) (COM(2008)0318 — C6-0205/2008 — 2008/0099(COD)) . . . . . . . . . . 79

2010/C 16 E/24 Il-liġi tal-kumpanniji dwar kumpanniji b'responsabbilità limitata privati b'membru wieħed (Verżjoni kkodifikata) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-liġijiet tal-kumpanniji dwar il-kumpanniji privati ta' membru wieħed b'responsabbilità limitata (Verżjoni kkodifikata) (COM(2008)0344 — C6-0217/2008 — 2008/0109(COD)) . . . . . . . . . . 80

2010/C 16 E/25 Is-sedil tas-sewwieq ta' trakters bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (verżjoni kodifikata) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sedil tas-sewwieq ta' trakters bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (verżjoni kodifikata) (COM(2008)0351 — C6-0243/2008 — 2008/0115(COD)) . . . . . . 81

2010/C 16 E/26 Fond ta' garanzija għall-azzjonijiet esterni (verżjoni kodifikata) *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Fond ta' garanzija għall-azzjonijiet esterni (verżjoni kodifikata) (COM(2008)0365 — C6-0273/2008 — 2008/0117(CNS)) . . . . . . . . . . 82

2010/C 16 E/27 Konvenzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (9196/2008 — C6-0215/2008 — 2008/0048(AVC)) . . . . . . . 82

2010/C 16 E/28 Sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità rigward is-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni — (COM(2007)0776 — C6-0452/2007 — 2007/0272(COD)) . . . . . . . . . . 83


MT

(Ikompli)

2010/C 16 E/29 Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (COM(2008)0609 — C6-0345/2008 — 2008/2286(ACI)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 84

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR IL-MOBILIZZAZZJONI TAL-FOND EWROPEW TA' AĠĠUSTAMENT GĦALL-GLOBALIZZAZZJONI, SKONT IL-PUNT 28 TAL-FTEHIMA INTERISTITUZZJONALI TAS-17 TA' MEJJU 2006 BEJN IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI DWAR ID-DIXXIPLINA BAĠITARJA U L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA TAJBA . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 85

2010/C 16 E/30 L-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (COM(2008)0078 — C6-0099/2008 — 2008/0051(CNS)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 86

2010/C 16 E/31 Programm għall-konsum tal-frott fl-iskejjel *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar tal-politika agrikola komuni u (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) biex tiġi stabbilita Skema ta' Frott għall-Iskejjel (COM(2008)0442 — C6-0315/2008 — 2008/0146(CNS)) . . . . . 103

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

2010/C 16 E/32 L-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol (9815/3/2008 — C6-0343/2008 — 2007/0020(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 111

2010/C 16 E/33 Obbligi ta' pubblikazzjoni u ta' traduzzjoni ta' ċerti tipi ta' kumpaniji ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 68/151/KEE u 89/666/KEE fir-rigward tal-obbligi ta' pubblikazzjoni u traduzzjoni għal ċerti tipi ta' kumpaniji (COM(2008)0194 — C6-0171/2008 — 2008/0083(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 112

P6_TC1-COD(2008)0083

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-19 ta' Novembru 2008 bil-ħsieb ta l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2008/.../KE li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 68/151/KEE, 77/91/KEE u 89/666/KEE fir-rigward tal-obbligi ta' pubblikazzjoni u traduzzjoni għal ċerti tipi ta' kumpaniji . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 112

2010/C 16 E/34 L-Istatistiċi Ewropej ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istatistika Ewrope*a* (COM(2007)0625 — C6-0346/2007 — 2007/0220(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 116

MT

*(Ikompli)*

P6_TC1-COD(2007)0220

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-19 ta' Novembru 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (Test b'relevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera) .......... 117

2010/C 16 E/35 — Skemi ta' appoġġ għall-bdiewa taħt il-PAK *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni għall-bdiewa u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa (COM(2008)0306 — C6-0240/2008 — 2008/0103(CNS)) .......... 117

2010/C 16 E/36 — Emendar tal-politika agrikola komuni *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 320/2006, (KE) Nru 1234/2007, (KE) Nru 3/2008 u (KE) Nru […]/2008 sabiex tkun adattata l-politika agrikola komuni (COM(2008)0306 — C6-0241/2008 — 2008/0104(CNS)) .......... 173

2010/C 16 E/37 — Emenda tar-Regolament (KE) nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-modifika tar-Regolament (KE) n° 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (COM(2008)0306 — C6-0242/2008 — 2008/0105(CNS)) .......... 189

2010/C 16 E/38 — Linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (2007-2013) *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2006/144/KE dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (Perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013) (COM(2008)0306 — C6-0239/2008 — 2008/0106(CNS)) .......... 199

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

2010/C 16 E/39 — Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (COM(2006)0244 — C6-0228/2006 — 2006/0084(COD)) .......... 201

P6_TC1-COD(2006)0084

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Novembru 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar l-investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) 201

2010/C 16 E/40 — L-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 8/2008

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 8/2008 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008 (15765/2008 — C6-0426/2008 — 2008/2287(BUD)) .......... 223

MT

*(Ikompli)*

2010/C 16 E/41 Il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-iskop ta' impjieg bi kwalifiki għoljin *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-iskop ta' impjieg bi kwalifiki għoljin (COM(2007)0637 — C6-0011/2007 — 2007/0228(CNS)) . . . . . . . . . . 224

2010/C 16 E/42 Proċedura unika ta' applikazzjoni għal permess uniku *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi proċedura unika ta' applikazzjoni għal permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jgħixu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru kif ukoll dwar ġabra komuni ta' drittijiet għall-ħaddiema minn pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu legalment fi Stat Membru (COM(2007)0638 — C6-0470/2007 — 2007/0229(CNS)) . . . . . . . . . . 240

2010/C 16 E/43 Emenda tar-Regolament Waħdieni dwar id-WTO *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli ("Ir-Regolament Waħdieni dwar id-WTO") (COM(2008)0489 — C6-0314/2008 — 2008/0156(CNS)) . . . . . . . . . . 251

2010/C 16 E/44 Għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (COM(2008)0717 — C6-0389/2008 — 2008/0208(CNS)) . . . . . . . . . . 252

MT

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# TAL-PARLAMENT EWROPEW

## Ħarsien tal-konsumatur: Titjib tal-edukazzjoni u l-għarfien tal-konsumatur dwar il-kreditu u l-finanzi

P6_TA(2008)0539

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-ħarsien tal-konsumatur: dwar it-titjib tal-edukazzjoni u tal-kuxjenza tal-konsumatur dwar kreditu u finanzi (2007/2288(INI))**

(2010/C 16 E/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2007 dwar l-Edukazzjoni Finanzjarja (COM(2007)0808),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur fis-Suq Waħdieni (COM(2007)0226),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu stabbilita fit-tieni qari tas-16 ta' Jannar 2008 bil-għan li tkun adottata direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-politika tas-servizzi finanzjarji (2005-2010) — White Paper ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur kif ukoll l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0393/2008),

A. billi minn banda, is-swieq finanzjarji qed jevolvu malajr, saru dinamiċi ferm u dejjem iktar kumplessi u, mill-banda l-oħra, it-tibdil fis-soċjetà u fil-mod kif wieħed jgħix joħloq il-bżonn għal ġestjoni tajba tal-finanzi privati kif ukoll għal aġġustament tal-finanzi privati b'mod regolari sabiex ikunu jissodisfaw xogħol ġdid u ċirkostanzi familjari ġodda,

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0011.
([2]) ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 392.

**It-Tlieta, 18 ta' Novembru 2008**

B. billi ż-żieda fil-livell tal-edukazzjoni finanzjarja tal-konsumaturi għandha tkun prijorità għal min jagħmel il-politiki kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll f'dak Ewropew, mhux biss minħabba l-benefiċċji għall-individwi iżda wkoll minħabba l-benefiċċji għas-soċjetà u għall-ekonomija, bħat-tnaqqis tal-livell tad-dejn problematiku, iż-żieda fit-żamma tal-flus fil-bank, l-użu adegwat ta' prodotti ta' assigurazzjoni u l-provvista adegwata għall-pensjoni,

C. billi l-istudji juru li l-konsumaturi għandhom it-tendenza li jissopravvalutaw l-għarfien tagħhom tas-servizzi finanzjarji u hemm il-ħtieġa li jiġu infurmati bil-fatt li l-edukazzjoni finanzjarja tagħhom mhijiex tajba daqs kemm jaħsbu,

D. billi programmi ta' edukazzjoni finanzjarja ta' kwalità, immirati u, meta dan ikun xieraq, personalizzati kemm jista' jkun, jistgħu jikkontribwixxu biex tiżdied l-edukazzjoni finanzjarja, u dan jippermetti lill-konsumaturi li jagħmlu għażliet infurmati u b'hekk jippermettu tħaddim effettiv tas-swieq finanzjarji,

E. billi l-importanza tas-servizzi finanzjarji transkonfinali dejjem qiegħda tiżdied, u l-Kummissjoni għandha tieħu inizjattivi fil-livell tal-UE għall-promozzjoni ta' tagħrif transkonfinali u, fejn meħtieġ, tagħrif kumparabbli dwar l-edukazzjoni finanzjarja,

F. billi għandha tingħata attenzjoni partikulari għall-bżonnijiet edukattivi ta' konsumaturi vulnerabbli, u anki ta' dawk ta' konsumaturi żgħażagħ, li jaffaċċjaw deċiżjonijiet li jolqtu l-prospetti ekonomiċi għal ħajjithom kollha,

G. billi r-riċerka wriet li dawk li tgħallmu l-aspetti bażiċi tal-finanzi personali minn età żgħira għandhom edukazzjoni finanzjarja ogħla; billi l-edukazzjoni finanzjarja hija relatata mill-qrib mat-tagħlim ta' kapaċitajiet bażiċi (matematika u qari),

1. Jilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni fil-qasam tal-edukazzjoni finanzjarja tal-konsumaturi, b'mod partikolari t-twaqqif reċenti tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Edukazzjoni Finanzjarja, u l-intenzjoni tagħha li tippubblika fuq l-Internet bażi ta' dejta ta' skemi u ta' riċerka dwar l-edukazzjoni finanzjarja fl-UE; huwa tal-opinjoni li l-Grupp ta' Esperti għandu jkollu responsabbiltajiet u setgħat ċari; jissuġġerixxi li dan il-grupp jintalab b'mod partikulari li jħares lejn il-valur miżjud, u l-aħjar prattiki fl-edukazzjoni finanzjarja tal-UE u s-servizzi finanzjarji transkonfinali;

2. Jenfasizza li l-objettiv tal-edukazzjoni u tas-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi fil-qasam tal-finanzi u tal-kreditu huwa li jittejjeb l-għarfien tal-konsumaturi fir-rigward tar-realtajiet ekonomiċi u finanzjarji sabiex jinftehmu l-impenji ekonomiċi u jiġu evitati riskji mhux neċessarji, dejn eċċessiv u esklużjoni finanzjarja; iqis li l-azzjonijiet ta' taħriġ u ta' informazzjoni għandhom jippermettu li l-konsumaturi jkollhom approċċ indipendenti, ibbażat fuq l-opinjoni tagħhom, tal-prodotti finanzjarji li jiġu offruti lilhom jew li l-konsumaturi jkunu qed iqisu li jirrikorru għalihom;

3. Jinnota li l-kriżi tal-krediti immobiljari b'riskju għoli mhux biss turi l-perikli kkawżati minn informazzjoni mhux adegwata għal min jissellef, iżda wkoll in-nuqqas ta' fehma u ta' għarfien dwar din l-informazzjoni li twassal biex il-konsumaturi ma jkunux konxji biżżejjed dwar ir-riskji ta' falliment u ta' dejn eċċessiv;

4. Jenfasizza li konsumaturi mgħallma u li jkollhom is-setgħa jistgħu jgħinu biex irawmu l-kompetizzjoni, il-kwalità u l-innovazzjoni fl-industriji tas-servizzi bankarji u finanzjarji, u jfakkar li investituri mgħallma u konfidenti jistgħu jipprovdu likwidità addizzjonali għas-swieq kapitali għall-investiment u t-tkabbir;

5. Jenfasizza l-importanza li jkun stabbilit livell ta' edukazzjoni finanzjarja fl-Istati Membri u fehim tal-valur miżjud li l-UE tista' tipprovdi, kif ukoll li jkunu ddefiniti l-bżonnijiet edukattivi għal gruppi immirati speċifiċi fis-soċjetà, skont taħlita ta' kriterji bħall-età, id-dħul u l-livell ta' edukazzjoni;

6. Jirrikonoxxi l-irwol tal-inizjattivi privati, l-industrija tas-servizzi finanzjarji u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur kemm fil-livell tal-Komunità kif ukoll f'dak nazzjonali fid-definizzjoni ta' ħtiġijiet partikulari għal gruppi mmirati għall-edukazzjoni finanzjarja, fl-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet u djufijiet tal-iskemi edukattivi eżistenti, u fil-provvista ta' tagħrif finanzjarju lill-konsumaturi, inkluż permezz ta' għodda bbażati fuq l-internet u kampanji ta' tagħrif, eċċ. għall-ippjanar finanzjarju;

7. Huwa tal-opinjoni li l-programmi dwar l-edukazzjoni finanzjarja huma l-aktar effettivi jekk ikunu mfassla skont il-bżonnijiet speċifiċi tal-gruppi mmirati u fejn xieraq, jiġu personalizzati; huwa tal-opinjoni, madankollu, li l-programmi edukattivi finanzjarji għandhom jikkontribwixxu għat-titjib tal-għarfien u l-immaniġġjar realistiku ta' kull possibilità finanzjarja individwali; għandha tingħata attenzjoni għall-iżvilupp ta' programmi li jtejbu l-kapaċitajiet finanzjarji tal-adulti;

8. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex, f'koperazzjoni mal-Istati Membri, tiżviluppa fil-livell tal-UE programmi ta' edukazzjoni bażika fil-qasam ta' finanzi personali, ibbażati fuq regoli u prinċipji komuni li jistgħu jiġu adattati għall-bżonnijiet tal-Istati Membri kollha u applikati f'kull wieħed minnhom, ikunu stabbiliti livelli ta' riferiment kif ukoll ikun promoss l-iskambju tal-aħjar prassi;

9. Jenfasizza li l-edukazzjoni finanzjarja tista' tikkumplimenta, iżda ma tistax tissostitwixxi, dispożizzjonijiet koerenti għall-ħarsien tal-konsumatur fil-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji kif ukoll ir-regolament u s-sorveljanza stretta ta' istituzzjonijiet finanzjarji;

10. Jirrikonoxxi l-irwol importanti tas-settur privat, u b'mod partikulari tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-provvista ta' informazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji lill-konsumaturi; jenfasizza, madankollu, li l-edukazzjoni finanzjarja għandha tiġi offruta b'mod ġust, parzjali u trasparenti, sabiex tieħu ħsieb l-interessi tal-konsumatur, u li għandu jkun hemm distinzjoni ċara bejnha u l-pariri kummerċjali u r-reklamar; sabiex jinkiseb dan l-għan, iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jiżviluppaw kodiċi ta' kondotta għall-istaff tagħhom;

11. Jirrikonoxxi l-bżonn li jinsab bilanċ delikat bejn il-provvista lill-konsumaturi ta' għarfien li huma jeħtieġu biex jagħmlu deċiżjonijiet finanzjarji infurmati u l-għoti ta' wisq informazzjoni lill-konsumatur; jippreferi informazzjoni ta' kwalità għolja li tkun aċċessibbli, konkreta, faċli li wieħed jifimha u li jkollha l-għan li żżid il-kapaċità tal-konsumatur li jagħmel għażliet infurmati u responsabbli aktar mill-kwantità;

12. Iqis li informazzjoni effettiva, ċara u li tinftiehem, partikolarment fil-messaġġi ta' reklamar dwar il-prodotti finanzjarji, hija neċessarja u li l-intrapriżi finanzjarji għandhom jipprovdu biżżejjed informazzjoni qabel il-konklużjoni tal-kuntratti u b'mod partikolari japplikaw b'mod strett ir-regoli previsti mid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/39/KE tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji ([1]) u d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2008/48/KE tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur ([2]); jitlob lill-Kummissjoni biex b'mod koerenti, tressaq proposti leġiżlattivi speċifiċi għal sistema armonizzata tal-informazzjoni u l-protezzjoni għall-konsumatur b'mod partikolari fil-qafas ta' kreditu fuq l-ipoteka (pereżempju karta tal-informazzjoni Ewropea standardizzata, armonizzata, sempliċi u paragunabbli, inklużi indikazzjonijiet komuni dwar il-persentaġġ annwali tar-rata mħallsa, eċċ.);

13. Jirrakkomanda li l-iskemi ta' edukazzjoni finanzjarja għandhom jiffokaw fuq aspetti importanti ta' ppjanar tal-ħajja bħal tiġmigħ bażiku, dejn, assigurazzjoni u pensjonijiet;

14. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha li tippromwovi d-djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati;

([1]) ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66.

**It-Tlieta, 18 ta' Novembru 2008**

15. Jissuġġerixxi żieda fil-linja baġitarja 17 02 02 għall-attivitajiet finanzjarji fil-livell tal-UE li jimmiraw li jtejbu l-edukazzjoni finanzjarja u l-għarfien finanzjarju tal-konsumaturi; jistieden lill-Kummissjoni biex tikkontribwixxi għat-tkabbir tal-għarfien fil-livell tal-UE permezz ta' appoġġ għall-organizzazzjoni ta' konferenzi nazzjonali u reġjonali, seminars, midja u kampanji ta' tagħrif kif ukoll ta' programmi edukattivi b'parteċipazzjoni transkonfinali, b'mod partikulari fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u l-kreditu domestiku/l-immaniġġjar tad-dejn;

16. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa ulterjorment u taġġorna l-għodda fuq l-Internet tad-Dolceta u biex tipprovdi dan is-servizz fil-lingwi uffiċjali kollha; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tinkludi fis-sit tal-Internet tad-Dolceta link għall-bażi tad-dejta online li hija tixtieq twaqqaf dwar skemi ta' edukazzjoni finanzjarja reġjonali u nazzjonali eżistenti; jissuġġerixxi li l-websajt Dolceta għandha tinkludi links għall-websajts ta' entitajiet pubbliċi u privati fil-qasam tal-edukazzjoni finanzjarja, maqsuma skont il-pajjiż;

17. Jitlob lill-Kummissjoni biex fit-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-konsum tinkludi indikaturi tad-disponibilità u tal-kwalità tal-edukazzjoni finanzjarja;

18. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex twaqqaf kampanji ta' informazzjoni biex tqajjem kuxjenza fil-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom taħt il-leġiżlazzjoni tal-UE fl-ambitu tal-provvista ta' servizzi finanzjarji;

19. Jenfasizza l-bżonn għall-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, li jwettqu stħarriġijiet regolari, b'koperazzjoni mal-gruppi soċjali u tal-popolazzjoni varji tal-Istati Membri, rigward livelli attwali tal-edukazzjoni finanzjarja fost il-pubbliku, sabiex ikunu identifikati zoni prijoritarji għal azzjoni u għalhekk jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa, f'waqtha u effettiva tal-programmi edukattivi finanzjarji biex dawn ikunu ta' appoġġ għall-pubbliku;

20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinkludu l-edukazzjoni finanzjarja fil-kurrikulu ġenerali tal-iskejjel primarji u sekondarji, li għandu jiġi żviluppat mill-istituzzjonijiet kompetenti u li huwa maħsub biex jiżviluppa l-kapaċitajiet meħtieġa għall-ħajja ta' kuljum, u biex jorganizza taħriġ sistematiku għall-għalliema dwar din il-kwistjoni;

21. Jenfasizza l-bżonn ta' proċess edukattiv kontinwu għaż-żewġ naħat, fi kliem ieħor għall-konsulenti finanzjarji u l-konsumaturi, sabiex jiżguraw id-dispożizzjoni ta' tagħrif ċar u aġġornat mal-iżviluppi l-aktar reċenti fis-settur tas-servizzi finanzjarji;

22. Huwa tal-opinjoni li l-effetti ta' sinerġija bejn id-diversi organizzazzjonijiet edukattivi mhumiex qed jintużaw bis-sħiħ; jitlob b'hekk lill-Istati Membri biex iwaqqfu netwerk għall-edukazzjoni finanzjarja li fih jipparteċipaw kemm is-settur pubbliku kif ukoll dak privat, u biex iħeġġu l-koperazzjoni u d-djalogu bejn il-protagonisti kollha;

23. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni partikulari għall-bżonnijiet edukattivi tal-pensjonanti u l-persuni fi tmiem il-karriera professjonali tagħhom, li jistgħu jkunu qed jissugraw l-esklużjoni finanzjarja u anki għaż-żgħażagħ li jkunu qed jibdew il-karriera professjonali tagħhom u li jkunu ffaċċjati bl-isfidi li jiddeterminaw kif isir użu xieraq mid-dħul il-ġdid tagħhom;

24. Jitlob lill-Istati Membri biex iwaqqfu programmi ta' taħriġ fl-ekonomija u fis-servizzi finanzjarji għall-ħaddiema soċjali, peress li dawn ikollhom kuntatt ma' persuni fir-riskju ta' faqar u/jew ta' dejn eċċessiv;

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummisjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

## It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur

P6_TA(2008)0540

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur (2008/2057(INI))**

(2010/C 16 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2008 bl-isem "Il-monitoraġġ tar-riżultati fis-suq waħdieni: il-Kwadru ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur" (COM(2008)0031),

— wara li kkunsidra t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern Nru 16a tal-14 ta' Frar 2008 (SEC(2008)0076),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2007 dwar il-Green Paper dwar ir-Reviżjoni tal-Acquis tal-Konsumatur ([1]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2008 dwar l-istrateġija tal-UE għall-politika tal-konsumatur 2007-2013 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Settembru 2008 dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern ([3]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2007 bl-isem "Suq uniku għall-Ewropa tas-seklu 21" (COM(2007)0724),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2007 bl-isem "Servizzi ta' interess ġenerali, inklużi s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali: impenn Ewropew ġdid" (COM(2007)0725), mehmuża mal-Komunikazzjoni dwar suq uniku għall-Ewropa tas-seklu 21,

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Istaff tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' metodoloġija ġdida għall-monitoraġġ tas-swieq u s-setturi tal-prodotti: Ir-riżultati tal-ewwel eżami settorjali (SEC(2007)1517), mehmuża mal-Komunikazzjoni dwar suq wieħed għall-Ewropa tas-seklu 21,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A6-0392/2008),

A. billi jilqa' l-pubblikazzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur ("it-Tabella"), li għandha l-għan li s-Suq Intern iwieġeb aħjar għall-aspettattivi u t-tħassib taċ-ċittadini,

B. billi s-swieq tal-konsumatur li jkunu kompetittivi u jaħdmu b'mod effikaċi huma kruċjali sabiex ikun żgurat li ċ-ċittadini jkollhom fiduċja fis-Suq Intern,

C. billi jeħtieġ li t-Tabella tkun komplementata b'metodi oħra ta' monitoraġġ,

([1]) ĠU C 187 E, 24.7.2008, p. 231.
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0211.
([3]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0421.

D. billi l-indikaturi fit-Tabella huma maħsuba biex jgħinu fl-identifikazzjoni tas-setturi li għandhom jiġu studjati aktar fid-dettall,

E. billi t-Tabella għandha tistimola d-dibattitu dwar kwistjonijiet tal-politika tal-konsumatur,

F. billi l-istudji u l-analiżi mill-awtoritajiet nazzjonali għall-konsumatur u l-kompetizzjoni jistgħu jkunu rilevanti biex it-Tabella tkompli tiżviluppa,

***Introduzzjoni***

1. Jisħaq fuq l-importanza li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jgawdu b'mod sħiħ mill-benefiċċji tas-Suq Intern, u jqis it-Tabella bħala għodda importanti biex jintlaħaq dan il-għan;

2. Jilqa' l-ħames indikaturi prinċipali tat-Tabella marbuta mal-ilmenti, mal-livelli tal-prezzijiet, mas-sodisfazzjon, mat-tibdil tal-fornitur u mas-sikurezza;

3. Jenfasizza li t-Tabella għadha fil-bidu tagħha u jeħtieġ li tiżviluppa aktar b'data aktar kompleta, bi statistika aktar preċiża u b'aktar analiżi msejsa fuq l-indikaturi differenti;

4. Jenfasizza li meta jintlaħaq livell sodisfaċenti ta' żvilupp fil-ħames indikaturi bażiċi tat-Tabella, għandhom ikunu elaborati indikaturi ġodda sabiex is-Suq Intern ikun jista' jwieġeb aħjar għall-aspettattivi u t-tħassib taċ-ċittadini;

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li jkun hemm finanzjament u staff biżżejjed għall-iskopijiet imsemmija fil-paragrafi 3 u 4;

6. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tiżgura approċċ koerenti u kkoordinat fis-servizzi tagħha biex ma jkunx hemm xogħol ripetut u riżultati kontradittorji mill-analiżi tad-data;

7. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinkludi sintesi li tinftiehem faċilment, kif ukoll konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet ċari fit-Tabelli li jsiru fil-ġejjieni, maqlubin fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea;

***L-iżvilupp tal-indikaturi***

8. Huwa tal-opinjoni li l-għadd totali ta' indikaturi għandu jkun limitat sabiex tkun żgurata Tabella ffukata tajjeb;

9. Huwa tal-opinjoni li indikatur marbut mal-ilmenti huwa essenzjali sabiex wieħed jifhem is-sodisfazzjon tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu sabiex ikun hemm armonizzazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-ilmenti li jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti u mis-servizzi rilevanti tal-assistenza għall-konsumatur fl-Istati Membri u fil-livell Komunitarju, u biex jistabilixxu ġabra ta' data tal-ilmenti tal-konsumatur fl-UE kollha; jistieden lill-Istati Membri biex ikabbru l-għarfien tal-konsumatur dwar is-sistemi ta' lmenti u biex itejbu l-immaniġġjar tal-ilmenti sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu joffru aktar servizzi u servizzi aħjar;

10. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa indikaturi marbuta mal-proċedimenti ġudizzjarji transkonfinali u l-kumpens għal ħsara mġarrba mill-konsumaturi, permezz ta' mezzi ta' kumpens ġudizzjarji u extraġudizzjarji, kif ukoll permezz ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' kumpens;

11. Huwa tal-opinjoni li indikaturi marbuta mal-kompetenza, mal-kapaċità u mal-età tal-konsumatur jistgħu jiġu inklużi fit-Tabella (pereżempju, il-livell tal-edukazzjoni, il-kompetenza fil-kompjuters u l-kapaċitajiet fil-lingwi barranin); madankollu, jisħaq fuq l-importanza li jinstab bilanċ bejn l-indikaturi msejsa fuq id-data "*soft*" minn stħarriġ fost il-konsumaturi u data "*hard*" imsejsa fuq għejun oħra;

12. Jirrikonoxxi li l-iżvilupp ta' indikaturi ta' prezzijiet preċiżi u xierqa hija kwistjoni kumplessa ħafna billi d-differenzi fil-livell tal-prezzijiet jista' jkollhom għadd ta' kawżi u l-eżistenza tagħhom fiha nnifisha mhix prova tan-nuqqasijiet tas-suq; madankollu, huwa tal-opinjoni li t-Tabella għandha tinkludi indikaturi tal-prezzijiet, billi l-prezzijiet huma ta' tħassib kbir għall-konsumaturi u l-indikaturi tal-prezzijiet huma importanti biex jistimulaw dibattitu u jiżguraw li jkun hemm għarfien fil-midja rigward in-nuqqasijiet fit-tħaddim tas-swieq; jistieden lill-Kummissjoni biex tqis il-klima makroekonomika kif ukoll is-setgħa tal-akkwist tal-konsumaturi u l-prezzijiet qabel it-taxxa fl-Istati Membri;

13. Jilqa' l-isforzi sabiex jiġu żviluppati indikaturi tal-prezzijiet aktar sofistikati, imma jitlob ukoll sabiex jintużaw indikaturi oħra marbuta mat-tħaddim effikaċi tas-swieq qabel ma jsiru rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar il-politika;

14. Ifakkar li t-tħassib dwar l-etika u l-ambjent kulma jmur qiegħed iżid fl-importanza għall-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni sabiex teżamina l-possibilità li titkejjel id-disponibilità tal-informazzjoni marbuta ma' tħassib bħal dan fi swieq differenti;

### *It-titjib tal-bażi tal-informazzjoni*

15. Jisħaq fuq l-importanza ta' koperazzjoni mill-qrib bejn l-uffiċċji tal-istatistika tal-Istati Membri, tal-Eurostat u ta' servizzi oħra tal-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-kwalità u l-kompletezza taċ-ċifri; jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu passi sabiex jiffaċilitaw koperazzjoni bħal din;

16. Ifakkar li l-konsumaturi nazzjonali u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni sikwit jistudjaw każijiet jew ikollhom evidenza oħra li tirrigwarda t-tħaddim ta' swieq differenti, u b'hekk jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu spunt mill-informazzjoni nazzjonali disponibbli u tikkonsulta b'mod attiv mal-esperti nazzjonali meta tiġi biex tkompli tiżviluppa t-Tabella;

17. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jaraw sew il-merti li jiġi stabbilit Ombudsman speċjali għall-Konsumatur; jinnota li numru ta' Stati Membri għandhom *ombudsmen* tal-konsumatur f'diversi setturi li jgħinu l-konsumaturi biex jittrattaw mal-operaturi ekonomiċi;

18. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex, b'koperazzjoni mal-Istati Membri, tiżgura li ċ-Ċentri Ewropej għall-Informazzjoni tal-Konsumatur jingħataw aktar riżorsi u jkollhom biżżejjed staff biex isolvu b'mod effiċjenti l-għadd li kulma jmur qiegħed jikber ta' lmenti transkonfinali mill-konsumaturi u biex iqassru ż-żmien tal-ipproċessar ta' lmenti bħal dawn;

### *Aktar għarfien*

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex iżidu l-għarfien fir-rigward tat-Tabella, *inter alia* billi jiżguraw li tkun aċċessibbli u viżibbli faċilment fuq il-websajts rilevanti, u jżidu l-isforzi għall-promozzjoni tat-Tabella fil-mezzi ta' komunikazzjoni, mal-awtoritajiet pubbliċi u fl-organizzazzjonijiet tal-konsumatur;

### *Ir-relazzjoni mat-Tabella tas-Suq Intern*

20. Huwa tal-opinjoni li t-Tabella tas-Suq Intern u t-Tabella tas-Swieq tal-Konsumatur it-tnejn għandhom l-għan li jippromwovu Suq Intern aħjar sabiex ikun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u l-konsumaturi;

21. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex tiżgura li jkun hemm komunikazzjoni aħjar fis-Suq Intern u huwa tal-opinjoni li ż-żewġ Tabelli huma passi importanti f'dik id-direzzjoni;

22. Jenfasizza li filwaqt li ż-żewġ Tabelli huma marbuta bejniethom u huwa importanti li jkun promoss l-iżvilupp koerenti tagħhom, huma għandhom udjenzi speċifiċi differenti u għalhekk għandhom jinżammu separati, b'settijiet differenti ta' indikaturi;

23. Huwa tal-opinjoni li għandha ssir reviżjoni fuq bażi regolari tal-indikaturi użati kif ukoll tar-relazzjoni bejn iż-żewġ Tabelli sabiex jiġu adattati għall-iżviluppi fis-Suq Intern;

*

* *

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

## L-EMU@10: L-ewwel għaxar snin tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-isfidi għall-ġejjieni

P6_TA(2008)0543

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar l-EMU@10: L-ewwel għaxar snin tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-isfidi għall-ġejjieni (2008/2156(INI))**

(2010/C 16 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-7 ta' Mejju 2008 dwar l-EMU@10: suċċessi u sfidi wara 10 snin mill-Unjoni Ekonomika u Monetarja (COM(2008)0238) (Komunikazzjoni dwar l-EMU@10),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2008 dwar il-Finanzi Pubbliċi fl-EMU — 2008 (COM(2008)0387),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ottubru 2008, bit-titolu "Minn kriżi finanzjarja għal irkupru: Qafas Ewropew għall-azzjoni" (COM(2008)0706),

— wara li kkunsidra t-tbassir ekonomiku tal-Kummissjoni għall-ħarifa 2008, tat-3 ta' Novembru 2008,

— wara li kkunsidra l-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Ottubru 2008,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Ottubru 2008 (1),

— wara li kkunsidra s-samit ta' emerġenza tal-Grupp tal-Euro tat-12 ta' Ottubru 2008 dwar garanziji governattivi għas-self bejn il-banek,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2008,

— wara li kkunsidra r-riżultat tal-laqgħa informali tal-Kapijiet tal-Istati u tal-Gvernijiet tas-7 ta' Novembru 2008,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2006 dwar ir-Rapport Annwali għall-2006 dwar iz-zona tal-euro (2),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2007 dwar ir-Rapport Annwali għall-2007 dwar iz-zona tal-euro (3),

---

(1) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0506.
(2) ĠU C 314 E, 21.12.2006, p. 125.
(3) ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 569.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Frar 2008 dwar il-kontribut għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2008 rigward l-Istrateġija ta' Liżbona ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2007 dwar l-interess Ewropew: suċċess fl-epoka tal-globalizzazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2007 dwar is-Sitwazzjoni tal-Ekonomija Ewropea: Rapport preparatorju dwar il-linji gwida wesgħin għall-politika ekonomika għall-2007 ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Frar 2005 dwar il-Finanzi Pubbliċi fl-EMU — 2004 ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' April 2007 dwar il-Finanzi Pubbliċi fl-EMU 2006 ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2008 dwar ir-Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-2007 ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar it-tkabbir taz-zona tal-ewro ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar it-titjib tal-proċess ta' konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew fil-proċeduri ta' tkabbir ulterjuri taz-zona tal-euro ([8]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni mis-Slovakkja tal-munita unika fl-1 ta' Jannar 2009 ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2006 dwar ir-reviżjoni strateġika tal-Fond Monetarju Internazzjonali ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2005 dwar l-implimentazzjoni ta' strateġija ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni dwar l-ewro u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Settembru 2008 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-Fondi Spekulattivi u l-kapital privat ([12]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew tat-13 ta' Diċembru 1997 dwar il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fl-Istadju III tal-EMU u dwar l-Artikoli 109 u 109b tat-Trattat KE ([13]),

— wara li kkunsidra l-kontribut mill-Kunsill (ECOFIN) tat-12 ta' Frar 2008 għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2008 dwar rispons koordinat tal-UE għat-tnaqqis ekonomiku,

— wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Ftehim tal-1 ta' Ġunju 2008 dwar il-Koperazzjoni bejn l-Awtoritajiet ta' Sorveljanza Finanzjarja, il-Banek Ċentrali u l-Ministri tal-Finanzi tal-Unjoni Ewropea dwar l-Istabilità Finanzjarja Transkonfinali,

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0057.
([2]) ĠU C 282 E, 6.11.2008, p. 422.
([3]) ĠU C 287 E, 29.1.2007, p. 535.
([4]) ĠU C 304 E, 1.12.2005, p. 132.
([5]) ĠU C 74 E, 20.3.2008, p. 780.
([6]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0357.
([7]) ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 249.
([8]) ĠU C 146 E, 12.6.2008, p. 251.
([9]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0287.
([10]) ĠU C 291 E, 30.11.2006, p. 118.
([11]) ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 73.
([12]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0425.
([13]) ĠU C 35, 2.2.1998, p. 1.

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A6-0420/2008),

A. billi fl-1 ta' Jannar 1999 ħdax-il Stat Membru — il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, l-Awstrija, il-Portugall u l-Finlandja — adottaw il-munita waħda tal-Unjoni Ewropea,

B. billi sa minn dak iż-żmien, erba' Stati Membri oħra ngħaqdu maż-żona tal-euro: il-Greċja fl-2001, is-Slovenja fl-2007, u Ċipru u Malta fl-2008,

C. billi ż-żona tal-euro għad trid tikber aktar hekk kif il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li attwalment mhumiex parti miż-żona tal-euro qed iħejju biex jingħaqdu f'xi żmien fil-ġejjieni, u billi l-Islovakkja se tissieħeb fiż-żona tal-euro fl-1 ta' Jannar 2009,

D. billi l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (EMU) kienet suċċess f'ħafna modi, filwaqt li l-munita waħda saħħet l-istabilità ekonomika tal-Istati Membri b'mod partikulari fid-dawl tal-kriżi finanzjarja attwali,

E. billi l-adeżjoni maż-żona tal-euro tfisser livell għoli ta' interdipendenza ekonomika bejn l-Istati Membri involuti u għalhekk tirrikjedi koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politika ekonomika u sehem effettiv fil-governanza ekonomika u finanzjarja dinjija sabiex wieħed jibbenefika bis-sħiħ mill-munita waħda u sabiex ikunu affrontati l-isfidi tal-ġejjieni, bħal aktar kompetizzjoni għar-riżorsi naturali, l-iżbilanċi ekonomiċi dinjija, l-importanza ekonomika li qed tikber tas-swieq li qed jitfaċċaw, it-tibdil fil-klima u l-fatt li l-popolazzjoni fl-Ewropa qed tixjieħ,

F. billi l-inflazzjoni medja matul l-ewwel għaxar snin taż-żona tal-euro b'mod ġenerali mxiet mal-objettiv tal-BĊE għall-istabilità tal-prezzijiet li kien joqrob għal, iżda anqas minn, 2 %; billi reċentement l-inflazzjoni qabżet sew dan il-livell minħabba bidliet strutturali globali, b'mod partikulari fir-rigward taż-żidiet tal-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel, l-illaxkar tal-politika monetarja fl-Istati Uniti tal-Amerika, kif ukoll in-nuqqas ta' viġilanza minn għadd ta' banek ċentrali ta' pajjiżi terzi,

G. billi t-talba, li qed tikber b'rata mgħaġġla, minn ekonomiji emerġenti għall-enerġija u prodotti bażiċi oħra skarsi imbuttat il-provvista progressivament sal-limiti tal-kapaċità; u billi l-pressjoni li qed tgħolli l-prezzijiet ġiet aggravata minħabba l-fatt li l-prodotti bażiċi qed jitqiesu dejjem aktar bħala assi finanzjarji, tant li jistgħu jintużaw bħala ħażna ta' valur,

H. billi l-versatilità taż-żona tal-euro hi milqugħa tajjeb u l-valur tal-euro, li bħalissa qed jogħla, jista' jkollu kemm effetti negattivi, pereżempju billi jaffettwa ħażin l-esportazzjoni u jħajjar l-importazzjoni fis-suq intern, kif ukoll effetti pożittivi, billi jgħin lill-ekonomija Ewropea taffronta ż-żieda drammatika fil-prezz taż-żejt u l-kriżi finanzjarja attwali,

I. billi l-ambjent ekonomiku globali kien favorevoli għall-ħolqien tal-impjiegi matul l-ewwel għaxar snin tal-euro, bil-ħolqien ta' kważi 16-il miljun impjieg, bla ma wieħed iqis il-kwalità tal-impjiegi maħluqa, u filwaqt li r-rata tal-qgħad naqset minn 9 % fl-1999 għal madwar 7,3 % jew aktar fl-2008,

J. billi l-Unjoni Ewropea dieħla fi tnaqqis ekonomiku b'rati ta' tkabbir li qed jonqsu minn 3,1 % fl-2006 għal rata mbassra ta' 2 sa 1,4 % fl-2008 u 0,2 % fl-2009, filwaqt li l-qgħad u l-esklużjoni soċjali se jkomplu jikbru aktar,

K. billi t-tkabbir ekonomiku u ż-żieda tal-produttività kienu diżappuntanti, u ż-żieda fil-produzzjoni għal kull ħaddiem naqset bin-nofs minn 1,5 % matul il-perjodu mill-1989 sal-1998 għal madwar 0,75 % matul il-perjodu mill-1999 sal-2008,

L. billi l-euro malajr sar it-tieni munita internazzjonali l-aktar importanti wara d-dollaru Amerikan, u billi l-euro għandu rwol importanti bħala munita ta' referenza għal ħafna pajjiżi fid-dinja; billi, madankollu, il-potenzjal tal-euro mhux qed jiġi sfruttat biżżejjed fuq il-livell globali, billi ż-żona tal-euro m'għandhiex strateġija definita kif xieraq, u lanqas m'għandha rappreżentanza internazzjonali effettiva,

***L-ewwel għaxar snin tal-euro***

1. Huwa tal-fehma li l-munita waħda saret simbolu tal-Ewropa u wriet li l-Ewropa kapaċi tieħu deċiżjonijiet importanti għal ġejjieni komuni u prosperu;

2. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-euro ġab stabilità u rawwem l-integrazzjoni ekonomika fiż-żona tal-euro; jilqa' l-effetti ta' stabilizzazzjoni li għandu l-euro fuq is-swieq dinjija tal-kambju, b'mod speċjali fi żminijiet ta' kriżi; jinnota li d-differenzi ekonomiċi interni għadhom ma naqsux bħalma kien mistenni u l-produttività ma żviluppatx b'mod sodisfaċenti fl-inħawi kollha taż-żona tal-euro;

3. Jinnota b'sodisfazzjon li qed jiġi kkunsidrat il-ħolqien ta' unjonijiet monetarji oħra f'partijiet oħra tad-dinja;

4. Ifakkar ir-rabta essenzjali li hemm bejn il-politika monetarja u l-politika kummerċjali fil-livell globali, kif juru bosta studji, u f'dan ir-rigward jisħaq dwar l-irwol pożittiv tal-istabilità tar-rati tal-kambju biex ikun żgurat li l-kummerċ internazzjonali jikber b'mod sostenibbli;

5. Isemmi li ż-żieda fl-użu tal-euro bħala munita għall-kummerċ internazzjonali hija ta' benefiċċju għall-Istati Membri taż-żona tal-euro b'mod partikulari, billi din tnaqqas ir-riskji tar-rati tal-kambju għall-intrapriżi tagħhom u b'hekk tnaqqas l-ispejjeż tal-kummerċ internazzjonali;

6. Ifakkar li matul l-ewwel għaxar snin tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, il-Parlament kellu rwol attiv, kemm fil-qasam ekonomiku kif ukoll fil-qasam monetarju, u ħadem kemm felaħ biex jiżgura aktar trasparenza u responsabilità demokratika;

7. Jenfasizza li jrid isir aktar xogħol biex jitgawdew il-benefiċċji kollha tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, pereżempju li l-Istati Membri u r-reġjuni li għandhom PGD aktar baxx mill-medja jingħataw iċ-ċans li jlaħħqu mal-oħrajn, u biex jissaħħaħ l-għarfien taċ-ċittadini dwar il-munita waħda u l-impenn tagħhom lejha;

8. Jipproponi l-elementi u l-miżuri konkreti li ġejjin għal pjan direzzjonali xieraq għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja:

*Diverġenza ekonomika, riformi strutturali u finanzi pubbliċi*

9. Jemmen li riformi ekonomiċi aktar simplifikati, koerenti u multi-appoġġ, ikkoordinati fiż-żmien opportun fuq il-bażi tal-linji gwida integrati għat-tkabbir u l-impjiegi (Linji Gwida Integrati) u approċċ ta' politika mħallta tal-Istrateġija ta' Liżbona jistgħu jnaqqsu d-diverġenzi ekonomiċi u jkunu ta' għajnuna kbira għal irkupru ekonomiku mill-kriżi finanzjarja attwali; jenfasizza l-ħtieġa li jitjiebu u jiġu simplifikati l-proċeduri u l-metodi ta' reviżjoni u evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawk il-linji gwida fl-aħħar ta' kull sena;

10. Jirrikonoxxi li fil-każ ta' sforzi ta' modernizzazzjoni u ta' rendiment ekonomiku, il-pajjiżi li jirnexxu l-aktar huma dawk li jgħaqqdu riformi strutturali bbilanċjati sew u li jaħsbu fil-ġejjieni ma' investiment li jkun ogħla mill-medja fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni, it-tagħlim matul il-ħajja kollha u l-kura tat-tfal, kif ukoll fit-tiġdid ta' netwerks soċjali affidabbli; jinnota li, fil-biċċa l-kbira, l-istess Stati Membri għandhom amministrazzjoni trasparenti u effiċjenti ħafna, b'bilanċi baġitarji pożittivi, b'rati ta' dejn anqas mill-medja u b'infiq pubbliku ta' kwalità tajba, effettiv u mmirat, filwaqt li l-kontribut tagħhom ta' progress tekniku għat-tkabbir nazzjonali huwa kważi darbtejn id-daqs tal-medja tal-UE; jinnota, barra minn hekk, li dawn l-Istati Membri ta' "referenza", minħabba r-rati għolja tagħhom ta' impjegar, inkluż l-impjegar tan-nisa u ta' ħaddiema aktar anzjani, u r-rati tat-twelid tagħhom li huma partikolarment għoljin, huma l-Istati mħejjija l-aħjar għal soċjetà li qed tixjieħ kif ukoll biex jiggarantixxu livell għoli ta' kompetittività;

11. Jenfasizza l-ħtieġa ta' tisħiħ reċiproku tal-politika makroekonomika orjentata lejn l-istabilità u t-tkabbir, billi l-politika u l-investiment bilanċjati jsiru kwistjoni ta' interess komuni; jenfasizza l-ħtieġa li wieħed joqgħod attent għall-finanzi pubbliċi permezz tal-immaniġġjar effiċjenti tal-politika tat-taxxi u tal-infiq kif ukoll għall-impatt tagħhom fuq id-domanda u li fl-istess ħin, ikun hemm ftehim dwar il-ħolqien ta' ambjent favorevoli għal operazzjonijiet transkonfinali mill-intrapriżi;

12. Jinnota li l-Patt ta' Stabilità u Tkabbir rivedut wera l-valur tiegħu u jinnota wkoll li għandu jkun hemm konsolidazzjoni tal-baġits, peress li l-bidla demografika u t-tnaqqis possibbli fit-tkabbir ekonomiku jistgħu jwasslu għal problemi baġitarji fl-Istati Membri fiż-żona tal-euro, li jista' jkollhom effetti negattivi fuq l-istabilità taż-żona tal-euro kollha kemm hi; jikkritika, f'dan ir-rigward, in-nuqqas ta' dixxiplina fil-ġlieda kontra d-defiċits baġitarji fi żminijiet ta' tkabbir ekonomiku u jenfasizza li l-Istati Membri jridu jaħdmu b'mod aktar effettiv għal politika fiskali antiċiklika, b'mod partikolari biex ikunu mħejjija aħjar għal daqqiet esterni; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa ta' strateġija fuq medda qasira ta' żmien biex jitnaqqsu d-djun nazzjonali u strateġija sostenibbli u b'saħħitha għat-tkabbir, biex jingħata lok għal tnaqqis fid-djun nazzjonali ta' massimu ta' 60 % fuq medda twila ta' żmien;

13. Jinnota li l-elementi ewlenin tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir għandhom jinżammu b'mod konsistenti wkoll fil-ġejjieni, peress li l-limiti massimi ta' defiċit nazzjonali ta' 3 % u ta' dejn nazzjonali ta' 60 % meta mqabbla mal-PGD kienu speċifikati fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet ekonomiċi tas-snin disgħin; huwa tal-fehma li l-Istati Membri jridu jirrispettaw il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir u li dan irid ikun issorveljat mill-Kummissjoni; hu tal-opinjoni li ż-żewġ miri għad-dejn għandhom jiġu trattati bħala limiti massimi li għandhom jiġu evitati; jinnota li koordinazzjoni effettiva tal-politika ekonomika u finanzjarja hija kundizzjoni għas-suċċess ekonomiku tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, għalkemm din il-koordinazzjoni għandha tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà; jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina l-metodi kollha possibbli sabiex il-fergħa preventiva tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir tkun tista' tissaħħaħ; jenfasizza li l-istrumenti superviżorji attwali jridu jintużaw aħjar mill-Kummissjoni u li l-evalwazzjoni ta' nofs it-term tal-baġits nazzjonali mill-Grupp tal-Euro trid tissaħħaħ;

14. Jappoġġja l-fehma tal-Kummissjoni li l-l-Patt ta' Stabilità u Tkabbir rivedut jipprovdi qafas tal-politika importanti fi żminijiet ta' ċirkustanzi ekonomiċi stressjati ħafna, u jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir għandu jiżgura li kwalunkwe deterjorament fil-finanzi pubbliċi jkun akkumpanjat minn miżuri xierqa biex tiġi trattata s-sitwazzjoni, filwaqt li jkun żgurat li qed jerġgħu jiġu stabbiliti pożizzjonijiet sostenibbli; jemmen, barra minn hekk, li l-politiki baġitarji għandhom jużaw bis-sħiħ il-grad ta' flessibilità li jippermetti l-Patt ta' Stabilità u Tkabbir rivedut, u jitlob lill-Kummissjoni biex tiggwida b'mod ċar lill-Istati Membri dwar kif għandhom jimplimentaw dik il-flessibilità;

15. Iqis li ambjent makroekonomiku sostenibbli u stabbli jirrikjedi li tittejjeb il-kwalità tal-finanzi pubbliċi anke b'aktar tisħiħ baġitarju, ħafna effiċjenza fl-infiq pubbliku u investiment imtejjeb fl-edukazzjoni, fir-riżorsi umani, fir-riċerka u l-iżvilupp u fl-infrastruttura li jheġġeġ it-tkabbir, jagħti spinta lill-impjiegi, u jindirizza kwistjonijiet ewlenin għas-soċjetà, bħat-tibdil fil-klima, skont l-għanijiet tal-pakkett dwar it-tibdil fil-klima u l-enerġija u l-irkupru ekonomiku mill-kriżi finanzjarja attwali;

16. Huwa tal-fehma li r-riformi strutturali għandhom jiffukaw fuq iż-żieda fil-produttività permezz ta' taħlita aħjar ta' politika ekonomika u soċjali, filwaqt li jkun żgurat livell tajjeb ta' djalogu soċjali kif definit fl-istrateġija ta' Liżbona;

17. Jinnota li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkumplimenta l-politika strutturali u tħeġġeġ l-appoġġ għar-ristrutturazzjoni tal-ekonomija;

18. Iwissi kontra l-moderazzjoni tal-pagi bħala mezz ewlieni biex tinkiseb l-istabilità tal-prezzijiet; ifakkar, f'dan il-kuntest, li kompetizzjoni akbar minħabba l-globalizzazzjoni diġà wasslet għal pressjoni biex jitbaxxew il-pagi, filwaqt li l-inflazzjoni importata kkawżata miż-żieda fil-prezz taż-żejt u ta' prodotti bażiċi oħra diġà wasslet għal tnaqqis fil-kapaċità tax-xiri tal-konsumatur; itenni l-konvinzjoni tiegħu, għal darb'oħra, li din il-kwistjoni għandha tiġi indirizzata, b'mod partikulari permezz ta' tqassim aktar ġust tal-ġid;

19. Iqis li l-politika tal-pagi u tat-taxxi hija għodda effiċjenti għall-istabilità ekonomika u t-tkabbir; huwa tal-fehma li żidiet reali fil-pagi skont il-livelli tal-produttività għandhom ikunu garantiti u li l-koordinazzjoni tal-politika fiskali għandha tintuża b'mod selettiv sabiex jintlaħqu l-għanijiet ekonomiċi; iqis li l-ġlieda kontra l-frodi fiskali, kemm fuq taxxi diretti kif ukoll fuq taxxi indiretti, hija importanti b'mod partikulari, u li din il-ġlieda għandha tingħata spinta; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ kultura ta' inkoraġġament u ta' involviment bħala parti mill-kunċetti tal-governanza korporattiva u tar-responsabilità soċjali korporattiva;

20. Jenfasizza l-ħtieġa ta' regoli ġusti għas-suq intern; iqis, għaldaqstant, li t-tellieqa għall-aktar rati baxxi ta' taxxi korporattivi hi kontro-produttiva;

21. Jitlob lill-Istati Membri fiż-żona tal-euro biex jsaħħu l-koordinazzjoni effettiva tal-politika ekonomika u finanzjarja, partikolarment billi jiżviluppaw strateġija komuni koerenti fi ħdan il-Grupp tal-Euro; jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li titlob lill-Istati Membri biex ifasslu programmi ta' qafas fuq medda medja ta' żmien għall-politiki ekonomiċi u finanzjarji tagħhom u biex jikkontrollaw l-implimentazzjoni tagħhom; jenfasizza li kull Stat Membru għandu jassumi r-responsabilità għal kif jaffronta r-riformi strutturali u jtejjeb il-kompetittività tiegħu b'mod koperattiv sabiex tinżamm il-fiduċja fl-euro u l-aċċettazzjoni tal-euro;

22. Jinnota li t-tendenzi differenti dwar ir-riformi strutturali u l-gradi ta' ftuħ wasslu għall-prestazzjonijiet diverġenti tal-Istati Membri taż-żona tal-euro; jappoġġja l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-EMU@10 dwar il-fatt li bosta ekonomiji fiż-żona tal-euro ma laħħqux biżżejjed ma' oħrajn u dwar id-diverġenzi dejjem jikbru bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro; jitlob li jkun hemm skambji regolari ta' fehmiet u koperazzjoni fi ħdan il-Grupp tal-Euro biex jinkiseb l-għan komuni li jitħaffef il-proċess tal-konverġenza;

23. Jitlob lill-Kummissjoni biex timmaniġġja, b'mod uniformi, il-kriterji komuni fl-evalwazzjoni tad-data ekonomika u fiskali; jirreferi għar-responsabilità tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri rigward l-affidabilità tad-data statistika, u jitlob li deċiżjonijiet futuri jittieħdu biss jekk ma jkunx hemm dubju dwar il-validità u l-eżattezza tad-data disponibbli; jitlob ukoll l-għażla li jitniedu investigazzjonijiet jekk ikun hemm diskrepanza fuq għadd ta' snin bejn id-data pproġettata tal-programmi ta' stabilità u konverġenza u d-data li wieħed jista' jistenna b'mod realistiku;

*Politika monetarja*

24. Ifakkar fl-impenn qawwi tiegħu għall-indipendenza tal-BĊE;

25. Jinnota li r-rapporti regolari tal-BĊE lill-Parlament, b'mod partikulari lill-Kumitat tiegħu għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, jikkontribwixxu għat-trasparenza tal-politika monetarja u jilqa' b'sodisfazzjon il-possibilità li l-Membri tal-Parlament Ewropew jagħmlu mistoqsijiet bil-miktub lill-BĊE dwar il-politika monetarja, sabiex tittejjeb ir-responsabiltà tal-BĊE fil-konfront taċ-ċittadini tal-Unjoni; jappoġġja t-talba għal dibattitu pubbliku aktar b'saħħtu dwar il-politika ekonomika u monetarja komuni ġejjienija fiż-żona tal-euro;

26. Iqis li d-djalogu dwar il-politika monetarja bejn il-Parlament u l-BĊE kien suċċess, u huwa djalogu li għandu jkompli jiġi żviluppat; jistenna li d-djalogu monetarju jittejjeb f'diversi aspetti, bħall-koordinazzjoni tad-dati għas-seduti ta' smigħ regolari tal-President tal-BĊE mal-kalendarju tal-BĊE għal deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja sabiex tittejjeb l-analiżi tad-deċiżjonijiet, filwaqt li tinżamm il-possibilità li l-President tal-BĊE jkun mistieden għal diskussjonijiet dwar kwistjonijiet attwali meta jkun meħtieġ;

27. Jinnota li l-objettiv ewlieni tal-politika monetarja tal-BĊE huwa li tinżamm l-istabilità tal-prezzijiet, u li l-għan tal-BĊE huwa li r-rati tal-inflazzjoni jkunu ta' madwar, iżda anqas minn, 2 % fuq perjodu medju ta' żmien; jirrimarka li l-objettiv tal-istabilità tal-prezzijiet ma jistax jintlaħaq b'mod effettiv ħlief jekk jiġu indirizzati l-kawżi prinċipali tal-inflazzjoni; ifakkar li l-Artikolu 105 tat-Trattat KE jinkariga wkoll lill-BĊE sabiex isostni l-politiki ekonomiċi ġenerali tal-Komunità;

28. Huwa tal-fehma li l-BĊE għandu jimxi lejn sistema diretta mmirata għall-kontroll tal-inflazzjoni, fejn objettiv perċentwali tal-inflazzjoni jkun supplimentat permezz ta' medda ta' varjazzjonijiet permessi mir-rata fil-mira; jistieden lill-BĊE sabiex jippubblika t-tbassiriet tiegħu dwar l-inflazzjoni; dan it-tip ta' mossa lejn sistema diretta mmirata għall-kontroll tal-inflazzjoni m'għandhiex tagħmel impossibbli l-iffukar fuq id-dinamika tal-ammonti monetarji biex ikun evitat li jinħolqu "bżieżaq" ġodda tal-assi;

29. Iqis li l-inflazzjoni hija realtà dinjija u li l-ġlieda kontriha, f'ekonomija miftuħa, ma tistax issir biss permezz tal-politika monetarja tal-UE;

30. Jenfasizza r-rieda tiegħu li jesplora x'titjib jista' jsir fil-proċedura għall-ħatra tal-membri tal-bord eżekuttiv tal-BĊE qabel l-2010; iqis li huwa importanti li l-esperjenza akkademika u/jew professjonali u varjeta ta' sfondi fis-settur ekonomiku, monetarju u finanzajrju jkun rappreżentati fost il-membri tal-bord eżekuttiv; jiġbed l-attenzjoni għat-talbiet tiegħu biex il-bord eżekuttiv tal-BĊE ikun fih disa' membri b'responsabilità esklussiva li jistipulaw ir-rati tal-interess, u b'hekk tinbidel is-sistema attwali u biex tkun evitata s-soluzzjoni aktar kumplessa li ġiet deċiża għall-ġejjieni; iħeġġeġ li tiġi adottata bidla korrispondenti fit-Trattat;

*Integrazzjoni u sorveljanza tas-swieq finanzjarji*

31. Jemmen li l-integrazzjoni finanzjarja għandha tfisser aktar tkabbir ekonomiku u kompetittività minbarra aktar stabilità u likwidità fis-suq intern;

32. Jinnota li ċ-ċentru finanzjarju ewlieni fl-Unjoni Ewropea jinsab barra miż-żona tal-euro; madankollu jfakkar li l-leġiżlazzjoni tal-KE tkopri l-Istati Membri u l-parteċipanti attivi kollha fis-suq intern; jemmen li l-Unjoni Ewropea teħtieġ b'mod urġenti li ttejjeb l-istruttura ta' superviżjoni filwaqt li jitqies l-irwol speċifiku tal-BĊE;

33. Huwa tal-fehma li għad fadal ħafna x'isir fil-qasam tal-approvazzjoni u l-ħlas ta' tranżazzjonijiet transkonfinali ta' titoli, fejn sal-lum għadha ma teżistix integrazzjoni vera;

34. Jenfasizza li, fir-rigward tas-servizzi bl-imnut, tinħtieġ aktar integrazzjoni, bla ma din tkun ta' ħsara għall-ħarsien tal-konsumatur; jemmen li jeħtieġ li jittejbu l-mobilità tal-konsumaturi, l-għarfien finanzjarju, l-aċċess għas-servizzi bażiċi, u l-komparabilità tal-prodotti;

35. Iqis li Ewropizzazzjoni tal-istruttura tas-superviżjoni finanzjarja, trasparenza tas-swieq finanzjarji, regoli effettivi tal-kompetizzjoni u regolamentazzjoni adegwata huma meħtieġa fuq medda medja ta' żmien, sabiex jitjiebu l-immaniġġjar tal-kriżijiet u l-koperazzjoni bejn is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), l-awtoritajiet ta' sorveljanza, il-gvernijiet u l-parteċipanti fis-suq; huwa tal-fehma li qafas ta' sorveljanza integrat, komprensiv (li jkopri s-setturi finanzjarji kollha), konsistenti u koerenti li jibda b 'approċċ bilanċjat

fir-regolamentazzjoni tat-tifrix trans-konfinali tar-riskji finanzjarji fuq il-bażi ta' leġiżlazzjoni armonizzata, inaqqas l-ispejjeż tal-konformità fil-każ ta' attivitajiet multiġuriżdizzjonali; jinnota li l-"gold plating" (regolamentazzjoni lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-leġiżlazzjoni tal-KE) kif ukoll l-arbitraġġ regolatorju għandhom ikunu evitati; jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposti għar-reviżjoni tal-istruttura ta' sorveljanza attwali skont dawk il-prinċipji; huwa tal-fehma li kull rwol ta' sorveljanza tal-BĊE għandu jkun estiż lil hinn mill-fruntieri taż-żona tal-euro, permezz tal-SEBĊ;

36. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Memorandum ta' Ftehim dwar il-Koperazzjoni bejn l-Awtoritajiet ta' Sorveljanza Finanzjarja, il-Banek Ċentrali u l-Ministri tal-Finanzi tal-Unjoni Ewropea dwar l-Istabilità Finanzjarja Transkonfinali miftiehma fir-rebbiegħa tal-2008; jenfasizza, madankollu, li l-Memorandum ta' Ftehim huwa biss liġi li ma torbotx u jiddependi mir-rieda tal-Istati Membri li jikkoperaw ma' xulxin; huwa tal-fehma li anke jekk huwa diffiċli ħafna li jitfasslu ex ante r-regoli dwar il-qsim tal-piż, jeħtieġ li tkompli l-ħidma marbuta mal-immaniġġjar tal-kriżijiet;

37. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea, bħala l-akbar zona ekonomika fid-dinja bl-akbar swieq finanzjarji, għandu jkollha rwol ewlieni f'livell internazzjonali fir-rigward tar-riforma tas-sistema regolatorja għas-servizzi finanzjarji għall-benefiċċju tal-pajjiżi involuti kollha u tal-istabilità globali; iqis li l-istabilità finanzjarja għandha ssir objettiv fundamentali tat-tfassil ta' politika f'dinja fejn is-swieq u l-innovazzjoni finanzjarji qegħdin dejjem aktar ikunu integrati, li jista' wkoll iwassal għal effetti destabbilizzanti fuq l-ekonomija reali u ġġorr riskji sistematiċi; huwa konvint li kull deċiżjoni ambizzjuża adottata f'livell tal-UE tinkoraġġixxi lil pajjiżi oħra biex jagħmlu l-istess, u f'dan ir-rigward jenfasizza r-responsabilità li jiġu ttrattati l-problemi globali jew "off shore"; huwa tal-fehma li jeħtieġ li r-responsabilità politika tal-korpi regolatorji internazzjonali tkun trattata b'mod parallel ma' din il-ħidma regolatorja;

38. Jitlob li l-Kummissjoni teżamina l-ħolqien ta' bonds Ewropej u li tiżviluppa strateġija għal medda twila ta' żmien li tippermetti l-ħruġ ta' bonds bħal dawn fi ħdan iż-żona tal-euro, minbarra l-bonds nazzjonali tal-Istati Membri; jirreferi għall-ħtieġa ta' evalwazzjoni tal-konsegwenzi ta' dan kemm għas-swieq finanzjarji internazzjonali kif ukoll għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja;

*It-tkabbir taż-żona tal-euro*

39. Jitlob li l-Istati Membri kollha li mhumiex parti miż-żona tal-euro jirrispettaw il-kriterji ta' Maastricht u l-Patt ta' Stabilità u Tkabbir, li hu rivedut u ġeneralment flessibbli; iqis li interpretazzjoni stretta tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir u l-użu tal-kriterji ta' esklużjoni qabel kull adeżjoni possibbli, iridu jkunu żgurati mill-Kummissjoni; iqis li jrid ikun żgurat it-trattament indaqs tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro u tal-Istati Membri li jridu jingħaqdu; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-istabilità fuq medda twila ta' żmien taż-żona tal-euro trid titqies bħala għan ta' interess komuni u li t-tkabbir u l-istabilità jridu jmorru id f'id; iqis li huwa essenzjali li l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u dawk bi status speċjali jissodisfaw l-obbligi tagħhom għalkollox u li ma jħallux dubju dwar l-għanijiet komuni tal-istabilità tal-prezzijiet, l-indipendenza tal-BĊE, id-dixxiplina baġitarja jew dwar il-fatt li jrawmu t-tkabbir, l-impjiegi u l-kompetittività;

40. Iqis li l-Istati Membri barra ż-żona tal-Euro li jissodisfaw il-kriterji ta' Maastricht u li ma jgawdu minn ebda deroga fit-Trattat għandhom jadottaw il-munita komuni mal-ewwel ċans li jkollhom;

41. Jenfasizza l-fatt li s-sħubija fiż-żona tal-euro tirrikjedi adeżjoni sħiħa mal-kriterji ta' Maastricht, kif speċifikat fit-Trattat u fil-Protokoll għall-Artikolu 121 tat-Tratatt, partikolarment: livell għoli ta' stabilità meqjusa tal-prezzijiet, kif ukoll is-sostenibilità ta' din l-istabilità tal-prezzijiet, finanzi pubbliċi mingħajr defiċit eċċessiv, adeżjoni mal-ERM II għal mill-anqas sentejn, ir-rispett tal-marġni normali ta' varjazzjoni, aġġustament tar-rati tal-interess fuq medda twila ta' żmien, il-kompatibilità tar-regoli legali mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Maastricht relatati mal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, u bank ċentrali indipendenti;

42. Huwa tal-fehma li wieħed mill-aspetti l-aktar impenjattivi tal-għaqda maż-żona tal-euro hu li tkun żgurata s-sostenibilità tal-kriterji ta' Maastricht; jenfasizza, madankollu, li, fl-istess ħin, il-kriterji ta' Maastricht huma wkoll l-ewwel pass fit-triq biex il-proċessi ta' riforma jibgħu għaddejjin kif jixraq, inklużi impenji u sforzi ulterjuri li jikkonċernaw ir-riformi strutturali, l-investiment u l-koordinazzjoni ekonomika;

43. Jilqa' b'sodisfazzjon is-sorveljanza aktar b'saħħitha u effiċjenti tal-Istati Membri li qed jieħdu sehem fl-ERM II u li jixtiequ jingħaqdu maż-żona tal-euro, kif ukoll l-iżvilupp ekonomiku tagħhom; jinnota li l-parteċipazzjoni b'suċċess fl-ERM II trid tibqa' prekundizzjoni reali, u mhux biss rekwiżit sekondarju għall-adeżjoni maż-żona tal-euro; l-istess rekwiżiti ta' adeżjoni jrid jiġu applikati għall-Istati Membri kollha li jingħaqdu maż-żona tal-euro;

44. Iqis it-tkabbir dejjiemi u b'suċċess taż-żona tal-euro bħala sfida ewlenija għas-snin li ġejjin, u li kemm l-istandards istituzzjonali għall-BĊE kif ukoll il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu jridu jkunu adattati għal din il-bidla, u l-mudell ta' rotazzjoni jrid iqis il-piż ekonomiku ta' Stati Membri individwali;

45. Jenfasizza, b'konnessjoni mat-tkabbir taż-żona tal-euro, li hu mixtieq li jkun hemm livell għoli ta' konverġenza fl-ekonomija reali sabiex tkun limitata l-pressjoni involuta, kemm għaż-żona tal-euro kif ukoll għall-Istati Membri li jixtiequ jingħaqdu magħha; iqis, f'dan il-kuntest, li għandhom jitwaqqfu faċilitajiet favur dawk l-Istati Membri li qed jieħdu sehem fiż-żona tal-euro, fejn il-politika monetarja waħdanija jista' jkollha effett ta' kontrazzjoni partikulari;

46. Jenfasizza l-importanza, fl-interess ta' tkabbiriet ġejjiena, li jiġu stabbiliti interventi ffukati biex jappoġġaw lill-Istati Membri barra miż-żona tal-euro li ġew milquta b'mod aprtikulari mill-kriżi finanzjarja attwali;

*Komunikazzjoni*

47. Jenfasizza li filwaqt li sal-lum inżamm livell għoli ta' stabilità tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro, "l-inflazzjoni kif tidher" varjat sostanzjalment mir-rati reali ta' inflazzjoni fl-Istati Membri fl-aħħar 10 snin, li kienu aktar baxxi; jitlob, għaldaqstant, informazzjoni aħjar u kjarifika tal-fatti għall-popolazzjoni dwar il-ħtieġa u l-operat tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, partikolarment fir-rigward tal-istabilità tal-prezzijiet, tas-swieq finanzjarji internazzjonali, u tal-vantaġġi tal-istabilità fi ħdan iż-żona tal-euro waqt kriżijiet finanzjarji internazzjonali;

48. Iqis li l-munita unika għada prijorità ta' komunikazzjoni għall-Unjoni Ewropea; jemmen li l-benefiċċji tal-euro u tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja — l-istabilità tal-prezzijiet, rati baxxi ta' interessi fuq self, vjaġġar iffaċilitat, protezzjoni kontra l-varjazzjonijiet tal-kambju u skossaturi esterni — għandhom jibqgħu jiġu ppreżentati u spjegati lill-pubbliku fid-dettall; jemmen li għandha titqiegħed enfasi partikulari fuq il-punt li ċ-ċittadini tal-Unjoni, il-konsumaturi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li m'għandhomx kapaċità biżżejjed li jaġġustaw mill-ewwel għall-iżviluppi u l-isfidi l-ġodda tal-euro, għandhom jinżammu infurmati u għandhom ikunu aġġornati dwar l-iżviluppi;

49. Jistieden lill-BĊE sabiex, jew fir-rapport annwali tiegħu jew f'rapport speċjali, iwettaq analiżi kwantitattiva annwali tal-benefiċċji li l-euro ġab liċ-ċittadini komuni, b'eżempji konkreti ta' kif l-użu tal-euro kellu effetti pożittivi fuq il-ħajja ta' kuljum tan-nies;

50. Iqis li l-komunikazzjoni hija ta' importanza mill-akbar fit-tħejjija tad-dħul tal-euro fl-Istati Membri li qed jippjanaw li jingħaqdu maż-żona tal-euro; jinnota li l-komunikazzjoni dwar it-tkabbir taż-żona tal-euro hija importanti wkoll għall-Istati Membri kollha li jinsabu fiż-żona tal-euro;

51. Iqis li l-Kummissjoni għandha tikkonċentra l-isforzi tagħha sabiex tgħin lill-Istati Membri l-ġodda biex iħejju liċ-ċittadini tagħhom għall-adozzjoni tal-euro billi jmexxu kampanja intensiva ta' tagħrif, jew, f'każ li dil-kampanja diġà qed issir, billi jissorveljaw l-implimentazzjoni tagħha, u billi jirrapportaw regolarment dwar l-aħjar prattiki għall-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Azzjoni għall-adozzjoni tal-euro; iqis ukoll li l-aħjar prattiki u l-kompetenza miksuba mill-qalbiet preċedenti għall-euro x'aktarx li jkunu siewja għall-qalba li se jagħmlu l-Istati Membri l-ġodda u għat-tkabbir li ġej u għat-tħejjija tal-pajjiżi applikanti l-ġodda;

**It-Tlieta, 18 ta’ Novembru 2008**

*L-irwol internazzjonali tal-euro u r-rappreżentanza esterna*

52. Jilqa’ b’sodisfazzjon l-iżvilupp mgħaġġel tal-euro bħala t-tieni l-aktar munita importanti ta’ riżerva u ta’ tranżazzjoni wara d-Dollaru Amerikan, b’sehem ta’ 25 % ta’ riżervi globali tal-kambju; jinnota li b’mod partikulari fil-pajjiżi ġirien taż-żona tal-euro, l-euro għandu rwol importanti bħala munita ta’ finanzjament u li r-rati tal-kambju rispettivi ta’ dawk il-pajjiżi huma allinjati mal-euro; espressament japprova l-opinjoni tal-BĊE li d-dħul tal-Ewro huwa l-aħħar pass lejn proċess ta’ konverġenza strutturat fi ħdan l-Unjoni Ewropea, u li għalhekk id-dħul tal-euro huwa possibbli biss skont it-Trattat KE;

53. Huwa tal-fehma li l-aġenda tal-politika tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (EMU) għall-għaxar snin li ġejjin se tkun ikkaratterizzata, fost l-oħrajn, mill-isfidi ppreżentati mill-ekonomiji li għadhom qed jiżviluppaw tal-Ażja u l-kriżi finanzjarja dinjija attwali; jiddispjaċih li minkejja l-irwol dejjem jikber tal-euro fid-dinja kollha, it-tentattivi sabiex tittejjeb ir-rappreżentanza esterna taż-żona tal-euro fi kwistjonijiet finanzjarji u monetarji ma tantx għamlu progress; jisħaq li ż-żona tal-euro għandha tibni strateġija internazzjonali li tkun proporzjonata mal-istatus internazzjonali tal-munita tagħha;

54. Ifakkar li l-aktar mod effettiv biex l-influwenza taż-żona tal-euro tiġi konformi mal-piż ekonomiku tagħha huwa permezz tal-iżvilupp ta’ pożizzjonijiet komuni u tal-konsolidazzjoni tar-rappreżentanza tagħha, biex fl-aħħar mill-aħħar tikseb siġġu waħdieni fl-istituzzjonijiet u l-fora finanzjarji internazzjonali relevanti; iħeġġeġ lill-Istati Membri taż-żona tal-euro sabiex, fost l-oħrajn jitkellmu b’vuċi waħda dwar il-politika tar-rati tal-kambju;

55. Jenfasizza li l-euro qiegħed jintuża bħala munita nazzjonali barra ż-żona tal-euro; iqis li l-implikazzjonijiet ta’ dan l-użu jeħtieġ li jkunu analizzati;

56. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-irwol importanti tal-euro fis-swieq finanzjarji internazzjonali jġib miegħu obbligi, u li l-effetti tal-politika monetarja kif ukoll tal-politika tat-tkabbir fiż-żona tal-euro għandhom impatt globali; jenfasizza l-importanza akbar li għandu l-euro għall-kummerċ u s-servizzi internazzjonali bħala stabilizzatur fl-ambjent globali, bħala mutur għall-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji u bħala bażi sabiex jiżdiedu l-investimenti diretti u l-merġers bejn kumpaniji transkonfinali, peress li l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet jistgħu jitnaqqsu b’mod sostanzjali; jitlob li jsir studju dwar l-iżbilanċi globali u dwar l-irwol tal-euro u sitwazzjonijiet possibbli li jirrikjedu aġġustament sabiex l-Unjoni Ewropea titħejja aħjar biex taffronta skossaturi esterni kbar;

57. Jissuġġerixxi li jkun hemm koperazzjoni aktar b’saħħitha u li tħares “il quddiem u djalogu internazzjonali msaħħaħ bejn l-awtoritajiet responsabbli tal-blokki ta’ muniti l-aktar importanti, biex jittejjeb l-immaniġġjar tal-kriżijiet internazzjonali, u biex ikunu jistgħu jiġu affrontati l-konsegwenzi li l-movimenti tal-muniti jkollhom fuq l-ekonomija reali; ifakkar fl-immaniġġjar komuni tal-kriżi li sar b’suċċess fil-bidu tal-”kriżi tal-kreditu “sub-prime” tal-Istati Uniti li seħħet dan l-aħħar kif ukoll il-kriżi li seħħet immedjatament wara l-ġrajjiet tal-11 ta’ Settembru 2001, immaniġġjar li għen biex ikun evitat li “jdub” id-Dollaru Amerikan;

58. Jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ l-influwenza tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja fl-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali b’pożizzjoni komuni tal-UE rappreżentata minn rappreżentanti magħżula, bħal m’huma l-president tal-Grupp tal-Euro, il-Kummissjoni u l-president tal-BĊE; jinnota li fil-prattika l-president tal-Grupp tal-Euro, il-Kummissjoni u l-president tal-BĊE diġà jistgħu jieħdu sehem bħala osservaturi fl-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali l-aktar importanti; jitlob b’insistenza, madankollu, li jkun hemm koordinazzjoni aħjar tal-pożizzjonijiet Ewropej sabiex fil-ġejjieni l-politika monetarja Ewropea komuni tkun irrappreżentata mir-rappreżentanti leġittimi tagħha; jistenna li ż-żona tal-euro tesprimi l-pożizzjoni tagħha dwar il-politika tar-rati tal-kambju tas-sħab ewelenin tagħha; jistieden lill-president tal-Grupp tal-Euro biex jirrappreżenta liż-żona tal-euro fil-Forum dwar l-Istabilità Finanzjarja (FSF); jissuġġerixxi li l-istatuti tal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) jiġu emendati sabiex jippermettu li jkun hemm ir-rappreżentanza ta’ blokki u organizzazzjonijiet ekonomiċi;

59. Jisħaq li jinħtieġ approċċ komuni tal-UE fir-rigward tar-riforma tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, li għandu jqis l-isfidi ta’ ekonomija globali inkluża l-miġja ta’ potenzi ekonomiċi ġodda;

60. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma wettqitx analiżi iktar dettaljata u preċiża tal-irwol internazzjonali tal-euro fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-EMU@10; jistieden lill-Kummissjoni biex toħroġ rapport dettaljat dwar id-dimensjoni esterna tal-politika monetarja komuni u dwar ir-riperkussjonijiet tagħha għall-prestazzjoni ekonomika u kummerċjali taż-żona tal-euro;

61. Jenfasizza li l-politika monetarja li qegħdin iħaddnu xi wħud mis-sħab tal-Unjoni Ewropea huma mfassla biex jissottovalutaw il-munita tagħhom, ħaġa li għandha impatt negattiv fuq il-kummerċ u tista' titqies bħala ostaklu mhux tariffarju għall-kummerċ internazzjonali;

***L-istrumenti ekonomiċi u l-governanza tal-EMU***

62. Iqis li l-partijiet relevanti kollha — il-Parlament, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Grupp tal-Euro, u l-imsieħba soċjali fil-livell ta' UE u f'dak nazzjonali — għandhom jaħdmu flimkien biex isaħħu t-tħaddim ġejjieni tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja fir-rigward tal-governanza ekonomika fuq il-bażi tas-suġġerimenti li ġejjin:

a) bħala komponent essenzjali tal-Istrateġija ta' Liżbona u l-istrument ekonomiku ċentrali, il-Linji Gwida Integrati, bil-għan li jkun hemm "approċċ ta' taħlita ta' linji politiċi" bbilanċjat, għandhom isegwu riformi li jkunu ta' ispirazzjoni reċiproka fl-oqsma tal-impjiegi, l-ambjent u s-sigurtà soċjali;

b) il-Linji Gwida Integrati għandhom jistabbilixxu qafas wiesa' għal koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politika ekonomika biex il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR) jiġu konformi, filwaqt li jitqiesu, madankollu, id-diversità ekonomika u t-tradizzjonijiet nazzjonali li huma differenti minn xulxin; għandha tiġi stabbilita konsultazzjoni tal-parlamenti nazzjonali rigward il-programmi ta' stabilità u konverġenza u l-PNR;

c) għandha tiġi stabbilita rabta aktar mill-qrib bejn il-Linji Gwida Integrati, b'mod partikulari l-Linji Gwida Wiesgħa tal-Politika Ekonomika (LGWPE), u l-programmi ta' stabilità u konverġenza; il-programmi ta' stabilità u konverġenza u l-PNR jkunu jistgħu jiġu ppreżentati fl-istess ħin (kull sena fil-bidu tal-ħarifa) wara dibattitu fil-parlamenti nazzjonali; il-LGWPE jkunu jistgħu jinkludu objettivi baġitarji komuni f'konformità mal-fergħa preventiva tal-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir (PST);

(d) Il-gvernijiet tal-Istati Membri, meta jkunu qed jiddeċiedu dwar il-baġits nazzjonali tagħhom, għandhom iqisu l-Linji Gwida Integrati u r-rakkomandazzjonijiet li jkunu speċifiċi għall-pajjiż partikulari kif ukoll is-sitwazzjoni baġitarja ġenerali fiż-żona tal-euro; il-kalendarji fiskali nazzjonali differenti u s-suppożizzjonijiet ewlenin fit-tbassiriet sottostanti għandhom ikunu armonizzati sabiex ikunu evitati d-disparitajiet ikkawżati mill-użu ta' tbassiriet makroekonomiċi differenti (tkabbir globali, tkabbir tal-UE, prezz ta' barmil taż-żejt, rati tal-interessi) u minn parametri oħra; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Eurostat u lill-Istati Membri sabiex jaħdmu lejn id-definizzjoni ta' għodda biex il-baġits nazzjonali jkunu jistgħu jitqabblu aħjar mil-lat ta' infiq fil-kategoriji differenti;

e) rakkomandazzjonijiet aktar formali għall-Istati Membri taż-żona tal-euro, bħall-iffissar ta' miri dwar in-nefqa f'perjodu ta' żmien medju, riformi strutturali speċifiċi, investimenti, il-kwalità tal-finanzjament pubbliku, għandhom jintużaw kull meta jkun possibbli. għandha tkun segwita wkoll struttura aktar standardizzata ta' rappurtaġġ fil-kuntest tal-PNR, bla ma jkunu ostakolati l-prijoritajiet nazzjonali ta' riforma; l-impenji, il-miri u l-benchmarks kollha għandhom ikunu inkorporati għalkollox fil-Linji Gwida Integrati u fil-PNR sabiex jittejbu l-koerenza u l-effiċjenza tal-governanza ekonomika;

(f) Strateġija fit-tul, fi żminijiet tajba, biex id-djun nazzjonali jitnaqqsu għal inqas minn massimu ta' 60 % tal-PGD għandha tkun inkluża fil-qafas għall-governanza ekonomika peress li tnaqqas l-ispiża tal-manutenzjoni tad-djun u tnaqqas l-ispiża tal-kapital għall-investimenti privati;

g) għandu jitwaqqaf qafas li jorbot li fih l-Istati Membri taż-żona tal-euro jikkonsultaw lil xulxin u lill-Kummissjoni qabel ma jieħdu deċiżjonijiet ewlenin dwar politika ekonomika, bħal fil-każ ta' miżuri biex ikunu affrontati l-prezzijiet ogħla tal-ikel u l-enerġija;

h) il-koordinazzjoni ekonomika għandha tieħu l-forma ta' "Strateġija Ewropea għall-Ekonomija u l-Impjiegi" li tkun waħda integrata u bażata fuq l-istrumenti eżistenti ta' politika ekonomika — b'mod partikulari l-Istrateġija ta' Liżbona, il-Linji Gwida Integrati, l-Istrateġija tal-Iżvilupp Sostenibbli, u l-programmi ta' stabilità u ta' konverġenza; jistieden lill-gvernijiet tal-Istati Membri, taħt it-tmexxija tal-President tal-Grupp tal-Euro, biex jappoġġjaw l-attività ekonomika b'mod koerenti, fl-istess ħin u fl-istess direzzjoni;

i) l-Istrateġija Ewropea għall-Ekonomija u l-Impjiegi msemmija fil-punt (h) għandha tirrikonoxxi l-potenzjal tat-teknoloġija ġdida u ekoloġika bħala pedament tat-tkabbir ekonomiku flimkien ma' taħlita ta' linji politiċi makroekonomiċi;

j) il-finanzjament ta' intrapriżi innovattivi, b'mod partikulari SMEs, għandu jkun iffaċilitat, inter alia billi jkun stabbilit "Fond Ewropew Għal Tkabbir Intelliġenti" mill-Bank Ewropew tal-Investiment;

k) ir-Rapport Annwali dwar iż-żona tal-euro għandu jipprovdi firxa aktar prattika ta' strumenti u evalwazzjonijiet sabiex isir possibbli li jkun hemm djalogu f'aktar dettall bejn id-diversi korpi tal-UE li huma mdaħħla fil-governanza ekonomika;

l) jeħtieġ li jitwaqqaf kodiċi ta' mġiba bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, li jkun jiggarantixxi koperazzjoni xierqa u involviment sħiħ ta' dawk it-tliet istituzzjonijiet tal-UE kkonċernati fit-tkomplija tal-immaniġġjar xieraq tal-Linji Gwida Integrati, bħala strumenti ekonomiċi ewlenin;

m) l-istruttura istituzzjonali għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika għandha tkun imsaħħa kif ġej:

— Formazzjonijiet tal-Grupp tal-Euro għandhom ikunu stabbiliti wkoll fil-qasam tal-kompetittività/industrija, tal-ambjent, tal-impjiegi u tal-edukazzjoni;

— il-Grupp tal-Euro għandu jingħata struttura istituzzjonali aktar b'saħħitha u aktar riżorsi umani;

— il-mandat tal-President tal-Grupp tal-Euro għandu jkun konformi maċ-ċikli ekonomiċi tal-Linji Gwida Integrati;

— il-Kumitat għall-Politika Ekonomika għandu jkun assorbit fil-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju sabiex ikun kostitwit korp waħdieni u koerenti għall-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji u għall-Grupp tal-Euro;

— rappreżentant tal-Parlament għandu jingħata status ta' osservatur fi ħdan il-Grupp tal-Euro u fil-laqgħat informali tal-Kunsill;

— laqgħat bejn it-Trojka, il-Parlament u l-Kummissjoni għandhom ikunu organizzati erba' darbiet fis-sena u, meta jkun meħtieġ, mal-Grupp tal-Euro;

n) għandu jkun stabbilit li mhux inqas minn kull tliet xhur isir djalogu aktar regolari u strutturat dwar kwistjonijiet makroekonomiċi bejn il-Parlament, il-Kumissjoni u l-Grupp tal-Euro, simili għad-djalogu monetarju bejn il-Parlament u l-BĊE, sabiex jissaħħew l-oqfsa attwali u jkun hemm dibattitu dwar l-isfidi li qed jiffaċċjaw l-ekonomija taż-żona tal-euro; u

o) jeħtieġ li jkun stabbilit djalogu attiv bejn il-Parlament, il-Grupp tal-Euro, il-BĊE u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew bil-għan li jitmexxew diskussjonijiet dwar it-taħlita xierqa ta' linji politiċi

63. Hu tal-fehma li l-aġenda tal-politika tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja għall-għaxar snin li ġejjin se tkun ikkaratterizzata, b'mod partikulari, mill-isfidi ppreżentati mit-taqlib tas-suq finanzjarju li seħħ dan l-aħħar u l-implikazzjonijiet tiegħu għall-ekonomija reali; jinnota b'mod pożittiv, f'dan il-kuntest, li l-Istati Membri fi ħdan iż-żona tal-euro huma mgħammra biex jiffaċċjaw skussaturi mill-akbar aħjar milli kienu fl-imgħoddi bis-saħħa tal-politika monetarja komuni u r-riforma li twettqu f'dawn l-aħħar snin; madankollu, bil-għan li l-majnar ekonomiku u l-inflazzjoni għolja jiġu kkumbattuti kemm jista' jkun, jitlob li jkun hemm:

a) rispons koordinat fil-livell ta' UE, ibbażat fuq fehim komuni tal-problemi u miżuri ta' segwitu komuni filwaqt li jkunu aċċettati xi elementi speċifiċi nazzjonali inkluża l-koordinazzjoni tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma;

(b) PNR ambizzjużi u aġġustati u impenn għall-implimentazzjoni tagħhom, inkluża reviżjoni tal-baġits nazzjonali biex jirreaġixxu għall-aktar tbassiriet ekonomiċi riċenti, jiġġieldu r-riċessjoni ekonomika u jrawmu t-tkabbir, filwaqt li jistabbilixxu djalogi b'saħħithom mal-imsieħba soċjali;

c) miżuri li jappoġġjaw l-SMEs, b'mod partikulari, biex jikkumplimentaw l-azzjoni riċenti tal-Bank Ewropew tal-Investiment u biex jiżguraw linji ta' kreditu sostnuti lill-SMEs mis-sistema bankarja;

d) definizzjoni ta' miżuri mmirati biex jipproteġu l-gruppi vulnerabbli mill-effetti tal-kriżi finanzjarja attwali;

e) implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-pjan direzzjonali tas-Servizzi Finanzjarji, inklużi azzjonijiet ta' segwitu u effettività akbar tas-superviżjoni fir-rigward tat-taqlib finanzjarju li għaddej fil-preżent;

f) it-tisħiħ tal-arranġamenti tar-riżoluzzjoni tal-kriżijiet billi jittejbu r-regoli tal-UE dwar l-istralċ u billi jkunu stabbiliti arranġamenti li jkunu definiti b'mod ċar u aċċettabbli unanimament dwar il-qsim tal-piż fost l-Istati Membri relevanti fil-każ ta' insolvenza fi ħdan il-gruppi finanzjarji transkonfinali;

g) it-tlestija tal-għodod monetarji u ekonomiċi użati għat-tfassil tal-politika monetarja permezz ta' analiżi bir-reqqa ta' fatturi li jinfluwenzaw l-istabilità u l-funzjonament tas-sistema finanzjarja, fost oħrajn fir-rigward tat-trasferiment tal-politika monetarja, l-iżvilupp ta' assi ta' kreditu u assi finanzjarji, il-karatteristiċi ta' prodotti ġodda u l-konċentrazzjoni tar-riskji u l-likwidità;

h) reazzjoni Ewropea proattiva fi ħdan fora internazzjonali, notevolment il-Forum dwar l-Istabilità Finanzjarja u l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u għaż-żieda fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi komuni; u

i) l-ifformular ta' vuċi tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-G8 u r-riflessjoni tal-irwol tal-Unjoni Ewropea bħala korp dinji effiċjenti tat-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi filwaqt li dan l-irwol ikun aġġustat għall-konsegwenzi tal-globalizzazzjoni u swieq finanzjarji globali aktar dominanti;

j) koordinament aħjar u aktar effiċjenti bejn l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-istituzzjonijiet tal-Bretton Woods (il-FMI u l-Grupp tal-Bank Dinji) sabiex tkun miġġielda l-ispekulazzjoni u jkunu affrontati l-isfidi ppreżentati minn din il-kriżi serja;

k) minħabba t-taqlib monetarju attwali serju, l-organizzazzjoni ta' konferenza monetarja dinjija taħt l-awspiċi tal-Fond Monetarju Internazzjonali sabiex isiru konsultazzjonijiet globali dwar kwistjonijiet monetarji; kif ukoll kunsiderazzjoni tal-fattibilità tal-ħolqien ta' mekkaniżmu għas-soluzzjoni ta' tilwim monetarju fi ħdan il-qafas tal-FMI.

*

* *

64. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-president tal-Grupp tal-Euro, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**It-Tlieta, 18 ta' Novembru 2008**

## Applikazzjoni tal-prinċipju ta' pagi ugwali għall-irġiel u n-nisa

P6_TA(2008)0544

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' pagi ugwali għall-irġiel u n-nisa (2008/2012(INI))**

(2010/C 16 E/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 192, paragrafu 2 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 141, paragrafu 3, tat-Trattat tal-KE,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2007 li ġġib l-isem Niġġieldu kontra l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel (COM(2007)0424),

— wara li kkunsidra r-Rapport tan-netwerk ta' esperti legali tal-Kummissjoni fl-oqsma tax-xogħol, l-affarijiet soċjali u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa ta' Frar 2007 li ġġib l-isem Aspetti Legali tad-Differenza fil-Ħlas bejn is-Sessi,

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi adottat mill-Kunsill Ewropew ta' Brussell tat-23 u l-24 ta' Marzu 2006,

— wara li kkunsidra l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej bbażata fuq l-Artikolu 141 tat-Trattat tal-KE,

— wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-1994 dwar Xogħol Part Time tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) li teżiġi li l-pajjiżi jinkorporaw fl-akkwisti pubbliċi tagħhom klawżola dwar ix-xogħol li tinkludi l-kwistjoni ta' pagi indaqs,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11(1)(d) tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Għamla ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU bir-Riżoluzzjoni 34/180 tat-18 ta' Diċembru 1979,

— wara l-kkunsidra l-Qafas ta' Azzjonijiet tal-Imsieħba Soċjali Ewropej dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-1 ta' Marzu 2005 u tar-rapporti ta' segwitu tiegħu,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-13 ta' Marzu 2007 dwar il-Pjan Direzzjonali għal ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (2006-2010) ([1]) u tat-3 ta' Settembru 2008 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel — 2008 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regoli 39 u 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A6-0389/2008),

([1]) ĠU C 301 E, 13.12.2007, p. 56.
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0399.

A. billi fl-Unjoni Ewropea n-nisa jaqilgħu medja ta' 15 % anqas mill-irġiel u sa 25 % anqas fis-settur privat; filwaqt li d-differenza tal-pagi bejn is-sessi tvarja bejn 4 % sa aktar minn 25 % fl-Istati Membri u m'hemm ebda sinjal li din id-differenza se tonqon b'xi mod sinifikanti,

B. billi n-nisa jridu jaħdmu sat-22 ta' Frar (jiġifieri 418-il jum kalendarju) sabiex jaqilgħu daqs kemm jaqilgħu l-irġiel f'sena,

C. billi l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' pagi ugwali għal xogħol ugwali u għal xogħol tal-istess valur hija kruċjali sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi,

D. billi d-differenza bejn is-sessi qed tkompli tippersisti, kif tixhed data li tindika l-progress estremament bilmod li qed isir (minn 17 % fl-1995 għal 15 % fl-2005) minkejja l-korp sinifikkattiv ta' leġiżlazzjoni li ilu 30 sena fis-seħħ u minkejja l-azzjonijiet li ttieħdu u r-risorżi li ntefqu biex jippruvaw inaqqsuha; billi l-kawżi ta' din id-diskrepanza jeħtieġ li jiġu analizzati u jiġu ppreżentati strateġiji biex jittakiljaw id-differenzi fil-pagi u s-segregazzjoni tas-suq ta' impjieġi għan-nisa li hu fenomenu li jakkumpanjawhom,

E. billi n-nisa jiksbu rata ta' suċċess fl-iskejjel aktar għolja mill-irġiel fl-Istati Membri kollha u għandhom l-maġġoranza ta' gradwati, mingħajr ma hemm tnaqqis komparabbli fid-differenza fil-pagi,

F. billi d-differenza fil-pagi tirrizulta minn diskriminazzjoni diretta u indiretta, kif ukoll minn fatturi soċjali u ekonomiċi, segregazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-istruttura globali tal-pagi u, barra minn hekk, hija marbuta ma' għadd ta' fatturi legali, soċjali u ekonomiċi li jmorru lilhinn mill-kwistjoni waħdanija tal-istess paga għall-istess xogħol,

G. billi d-differenza fil-pagi mhijiex ibbażata biss fuq disparitajiet ta' dħul gross fis-siegħa u billi jeħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll fatturi bħal ħlas supplimentari individwali, il-klassifikazzjoni tal-impjiegi, ix-xejriet fl-organizzazzjoni tax-xogħol, l-esperjenza professjonali u l-produttività, li għandhom jitkejlu mhux biss f'termini kwantitattivi (is-sigħat meta l-ħaddiem ikun fiżikament preżenti fuq il-post tax-xogħol) iżda wkoll f'termini kwalitattivi u f'termini tal-impatt fuq il-qliegħ minn sigħat iqsar ta' xogħol, liv u assenzi relatata mas-saħħa,

H. billi t-tnaqqis tad-differenza fil-pagi kien wieħed mill-għanijiet tal-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Impjiegi ta' Liżbona, iżda baqgħet ma ġietx indirizzata biżżejjed mill-Istati Membri,

I. billi titjib fil-qafas legali tal-UE għandu jgħin lill-Istati Membri u lill-imsieħba soċjali biex jidentifikaw aħjar il-kawżi bażiċi tal-persistenza tad-differenza fil-pagi bejn irġiel u nisa;

J. billi professjonijiet u impjiegi li fihom għandhom il-predominanza n-nisa għandhom tendenza li jiġu stmati anqas meta mqabbla ma' dawk li fihom hemm il-predominanza tal-irġiel, mingħajr ma hemm bilfors il-ġustifkazzazzjoni ta' kriterji oġġettivi,

K. billi l-firda diġitali bbażata fuq id-differenza bejn is-sessi li teżisti għandha impatt fuq il-pagi,

L. billi is-sistema tal-pagi li permezz tagħha jitqies it-tul tas-servizz biex jiġi stabbilit il-livell tal-pagi mhix favorevoli għan-nisa li jkollhom (bosta drabi) jinterrompu l-karriera tagħhom minħabba fatturi esterni bħalma huma waqfien mix-xogħol minħabba l-ulied, posponiment ta' għażliet ta' karrieri jew tnaqqis fil-ħinijiet tax-xogħol, u tqiegħed lin-nisa fi żvantaġġ permanenti u strutturali,

M. billi l-istatistika tindika li kwalifiki u esperjenza li jinkisbu min-nisa jirriżultaw f'kumpens finanzjarju anqas minn dawk miksuba mill-irġiel; billi barra mill-kunċett ta' pagi ugwali għal xogħol ta' valur ugwali, li m'għandux ikun preġudikat minn approċċ sterjotipiku għad-differenza bejn is-sessi, jeħtieġ li jitwarrbu rwoli fis-soċjetà li s'issa influwenzaw b'mod sinifikattiv l-edukazzjoni u opportunitajiet ta' xogħol; barra minn hekk, liv tal-maternità jew tal-ġenituri m'għandux iwassal għal diskriminazzjoni kontra n-nisa fis-suq tax-xogħol,

N. billi d-differenza tal-pagi bejn is-sessi għandha impatt serju fuq l-istatus ekonomiku u soċjali tan-nisa tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom u lilhinn minnha, u billi minħabba li ma jikkontribwixxux għas-soċjetà bix-xogħol iżda b'mezzi oħrajn, bħal pereżempju billi jieħdu ħsieb it-tfal u qarba anzjani, bosta nisa jinsabu fir-riskju tal-faqar u huma anqas indipendenti ekonomikament,

O. billi d-differenza fil-pagi hija aktar qawwija fost nisa immigranti, nisa b'diżabilità, nisa minn minoritajiet u nisa bla kwalifiki,

P. billi huwa essenzjali li jkun hemm data li tiddistingwi bejn is-sessi u qafas legali konxju mid-distinzjoni bejn is-sessi, li jippermettu li trattati il-kawżi ta' diskriminazzjoni fil-ħlas,

Q. billi l-edukazzjoni tista' u għandha tikkontribwixxi biex teradika mis-soċjetà sterjotipi rigward differenzi bejn is-sessi,

R. billi l-Parlament talab ripetutament lill-Kummissjoni biex tieħu inizjattivi, inkluża r-reviżjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti, sabiex tiġi trattata d-differenza fil-pagi, jiġi eradikat ir-riskju tal-faqar fost il-pensjonanti u jiġi żgurat lilhom livell ta' għajxien deċenti,

S. billi d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali u trattatment ugwali ta' nisa u rġiel f'oqsma ta' impjieg u xogħol (riformulazzjoni) ([1]) tgħid li l-prinċipju ta' ħlas ugwali għal xogħol ugwali jew ta' valur ugwali jagħmel parti essenzjali u indispensabbli mill-acquis komunitarju, inkluża l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward id-diskriminazzjoni u s-sessi, u jeħtieġ li jkun hemm aktar dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju,

T. billi l-implimentazzjoni mill-Istati Membri, l-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet għal opportunitajiet indaqs ta' miżuri bħal dawk li hemm indikati fil-"Qafas ta' azzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi" imsemmi hawn fuq tal-1 ta' Marzu 2005, tkun tista' tgħin biex tnaqqas id-differenza fil-pagi permezz ta' djalogu soċjali effettiv,

U. billi strateġija li tikkoreġi d-differenza, is-segregazzjoni orizzontali u vertikali tas-suq tax-xogħol u l-isterjotipi dwar l-impjiegi u s-setturi fejn tipikament issib dominanza femminili se jeħtieġu qafas għal miżuri leġiżlattivi u għal miżuri oħrajn fuq diversi livelli li jiddistingwi bejn diskriminazzjoni fil-paga u differenzi fil-paga bbażati fuq fatturi differenti mid-diskriminazzjoni diretta jew indiretta, minħabba li tal-ewwel taqa' direttament fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni u tal-aħħar għandha tiġi ttrattata permezz ta' politika mmirata u miżuri speċifiċi.

V. billi l-Kummissjoni, kif imħabbar fil-Komunikazzjoni diġà msemmija tat-18 ta' Lulju 2007 qiegħda tagħmel analiżi matul l-2008 tal-qafas legali tal-UE rigward pagi ugwali li għandu jinvolvi lil dawk kollha konċernati, billi r-riżultat ta' din l-analiżi għandu jingħata l-pubbliċità xierqa,

W. billi ġiet stabbilità bħala mira l-ugwaljanza fil-pensjonijiet għall-irġiel u n-nisa, inkluż rigward l-età tal-irtirar,

X. billi l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jista' jkollu rwol fundamentali fil-monitoraġġ tal-iżvilupp tad-diskrepanza li hemm fil-pagi taż-żewġ sessi u fl-analiżi tal-kawżi ta' din id-diskrepanza, kif ukoll fl-evalwazzjoni tal-impatt tal-leġiżlazzjoni,

([1]) ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.

1. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tressaq quddiem il-Parlament sal-31 ta' Diċembru 2009, skont l-Artikolu 141 tat-Trattat tal-KE, proposta leġiżlattiva dwar ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti rigward il-prinċipju ta' paġi ugwali għall-irġiel u n-nisa, ibbażata fuq ir-rakkomandazzjonijiet dettaljati annessi ([1]);

2. Jikkonferma li r-rakkomandazzjonijiet jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini;

3. Jikkunsidra li l-proposta mitluba mhux se jkollha implikazzjonijiet finanzjarji;

4. Huwa konvint li hu essenzjali li tiġi żgurata implimentazzjoni aħjar u bikrija tad-dispożizzjoni tad-Direttiva 2006/54/KE dwar organizzazzjonijiet favur l-ugwaljanza u d-djalogu soċjali bl-iskop li jiġu indirizzati d-differenzi fil-pagi billi jiġi żgurat li l-Istati Membri, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet favur opportunitajiet indaqs japplikaw miżuri bħal dawk indikati mill-"Qafas għal azzjonijiet favur l-ugwaljanza bejn is-sessi" imsemmi hawn fuq tal-1 ta' Marzu 2005, billi jieħdu ħsieb li jingħata tagħrif u linji gwida dwar mezzi prattiċi (b'mod partikulari għall-SMEs) biex jitneħħew id-differenzi fil-pagi, inkluż ftehimiet kollettivi nazzjonali u settorjali;

5. Jinnota li negozjati u diskussjonijiet kollettivi għandhom irwol importanti fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra n-nisa, u mhux lanqas f'dak li jirrigwarda l-aċċess għax-xogħol, pagi, kundizzjonijiet tax-xogħol, avvanz fil-karrieri u taħriġ vokazzjonali;

6. Jitlob lill-Istituzzjonijiet Ewropej biex jorganizzaw Jum Ewropew għall-Pagi Indaqs — il-jum li fih in-nisa fl-Ewropea jaqilgħu (bħala medja) il-paga li l-irġiel jaqilgħu (bħala medja) f'sena — li jikkontribwixxi biex iqajjem il-kuxjenza dwar d-differenzi fil-pagi eżistenti u jħeġġeġ lil dawk kollha involuti biex jieħdu inizjattivi addizjonali biex jeliminaw dawn id-differenzi;

7. Jitlob lill-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem biex flimkien jiżviluppaw strumenti ta' valutazzjoni ta' impjiegi sabiex jitnaqqsu d-differenzi fil-pagi bejn irġiel u nisa;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet dettaljati li hawn magħha lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE tal-10 ta' Frar 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa (ĠU L 45, 19.2.1975, p. 19) ġiet inkorporata fid-Direttiva 2006/54/KE. Skont id-dispożizzjonijiet tad-Diretttiva 2006/54/EC, id-Direttiva 75/117/KEE tiġi revokata mill-15 ta' Awissu 2009, li hija wkoll l-aħħar skadenza ffissata għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

*ANNESS*

RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

**Rakkomandazzjoni 1: DEFINIZZJONIIET**

Id-Direttiva 2006/54/KE tagħti definizzjoni ta' pagi ugwali billi tikkopja d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 75/117/KEE. Biex ikun hemm kategoriji aktar preċiżi bħala għodda biex tiġi trattata d-differenza fil-pagi bejn is-sessi (GPG — gender pay gap) huwa importanti li tingħata definizzjoni aktar preċiża tal-kunċetti differenti, bħal pereżempju:

— GPG, li d-definizzjoni tagħha ma għandhiex tkopri biss il-paga grossa fis-siegħa;

— Diskriminazzjoni diretta fil-pagi;

— Diskriminazzjoni indiretta fil-pagi;

— Rimunerazzjoni, li d-definizzjoni tagħha għandha tkopri kull paga netta u salarju nett kif ukoll kull dritt finanzjarju marbut max-xogħol u kull benefiċċju in natura;

— Differenza fil-pensjonijiet — f'pilastri differenti tas-sistemi ta' pensjoni — i. e., f'sistemi pay as you go, sistemi ta' sigurtà soċjali professjonali (bħala kontinwazzjoni tad-differenzi fil-pagi wara li wieħed jirtira).

**Rakkomandazzjoni 2: ANALIŻI TAS-SITWAZZJONI U T-TRASPARENZA TAR-RIŻULTATI**

2.1. In-nuqqas ta' informazzjoni u għarfien fost l-impjegati u min iħaddem dwar differenzi, eżisteni jew possibbli, fil-pagi fil-kumpanija tagħhom idgħajjef l-implimentazzjoni tal-prinċipju mħaddan fit-Trattat u fil-leġiżlazzjoni eżistenti.

2.2. Billi jirrikonoxxi li hemm nuqqas ta' data statistika preċiża u r-rati eżistenti tal-pagi aktar baxxi għannisa, speċjalment fi professjonijiet bi predominanza ta' nisa, l-Istati Membri għandhom jagħtu kunsiderazzjoni sħiħa għad-differenza fil-pagi bejn is-sessi fil-politika soċjali tagħhom u jittrattwaha bħala problema serja.

2.3. Huwa għalhekk essenzjali li verifiki regolari, kif ukoll il-pubblikazzjoni tar-riżultati tagħhom, isiru obbligatorji fi ħdan kumpaniji (pereżempju kumpaniji li jħaddmu mhux anqas minn 20 impjegat). Dan r-rekwiżit għandu japplika wkoll għal tagħrif dwar remunerazzjoni addizzjonali mal-pagi.

2.4. Min iħaddem għandu jipprovdi lill-impjegati u lir-rappreżentanti tagħhom b'riżultati taħt forma ta' statistika kategorizzata skont is-sess. Din l-informazzjoni għandha tingħabar fil-livelli settorjali u nazzjonali f'kull Stat Membru.

2.5. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom itejbu l-istatistika u jinkludu data komparabbli dwar differenzi fil-paġi bejn is-sessi għal xogħol part time u d-differenzi ta' pensjonijiet bejn is-sessi.

2.6. Din l-istatistika għandha tkun koerenti, komparabbli u kompluta u jkollha l-iskop li tabolixxi elementi ta' diskriminazzjoni fil-pagi b'konnessjoni mal-organizzazzjoni u l-klassifikazzjoni tax-xogħol.

**Rakkomandazzjoni 3: EVALWAZZJONI U KLASSIFIKAZZJONI TAX-XOGĦOL**

3.1. Il-kunċett tal-valur tax-xogħol irid ikun ibbażat fuq ħiliet interpersonali jew responsabilità u li jenfasizza l-kwalità tax-xogħol, bl-iskop li jiġu promossi opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa u m'għandhux ikun karatterizzat minn approċċ sterjotipiku li jisfavorixxi n-nisa billi pereżempju jenfasizza s-saħħa fiżika aktar mill-abilitajiet interpersonali jew ir-responsabbiltà. Għalhekk, in-nisa trid tingħatalhom informazzjoni, għajnuna u/jew taħriġ fin-neguzjar tal-pagi, il-klassifikazzjoni tax-xogħol u l-livelli ta' pagi. Irid ikun hemm il-possibilità li setturi u kumpaniji jintalbu jeżaminaw jekk is-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħhom jirriflettux id-dimensjoni tas-sessi differenti kif meħtieġ u sabiex jagħmlu l-korrezzjonijiet meħtieġa.

3.2. L-inizjattiva tal-Kummissjoni għandha tistieden lill-Istati Membri biex idaħħlu klassifikazzjoni ta' impjiegi li taqbel mal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn irġiel u nisa, u li tgħin kemm lil min iħaddem u kemm lill-ħaddiema biex jidentifikaw diskriminazzjoni fil-pagi li jista' jkun hemm fuq il-bażi ta' skala ta' pagi preġudikata. Għandu jibqa' importanti r-rispett tal-liġijiet u tradizzjonijiet nazzjonali rigward relazzjonijiet industrijali. Elementi bħal dawn ta' evalwazzjoni u klassifikazzjoni tax-xogħol għandhom ikunu wkoll trasparenti u jkunu għad-dispożizzjoni ta' kulmin hu konċernat u tal-ispettorati tax-xogħol u ta' korpi għall-ugwaljanza.

3.3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu evalwazzjoni bir-reqqa ffukkata fuq il-professjonijiet iddominata minn nisa,

3.4. Evalwazzjoni newtrali tax-xogħol dwar id-diffferenza bejn is-sessi għandha tkun ibbażata fuq sistemi ġodda ta' klassifikazzjoni u organizzazzjoni ta' staff u ta' xogħol u fuq esperjenza professjonali u prodottività li tkun fuq kollox evalwata f'temini kwalitativi, biex tintuża bħala sors ta' data u grids ta' evalwazzjoni li jiddeterminaw il-pagi, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipju tal-komparabilità.

**Rakkomandazzjoni 4: KORPI GĦALL-UGWALJANZA**

Il-korpi ta' promozzjoni tal-ugwaljanza u ta' monitoraġġ għandhom ikollhom rwol akbar fid-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa. Il-korpi għandhom ikollhom is-setgħa li jimmoniterjaw, jirraportaw, u fejn ikun possibbli jinfurzaw aktar effetivament u aktar independentement il-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-Artikolu 20 tad-Direttiva 2006/54/KE għandu jigi rivedut sabiex iseddaq il-mandat tal-korpi billi:

— jagħtu appoġġ u pariri lill-vittmi ta' diskriminazzjoni fil-pagi;

— jipprovdu stħarriġ indipendenti rigward id-differenza fil-pagi;

— jippubblikaw rapport indipendenti u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw diskriminazzjoni (diretta u indiretta) fil-pagi.

— ikollhom poteri legali biex iressqu quddiem il-qorti każijiet ta' diskriminazzjoni fil-pagi;

— jipprovdu taħriġ speċjalizzat għall-imsieħba soċjali u għall-avukati, imħallfin u ombudsmen li jkun ibbażat fuq qafas ta' strumenti analitiċi u miżuri speċifiċi li għandhom jintużaw meta jiġu mfassla l-kuntratti jew meta jiġi verifikat jekk ir-regoli u l-politika biex jindirizzaw id-differenzi fil-pagi humiex jiġu implimentati.

**Rakkomandazzjoni 5: DJALOGU SOĊJALI**

Jeħtieġ aktar skrutinju ta' ftehimiet kollettivi u l-iskali ta' pagi applikabbli tagħhom u skemi ta' evalwazzjoni tax-xogħol, l-aktar rigward it-trattament ta' ħaddiema part-time u ta' ħaddiema b'arraġamenti atipiċi ta' xogħol oħrajn jew pagamenti żejda/bonusijiet inklużi ħlasijiet in natura (li aktar jingħataw lill-irġiel milli lin-nisa). Skrutinju bħal dan għandu jkopri mhux biss kundizzjonijiet ta' xogħol primarji, imma wkoll kundizjonijiet ta' xogħol sekondarji u skemi ta' sigurtà soċjali rigward xogħol (regoli għal-liv, skemi tal-pensjoni, karozzi tal-kumpaniji, arranġamenti għall-kura tat-tfal, ħin tax-xogħol flessibbli, eċċ.) L-Istati Membri — filwaqt li jirrispettaw l-liġi nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattiċi — għandhom jinkuraġġixxu lill-imsieħba soċjali biex jintroduċu evalwazzjonijiet newtrali fir-rigward tal-ġeneru, hekk li kemm min iħaddem u kemm l-impjegati ikunu jistgħu jidentifikaw diskriminazzjonijiet li jista' jkun hemm li jkunu bbażati fuq definizzjoni ta' skala ta' paga preġudikata.

**Rakkomandazzjoni 6: PREVENZJONI TAD-DISKRIMINAZZJONI**

Għandu jkun hemm referenza speċifika għad-diskriminazzjoni fil-pagi fl-Artikolu 26 (dwar il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni) tad-Direttiva 2006/54/KE bil-għan li jiġi żgurat li l-Istati Membri, bl-involviment tal-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet favur opportunitajiet indaqs, jaddottaw:

— miżuri speċifiċi rigward taħriġ u klassifikazzjoni ta' impjiegi, immirati lejn systemi ta' taħriġ vokazzjonali u mfasslin hekk li jneħħu u jipprevjenu d-diskriminazzjoni fit-taħriġ u l-klassifikazzjoni u fil-valutazzjoni ekonomika tal-kompetenzi;

— linji politiċi speċifiċi li jagħmlu possibbli r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja personali u l-ħajja fil-familja, li jkopru kura tat-tfal u servizzi oħra ta' kura, organizzazzjoni u sigħat tax-xogħol flessibbli, liv tal-maternità, tal-paternità, tal-ġenituri, u tal-familja, b'miżuri speċifiċi għall-liv tal-paternità u għall-protezzjoni tiegħu u għall liv tal-ġenituri li jkopri finanzjarjament iż-żewġ ġenituri;

— azzjonijiet affirmativi konkreti (skont l-Artikolu 141(4) tat-Trattat KE) biex jirranġaw id-differenzi fil-pagi u s-segregazzjoni minħabba differenza tas-sessi, li jiddaħħlu fis-seħħ mill-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet favur opportunitajiet indaqs fil-livelli varji, kemm kontrattwali u kemm settorjali, bħalma huma: il-promozzjoni ta' ftehimiet rigward pagi biex jikkumbattu l-GPG, investigazzjonijiet rigward pagi ndaqs, l-iffissar ta' objettivi kwantitativi u benchmarking, skambi tal-aħjar prattika,

— id-dħul ta' klawsola f'kuntratti pubbliċi li titlob rispett għall-ugwaljanza bejn is-sessi u għall-pagi ndaqs fil-kuntratti pubbliċi.

**Rakkomandazzjoni 7: Integrazzjoni tal-ġeneru**

L-integrazzjoni tal-ġeneru għandu jisseddaq bl-inklużjoni fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2006/54/KE ta' linji gwida preċiżi għall-Istati Membri rigward il-prinċipju tal-pagi ndaqs u biex jitnaqqsu d-differerenza fil-pagi. Il-Kummissjoni għandha tarma ruħha biex tipprovdi għajnuna lill-Istati Membri u lill min hu involut fir-rigward ta' miżuri prattiċi biex jitnaqqsu d-differerenzi fil-pagi bejn l-irġiel u nisa permezz ta' dan li ġej:

— jinstabu skemi ta' rapurtaġġ bl-iskop li jevalwaw id-differerenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa

— jinħoloq bank ta' data li jiġbor l-informazzjoni dwar bidliet fis-sistemi ta' klassifikazzjoni u organizzazzjoni ta' ħaddiema,

— jinġabru u jitqassmu r-riżultati ta' esperimenti dwar ir-riforma tal-organizzazzjoni tax-xogħol,

— jinstabu linji gwida speċifiċi għall-monitoraġġ ta' differenzi fil-pagi fil-kuntest ta' neġozjati kollettivi li għandhom jitqiegħdu fuq sit tal-internet u tradotti f'għadd ta' lingwi u li jkunu aċċessibbli għal kulħadd,

— tixrid ta' informazzjoni u linji gwida rigward mezzi prattiċi (b'mod partikulari għall-SMEs) biex jitnaqqsu d-differenzi fil-pagi, inklużi ftehimiet kollettivi nazzjonali u settorjali.

**Rakkomandazzjoni 8: SANZJONIJIET**

8.1. Għal raġunijiet differenti, il-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam jidher biċ-ċar li hija anqas effettiva u jekk wieħed iżomm f'moħħu li l-problema kollha ma tistax tissolva bil-leġiżlazzjoni biss, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom isaħħu l-leġiżlazzjoni preżenti b'għamliet xierqa ta' sanzjonijiet.

8.2. Huwa importanti li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ksur tal-prinċipju ta' pagi ugwali għal xogħol ugwali jkun suġġett għal sanzjonijiet skont id-dispożizzjoni legali fis-seħħ.

8.3. Ta' min ifakkar li skont id-Direttiva 2006/54/KE, l-Istati Membri diġà huma obbligati li jipprovdu kumpens jew riparazzjoni (Artikolu 18), kif ukoll pieni (Artikolu 25) li jkunu "effettivi, proporzjonati u dissważivi". Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex biżżejjed biex jevitaw ksur tal-prinċipju ta' paga ugwali. Għal din ir-raġuni huwa propost li jsir studju dwar il-fattibiltà, l-effetività u l-impatt tat-tnedija ta' sanzjonijiet possibbli, bħalma huma:

— il-kumpens jew ir-riparazzjoni m'għandhomx ikunu ristretti billi jiġi ffissat minn qabel limitu massimu;

— pieni, li jridu jinkludu l-ħlas ta' kumpens lill-vittma;

— multi amministrattivi (pereżempju fil-każ ta' nuqqas ta' notifika jew ta' komunikazzjoni mandatorja jew nuqqas ta' disponibilità ta' analiżi u evalwazzjoni ta' statistiċi ta' pagi mqassma skont il-ġeneru (skont ir-Rakkomandazzjoni 2) mitlubin mill-ispettorati tax-xogħol jew mill-korpi ta' ugwaljanza kompetenti;

— skwalifika minn benefiċċji pubbliċi, sussidji (inkluż finanzjament immanniġġjat mill-Istati Membri) u proċeduri ta' akkwist pubbliku, kif diġà stipulat fid-Direttivi 2004/17/KE ([1]) u 2004/18/EC ([2]) rigward il-proċedura ta' akkwist.

— l-identifikazzjoni ta' min jagħmel il-ksur, li għandha tixxandar pubblikament.

**Rakkomandazzjoni 9: STREAMLINING TA' REGOLAZZJONI TAL-UE U TAL-POLITIKA TAL-UE**

9.1. Qasam fejn hi meħtieġa azzjoni urġenti jirrigwarda l-fatt li hemm penalizzazzjoni fil-pagi marbuta ma' xogħol part time. Dan jeħtieġ evalwazzjoni u possibilment reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 rigward il-Ftehima ta' Qafas dwar xogħol part time konkluż mill UNICE, CEEP u l-Anness ETUC: Ftehima ta' Qafas dwar xogħol part time ([3]), li jippreskrivi trattament ugwali għal min jaħdem full time u min jaħdem part time, kif ukoll azzjonijiet aktar immirati u aktar effettivi fi ftehimiet kollettivi.

9.2. Objettiv aktar konkret biex jitnaqqsu d-differenzi fil-pagi għandu jiddaħħal b'urġenza fil-Linji Gwida ta' Impjegar, inkluż fir-rigward ta' aċċess għal taħriġ vokazzjonali u r-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-kompetenzi tan-nisa.

([1]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.
([3]) ĠU L 14, 20.1.1998, p. 9.

## Appoġġ għal turija minn kmieni tal-produzzjoni sostenibbli tal-enerġija mill-fjuwils fossili

P6_TA(2008)0545

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar l-appoġġ għal turija minn kmieni tal-produzzjoni sostenibbli tal-enerġija mill-fjuwils fossili (2008/2140(INI))**

(2010/C 16 E/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Jannar 2008 li ġġib l-isem L-appoġġ għal turija minn kmieni tal-produzzjoni sostenibbli tal-enerġija mill-fjuwils fossili (COM(2008)0013) u d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni dwar l-istudju tal-impatt (SEC(2008)0047),

— wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex ittejjeb u twessa' s-sistema Komunitarja għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (COM(2008)0016) u d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni li jakkumpanjah, dwar l-istudju tal-impatt (SEC(2008)0052),

— wara li kkunsidra l-proposta għal-direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE, 96/61/KE, id-Direttivi 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (COM(2008)0018) d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni li jakkumpanjah, dwar l-istudju tal-impatt (SEC(2008)0054),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummisssjoni tat-22 ta' Novembru 2007 li ġġib l-isem Pjan strateġiku Ewropew għat-teknoloġija tal-enerġija (SET-PLAN): Lejn ġejjieni ta' emissjonijiet baxxi tal-karbonju (COM(2007)0723) u d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni li jakkumpanjah, dwar mappa teknoloġika (SEC(2007)1510) u dwar mappa tal-kapaċitajiet (SEC(2007)1511)

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Jannar 2008 bit-titolu "20 għal darbtejn sa l-2020: L-opportunitajiet dwar it-tibdil fil-klima għall-Ewropa" (COM(2008)0030),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Jannar 2007 bit-titolu "Politika dwar l-enerġija għall-Ewropa" (COM(2007)0001),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0418/2008),

A. Billi l-użu ta' fjuwils fossili fi ħdan l-UE, skont l-aħħar għarfien xjentifiku u teknoloġiku, jekk ma jkunx hemm investimenti kbar fir-riċerka u l-iżvilupp f'teknoloġiji oħra, se jibqa' neċessarju għal għexieren ta' snin oħra biex is-sikurezza tal-provvista tkun fiż-żgur,

B. billi l-faħam huwa l-uniku sors ta' enerġija fossili disponibbli fl-UE li jista' jillimita d-dipendenza dejjem tikber fuq l-importazzjoni taż-żejt u l-gass minn pajjiżi terzi li huma f'qagħda inċerta u, għalhekk, għandu importanza starteġika,

C. billi, filwaqt li f'ħafna Stati Membri l-faħam għandu rwol ewlieni fit-taħlita ta' enerġija, l-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam jeħtieġu programmi kbar ta' mmodernizzazzjoni u investiment sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet b'effett ta' serra,

D. billi ħafna Stati Membri tal-UE għandhom riżorsi kbar ta' faħam, li huma stmati li jservu għal żmien konsiderevoli fis-seklu li jmiss,

E. billi l-użu fuq skala wiesgħa ta' teknoloġiji tal-qbid u l-ħażna tad-dijossidu tal-karbonju (CCS), — fl-impjanti tal-enerġija, kif ukoll, fuq żmien fit-tul, f'oqsma industrijali fejn hemm emissjonijiet kbar tad-$CO_2$, — jista' jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet ambizzjużi tal-UE rigward il-klima li jmorru lilhinn mis-sena 2020, u billi l-użu ta' dawn it-teknoloġiji għandu jikkompleta l-isforzi fil-qasam tal-effiċjenza tal-enerġija fuq in-naħa tal-provvista u d-domanda kif ukoll fil-qasam tal-enerġiji li jiġġeddu,

F. billi l-produzzjoni tal-enerġija f'ħafna ekonomiji li qed jikbru fid-dinja tiddependi fuq il-faħam, u billi l-kisbiet tal-politika tal-klima f'dawn ir-reġjuni huma marbuta mill-qrib ħafna mal-possibilità tal-użu tal-faħam b'emissjonijiet imnaqqsa,

G. billi l-użu ta' teknoloġiji tas-CCS fl-impjanti tal-enerġija mill-2020 ikun biss possibbli jekk permezz ta' proġetti ta' turija jinkisbu żviluppi ġodda u meħtieġa fit-teknoloġija u titjib fl-effiċjenza u fil-vijabilità ekonomika, filwaqt li fl-istess ħin ikun żgurat li jkun irrispettat l-ambjent,

([1]) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

**It-Tlieta, 18 ta' Novembru 2008**

H. billi dewmien fil-bini ta' impjanti ta' turija jixhet fid-dubju l-użu ta' teknoloġiji tas-CCS fl-impjanti tal-enerġija u konsegwentement li jintlaħqu l-għanijiet tal-politika dwar il-klima,

I. billi s'issa għad m'hemmx qafas leġiżlattiv adegwat li huwa meħtieġ għall-użu tat-teknoloġiji tas-CCS,

J. billi l-leġiżlazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam trid tiġi adottata mill-aktar fis mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u reġjonali u għandha tkun issupplimentata bi proposti leġiżlattivi ġodda, l-aktar fir-rigward tal-bini ta' infrastruttura tat-trasport,

K. billi n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet legali jagħmilha diffiċli li l-impriżi jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment jew li investituri potenzjali jaġixxu fis-swieq finanzjarji,

L. billi l-bini ta' mill-inqas 12-il impjant ta' turija għandu jkun appoġġjat, u billi l-proġetti ta' turija fuq livell Ewropew għandhom jintgħażlu skont jekk jipprovdux l-għarfien ġdid meħtieġ fir-rigward tat-teknoloġiji individwali u d-diversi għażliet ta' trasport u ħżin,

1. Jenfasizza li l-għan tal-politika tal-UE dwar il-klima għandu jkun it-tnaqqis dinji tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra;

2. Ifakkar fir-Rapport Speċjali tal-2005 dwar is-CCS tal-Panil Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC) li identifika s-CCS bħala teknoloġija promettenti għat-tnaqqis b'ħeffa tal-emisjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, bil-potenzjal li jinkiseb tnaqqis sa 55 % sal-2100;

3. Jirrikonoxxi li l-użu ta' teknoloġiji tas-CCS jista' jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-UE dwar il-klima wara s-sena 2020; madankollu jirrimarka li l-appoġġ għall-użu tat-teknoloġiji tas-CCS jikkumplineta l-isforzi li qed isiru biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika u biex jiżdied l-użu tal-enerġiji li jiġġeddu;

4. Ifakkar fl-impenn tal-Kunsill Ewropew tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007 li jistimula l-bini u t-tħaddim, sal-2015, ta' sa 12-il faċilità ta' turija ta' teknoloġiji li jippermettu l-użu sostenibbli ta' fjuwils fossili għall-produzzjoni kummerċjali tal-enerġija;

5. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun żgurat li jitwettqu dibattiti nazzjonali u li l-esperti kollha fil-qasam ikunu involuti, sabiex tiġi enfasizzata l-importanza tat-turija minn kmieni tal-produzzjoni sostenibbli tal-enerġija mill-fjuwils fossili;

6. Jaqbel mal-fehma li huwa meħtieġ li jinbnew mill-inqas 12-il impjant ta' turija fl-UE sabiex jintlaħaq l-użu mixtieq tat-teknoloġiji tas-CCS fl-impjanti tal-enerġija u l-ħżin mingħajr perikli tad-$CO_2$ mis-sena 2020 'l quddiem; huwa tal-fehma li, jekk ikun possibbli, f'dan il-kuntest, it-turija tat-teknoloġiji tas-CCS għandha tkun appoġġjata wkoll f'faċilitajiet industrijali oħra qabel l-2020; jirrimarka li t-turija tal-proċessi tas-CCS fil-fażijiet tal-qabda, tat-trasport u tal-ħażna, jeħtieġ li tistabilixxi jekk it-teknoloġiji tas-CCS jistgħux jintużaw b'mod sikur u jekk dawn joffrux soluzzjoni effettiva f'sens ta' nefqa għall-problema tal-bidla fil-klima;

7. Iqis l-iżvilupp u l-użu, li qed jikbru, tat-teknoloġiji tas-CCS, bħala mezz ta' kif isir progress lejn l-ilħuq simultanju tal-objettivi tas-sigurtà tal-provvista, tal-ħarsien tal-klima u tal-kompetittività;

8. Huwa tal-fehma li, fid-dawl tal-irwol tal-fjuwils fossili fit-taħlita tal-enerġiji ta' ħafna pajjiżi fid-dinja, it-teknoloġiji tas-CCS fl-UE jistgħu, flimkien mal-isforzi li qed isiru biex titkabbar l-effiċjenza enerġetika u l-użu ta' enerġiji li jiġġeddu, jikkontribwixxu biex tinkiseb sigurtà fil-provvista u ħarsien tal-klima;

9. Jenfasizza li jridu jiġu stipulati kriterji stretti u li jorbtu għas-sikurezza fit-tul u l-permanenza tal-postijiet tal-ħażna;

10. Iqis li l-ħażna taħt qiegħ il-baħar tista', f'każ ta' xi inċident, tipperikola l-ekosistemi tal-baħar;

11. Huwa tal-fehma li l-miżuri ppreżentati mill-Kummissjoni mhumiex biżżejjed biex jipprovdu l-inċentivi mixtieqa sabiex jinbnew mill-inqas 12-il impjant ta' turija sa l-2015;

12. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta stima ddettaljata tal-ispiża ta' kull wieħed mit-12-il faċilità ta' turija, u tas-sehem tas-settur privat u tas-settur pubbliku fil-finanzjament tagħhom;

13. Iqis li jinħtieġ impenn finanzjarju dirett biex ikun iggarantit il-bini ta' 12-il proġett ta' turija;

14. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li d-deċiżjonijiet dwar l-investiment u l-akkwist ta' kapital fis-swieq finanzjarji għall-faċilitajiet ta' turija qed ikunu imxekkla minħabba n-nuqqas ta' qafas leġiżlattiv, b'mod partikolari fil-livell nazzjonali u reġjonali, u minħabba inċertezzi rigward iċ-ċaqliq fil-ġejjieni fil-prezzijiet taċ-ċertifikati fl-iskambju ta' emissjonijiet;

15. Huwa tal-fehma li l-ispazju ta' żmien li hemm bejn l-appoġġ potenzjali mill-iskambju tal-kwoti ta' emissjonijiet mis-sena 2013, u l-fażi meħtieġa ta' ppjanar u bini tal-faċilitajiet ta' turija, jista' jimtela billi jitpoġġew għad-dispożizzjoni riżorsi finanzjarji.

16. Jipproponi, f'dan il-kuntest, li r-riżorsi mill-mekkaniżmu tal-qsim tar-riskju finanzjarju (RSFF) li ġew miżmuma wara l-adozzjoni tas-Seba' Programm ta' Riċerka ta' Qafas sakemm issir l-evalwazzjoni ta' nofs iż-żmien, għandhom jiġu allokati għall-faċilitajiet ta' turija tas-CCS, sabiex ir-riżorsi jkunu disponibbli fil-pront biex jappoġġjaw dawn il-proġetti u, jekk ikun possibbli, kif maħsub mill-Kummissjoni, biex dawn jiżdiedu b'aktar fondi bil-kooperazzjoni mal-EIB;

17. Iqis, barra minn hekk, li, fir-rigward tal-iskema tal-iskambju tal-kwoti ta' emissjonijiet tal-UE (EU ETS), l-inċentivi għall-produzzjoni tat-teknoloġiji tas-CCS għandhom jiġu miżjuda, billi jiġu allokati, fi ħdan l-EU ETS, kwoti għall-produzzjoni mistennija tat-teknoloġiji tas-CCS b'żieda ta' mill-anqas 25 % mill-2013; iqis ukoll li dawn il-kwoti għandhom, madankollu, jingħataw mhux inqas minn sentejn qabel il-bini sabiex ikunu jistgħu jiġu skambjati; iqis b'alternattiv, li għandha tkun prevista allokazzjoni ta' 500 miljun kwota ta' skambju ta' emissjonijiet għas-sostenn ta' dawn il-proġetti; barra minn hekk jinkuraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jużaw id-dħul mill-irkantar tal-kwoti ta' emissjoni fil-qafas tal-EU ETS biex ikunu ta' sostenn għat-teknoloġiji tas-CCS u għall-infrastruttura meħtieġa;

18. Iqis li huwa assolutament meħtieġ li talanqas it-12-il faċilità ta' turija li għandhom jiġu sostnuti għandhom ikopru l-kombinazzjonijiet kollha possibbli tat-tliet teknoloġiji tas-CCS bis-sorsi differenti ta' enerġija u bl-għażliet differenti ta' ħażna u li l-għażla tas-siti tkun ispirata mill-ħtieġa li tiġi żgurata l-akbar diversifikazzjoni ġeografika possibbli madwar l-UE,

**It-Tlieta, 18 ta' Novembru 2008**

19. Jirrakkomanda bis-sħiħ li fl-għażla jkunu inklużi l-impjanti tal-enerġija b'qawwa minima ta' 180 MW;

20. Huwa tal-fehma li mingħajr dewmien għandhom jiġu fformulati r-rekwiżiti għall-proċeduri ta' awtorizzazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali għat-trasport u l-ħażna;

21. Iqis li jinħtieġ impenn ulterjuri tal-UE sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa tat-trasport, u jinnota, f'dan ir-rigward, li l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni fl-Istati Membri individwali għal infrastrutturi oħra tat-trasport jistgħu jieħdu is-snin; f'dan ir-rigward jiġbed l-attenzjoni dwar l-importranza li dawn il-proċeduri jitqassru sabiex jiġi ggarantit il-bini tagħhom sal-2020;

22. Iqis l-użu ta' fondi strutturali għall-impjanti tat-turija tas-CCS bħala possibilità biss jekk reġjuni individwali ma jkunux għadhom rabtu l-fondi ma' proġetti oħra fuq żmien fit-tul, jew ressqu proposti f'dan is-sens, u jenfasizza li l-aċċettazzjoni ta' sforzi għall-ħarsien tal-klima jiġu tonqos jekk l-approprijazzjonijiet għat-titjib fil-koeżjoni ekonomika u soċjali ikollhom jikkompetu mal-miżuri dwar il-ħarsien tal-klima;

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lil gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

# Rapport speċjali mill-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew wara l-abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-ilment Nru 1487/2005/GG

P6_TA(2008)0555

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar ir-Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew wara l-abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-ilment Nru 1487/2005/GG (2008/2072(INI))**

(2010/C 16 E/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali mill-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 195(1), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 dwar ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(7) tagħha,

— wara li kkunsidra l-istudji li saru mill-Kummissjoni Ewropea li kienu ppubblikati fil-ħarġiet speċjali tal-Eurobarometer Nru 237 u Nru 243 dwar it-tixrid tal-lingwi fl-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3(5) tal-Istatut tal-Ombudsman, li jagħti istruzzjonijiet lill-Ombudsman biex ifittex, sa fejn hu possibbli, soluzzjoni mal-istituzzjoni kkonċernata sabiex jiġi eliminat il-każ ta' amministrazzjoni ħażina u jiġi ssodisfat min ikun qed jagħmel l-ilment,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 195(2), l-ewwel sentenza, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A6-0395/2008),

A. billi t-titjib fit-trasparenza, fil-promozzjoni tal-multilingwiżmu u fl-għoti ta' informazzjoni preċiża lill-pubbliku huma għanijiet li tingħatalhom l-akbar prijorità fl-UE u fl-istituzzjonijiet tagħha,

B. billi l-aċċess sempliċi għall-informazzjoni għall-akbar numru possibbli ta' ċittadini tal-UE huwa prerekwiżit importanti, u element fundamentali tal-prinċipji ġenerali tal-leġittimità demokratika u tat-trasparenza,

C. filwaqt li jixtieq li l-akbar għadd possibbli ta' ċittadini jkollhom aċċess dirett għall-informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet tal-UE fil-formazzjonijiet kollha tagħhom,

D. billi din ix-xewqa għandha tkun kompatibbli mal-isfida loġistika imposta mill-għadd kbir ta' lingwi uffiċjali tal-UE,

E. billi l-internet qed jikber fl-importanza tiegħu bħala mezz ta' ksib ta' informazzjoni u għaldaqstant għandu jintuża wkoll mill-Unjoni Ewropea fl-isforzi tagħha biex tinkiseb it-trasparenza u tinxtered l-informazzjoni,

([1]) ĠU L 113 tal-4.5.1994, p. 15.

1. Japprova l-konklużjonijiet tal-Ombudsman, jiġifieri:

a) il-Kunsill, bħal kull istituzzjoni tal-UE, hu stess qabel kollox huwa responsabbli għas-siti tal-internet dwar il-presidenza tiegħu u l-lingwi użati fihom;

b) il-prattiki li juża l-Kunsill ma jistgħux jitmexxew b'mod li jkun iżolat għal kollox mill-implimentazzjoni uniformi min-naħa tal-istituzzjonijiet u l-formazzjonijiet tagħhom;

c) l-informazzjoni f'dawn is-siti tal-internet għandha, idealment, tkun disponibbli malajr bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunità,

d) jekk in-numru tal-lingwi għandu jiġi limitat, l-għażla tal-lingwi li għandhom jintużaw għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji tal-oġġettività, tar-raġonevolezza, tat-trasparenza u tal-maniġġabilità;

e) il-fatt li l-Kunsill irrifjuta li jindirizza s-sustanza tat-talba ta' min qed jagħmel l-ilment jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina;

2. Jinnota bi stagħġib, f'dan ir-rigward, li l-Kunsill ma jqisx lilu nnifsu li għandu s-setgħa li jindirizza din il-kwistjoni, minkejja li din taffettwa lill-Istati Membri kollha u l-Kunsill jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-presidenzi kollha tal-ġejjieni;

3. Jinnota b'dispjaċir li l-Kunsill, bil-maqlub tal-istituzzjonijiet l-oħra bħal pereżempju l-Kummissjoni u l-Parlament, li tejbu b'mod sinifikanti n-numru ta' lingwi li jintużaw fil-komunikazzjoni tagħhom maċ-ċittadini, s'issa baqa' jevita għal kollox li jindirizza b'mod sostantiv il-kwistjoni tal-għażla tal-lingwi tas-siti tal-internet tal-presidenzi tiegħu;

4. Jistieden lill-Kunsill biex jagħmel reviżjoni komprensiva tal-kwistjoni tat-twessigħ tal-għażla tal-lingwi tas-siti tal-internet tal-presidenzi tiegħu, irrispettivament mill-kwistjoni tar-responsabilità jew tal-awtorità għal dawn is-siti tal-internet, sabiex jiżgura li l-akbar parti possibbli tal-popolazzjoni kollha tal-Unjoni Ewropea jkollha aċċess faċli u dirett għall-informazzjoni dwar l-attivitajiet tiegħu; jistieden lill-Kunsill biex jinforma l-Parlament bir-riżultati tad-deliberazzjonijiet tiegħu;

5. Jenfasizza li kull tnaqqis fl-għażla tal-lingwi li jista' jkun meħtieġ għandu jsir fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u ġġustifikati biżżejjed, li għandu jitħabbar fil-pubbliku, u li l-lingwa tal-presidenza fil-kariga biss jista' jkollha l-prijorità sat-tmiem tal-istess presidenza;

6. Jagħti l-appoġġ tiegħu lir-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman lill-Kunsill biex jeżamina t-talba ta' min qiegħed jagħmel l-ilment li s-siti tal-internet tal-presidenzi tal-Kunsill għandhom ikunu disponibbli wkoll bil-Ġermaniż;

7. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li, b'kuntrast mal-prattika tal-presidenzi tal-imgħoddi, meta s-siti tal-internet kienu disponibbli biss bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-lingwa nazzjonali tal-presidenza fil-kariga, il-Presidenza Franċiża tal-Kunsill qiegħda tippubblika s-sit tal-internet uffiċjali tagħha fl-iktar lingwi uffiċjali mitkellma fl-Unjoni Ewropea (l-Ingliż, il-Ġermaniż, il-Franċiż, it-Taljan u l-Ispanjol);

8. Jindirizza lill-presidenzi ġejjiena tal-Kunsill, bit-tama li huma wkoll jagħmlu s-siti tal-internet tagħhom disponibbli fl-akbar għadd ta' lingwi possibbli u, fil-każ ta' restrizzjoni fuq l-għadd tal-lingwi, biex jużaw l-aktar lingwi uffiċjali mitkellma skont ordni ta' prijorità;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

## Il-futur tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-pensjonijiet

P6_TA(2008)0556

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-futur tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-pensjonijiet: il-finanzjament tagħhom u x-xejra lejn l-individwalizzazzjoni (2007/2290(INI))**

(2010/C 16 E/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2006 dwar is-sostenibbiltà fit-tul ta' finanzi pubbliċi fl-UE (COM(2006)0574),

— wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari l-Artikoli 99 u 141 tiegħu,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari s-sentenzi maqtugħa mill-Qorti fis-17 ta' Mejju 1990 *f'Douglas Harvey Barber v Guardian Royal Exchange Assurance Group* [1],

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU li torbot legalment dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW 1979), adottata fl-1979 mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.1(d) u (e) u l-Artikolu 11.2(c),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Marzu 2006 dwar pjan direzzjonali għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010 (COM(2006)0092),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tat-13 u l-14 ta' Marzu 2008,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2007 dwar l-immodernizzar tal-ħarsien soċjali għal aktar ġustizzja soċjali u koeżjoni ekonomika: titmexxa 'l quddiem l-inklużjoni attiva tan-nies l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol (COM(2007)0620),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) dwar l-Istandards Minimi tas-Sigurtà Soċjali 1952,

— wara li kkunsidra id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-11 ta' April 2008 dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 8 u d-dispożżizzjonijiet relatati tad-Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE tal-20 ta' Ottubru 1980 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-protezzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li tħaddimhom, rigward l-iskemi ta' pensjoni ta' kumpanija supplimentari jew inter-kumpanija barra mill-iskemi tas-sigurtà soċjali nazzjonali statutorji (SEC(2008)0475),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-isħab soċjali Ewropej fir-rapport tat-18 ta' Ottubru 2007 intitolat, "Sfidi Ewlenin li qed Jiffaċċjaw is-Swieq tax-Xogħol Ewropej: Analiżi Konġunta tal-Isħab Soċjali Ewropej",

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar l-immodernizzar tal-liġi tax-xogħol biex tilqa' l-isfidi tas-seklu 21 (COM(2006)0708) u għar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-11 ta' Lulju 2007 [2],

[1] Każ C-262/88, ECJ [1990] I-1889.
[2] ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 401.

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2007 bit-titolu "Inventarju tar-realtà soċjali — Rapport temporanju għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007" (COM(2007)0063) u tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Novembru 2007 dwar l-Inventarju tar-Realtà Soċjali ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Mejju 2007 bit-titolu, "Il-promozzjoni tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet" (COM(2007)0244), u għar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-21 ta' Frar 2008 dwar il-futur demografiku tal-Ewropa ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0409/2008),

A. billi s-sigurtà soċjali:

— hija stabbilita, rregolata, immaniġġjata u ffinanzjata (ġeneralment b'mo parzjali) mill-istat u wkoll b'mod kollettiv permezz tat-taxxi jew kontribuzzjonijiet imħallsa mill-persuna assikurata, bl-istat li jkollu responsabilità pubblika biex jissodisfa l-bżonnijiet tas-sigurtà soċjali taċ-ċittadini tiegħu,

— hija kkaratterizzata mill-kontabilità u tiżgura sigurtà bażika adegwata għal kulħadd,

— hija bbażata fuq il-prinċipju tas-solidarjetà,

— tkopri disa' oqsma tal-Konvenzjoni tal-ILO imsemmija hawn fuq,

— tfittex li tiżgura s-sigurtà fundamentali fl-oqsma tal-impjieg (assikurazzjoni kontra n-nuqqas ta' impjieg), id-dħul (pagamenti tal-pensjoni) u l-kapaċità tal-qliegħ (assikurazzjoni tal-kura tas-saħħa),

B. billi l-popolazzjoni totali tal-Unjoni Ewropea hija mistennija li tiżdied ftit sa l-2025 u li tonqos ftit wara l-2025, filwaqt li ssir ftit iżgħar u ixjeħ b'mod sinifikanti sa l-2050,

C. billi, bl-immigrazzjoni kostanti fil-livelli preżenti, in-numru ta' ħaddiema se jonqos minn 227 miljun ruħ fl-2005 għal 183 miljun fl-2050, ir-rata tal-impjieg se tiżdied għal 70 % fl-2020, l-aktar minħabba r-rati ogħla tal-impjieg tan-nisa, in-numru totali tan-nies b'impjieg se jiżdied b'20 miljun sa l-2017, iżda wara se jonqos bi 30 miljun sa l-2050 u l-proporzjon ipproġettat tan-nies 'il fuq mill-65 sena għal dawk ta' età li jaħdmu se jiżdied minn 1:4 fl-2005 għal 1:2 fl-2050,

D. billi żieda ġenerali fl-età pensjonabbli, ibbażata fuq it-tendenza ġenerali ta' medja ogħla ta' għomor il-bniedem, ma tqisx b'mod suffiċjenti l-fatt li għad hemm fergħat numerużi tal-industrija li fihom il-medja ta' għomor il-ħaddiema hija iktar baxxa b'mod sinifikanti,

E. billi l-imsieħba soċjali in ġenerali, u f'dawk il-fergħat tal-industrija b'ħaddiema b'medja iktar baxxa ta' għomor b'mod partikolari, għandhom responsabilità serja fir-rigward tad-dħul u l-ħruġ ta' ħaddiema u jistgħu ikunu l-partijiet primarji ta' appoġġ biex jiżguraw politika għall-istaff effettiva u konxja tal-età,

F. billi, minħabba l-proporzjonijiet aktar baxxi ta' nies qiegħda, l-infiq fuq il-benefiċċji tal-qgħad se jonqos b'madwar 0,6 punti perċentwali tal-GDP sa l-2050, tnaqqis li m'huwiex kbir ħafna u ma jikkumpensax għall-infiq ogħla f'setturi oħra,

G. billi l-Unjoni Ewropea tonfoq 27,2 % tal-GDP fuq il-protezzjoni soċjali (2008), bis-sehem ewlieni li jintefaq fuq il-benefiċċji u l-pensjonijiet tal-anzjani (46 %),

---

([1]) ĠU C 282 E, 6.11.2008, p. 463.

([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0066.

H. billi t-terminu sigurtà soċjali ma jfissirx ir-relazzjoni bejn l-infiq u d-dħul imma huwa pjuttost kuntratt soċjali, relazzjoni bejn id-drittijiet u l-obbligi kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-istat, u għandu jiġi meqjus bħala tali, billi madankollu, taħt l-ebda ċirkustanza m'għandu jkun hemm tfixkil għall-karattru baġitarju tas-sigurtà soċjali,

I. billi l-fatt li l-popolazzjoni li qiegħda tixjieħ hu mistenni li jwassal għal żidiet fin-nefqa pubblika, l-aktar għall-pensjonijiet, għall-kura tas-saħħa u għall-kura fit-tul, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri sa l-2050 jekk jibqgħu għaddejjin il-politiki attwali, bl-akbar żieda li tkun bejn l-2020 u l-2040,

J. billi l-objettivi tal-Istrateġija ta' Liżbona fir-rigward tal-impjieg tan-nisa u tal-persuni mdaħħla fiż-żmien kif ukoll l-objettivi ta' Barċellona fil-qasam tas-servizzi għall-kura tat-tfal huma essenzjali għall-vijabilità tas-sistemi tal-pensjonijiet,

K. billi l-Għanijiet tal-Millennju tan-NU għas-sena 2000, b'mod partikolari l-Għan 3, jassumu li għandu jkun hemm l-ugwaljanza bejn is-sessi,

L. billi, f'termini ġenerali, in-nisa għandhom tendenza li jkollhom ħajja tax-xogħol inqas omoġenja u karatterizzata minn evoluzzjoni iktar bil-mod tas-salarji, filwaqt li l-irġiel għandhom tendenza li jkollhom ħajja tax-xogħol iktar kontinwa u evoluzzjoni aktar sostenuta tas-salarju, fattur li jimplika differenzi f'termini ta' kontributi għas-sistema tal-pensjoni u riskju ta' faqar ogħla għan-nisa, li barra minn hekk huwa riskju aktar fit-tul, meta wieħed jikkunsidra li mistennija jgħixu aktar,

***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, fid-dawl tal-Istrateġija ta' Liżbona u minħabba l-ħtieġa li jiġu koperti r-riskji soċjali u tiġi żgurata s-sostenibilità tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u tal-pensjonijiet u jinżammu l-mudelli soċjali Ewropej ewlenin, sabiex jagħmlu aktar progress fl-ibbilanċjar tan-nefqa soċjali u tal-attivazzjoni soċjali u, barra minn hekk, biex iħajru u jżommu aktar nies f'impjiegi ta' kwalità, siguri u tal-assikurazzjoni soċjali mandatorja, li jħeġġu l-iżvilupp u l-ħolqien tal-impjiegi u l-aċċess għall-impjieg fuq il-bażi ta' trasparenza akbar tas-suq, biex jimmodernizzaw is-sistemi tal-protezzjoni soċjali (per eżempju permezz ta' differenzi ikbar fil-formuli tal-benefiċċji u fil-mekkaniżmi tal-iffinanzjar) u biex iżidu l-investiment fil-kapital uman billi jħeġġu r-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni permezz ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali aħjar fil-kuntest ta' tagħlim matul il-ħajja għal kulħadd;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi mill-qrib ir-riformi fis-sigurtà soċjali u l-pensjonijiet fl-Istati Membri, u tqabbel l-impatt tagħhom sa llum fuq is-sitwazzjoni tal-impjiegi tan-nisa filwaqt li tiffoka fuq l-aħjar prattiki li jkunu ħarġu, b'mod partikolari biex tonqos id-diskriminazzjoni bejn is-sessi rigward il-paga u biex ikun hemm rikonċiljazzjoni bejn ir-responsabilitajiet professjonali u familjari;

3. Jenfasizza li s-sorsi tal-iżvilupp ekonomiku se jinbidlu bħala riżultat tal-bidla demografika u li ż-żieda fil-produttività tax-xogħol u l-innovazzjoni teknoloġika se jsiru sorsi ta' żvilupp ekonomiku; jirrikonoxxi li, sabiex jinżamm livell ogħla tal-produttività, huwa essenzjali li jkun hemm investiment ikbar fir-riċerka u l-iżvilupp u fil-metodi ta' mmaniġġjar aħjar, fejn is-sinerġija bejn l-innovazzjoni teknoloġika u soċjali se tkun ta' prijorità għolja;

4. Jenfasizza, fil-kuntest tax-xejriet attwali demografiċi, ekonomiċi u soċjali u fil-prevenzjoni ta' kunflitti bejn il-ġenerazzjonijiet u s-soċjetajiet, l-importanza li jinsabu mudelli ġodda għad-distribuzzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji li fosthom ikun hemm popolazzjoni iżgħar li tkun attiva ekonomikament u popolazzjoni akbar li ma tkunx attiva ekonomikament b'mod effiċjenti u ġust; f'livell Ewropew u nazzjonali, l-għan għandu jkun li jinżamm bilanċ bejn il-vijabilità ekonomika tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-pensjonijiet fuq naħa u l-kopertura tar-riskji soċjali fuq l-oħra;

5. Ifakkar fit-twemmin tiegħu li, biex titħeġġeġ sistema tal-protezzjoni soċjali li tkun ekonomikament vijabbli, il-liġi tax-xogħol tal-Komunità għandha ssaħħaħ il-kuntratti tal-impjieg ta' tul indefinit bħala l-forma ġenerali ta' impjieg li tipprovdi ħarsien soċjali u għas-saħħa adegwat u li tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali; madankollu jirrikonoxxi li d-drittijiet għandhom bżonn ukoll ikunu protetti għal dawk li jkollhom sistemi oħra ta' xogħol, inkluż id-dritt għal pensjoni li jippermetti lil dawk li jirtiraw biex jgħixu bid-dinjità;

6. Ifakkar li l-punt ewlieni tal-mudelli soċjali Ewropej huwa l-prinċipju tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-gruppi soċjali, u li dan huwa primarjament iffinanzjat mill-qliegħ relatat max-xogħol, bħal ma huma l-kontribuzzjonijiet mill-ħaddiema u l-persuni li jħaddmuhom u t-taxxa tax-xogħol; għaldaqstant jinnota li l-popolazzjoni li dejjem qed tixjieħ se titfa' pressjoni serja fuq il-ħaddiema attivi u li s-soluzzjonijiet għall-bidla demografika għandha tkun prijorità politika; jishaq li, inkella, il-bidla demografika tista' tkisser il-prinċipju tas-solidarjetà u bħala konsegwenza l-mudelli soċjali Ewropej; jishaq għalhekk ukoll fuq l-importanza sinifikanti li jissaħħaħ il-prinċipju tas-solidarjetà, inkluż il-kumpens finanzjarju ġust;

7. Ifakkar li, skont l-Artikolu 141 tat-Trattat KE, jistgħu jiġu adottati miżuri biex tinkiseb b'mod attiv l-ugwaljanza fis-salarju u biex il-każistika Komunitarja tqis il-kontributi tas-sigurtà soċjali bħala element tas-salarju;

8. Jinnota li bħala riżultat tal-bidliet demografiċi, huwa stmat li sal-2030, il-proporzjon ta' persuni attivi mqabbel ma' dawk mhux attivi se jkun ta' 2:1; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw politiki ħalli jiżguraw li dawk li jieħdu ħsieb in-nies, li ħafna minnhom huma obbligati jirtiraw mis-suq tax-xogħol minħabba r-responsabilitajiet tagħhom li jgħinu nies oħra, ma jkunux affettwati b'mod negattiv min-nuqqas ta' sigurtà dwar il-pensjoni;

9. Ifakkar li t-tendenza favur l-individwalizzazzjoni tikkontribwixxi għall-modernizzazzjoni tat-tieni u t-tielet pilastru, mingħajr ma titfa' dubji fuq l-ewwel pilastru tas-sistemi tas-sigurtà soċjali; din biex tippermetti lin-nisa, speċjalment lin-nisa u gruppi vulnerabbli oħra biex ikollhom iżjed libertà fl-għażla u għalhekk isiru iżjed indipendenti u kapaċi jibnu d-drittijiet tal-pensjoni addizzjonali tagħhom stess;

10. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel riċerka u studji iżjed dettaljati dwar l-impatt tal-individwalizzazzjoni tad-drittijiet soċjali fuq it-trattament indaqs tal-irġiel u tan-nisa;

11. Jikkunsidra li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa għandha tkun fost l-għanijiet tar-riformi tas-sistemi ta' sigurtà soċjali u pensjonijiet, filwaqt li jenfasizza li l-inugwaljanzi f'dan ir-rispett huma b'mod fundamentali ta' natura indiretta, u ġejjin minn inugwaljanzi persistenti fis-suq tax-xogħol, f'termini ta' salarju u ta' prospettivi għall-karriera u f'dak li għandu x'jaqsam mat-tqassim inġust tar-responsabilitajiet familjari u domestiċi u li għalhekk jistgħu jiġu rranġati biss b'miżuri aktar globali;

12. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżidu l-kuxjenza fost l-adulti (żgħar) tal-importanza li jġemmgħu għal pensjoni indipendenti minn kmieni;

***Il-ħaddiema***

13. Jemmen li n-numru ta' ħaddiema li qed jonqos se jwassal għal tnaqqis fin-numru totali ta' sigħat maħduma, jekk is-sitwazzjoni tibqa' bħal dik preżenti; jikkunsidra li, sabiex tinqaleb din it-tendenza, jistgħu jittieħdu miżuri biex titnaqqas ir-rata tan-nuqqas tal-impjieg u jiżdied ir-reklutaġġ (ikkombinati mat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid) inklużi l-persuni li jkollhom potenzjal għoli fix-xogħol bħal ma huma persuni b'diżabilità, in-nisa u l-anzjani; jishaq fuq il-bżonn li jiġi permess irtirar mix-xogħol flessibbli fuq bażi volontarja, li tinbidel l-organizzazzjoni tal-prattiki tax-xogħol u li jsir użu intelliġenti ta' teknoloġiji ġodda; jishaq li hija wkoll neċessarja li jittejbu s-servizzi tal-appoġġ u servizzi relatati mal-kura tat-tfal u ta' dawk dipendenti fuq il-familja, bil-għan li jitnaqqas in-numru ta' nies li jaħdmu part-time fuq bażi volontarja;

14. Ifakkar li rati ta' impjieg ogħla huma dipendenti ħafna fuq il-bżonn li jinżammu attivi l-gruppi kollha — speċjalment dawk esklużi mis-suq tax-xogħol; għalhekk jisħaq fuq il-bżonn li tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol u biex jiġu offruti impjiegi għal persuni inattivi fil-qasam tax-xogħol; barra minn hekk jisħaq fuq il-bżonn li tiġi provduta akkomodazzjoni raġonevoli sabiex jiġi ffaċilitat l-impjieg ta' persuni b'diżabilità u dawk bi problemi tas-saħħa sinifikanti, u biex jiġi żgurat li persuni b'diżabilità u persuni b'marda mentali jkollhom aċċess għall-impjieg;

15. Jinsisti għalhekk fuq il-ħtieġa ta' politiki attivi favur l-impjieg tan-nisa, taż-żgħażagħ u ta' persuni mdaħħla fiż-żmien sabiex isir użu tajjeb mir-riżorsi umani u mill-potenzjali għall-imprenditorjat u biex jiġi żgurat li, fost l-oħrajn, il-kontributi għas-sistemi tal-pensjoni jagħtu d-dritt lil persuni rtirati għal pensjoni deċenti;

16. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi diskussa fil-livell nazzjonali li togħla l-età legali ta' meta wieħed jirtira; jikkunsidra li, irrispettivament mill-etajiet varji għall-irtirar legali fl-Istati Membri, huwa neċessarju li l-ħaddiema għandhom ikunu mħeġġa jibqgħu fl-impjieg fuq bażi volontarja u sakemm il-kundizzjonijiet jippermettu, saletà li tapplika jew iktar;

17. Jitlob lill-imsieħba soċjali, fost affarijiet oħra fuq il-bażi tal-esperjenza miġbura fis-setturi varji, biex jinnegozjaw miżuri bbażati fuq is-settur u magħmulin apposta għall-ħaddiema in ġenerali li jkunu qegħdin joqorbu lejn l-irtirar u b'mod partikolari politika tal-istaff konxja mill-età;

18. Jitlob lill-Istati Membri biex joħolqu inċentivi finanzjarji u soċjali biex iħeġġu lill-ħaddiema biex ikomplu f'xogħolhom b'mod volontarju anki wara li jkunu laħqu l-età statutorja biex jirtiraw;

19. Jitlob lill-Istati Membri biex isegwu politika attiva ħalli jitjiebu l-prospetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri sabiex jitnaqqas ir-riskju f'ċertu impjieg u biex jiġi evitat l-irtirar bikri ta' proporzjon kbir ta' ħaddiema b'ħiliet;

20. Ifakkar li kwalunkwe politika proattiva ta' migrazzjoni ekonomika li tindirizza b'mod speċjali migranti potenzjali fl-età tax-xogħol u toffri proċeduri mgħaġġla ta' immigrazzjoni lill-applikanti speċjalizzati f'sengħa, trid tkun ikkomplementata minn integrazzjoni aħjar tal-migranti fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà kollha kemm hi; jenfasizza li l-isforzi intensifikati biex tiżdied l-immigrazzjoni jistgħu jwasslu għal esodu tal-imħuħ (brain-drain) mill-pajjiżi tal-oriġini, li jista' jkollu effett negattiv fuq l-iżvilupp ekonomiku u tas-soċjetà f'dawn il-pajjiżi u jista' jħeġġeġ mewġiet ġodda ta' migrazzjoni mhux ikkontrollata;

21. Jirrikonoxxi li r-rimi tal-imħuħ (brain waste) jista' wkoll isir kwistjoni, kemm għall-ekonomija fl-isħuħija tagħha kif ukoll għall-individwi kkonċernati, meta ħaddiema migranti kkwalifikati jintużaw biex jimlew id-defiċit fil-bżonn ta' persuni b'ħilet baxxi; jisħaq fuq il-bżonn għal ħaddiema migranti biex igawdu mill-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-iskemi tal-pensjoni;

22. Jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li ċ-ċittadini tal-UE li jkunu qed jaħdmu u jgħixu fi Stat Membru ospitanti ma jitilfux ftit mid-drittijiet tas-sigurtà soċjali tagħhom jekk mhux ukoll jitilfuhom kollha;

23. Jikkunsidra li l-impatt fuq tul ta' żmien twil tal-immigrazzjoni fil-mod kif tixjieħ popolazzjoni huwa inċert għax jiddependi fuq l-imġiba tal-flussi migratorji, fuq il-familji li jerġgħu jingħaqdu u fuq ir-rata tat-twelid fost il-migranti; jikkunsidra li l-immigranti jistgħu jwasslu għal bilanċ aħjar tas-sistemi tas-sigurtà soċjali jekk ikunu impjegati b'mod legali u għalhekk jikkontribwixxu għall-iffinanzjar tiegħu;

***Pensjonijiet***

24. Jiġbed l-attenzjoni għad-diskriminazzjoni eżistenti kontra l-gruppi vulnerabbli kollha f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-kundizzjonijiet dwaru, speċjalment dawk li għandhom impjieg fejn il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mhumiex mandatorji, li twassal għal rati ta' impjieg iktar baxxi u pagi iktar baxxi u għalhekk inqas opportunitajiet għal dawk il-gruppi li jrid ikollhom pensjonijiet adegwati; jinsisti fuq il-bżonn li jiġu provduti opportunitajiet ugwali għal kulħadd, b'hekk jiġu żgurati rati ta' impjieg ogħla, paga ugwali u drittijiet tal-pensjoni adegwati;

25. Jirrikonoxxi l-fatt li s-sistemi tal-pensjoni pubbliċi jsaħħu s-solidarjetà soċjali u huma r-responsabilità tal-Istati Membri u li l-ħarsien ta' dawn is-sistemi għandu jkun prijorità politika; jemmen li użu ikbar ta' alternattivi għal pensjonijiet iffinanzjati mill-istat, bħal ma huma l-iskemi supplimentari, jista' jkun alternattiva vijabbli; jinnota li l-pensjonijiet privati jistgħu jinkludu skemi ta' pensjoni tax-xogħol supplimentari minn dawk li jħaddmu jew minn organizzazzjonijiet kollettivi oħra u assoċjazzjonijiet u pensjonijiet supplimentari individwali bbażati fuq it-tfaddil; jenfasizza li l-eżistenza ta' pensjonijiet privati jżidu l-bżonn għar-regolazzjoni xierqa tal-fondi tal-pensjoni privati, il-portabilità ta' pensjonijiet bħal dawn u l-promozzjoni u l-modernizzazzjoni kontinwa (inkluża iżjed flessibilità) ta' dawn l-alternattivi; f'dan il-qafas, jemmen li r-riskju għandu jitqies li n-nisa fil-kuntest tas-sistema tal-pensjoni pubblika eżistenti tista' titlef il-kopertura tal-assikurazzjoni jekk id-dispożizzjonijiet privati kellhom jieħdu post din is-sistema, imma li dan ir-riskju jista' jitnaqqas billi jiġu kkreditati l-pensjonijiet indipendenti, il-liv tal-maternità, il-liv tal-paternità u l-waqfien mix-xogħol għal raġunijiet personali;

26. Jistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw bis-serjetà l-ħtieġa li jerġgħu jitfasslu sistemi tradizzjonali tal-pensjonijiet li jkunu bbażati fuq evalwazzjonijiet sistematiċi tar-riskju u s-suppożizzjoni ta' kors ta' ħajja standard li jkun tipiku u jirranġa s-sistema tas-sigurtà soċjali f'konformità mar-riformi tas-sistema tal-pensjoni, billi l-kors ta' ħajja standard kif nafuh ikun qed jinbidel b'mod rapidu u l-hekk imsejħa "patchwork biographies" (esperjenzi ta' xogħol mhux kontinwu tul il-ħajja) se jsiru aktar u aktar komuni; jemmen li dan jaf iwassal għal riskju soċjali ġdid fejn jiżdied in-nuqqas ta' prevedibilità għal ħafna individwi u b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli, speċjalment l-immigranti, il-ħaddiema b'ħiliet baxxi, il-ġenituri waħidhom u dawk b'responsabilitajiet oħra tal-kura; jisħaq li dan jaf iwassal għal tluq bikri mis-suq tax-xogħol jew parteċipazzjoni mnaqqsa fih; jinnota li trasformazzjoni tas-sistemi tal-pensjoni hija wkoll meħtieġa biex jintlaħaq suq tax-xogħol flessibbli;

27. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li sistema ta' pensjonijiet sostenibbli jeħtieġ li tkun adattata għall-isfidi demografiċi u ekonomiċi u jenfasizza li — sakemm hemm disponibilità wiesgħa — struttura bbażata fuq tliet pilastri hija għażla bbilanċjata; jissuġġerixxi li l-pensjonijiet statutorji (l-ewwel pilastru) jkunu appoġġjati minn sistemi ta' pensjonijiet iffinanzjati b'mod kollettiv (it-tieni plastru) u minn prodotti individwali addizzjonali tat-tielet pilastru; jenfasizza l-valur ta' sistemi ta' pensjonijiet li jikkombinaw is-solidarjetà ma' strateġiji ta' investiment fit-tul u prudenti iżda profittabbli, li jħallu qligħ għoli minħabba l-volum; jistieden lill-Kummissjoni sabiex twettaq preparazzjoni ta' qafas xieraq u fattibbli ta' regolamentazzjoni u superviżjoni ta' prodotti ta' pensjonijiet pan-Ewropej; jenfasizza li s-suq intern għall-pensjoniet tax-xogħol u tat-tielet pilastru jippermettu lill-individwi biex igawdu minn arranġamenti ta' pensjoni tax-xogħol li timxi mal-persuna, jistimulaw il-kompetizzjoni u jnaqqsu l-ispiża tat-tfaddil għal meta wieħed jirtira;

28. Josserva li l-predominanza tan-nies li jieħdu ħsieb it-tfal kif ukoll l-anzjani, il-membri tal-familja morda jew b'diżabilità, b'mod volontarju jew involontarju taħt pressjoni mill-attitudnijiet kulturali u n-normi soċjali jew mill-kwalità fqira tal-faċilitajiet għall-kura tat-tfal u faċilitajiet oħra għall-kura (strutturi għall-kura fuq tul ta' żmien twil) huma nisa u għalhekk għandhom iżjed interruzzjonijiet fil-karrieri tax-xogħol tagħhom; jisħaq fuq il-bżonn li n-nisa u l-carers jiġu kkompensati u li jiġu pprovduti b'għażliet reali f'dik li hi t-trobbija tat-tfal fir-rigward ir-responsabilitajiet tal-kura, mingħajr biżgħa minn żvantaġġi finanzjarji possibbli jew li jsofru detriment għall-progressjoni fil-karrieri tagħhom; jilqa' l-azzjoni tal-Istati Membri biex tiġi evitata u kkompensata din is-sitwazzjoni, per eżempju billi jiġi kkreditat il-ħin għall-kura tat-tfal jew tal-familji fl-assikurazzjoni tal-pensjoni statutorja;

29. Jitlob lill-Istati Membri, lill-imsieħba soċjali u lir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tan-nisa biex jagħtu attenzjoni kontinwa għall-effetti possibbli jew reali tar-riformi tas-sistemi tal-pensjoni fuq l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u biex jiġi żgurat li jekk hemm bżonn tittieħed azzjoni rimedjali li tiggarantixxi trattament ugwali;

30. Jitlob li, bħala fatt ta' urġenza, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu passi biex ma jħallux li ssir diskriminazzjoni diretta fl-iskemi tal-pensjonijiet tax-xogħol, li tinkludi l-prattika li l-livelli tal-pagamenti u l-kontributi jkunu msejsa fuq fatturi attwarji bbażati fuq is-sess;

31. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Frar 1997 dwar is-sitwazzjoni tal-konjugi li qed jgħinu persuni li jaħdmu għal rashom ([1]), fejn jintalab, fost ħwejjeġ oħra, għal azzjoni li tiżgura li jkun hemm garanzija ta' affiljazzjoni individwali obbligatorja tal-konjugi li jkunu qed jgħinu lil ħaddiema li jaħdmu għal rashom mal-iskema tal-assikurazzjoni tal-pensjoni;

([1]) ĠU C 85, 17.3.1997, p. 186.

32. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2008 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa f'żoni rurali tal-UE ([1]), li titlob għal darba oħra lill-Kummissjoni biex tippreżenta verżjoni riveduta tad-Direttiva 86/613/KEE tal-11 ta' Diċembru 1986 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel imdaħħla f'attività, inkluża l-agrikultura, f'kapaċità ta' xogħol fejn jaħdmu għal rashom, u dwar il-protezzjoni tan-nisa li jaħdmu għal rashom matul it-tqala u l-ħidma ta' omm ([2]) sa tmiem l-2008 li tipprovdi għal drittijiet indipendenti soċjali u ta' pensjoni għal nisa li jkunu qed jgħinu fil-qasam tal-agrikultura;

33. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-politika tas-servizzi finanzjarji (2005-2010) tal-11 ta' Lulju 2007 ([3]) u jisħaq fuq l-importanza li tiġi żviluppata sigurtà soċjali u suq tal-pensjonijiet Ewropej li jkunu trasparenti u flessibbli, billi jitnaqqsu l-ostakoli fiskali u l-ostakoli għat-trasferabilità tad-drittijiet tal-pensjonijiet minn Stat Membru għal ieħor; huwa tal-opinjoni li l-ħolqien ta' suq intern għall-pensjonijiet jirrikjedi qafas Ewropew li jirregola l-prodotti ta' pensjonijiet;

34. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirrevedi b'mod urġenti d-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitajiet u s-sorveljanza tal-istituzzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-irtirar tax-xogħol ([4]) sabiex jiġi provdut reġim ta' solvenza solidu xieraq għal istituzzjonijiet bħal dawn għad-dispożizzjoni tal-irtirar tax-xogħol, ibbażat fuq il-parir mill-Kumitat għall-Assikurazzjoni Ewropea u s-Superviżuri tal-Pensjonijiet tax-Xogħol u evalwazzjoni tal-impatt dettaljat, li jeżamina kwistjonijiet dwar kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd permezz ta' differenzi fil-kalkolu u s-suppożizzjoni bażiċi għall-kejl tar-responsabilitajiet; jisħaq li reġim bħal dan jista' jkun ibbażat fuq estensjoni ta' ċertu aspetti tal-proposta emendata tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2008 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ftuħ u t-tkomplija tan-negozju tal-assikurazzjoni u l-assikurazzjoni mill-ġdid (Solvenza II) (COM(2008)0119) għall-fondi tal-pensjoni, billi jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-istituzzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-irtirar tax-xogħol, bħal ma hija n-natura fuq tul ta' żmien twil tal-iskemi tal-pensjoni li huma joperaw u t-tip ta' kopertura jew garanziji tar-riskju provduti mill-fondi tal-pensjoni; jikkunsidra li skema speċjali ta' soluzzjoni bħal din għandha ssaħħaħ l-istabilità finanzjarja u tevita l-arbitraġġ regolatorju;

35. Ifakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ħadet deċiżjonijiet kontra ostakoli għal eżenzjonijiet mit-taxxa għall-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni transkonfinali; jenfasizza li eżenzjoni mit-taxxa hija l-aħjar inċentiv għal tfaddil fuq tul ta' żmien twil u li tista' tkun meħtieġa armonizzazzjoni ikbar biex jitneħħew l-ostakoli kollha għall-kontribuzzjonijiet transkonfinali għall-iskemi ta' pensjonijiet;

36. Jinnota t-tendenza attwali biex wieħed jittrasferixxi minn sistemi ta' pensjonijiet li għandhom benefiċċju definit għal sistemi ta' pensjonijiet li għandom il-kontribuzzjonijiet definiti u jinsab imħasseb dwar it-tnaqqis osservat fil-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem, li qed jimxu id f'id ma' din it-tendenza; jenfasizza l-bżonn li jissaħħu l-parteċipazzjoni u l-livelli ta' kontribuzzjoni tal-impjegati fl-iskemi ta' pensjonijiet eżistenti sabiex ikun żgurat dħul xieraq wara l-irtirar għal individwi u jenfasizza l-bżonn li jibqgħu jsiru kontribuzzjonijiet adegwati mingħand min iħaddem, b'mod partikolari fi skemi ta' kontribuzzjonijiet għall-pensjonijiet li għandhom kontribuzzjoni definita; jinsab imħasseb dwar ir-reviżjoni prevista tal-Istandard tal-Verifika Internazzjonali (IAS) 19, rigward il-benefiċċji tal-ħaddiema, minħabba li pereżempju fil-każ tat-tneħħija possibbli tal-hekk imsejjaħ "approċċ kuridur", dan jista' jwassal għal bidliet sinifikanti għas-sistemi ta' pensjoni li jeħtieġ li jkunu evalwati b'attenzjoni, speċjalment rigward effetti negattivi possibbli fuq l-attrazzjoni ta' skemi li għandhom benefiċċju definit;

37. Josserva li, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' ħajja diċenti għal persuni b'diżabilità u biex tiġi evitata "n-nassa tal-benefiċċji", huwa meħtieġ li jiġi provdut kumpens għall-għoli tal-ħajja addizzjonali assoċjat mad-diżabilità u biex din tkun ikkoordinata mas-sistemi tal-pensjoni u l-politiki tal-integrazzjoni soċjali;

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0094.
([2]) ĠU L 359, 19.12.1986, p. 56.
([3]) ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 392.
([4]) ĠU L 235, 23.9.2003, p. 10.

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

***Sostenibilità finanzjarja***

38. Jenfasizza l-bżonn li l-Istati Membri jippreservaw livelli adegwati ta' finanzjament għas-sistemi ta' sigurtà soċjali u tal-pensjonijiet, il-bżonn li jsibu bażijiet ta' taxxa alternattivi u li jkunu b'saħħithom quddiem il-kompetizzjoni miżjuda li tkun ġabet il-globalizzazzjoni; jenfasizza l-importanza li tonqos id-dipendenza mit-tassazzjoni tax-xogħol sabiex tiżdied il-kompetittività tal-ekonomiji tal-Istati Membri u jingħataw aktar inċentivi ta' xogħol; jagħraf il-kumplessità involuta fiċ-ċaqliq lejn tassazzjoni akbar ibbażata fuq il-kapital, minħabba l-bażi ta' taxxa tal-kapital iżgħar u aktar mobilità tal-kapital; jissuġġerixxi li l-bidla favur mezzi ġodda ta' tassazzjoni u/jew alternattivi oħra jistgħu jitqiesu biex titjieb is-sostenibilità finanzjarja tal-infiq soċjali, li jnaqqas il-piż tat-taxxa minn fuq in-nies bi dħul iktar baxx; isostni li l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema jirrappreżentaw investiment għax jirriżultaw fi produttività miżjuda, u din hija waħda mir-raġunijiet għaliex pajjiżi bi nfiq soċjali għoli huma wkoll l-iktar kompetittivi;

39. Jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jiffukaw fuq l-objettivi għal tul ta' żmien medju u twil tal-Patt għall-Istabilità u t-Tkabbir (SGP) u jiżguraw finanzi pubbliċi sostenibbli li jlaħħqu ma' pressjoni ikbar li ġejja minn popolazzjoni li qed tixjieħ; jinnota li l-Kunsill Informali tal-Ministri tal-Ekonomija u l-Finanzi li ltaqa' fi Brdo fil-5 ta' April 2008, ikkonkluda li l-fokus dwar l-infiq soċjali għandu jimxi mill-volum tan-nefqa għall-kisbiet u r-riżultati; jirrakkomanda li l-Kunsill jirrifletti fuq titjib ulterjuri li għandu jsir lill-SGP, pereżempju billi jkun possibbli li investimenti maħsuba għal tul ta' żmien twil, ikunu allokati fuq tul ta' żmien itwal;

40. Jenfasizza li l-Istati Membri għandhom ifasslu l-politiki tal-finanzi tagħhom b'mod sostenibbli billi jaqsmu b'mod ġust il-piż tat-taxxi fost l-impjegati, il-konsumaturi, in-negozji u d-dħul mill-kapital u fost il-ġenerazzjonijiet;

41. Jikkunsidra li r-regolazzjoni għandha tfittex li tiżgura s-solvenza u l-protezzjoni tal-iskemi tal-pensjoni tax-xogħol, mhux inqas fil-każ ta' akkwiżizzjoni jew bidla sinifikanti oħra fis-sjieda jew fil-maniġment;

42. Jitlob lill-Istati Membri biex jinkludu fil-baġits annwali tagħhom fond għall-pagamenti futuri tal-pensjonijiet;

43. Jisħaq fuq il-bżonn li titqies tranżizzjoni f'fażijiet minn skemi ta' pensjoni tat-tip tal-assikurazzjoni bbażati fuq il-kontribuzzjoni konġunta għal dawk ibbażati fuq il-fondi;

***Il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul***

44. Jesprimi l-konvinzjoni li l-miżuri għat-titjib tas-saħħa jfissru bżonn għal investiment li jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-ispejjeż fid-dawl ta' popolazzjoni li dejjem qed tixjieħ u li jistgħu jtejbu l-qagħda b'saħħitha tal-finanzi pubbliċi; jinsisti fuq l-importanza li jkunu ppreservati l-valuri u l-prinċipji li jsaħħu s-sistemi kollha tal-kura tas-saħħa fl-Unjoni Ewropea, li jinkludu l-kopertura universali, is-solidarjetà fil-finanzjament, l-ugwaljanza tal-aċċess u l-provvediment ta' kura tas-saħħa ta' kwalità għolja, minkejja l-bżonn tal-konsum razzjonali tar-riżorsi skarsi; jenfasizza li bit-titjib tal-organizzazzjoni u l-għoti tas-servizzi bi qbil mal-prinċipji tas-sussidjarjetà, hemm il-potenzjal li jitjiebu kemm il-kwalità kif ukoll l-effiċjenza finanzjarja tas-servizzi tas-saħħa;

45. Minħabba ż-żieda fl-ispejjeż ippjanati għall-kura tas-saħħa u għall-kura fit-tul, jikkunsidra li l-Istati Membri għandhom jirriflettu dwar il-finanzjament tagħhom u jqisu l-fatt li, minħabba l-possibilità li se tkun disponibbli inqas kura mhux professjonali minħabba x-xejra lejn familji iżgħar u ta' żieda lejn il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, iż-żieda fil-kura fit-tul tista' tkun ogħla minn dik ippjanata;

46. Jinnota li l-enfasi għandu jitqiegħed fuq persuni li jkollhom bżonn kura tas-saħħa għalja jew fit-tul, persuni u gruppi ta' persuni li jkunu qed jaffaċċjaw problemi ta' aċċess partikolari, bħal ma huma l-minoritajiet etniċi u persuni bi dħul baxx, fuq il-kura għal persuni li jkunu qed isofru minn mard kroniku u fuq l-iżvilupp ta' strutturi ta' appoġġ miftuħa għar-rijabilitazzjoni, l-integrazzjoni soċjali u l-appoġġ għal persuni b'diżabilitajiet fiżiċi jew mentali u l-anzjani, sabiex tiġi evitata l-istituzzjonalizzazzjoni u biex dawn ikunu megħjuna jgħixu b'mod indipendenti;

47. Josserva li l-iffinanzjar pubbliku tal-kura tas-saħħa jgħin fil-protezzjoni kontra r-riskju finanzjarju, indipendentament mir-riskji tas-saħħa personali u għalhekk jappoġġja l-ugwaljanza u s-sigurtà soċjali, billi, kuntrarju għal dan, mekkaniżmi ta' kontribuzzjoni privata jinvolvu riskji limitati jew xejn u normalment jorbtu l-pagamenti mar-riskju ta' nuqqas ta' saħħa u l-kapaċità tal-ħlas, filwaqt li b'mod simultanju jiggarantixxu l-iffinanzjar indipendentament mill-bidla demografika;

48. Jirrikonoxxi l-importanza tal-iffinanzjar pubbliku biex jintlaħaq l-objettiv tas-solidarjetà, u d-diversità kbira tal-livelli tal-iffinanzjar pubbliku u privat tal-kura tas-saħħa fl-Istati Membri; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tagħmel riċerka biex tiddetermina l-livell u/jew il-firxa ta' ffinanzjar pubbliku, li tissodisfa l-objettiv tas-solidarjetà, kemm għas-sistema fit-totalità tagħha kif ukoll għal żoni tas-servizzi partikolari;

49. Jirrikonoxxi l-popolarità li dejjem tiżdied ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq is-suq u l-privatizzazzjoni tal-iffinanzjar tal-kura tas-saħħa bħala rimedju għall-isplużjoni fl-ispejjeż, l-ineffiċjenza u l-problemi tal-kwalità tal-kura, speċjalment fost l-Istati Membri l-ġodda; jirrikonoxxi l-evidenza li dejjem tiżdied li l-privatizzazzjoni funzjonali tas-sistemi tal-assikurazzjoni tas-saħħa soċjali, il-profitabilità u l-kompetizzjoni bejn l-intermedjarji finanzjarji s-soltu jagħmlu l-amministrazzjoni tas-sistemi tal-kura tas-saħħa iżjed għaljin, filwaqt li l-effetti ta' benefiċċju tagħhom f'termini ta' limitazzjoni tal-ispejjeż, effiċjenza u kwalità tal-kura huma dubjużi; għal din ir-raġuni, jirrakkomanda li l-Istati Membri bil-mudell ta' ħallas wieħed jippreservaw dan il-mudell;

50. Jinnota li s-sistemi tal-kura tas-saħħa li huma l-biċċa l-kbira ffinanzjati permezz ta' kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni soċjali bbażati fuq l-impjieg, jistgħu jibbenefikaw mit-twessigħ tal-bażi tad-dħul tat-taxxi biex jinkludu dħul mhux relatat mal-qligħ;

51. Jinnota li, fid-dawl tal-prinċipju tal-libertà li jiġu provduti s-servizzi u d-dritt ta' min huwa assikurat taħt skemi tal-assikurazzjoni tas-saħħa li jagħżel tabib jew stabbiliment b'mod ħieles, mhuwiex permess għall-Istati Membri li jirrifjutaw ir-rimbors liċ-ċittadini tagħhom għal kwalunkwe trattament li jkunu rċevew barra mill-pajjiż iżda l-Istati Membri jistgħu jimponu limiti individwalizzati (fissi) fuq l-ispejjeż miġruba u mhumiex obbligati li jagħtu rimbors għal trattament li ċ-ċittadini nazzjonali tagħhom ma jkunux irċevew f'pajjiżhom;

52. Jitlob lill-Istati Membri biex jevitaw approċċ purament finanzjarju meta jadottaw il-politiki ta' riforma mmirati biex jerġgħu ifasslu qafas legali li jsaħħu s-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali rispettivi;

53. Huwa kompletament konvint li l-punt ta' tluq għal kwalunkwe riforma għandha tkun l-analiżi bir-reqqa tas-sistema tas-saħħa (finanzjarja) eżistenti biex tidentifika n-nuqqasijiet u ż-żoni problematiċi, ikkombinata mal-fehim tal-fatturi kuntestwali li jistgħu jikkontribwixxu għar-riforma li tkun irnexxiet jew li jistgħu iwaqqfu l-istess riforma milli tirnexxi; jistenna lill-Istati Membri li jkunu għal kollox konxji mill-impatt kbir tar-riformi tal-kura tas-saħħa fuq l-operazzjoni, il-kapaċità u l-effiċjenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa rispettivi tagħhom, u tat-theddid li jista' jkollhom miżuri ta' riforma ppreparati b'mod mhux suffiċjenti jew mhux adegwat fuq il-kwalità u d-disponibilità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, fuq is-saħħa taċ-ċittadini, u għalhekk fuq il-kapaċità li wieħed isib impjieg;

54. Jitlob lill-Istati Membri biex jikkunsidraw l-firxa sħiħa ta' funzjonijiet u politiki tal-iffinanzjar tas-saħħa, iżjed milli l-iffukar fuq il-mekkaniżmi tal-kontribuzzjoni waħidhom; huwa konvint li żieda fil-livell tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-impjieg, jew żieda fil-kontribuzzjoni privata tal-pazjenti biex ilaħħqu mal-iżpejjeż tas-servizzi tal-kura tas-saħħa huma politiki b'miri żbaljati li jista' jkollhom konsegwenzi diżastrużi għax dawn jillimitaw b'mod mhux aċċettabbli l-aċċess taċ-ċittadini bi dħul baxx għall-firxa sħiħa ta' servizzi tal-kura tas-saħħa;

55. Huwa konvint li l-aċċess taċ-ċittadini bi dħul baxx għal servizzi tal-kura tas-saħħa ta' kwalità għolja għandu jitqies bħala prijorità ċara li huwa marbut b'mod l-iżjed qrib mal-valuri Ewropej tas-solidarjetà u d-drittijiet ugwali, u li dan jikkostitwixxi prekundizzjoni biex l-objettiv ta' Liżbona dwar l-impjieg totali jintlaħaq b'suċċess sħiħ;

56. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqis l-aspetti tad-drittijiet ugwali taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea għas-sistemi tal-kura tas-saħħa ta’ kwalità għolja, u biex jiġu integrati l-garanziji meħtieġa kontra d-diskriminazzjoni kontra ċittadini relatati mal-iffinanzjar għar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni antidiskriminatorja tal-Komunità, jew kwalunkwe strument leġiżlattiv li jittratta l-kwistjoni tal-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa;

57. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jikkontribwixxu għall-effiċjenza u l-ekwità fis-sistemi tal-kura tas-saħħa rispettivi tagħhom billi jitbaxxa n-numru ta’ gruppi ta’ riskji u — anki aħjar — billi jinħoloq grupp nazzjonali wieħed li jista’ jiffaċilita d-direzzjoni strateġika u l-koordinazzjoni fis-sistema sħiħa tas-saħħa;

*

* *

58. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Kumitat għall-Impjiegi, il-Kumitat għall-Ħarsien Soċjali, u l-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati.

## L-UE u data PNR

P6_TA(2008)0561

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta’ Novembru 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni ta’ Qafas tal-Kunsill dwar l-użu tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (Passenger Name Record - PNR) għal skopijiet ta’ infurzar tal-liġi**

(2010/C 16 E/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-istqarrija tal-Kummissjoni waqt id-dibattitu tal-21 ta’ Ottubru 2008, wara l-mistoqsija orali B6-0476/2008 dwar il-proposta għal Deċiżjoni ta’ Qafas tal-Kunsill dwar l-użu tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (Passenger Name Record - PNR) għal finijiet ta’ infurzar tal-liġi (COM(2007)0654),

— wara li kkunsidra d-dibattiti attwali fil-Kunsill fil-livell ministerjali u ta’ gruppi ta’ ħidma dwar il-proposta msemmija hawn fuq,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet mogħtija mill-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29 u l-Grupp ta’ Ħidma dwar il-Pulizija u l-Ġustizzja,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu [1] dwar il-ftehima tal-PNR bejn l-UE u l-Istati Uniti [2], il-ftehima tal-PNR bejn l-UE u l-Kanada [3], u l-ftehima tal-PNR bejn l-UE u l-Awstralja [4],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi l-Prinċipji tal-Ħarsien tad-Data li għandhom jiġu sodisfati mill-Istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE huma msemmija fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (ECHR), fl-Artikolu 7 u Artikolu 52 tal-Karta tal-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali), Artikolu 286 tat-Trattat KE, Artikolu 5 tal-Konvenzjoni 108 tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Individwi rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku tad-Data Personali, u fuq livell sekondarju mid-Direttiva 95/46/KE tal-24 ta’ Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali u l-moviment ħieles ta’ din id-data [5] u mill-abbozz tadd-Deċiżjoni ta’ Qafas tal-Kunsill dwar il-ħarsien tad-data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudizzjarju fi kwistjonijiet kriminali;

---

(1) ĠU C 61 E, 10.3.2004, p. 381; ĠU C 81 E, 31.3.2004, p. 105; ĠU C 103 E, 29.4.2004, p. 665; ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 464; ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 250; ĠU C 287 E, 29.11.2007, p. 349; ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 564; *Testi Adottati*, 22.10.2008, P6_TA(2008)0512.

(2) ĠU L 204, 4.8.2007, p. 18.

(3) ĠU L 82, 21.3.2006, p. 15.

(4) ĠU L 213, 8.8.2008, p. 49.

(5) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

B. billi kull leġiżlazzjoni tal-UE ġdida għandha tikkonforma mal-prinċipji tal-proporzjonalità u s-sussidjarjetà kif delineati fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-KE u l-Protokoll 30 miegħu,

***Dwar l-aspetti proċedurali***

1. Jirrikonoxxi l-ħtieġa għal koperazzjoni aktar b'saħħitha fil-livell Ewropew u internazzjonali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-reati serji; jirrikonoxxi li l-ġbir u l-ipproċessar tad-data jistgħu ikunu għodda siewja għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi;

2. Hu tal-fehma li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għandhom jiġu pprovduti bl-għodda kollha li jeħtieġu biex iwettqu x-xogħol tagħhom b'mod adegwat, inkluż l-aċċess għad-data; jenfasizza, madankollu, li minħabba li dan it-tip ta' miżuri għandhom impatt fuq il-ħajja personali taċ-ċittadini tal-Unjoni, il-ġustifikazzjoni tagħhom f'termini ta' neċessità, proporzjonalità u utilità li jiksbu l-objettivi tagħhom jeħtieġ li tkun sostanzjata b'mod konvinċenti u jenfasizza li għandu jkun hemm salvagwardji effettivi għall-privatezza u l-protezzjoni legali; jemmen li din hi prekundizzjoni sabiex ikun hemm il-leġittimità politika meħtieġa għal miżura li ċ-ċittadini jistgħu iqisu bħala indħil mhux xierqa fil-privatezza tagħhom;

3. Jiddispjaċih li t-tiswir u l-ġustifikazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni ħallew ħafna inċertezzi legali rigward il-kompatibilità mal-ECHR u mal-Karta tad-Drittijiet fundamentali, iżda wkoll il-bażi legali tagħha, li qajjem mistoqsijiet dwar l-irwol xieraq tal-Parlament fil-proċedura leġiżlattiva; jinnota li l-istess tħassib dwar in-nuqqas ta' ċertezza legali tal-proposta:

— tqajjem fl-opinjonijiet mogħtija mill-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali (FRA), il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) u l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pulizija u l-Ġustizzja;

— jirrikjedi li l-Kunsill jagħmel reviżjoni sostanzjali tal-kamp ta' appikazzjoni u l-impatt possibbli ta' inizjattiva tal-UE futura f'dan il-qasam, u jinkorpora ammonti sinjifikanti ta' informazzjoni addizzjonali, inklużi l-opinjonijiet imsemmija hawn fuq;

4. Iqis li b'dawn il-kundizzjonijiet il-Parlament mhux se jagħti l-opinjoni formali tiegħu skont il-proċedura formali ta' konsultazzjoni sakemm it-tħassib imqajjem f'din ir-riżoluzzjoni ikun ġie indirizzat kif jixraq u tiġi provduta l-informazzjoni minima meħtieġa;

5. Isostni r-riservi qawwija tiegħu dwar il-ħtieġa u l-valur miżjud tal-proposta għat-twaqqif ta' skema tal-PNR tal-UE u s-salwagwardji inklużi fiha, minkejja l-ispjegi u l-kjarifiki mogħtija s'issa mill-Kummissjoni u mill-Kunsill, kemm oralment kif ukoll bil-miktub; josserva, barra minn hekk, li ħafna mill-mistoqsijiet imqajma mill-Parlament Ewropew, mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pulizija u l-Ġustizzja, mill-EDPS u mill-FRA ma ġewx imwieġba b'mod sodisfaċenti;

6. Hu tal-istess fehma bħall-FRA li d-disponibilità biss tal-bażijiet tad-dejta kummerċjali ma tiġġustifikax awtomatikament l-użu tagħhom għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi; barra minn hekk, setgħu jinkisbu l-istess riżultat jekk saħansitra riżultati aħjar billi titjieb l-assistenza legali reċiproka bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi;

7. Jistieden lill-Kunsill, jekk beħsiebu jissokta jeżamina t-test tal-Kummissjoni, biex iqis ir-rakkomandazzjonijiet ta' din ir-riżoluzzjoni u jiġġustifika kif jixraq il-kundizzjonijiet ta' ħtieġa soċjali urġenti li tista' tagħmel dan l-intervent ġdid tal-UE "meħtieġ" kif mitlub fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; iqis li dawn huma l-kundizzjonijiet minimi biex tiġi appoġġjata l-introduzzjoni ta' skema tal-PNR tal-UE; jinsab lest li jagħti kontribut u jipparteċipa f'din il-ħidma fil-livell kollha;

8. Itenni t-talbiet tiegħu għal kjarifika tar-relazzjoni bejn l-użu tal-PNR u miżuri oħrajn bħalma huma d-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE (1) tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu tat-trasportaturi li jikkomunikaw data dwar il-passiġġieri, l-iskema Dħul-Ħruġ proposta, is-Sistema Elettronika għall-Awtorizzazzjoni tal-Ivvjaġġar, il-bijometrika fil-passaporti u l-viżi, is-SIS, il-VIS, ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (2) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, u l-iskemi ta' protezzjoni tal-fruntieri nazzjonali; jinnota b'dispjaċir li l-implimentazzjoni ta' wħud minn dawn il-miżuri sofriet dewmien konsiderevoli u jqis li evalwazzjoni sħiħa u sistematika tal-mekkaniżmi u l-għodda attwali ta' koperazzjoni għas-sigurtà tal-UE u ta' Schengen immirati biex jiżguraw is-sigurtà fl-avjazzjoni, jipproteġu l-fruntieri esterni, u jiġġieldu t-terroriżmu jistgħu jgħinu biex ikun evalwat il-valur miżjud tal-iskema tal-PNR tal-UE propost;

9. Ifakkar li d-dibattitu dwar il-bażi legali xierqa għall-proposta għadu miftuħ u jtenni li skont l-Artikolu 47 tat-Trattat UE, il-miżuri leġiżlattivi fil-qafas tal-koperazzjoni ġudizzjali u tal-pulizija għandhom jiġu akkumpanjati mill-miżuri Komunitarji meħtieġa li għandhom jiġu adottati b'kodeċiżjoni mal-Parlament fl-aspetti kollha relatati mal-ewwel pilastru, b'mod partikolari dawk li jiddefinixxu l-firxa tal-obbligi li jridu jiġu mwettqa mill-operaturi ekonomiċi (3);

10. Ifakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej diġà kkontestat il-ftehima tal-PNR bejn l-UE u l-Istati Uniti għal raġunijiet ta' bażi legali ħażina; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni biex teżamina bir-reqqa liema bażi legali huwa xieraq;

11. Iqis li, b'relazzjoni mat-tressiq tal-leġiżlazzjoni l-ġdida, il-parlamenti nazzjonali għandhom ikunu involuti b'mod sħiħ fil-proċess leġiżlattiv, minħabba l-impatt tal-proposta kemm fuq iċ-ċittadini kif ukoll fuq l-ordnijiet legali nazzjonali tal-Istati Membri;

12. Jenfasizza li leġiżlazzjoni ġejjiena possibbli li tistabbilixxi l-PNR tal-UE bħal qafas ġdid għall-koperazzjoni tal-pulizija tal-UE għandha tinkludi dispożizzjonijiet għal evalwazzjoni perjodika tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni, is-siwi u l-ksur ta' salvagwardji; iqis li l-parlamenti nazzjonali, l-EDPS, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 u l-FRA għandhom jiġu mistiedna jkollhom sehem fir-reviżjoni kif ukoll fl-evalwazzjoni; għaldaqstant, iqis, li l-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tinkludi klawżola ta' tmiem awtomatiku;

13. Jenfasizza f'dan il-kuntest, li kull Stat Membru għandu r-responsabilità inizjali għall-ġbir ta' dik id-data tal-PNR u għall-protezzjoni tagħha; jenfasizza li s-salvagwardji huma obbligatorji, meta din id-data tal-PNR tiġi trażmessa, skambjata jew trasferita lejn jew bejn Stati Membri oħra; għaldaqstant hu tal-opinjoni li l-aċċess għad-data tal-PNR skambjata bejn Stati Membri għandha tkun strettament limitata biss għal dawk l-awtoritajiet li jaħdmu kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata; iqis li aġenziji oħra tal-infurzar tal-liġi jistgħu jingħataw aċċess suġġett għall-approvazzjoni tal-qorti;

***Sussidjarjetà***

14. Jinnota bi tħassib li l-ħtieġa għal azzjoni Komunitarja għadha ma ntwerietx biżżejjed; f'dan ir-rigward, jistaqsi dwar dak li qiegħda tgħid il-Kummissjoni li l-għan iddikjarat tal-proposta huwa l-armonizzazzjoni tal-iskemi nazzjonali, meta huma biss ftit l-Istati Membri li għandhom sistema għall-użu tad-data tal-PNR għall-infurzar tal-liġi u skopijiet oħrajn, jew pjanijiet għal tali skema. iqis, għalhekk, li l-proposta tal-Kummissjoni ma tarmonizzax is-sistemi nazzjonali (ladarba dawn ma jeżisux), imma sempliċement toħloq l-obbligu fuq l-Istati Membri kollha illi jwaqqfu sistema bħal din;

15. Jinnota li l-Kummissjoni tipproponi skema "diċentralizzata", illi tfisser illi l-valur miżjud Ewropew huwa wisq inqas ċar;

(1) ĠU L 261, 6.8.2004, p. 24.

(2) ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1.

(3) Ara b'mod partikolari, l-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill dwar dan is-suġġett u l-Konklużjonijiet riċenti tal-Avukat Ġenerali mogħtija fl-14 ta' Ottubru 2008 fil-każ C-301/06 l-Irlanda kontra l-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar id-Direttiva 2006/24/KE dwar iż-Żamma ta' Data.

***Il-proporzjonalità***

16. Ifakkar li l-Artikolu 8 tal-ECHR u l-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jesiġu li indħil daqshekk kbir fid-dritt għall-ħarsien tad-data personali jkun leġittimu u ġġustifikat bi bżonn soċjali urġenti, skont il-liġi u proporzjonat għall-fini maħsub, li għandu jkun meħtieġ u ġenwin f'soċjetà demokratika; jiddeplora, f'dan ir-rigward, il-fatt li l-għan ta' din il-miżura eventwali ta' koperazzjoni bejn il-pulizija mhix limitata għal kwistjonijiet bħall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata;

17. Huwa mħasseb li l-proposta essenzjalment tagħti lill-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi aċċess għad-data kollha; jirrimarka li l-Kummissjoni ma turix il-ħtieġa għal setgħat ġodda għall-infurzar tal-liġi, u lanqas li dan l-objettiv ma jistax jintlaħaq b'miżuri b'anqas konsegwenzi; jikkritika l-fatt li ma hemmx tagħrif dwar kif is-setgħat eżistenti tal-infurzar tal-liġi ma jlaħħqux mal-ħtieġa, u fejn u meta l-awtoritajiet b'mod dimonstrabbli ma kellhomx is-setgħat meħtieġa biex jilħqu l-objettiv iddikjarat; jitlob li ssir reviżjoni tal-miżuri eżistenti msemmijin aktar 'l isfel qabel ma jsir żvilupp ulterjuri tas-sistema tal-PNR tal-UE;

18. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li "l-UE setgħet tivvaluta l-valur tad-data tal-PNR u tirrealizza l-potenzjal tagħha għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi" imma jenfasizza li sal-lum għad m'hemmx evidenza li tissostanzja din id-dikjarazzjoni, peress li:

— kwalunkwe informazzjoni miġjuba sal-lum mill-Istati Uniti hija aneddottali u l-Istati Uniti qatt ma tat prova b'mod konklussiv li l-użu sistematiku u fil-kobor tad-data tal-PNR huwa meħtieġ fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja,

— s'issa kien hemm biss reviżjoni konġunta waħda tal-ftehima tal-PNR bejn l-UE u l-Istati Uniti, li fliet biss l-implimentazzjoni u mhux ir-riżultati;

— il-konklużjonijiet preliminari mis-sistema tar-Renju Unit għall-użu tad-data tal-PNR tirreferi għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi, minbarra l-ġlieda kontra t-terroriżmu, li huma barra mill-iskop tal-proposta tal-Kummissjoni, u l-użu tal-PNR fuq bażi ta' kull każ għalih fl-ambitu tal-investigazzjonijiet li għaddejjin bħalissa, fuq il-bażi ta' mandat u ta' kawża ġusta; sa issa ma jipprovdu l-ebda evidenza tal-utilità tal-kollezzjoni ta' massa u l-użu tad-dejta tal-PNR għal skopijiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu;

**Il-limitazzjoni tal-iskop**

19. Jenfasizza li l-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop huwa wieħed mill-prinċipji bażiċi tal-ħarsien tad-data; jirrimarka, b'mod partikolari, li l-Konvenzjoni 108 tgħid li d-data personali għandha tkun '*maħżuna għal skopijiet speċifikati u leġittimi u m'għandhiex tintuża b'mod inkompatbibbli ma' dawk l-iskopijiet*' (Artikolu 5(b)); jinnota wkoll li d-derogi minn dan il-prinċipju huma permessi biss sakemm tipprovdi għalihom il-liġi u jikkostitwixxu miżura neċessarja f'soċjetà demokratika u fl-interessi, inter alia, tas-"soppressjoni tar-reati kriminali" (Arrtikolu 9); jirrimarka li l-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tagħmilha ċara li dawn id-derogi jridu jkunu proporzjonati, preċiżi u prevedibbli, skont l-Artikolu 8 (2) tal-ECHR;

20. Jiddeplora n-nuqqas ta' limitazzjoni preċiża tal-iskop li hija garanzija essenzjali fl-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi, u jqis li din il-protezzjoni hija aktar importanti għal dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri ta' sorveljanza sigrieta, minħabba r-riskji akbar ta' arbitrarjetà f'ċirkostanzi bħal dawn; iqis li, billi l-għanijiet u d-definizzjonijiet iddikjarati huma impreċiżi u mhux determinati, dawn għandhom ikunu speċifikati b'mod strett sabiex l-iskema tal-PNR tal-UE ma tiġix attakkata legalment;

21. Itenni li d-data tal-PNR tista' tkun utli ħafna bħala evidenza li tappoġġja u addizzjonali f'investigazzjoni speċifika fuq persuni magħrufa ssuspettati bit-terroriżmu u fuq dawk kompliċi magħhom. jirrimarka, madankollu, li m'hemm l-ebda evidenza li d-data tal-PNR hija utli għal tiftix u analiżi fuq il-bażi ta' kriterji jew xejriet ta' riskju (jiġifieri, il-profiling jew data mining) fit-tfittxija għal terroristi potenzjali ([1]);

([1]) Rapport CRS għall-Kungress Amerikan "Data Mining and Homeland Security: An Overview" ta' Jeffrey Seifert; "Effective Counter-terrorism and the Limited Role of Predicative Data Mining" tal-Istitut CATO; "Protecting Individual Privacy in the Struggle Against Terrorists: A Framework for Program Assessment"; "No dream ticket to security" minn Frank Kuipers, tal-Clingendael Institute, Awwissu 2008.

22. Jenfasizza, barra minn hekk, li r-regoli tal-UE għall-ħarsien tad-data jipprojbixxu l-*profiling* fuq il-bażi ta' data personali (l-Artikolu 8 tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali u l-ECHR); jaqbel, għalhekk, mal-opinjoni tal-FRA li l-*profiling* ibbażat fuq id-data tal-PNR għandu jkun immexxi mis-servizzi sigrieti, ibbażat fuq każijiet individwali u parametri fattwali;

23. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-miżuri li jenfasizzaw l-użu indiskriminat tad-data tal-PNR għall-*profiling* u għad-definizzjoni tal-parametri tal-evalwazzjoni tar-riskju; ifakkar li kull tip ta' *profiling* ibbażat fuq l-etniċità, in-nazzjonalità, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni sesswali, il-ġeneru, l-età jew il-kundizzjoni medika għandu jkun ipprojbit minħabba l-inkompatibilità tiegħu mal-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni ddefinita fit-Trattati tal-UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundmanetali;

24. Ifakkar li, f'każ li jkun hemm twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jiċċaraw b'mod dettaljat għal kull skop iddikjarat x'użu se jsir mid-data tal-PNR u għaliex is-setgħat eżistenti tal-infurzar tal-liġi mhumiex biżżejjed; iqis li, għal kull skop speċifiku, għandha tiġi stabbilita l-bażi legali xierqa;

***Il-ħarsien tad-data personali***

25. Jenfasizza li l-adozzjoni ta' qafas adegwat għall-ħarsien tad-data skont it-tielet pilastru hija pre-kondizzjoni assoluta għal kull skema tal-PNR tal-UE, kif inhuma wkoll ir-regoli speċifiċi għat-trasferiment u l-użu tad-data tal-PNR li ma jkunux koperti mill-qafas tal-UE għall-ħarsien tad-data għall-ewwel u t-tielet pilastru; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi ċċarat liema regoli tal-ħarsien tad-data japplikaw għall-Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġier (PIUs) u li jiġi żgurat li jkun hemm traċċabilità ta' kull aċċess, trasferiment u użu tad-data tal-PNR;

26. Jenfasizza li data sensittiva tista' tiġi użata biss fuq bażi ta' kull każ għalih fil-kuntest ta' investigazzjoni jew prosekuzzjoni regolari, u miksuba b'mandat legali; jinnota t-tħassib tal-linji tal-ajru minħabba li data sensittiva ma tistax tiġi sseparata mill-osservazzjonijiet ġenerali; għaldaqstant jappella sabiex ikun hemm definizzjoni tal-kundizzjonijiet rigorużi għall-ipproċessar ta' din id-data mill-PIUs, kif definit fl-opinjoni tal-FRA;

***Id-dettalji tal-implimentazzjoni***

27. Jenfasizza li, fir-rigward taż-żmien ta' ħażna, il-Kummissjoni ma tiġġustifikax il-perjodu propost ta' żamma; iqis, madankollu, li għall-finijiet tal-iżvilupp ta' indikaturi tar-riskju u tal-istabbiliment ta' xejriet ta' safar u ta' mġiba, id-data anonimizzata għandha tkun biżżejjed; iqis ukoll li jekk l-ambitu tal-iskema PNR jiġi estiż, il-perjodi ta' żamma jridu jiġu ġġustifikati separatament għal kull skop;

28. Itenni li t-trasferimenti tad-data għandhom isiru biss bl-użu tal-metodu PUSH u li pajjiżi terzi ma jkollhomx aċċess dirett għall-PNR fis-sistemi ta' bbukkjar tal-UE;

29. Jilqa' l-fatt li, fir-rigward tal-aċċess għad-data tal-PNR il-proposta tgħid li l-entitajiet kollha li għandhom aċċess għad-data tal-PNR għandhom jitniżżlu f'lista eżawrenti;

30. Jisħaq li, fir-rigward tat-trasferimenti lejn pajjiżi terzi, id-data ma tistax tiġi ttrasferita lil pajjiżi terzi sakemm dawn il-partijiet terzi kkonċernati ma jagħtux garanziji dwar il-livell adegwat ta' ħarsien (kif speċifikat fid-Direttiva 95/46/KE u fl-istrumenti legali li jistabbilixxu l-Europol u l-Eurojust) jew jingħataw salvagwardji xierqa minn pajjiżi terżi kkonċernati (b'konformità mal-Konvenzjoni 108), u li t-trasferimenti jsiru biss fuq bażi ta' kull każ għalih;

31. Itenni li l-passiġġieri għandhom ikunu mgħarrfa b'mod sħiħ u b'manjiera aċċessibbli dwar id-dettalji tal-iskema u dwar drittijiethom, u li l-awtoritajiet tal-Istat Membru huma responsabbli għall-għoti ta' din l-informazzjoni; jissuġġerixxi li għandu jintuża l-eżempju tal-informazzjoni dwar l-"imbark miċħud" fl-ajruporti; iqis li huwa essenzjali li jiġi ddefinit dritt ta' aċċess, rettifika u appell għall-passiġġieri;

32. Jitlob li jiġu stipulati regoli dettaljati u armonizzati dwar is-sigurtà tad-data tal-PNR, kemm f'termini kemm ta' soluzzjonijiet tal-IT kif ukoll f'termini ta' regoli ta' awtorizzazzjoni u ta' aċċess.

***Il-konsegwenzi għat-trasportaturi bl-ajru***

33. Jinnota li t-trasportaturi bl-ajru jiġbru data tal-PNR għall-għanijiet kummerċjali u li d-data mhix miġbura sistematikament biex jimtlew it-taqsimiet kollha tal-PNR; jinsisti li l-linji tal-ajru m'għandhomx ikunu meħtieġa li jiġbru data aktar minn dik li qed jiġbru għall-finijiet kummerċjali tagħhom; iqis li t-trasportaturi bl-ajru m'għandux ikollhom ir-responsabilità li jivverifikaw jekk ir-rekords humiex sħaħ jew preċiżi, u lanqas m'għandhom jiġu applikati sanzjonijiet għal data mhux sħiħa jew mhux korretta; jitlob li jkun hemm evalwazzjoni ċara tal-ispejjeż involuti fl-iskema tal-PNR tal-UE; iqis li kwalunkwe spiża ulterjuri għandhom jagħmlu tajjeb għaliha l-partijiet li qed jagħmlu t-talba.

***L-intermedjarji/Unitajiet għall-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri (PIUs)***

34. Isejjaħ għal definizzjoni ċara tal-irwol u s-setgħat tal-PIUs, b'mod partikulari f'termini tat-trasparenza u r-responsabilità demokratika u sabiex jiġu stipulati regoli adegwati dwar il-ħarsien tad-data; jitlob li l-irwol tal-PIUs ikun limitat għat-trasferiment tad-data lill-awtoritajiet kompetenti, sabiex ikun żgurat li l-evalwazzjonijiet tar-riskju jkunu jistgħu jitwettqu biss mill-awtoritajiet kompetenti u fl-ambitu ta' inkjesta; jitlob kjarifika tal-liġi li għandha tirregola l-evalwazzjoni tar-riskju magħmula mill-PIU, u r-responsabbiltà tal-awtortitajiet ta' ħarsien tad-dejta f'każijiet fejn l-Istati Membri jikkooperaw biex iwaqqfu PIU konġunt

*

* *

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data, lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 u lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pulizija u l-Ġustizzja.

---

## Għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri

P6_TA(2008)0562

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-ħolqien ta' faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja fuq medda medja ta' żmien għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri**

(2010/C 16 E/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-31 ta' Ottubru 2008 għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 332/2002 li joħloq faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja fuq medda medja ta' żmien għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (COM(2008)0717),

— wara li kkunsidra li r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Ottubru 2008 għal deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti għajnuna reċiproka lill-Ungerija u proposta għal deċiżjoni tal-Kunisll li tipprovdi għajnuna fuq medda medja ta' żmien għall-Ungerija (COM(2008)0716),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja fuq medda medja ta' żmien għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri ([1]) u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2001 dwar għajnuna finanzjarja fuq medda medja ta' żmien għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 100 u 119 tat-Trattat tal-KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Kummissjoni tirrakkomanda l-għoti ta' għajnuna finanzjarja fuq medda medja ta' żmien lill-Ungerija sa EUR 6 500 000 000 fuq il-bażi tal-Artikolu 119 tat-Trattat, flimkien ma' arranġament tal-IMF,

B. billi strateġija globali għal għajnuna finanzjarja fuq medda medja ta' żmien għall-Istati Membri kollha hija preferita,

C. billi wieħed għandu jżomm f'moħħu l-impatt tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali attwali,

D. billi l-ekonomiji tal-Istati Membri li dan l-aħħar daħlu fl-Unjoni Ewropea ma jibbenefikawx mill-vantaġġi li jkollhom valuta ta' riżerva tagħhom stess,

E. billi l-valuti ta' dawk l-Istati Membri reċentement ġew suġġetti għal azzjonijiet spekulattivi qawwija u l-kobor tal-iżbilanċi esterni attwali prinċipalment kien ikkaġunat minn espansjoni b'saħħitha tal-kreditu mhux governattiv,

F. billi hemm il-bżonn ta' politiki li jindirizzaw il-problemi speċifiċi ta' dawk l-ekonomiji tal-Istati Membri meta mqiegħda fl-isfond tal-kriżi finanzjarja globali u r-reċessjoni li qed tinfirex fl-Ewropa,

G. billi l-ispazju ta' mmanuvrar tal-politika tal-baġit sabiex jiġu indirizzati żbilanċi esterni kbar u sabiex tiġi evitata instabilità finanzjarja jaf ikun pjuttost limitat meta wieħed iqis ir-reċessjoni ekonomika attwali li qed tinfirex madwar l-Unjoni Ewropea,

1. Jemmen li l-Istati Membri barra miż-żona tal-Euro għandhom ikunu mħeġġa li jfittxu għajnuna finanzjarja potenzjali fuq medda medja ta' żmien fir-rigward tad-defiċit tal-bilanċi ta' pagament fi ħdan il-Komunità qabel ifittxu għajnuna fuq il-livell internazzjonali;

2. Iqis li s-sitwazzjoni attwali hija prova ulterjuri tar-rilevanza tal-Euro fir-rigward tal-ħarsien tal-Istati Membri fiż-żona tal-Euro u jistieden lill-Istati Membri barra minn din iż-żona biex jingħaqdu magħha malli jilħqu l-kriterji ta' Maastricht;

3. Jistieden lill-Kummissjoni biex tanalizza fid-dettall b'liema mod l-imġiba tal-banek individwali li ċaqalqu l-assi tagħhom mill-Ungerija wara l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' salvataġġ minn Stati Membri oħra laqtu l-bilanċi ta' pagament tal-Ungerija;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex teżemina bir-reqqa l-azzjonijiet spekulattivi ('short-selling') kontra l-valuti tal-Istati Membri li ngħaqdu iktar reċentement, u x'jista' jsir biex jiġi evitat li l-fiduċja fil-valuti u fis-sistemi bankarji lokali tagħhom jittieklu b'mod drastiku;

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkomunika r-riżultati ta' dawk l-analiżi lill-grupp de Larosière u lill-Kumitat responsabbli tal-Parlament;

---

([1]) ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU C 72 E, 21.3.2002, p. 312.

6. Jirrikonoxxi li huwa meħtieġ li jiżdied b'mod sinifikanti l-limitu massimu għall-ammont ta' self li jkun għadu pendenti li jingħata lill-Istati Membri stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 332/2002 ladarba mill-adozzjoni tiegħu l-għadd ta' Stati Membri barra miz-zona Euro żdied b'mod sostanzjali; jenfasizza li żieda bħal din se ssaħħaħ ukoll il-flessibilità tal-Komunità bħala reazzjoni għal rikjesti ulterjuri għal għajnuna finanzjarja għal żmien medju bħal fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali attwali;

7. Jiġbed l-attenzjoni li ma jkun hemm ebda impatt baġitarju jekk jiżdied il-limitu tal-għoti b'self għaliex dan jiġi missellef mill-Kummissjoni fis-swieq finanzjarji u l-Istati Membri benefiċjarji jkollhom iħallsuhom lura; jenfasizza li l-uniku impatt baġitarju possibbli jkun meta Stat Membru jonqos milli jrendi lura d-dejn li jkun ingħata;

8. Ifakkar li qabel id-diffikultajiet finanzjarji attwali tal-Ungerija, ir-Regolament (KE) Nru 332/2002 ilu ma jiġi applikat mill-2002 li hija s-sena tal-adozzjoni tiegħu, u li l-predeċessur tiegħu, ir-Regolament (KEE) Nru 1969/88 ([1]) li jimplimenta l-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 119 tat-Trattat, kien applikat darbtejn, darba fil-Greċja fl-1991 u darba fl-Italja fl-1993, u li l-Greċja u l-Italja rrispettaw bis-sħiħ l-impenji tagħhom lejn il-Kummissjoni;

9. Ifakkar li l-Parlament talab li l-Kunsill jeżamina, kull sentejn, fuq il-bażi ta' rapport mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Parlament u wara li tkun tressqet l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, jekk il-faċilità stabbilita twettaqx il-bżonnijiet li wasslu għall-ħolqien tagħha; jistaqsi jekk dawn ir-rapporti ġewx imfassla mill-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 332/2002 'l hawn;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Ewrogrupp u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

([1]) ĠU L 178, 8.7.1988, p. 1.

# Ir-reazzjoni tal-UE għas-sitwazzjoni fil-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo

P6_TA(2008)0563

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar ir-reazzjoni tal-UE għas-sitwazzjoni li sejra għall-agħar fil-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

(2010/C 16 E/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) tal-11 ta' Novembru 2008,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2008 dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo: il-ġlied fiż-żoni tal-fruntiera tal-Lvant tar-RDK ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Frar 2008 dwar il-Kivu tat-Tramuntana ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2008 dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u dwar l-istupru bħala reat tal-gwerra ([3]) u r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK,

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0526.
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0072.
([3]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0022.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2007 dwar ir-reazzjoni tal-Unjoni Ewropea għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità f'pajjiżi li qed jiżviluppaw ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-22 ta' Novembru 2007 tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE dwar is-sitwazzjoni fir-RDK, b'mod partikolari fil-Lvant tal-pajjiż, u l-impatt tagħha fuq ir-reġjun,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2007 bl-isem Lejn reazzjoni tal-UE għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità — l-involviment f'ambjenti diffiċli għall-iżvilupp sostenibbli, l-istabilità u l-paċi (COM(2007)0643) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni anness magħha (SEC(2007)1417),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 60/1 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-24 ta' Ottubru 2005 dwar ir-Riżultati tas-Samit Dinji tal-2005, u b'mod partikolari l-paragrafi 138 sa 140 dwar ir-responsabilità tal-ħarsien tal-popolazzjonijiet,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tas-Samit tal-Komunità tal-Iżvilupp tal-Afrika tan-Nofsinhar, li wriet li kienet lesta li tibgħat truppi għaż-żamma tal-paċi lejn it-Tramuntana tal-Kivu "jekk ikun meħtieġ",

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2008 dwar is-sitwazzjoni fin-naħa tal-Lvant tar-RDK,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-missjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp fil-Kivu tat-Tramuntana fl-2008,

— wara li kkunsidra l-Kunses Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja ffirmat fit-18 ta' Diċembru 2007,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-ġlied bejn l-armata tar-RDK, il-milizja tal-Mai Mai, it-truppi ribelli mill-Kungress Nazzjonali għad-Difiża tal-Poplu (CNDP) tal-Ġeneral Laurent Nkunda li tkeċċa mill-armata, u l-ġellieda tal-Forzi Demokratiċi għal-Liberazzjoni tal-Irwanda (FDLR) kif ukoll it-truppi tal-Armata ta' Reżistenza tal-Mulej tal-Uganda żdied u qed ikompli jikkawża tbatija kbira għall-popolazzjonijiet ċivili fil-Kivu tat-Tramuntana,

B. wara nhar il-Ħadd, 16 ta' Novembru 2008, il-mibgħut tan-NU, l-ex-President Niġerjan Olusegun Obasanjo, iltaqa' mal-mexxej tar-ribelli Laurent Nkunda u laħaq ftehim miegħu dwar il-ħolqien ta' kumitat tripartitiku biex jissorvelja l-waqfien mill-ġlied bejn l-armata u r-ribelli, u billi hemm ħtieġa urġenti għall-appoġġ tas-setgħat li huma sħab tal-pajjiżi kkonċernati, bil-għan li jiġi żgurat li jkun hemm soluzzjoni,

C. billi qed isiru sforzi diplomatiċi internazzjonali intensi li jinvolvu medjaturi Ewropej u reġjonali, bil-għan li jkun evitat li jikber il-ġlied fil-Kivu tat-Tramuntana u jwassal għal gwerra oħra fil-Kongo bħal dik tal-1998-2003, li kienet akbar u kienet tinvolvi sitt stati ġirien; billi samit reġjonali dwar il-kriżi fil-Lvant tar-RDK kien organizzat fis-7 ta' Novembru 2008 f'Najrobi;

D. billi mindu bdiet il-vjolenza, miljuni ta' nies inqatlu jew ġew spustjati u billi madwar 250 000 ruħ ġew spustjati mindu l-Ġeneral Laurent Nkunda reġa' beda l-ġlied fir-RDK f'Awwissu, li wassal għal katastrofi umanitarja fil-lvant tal-pajjiż,

([1]) ĠU C 282 E, 6.11.2008, p. 460.

E. billi minkejja l-mandat tagħha li ngħatalha mill-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, li jawtorizzaha biex tuża l-mezzi kollha meħtieġa biex jiskuraġġixxu kull attentat ta’ użu ta’ forza, u biex jipproteġu l-popolazzjoni ċivili, il-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-RDK (MONUC):

— ma kellhiex il-mezzi meħtieġa biex tipproteġi lin-nies ċivili mindu reġa’ beda l-ġlied fil-Lvant tar-RDK kif ukoll biex tiddiżarma u tirripatrija l-ġellieda Hutu mir-Rwanda li qegħdin fit-territorju tar-RDK,

— ġiet imġiegħla tistenna l-awtorizzazzjoni mill-Indja u mill-Pakistan biex tibgħat suldati Indjani u Pakistani għall-ġlied, għall-kuntrarju tad-dispożizzjonijiet tal-mandat, li fuq il-bażi tiegħu l-MONUC ntbagħtet fir-RDK,

— ma intervenietx biex twaqqaf il-massakru ta’ aktar minn 200 ruħ li seħħ fil-5 ta’ Novembru 2008 f’Kiwandja minkejja l-fatt li waħda mill-bażijiet militari tagħha tinsab hemmhekk,

F. billi fil-11 ta’ Novembru 2008 l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ddiskuta għal darba oħra s-sitwazzjoni fil-Lvant tar-RDK mingħajr ma laħaq qbil li l-MONUC tissaħħaħ bi 3 000 suldat ieħor, kif mitlub mill-MONUC,

G. billi minn total ta’ 17 000 suldat tal-MONUC preżenti fit-territorju tar-RDK, 6 000 suldat biss qegħdin fil-Kivu tat-Tramuntana,

H. billi l-Istati Membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU — li jinkludi l-Belġju, Franza, l-Italja u r-Renju Unit — dejjem irrifjutaw li jagħtu mezzi ulterjuri lill-MONUC sabiex twettaq il-missjoni tagħha; billi l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea qed jitlob li jkun hemm koperazzjoni msaħħa bejn l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-MONUC,

I. billi wara l-inizjattiva tal-Kummissarju Ewropew Louis Michel, ġie organizzat samit reġjonali f’Najrobi, li matulu Joseph Kabila, il-Presidenti tar-RDK, u Paul Kagame, il-President tar-Rwanda, qablu li jimplimentaw minnufih il-ftehimiet kollha li saru fl-imgħoddi sabiex jiġi żgurat li jkun hemm paċi u stabilità politika sostenibbli,

J. billi, madankollu, wara dik il-laqgħa ma seħħ ebda waqfien immedjat mill-ġlied fil-Lvant tar-RDK, u ssokta l-ġlied vjolenti bejn il-partijiet fil-kunflitt, li laqat b’mod qawwi lill-popolazzjoni ċivili,

K. billi l-MONUC stabbiliet b’mod ċar li l-ġellieda ta’ Laurent Nkunda qed jirċievu appoġġ mir-Rwanda, u s-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Ban Ki-moon stieden lill-mexxejja Afrikani biex jassumu r-’responsabilità storika’ tagħhom ’f’dan il-mument kruċjali għar-reġjun, għall-Afrika u għad-dinja’,

L. billi l-organizzazzjonijiet umanitarji huma bħalissa responsabbli għal 200 000 refuġjat fil-kampijiet madwar il-belt ta’ Goma u jagħtu stima li jista’ jkun hemm sa miljun persuna ċivili mistoħbija fl-imsaġar sabiex jaħarbu mill-vjolenza; billi l-qagħda fil-kampijiet tar-refuġjati qegħda ta’ kuljum tmur għall-agħar u l-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Refuġjati jinsab ħosbien minħabba l-possibilità li l-kampijiet tar-refuġjati jiġu mmilitarizzati,

M. billi r-reklutaġġ tas-suldati tfal fil-Lvant tar-RDK żdied b’mod sinifikanti mindu kiber il-kunflitt,

N. billi jidher li kemm it-truppi tar-RDK kif ukoll il-ġellieda tal-FDLR huma involuti fl-isfruttament u l-bejgħ tal-minerali fil-Lvant tar-RDK,

O. billi l-pjan biex tintemm il-kriżi fil-lvant tal-pajjiż, stabbilit mill-parlamentari tar-RDK, jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali favur id-djalogu militari, politiku u diplomatiku bejn il-partijiet involuti fil-kunflitt,

P. billi l-Ministri tal-Affarijiet Barranin ta' Franza u tar-Renju Unit, Bernard Kouchner u David Milliband, irrakkomandaw li aħjar tissaħħaħ l-MONUC minflok tintbagħat forza Ewropea fil-Kivu tat-Tramuntana iżda fl-istess ħin iddikjaraw li l-possibilità li tintbagħat forza Ewropea ma kenitx eskluża jekk isir meħtieġ,

Q. billi l-qagħda tal-epidemiji fil-Kivi tat-Tramuntana qed tmur għall-agħar, bil-kolera, il-ħożba u s-sogħla konvulsiva qed jinfirxu minħabba li għadd kbir ta' persuni spustjati qed jingħataw kenn f'siti temporanji,

1. Hu mħasseb ħafna dwar il-fatt li żdied il-ġlied fil-Kivu tat-Tramuntana u dwar il-konsegwenzi għall-popolazzjoni tal-lvant tar-RDK u r-reġjun kollu kemm hu, b'mod partikolari l-konsegwenzi umanitarji li jirriżultaw mill-offensiva riċenti, li wasslet għall-ispustjar u l-qtil ta' għadd kbir ta' nies fil-Kivu tat-Tramuntana;

2. Jesprimi r-rabja kbira tiegħu dwar il-massakri, id-delitti kontra l-umanità u l-atti ta' vjolenza sesswali kontra n-nisa u t-tfajliet fil-provinċji tal-Lvant tar-RDK u jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali rilevanti kollha biex iressqu sistematikament lil dawk kollha li wettqu dawn l-atti quddiem qorti; jistieden lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, biex b'mod urġenti jieħu l-miżuri kollha li jistgħu verament jipprevjenu aktar attakki oħra fuq il-popolazzjoni ċivili tal-provinċji tal-Lvant tar-RDK;

3. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex iżidu l-għajnuna umanitarja għall-popolazzjoni ċivili effettwata minn din il-krizi; jiġbed l-attenzjoni għad-diffikultajiet li qed jiffaċċaw l-organizzazzjonijiet umanitarji biex iwasslu l-assistenza umanitarja minħabba s-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-Kivu tat-Tramuntana; jistieden lill-partijiet kollha konċernati sabiex jiżguraw l-aċċess għall-popolazzjonijiet vulnerabbli u s-sigurtà tal-ħaddiema umanitarji biex il-preżenza umanitarja tkun tista' tkompli; ifakkar li l-mezzi u l-kapaċitajiet militari bħala appoġġ għall-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarjama għandhomx jintużawx ħlief f'każijiet limitati ħafna u bħala l-aħħar għażla;

4. Itenni t-twemmin sod tiegħu li l-proċessi ta' Amani u ta' Nairobi għadhom il-qafas xieraq biex tkun stabbilizzata s-sitwazzjoni fil-Lvant tar-RDK fuq medda twila ta' żmien;

5. Iħeġġeġ lil Laurent Nkunda biex jirrispetta d-dikjarazzjoni tiegħu stess ta' appoġġ għall-proċess ta' paċi għal-lvant tar-RDK, magħmula wara diskussjonijiet mal-Mibgħut Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u l-ex-President tar-Repubblika tan-Niġerja, Olusegun Obasanjo; f'dan ir-rigward, jistieden lis-CNDP biex mingħajr dewmien jerġgħu jidħlu fil-proċess ta' paċi ta' Amani; itenni l-appoġġ tiegħu għall-awtoritajiet tar-RDK fit-tiftixa ta' soluzzjoni politika għall-kriżi; jilqa' b'sodisfazzjon il-pjan ippreżentat mill-parlamentari tar-RDK, li jitlob li jkun hemm mobilizzazzjoni ġenerali favur djalogu militari, politiku u diplomatiku;

6. Iqis li għandha titlaqqa' konferenza internazzjonali ħdejn l-Għadajjar il-Kbar biex tinstab soluzzjoni politika vijabbli għall-konflitt u biex tkun promossa l-integrazzjoni soda tal-ekonomija reġjonali, li se tkun ta' ġid għall-pajjiżi kollha tar-reġjun;

7. Jenfasizza l-ħtieġa għal aktar sforzi biex tintemm l-attività ta' gruppi armati barranin fil-Lvant tar-RDK, b'mod partikulari tal-FDLR; jistieden lill-gvernijiet tar-RDK u ta' pajjiżi oħra fir-reġjun biex jieħdu l-passi meħtieġa għal dan il-għan; jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehima bejn ir-RDK u r-Rwanda, imħabbra mill-ministri għall-affarijiet barranin tal-parlamentari, li tippermetti timijiet ta' intelliġenza tar-Rwanda li jidħlu fir-RDK u jikkoperaw mal-armata Kongoliża biex itemmu l-preżenza tal-FDRL fir-reġjun;

8. Jistieden lill-Unjoni Afrikana, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u lil atturi internazzjonali ewlenin, inklużi l-UE, l-Istati Uniti u ċ-Ċina, biex iżidu l-pressjoni fuq il-partijiet kollha biex ikomplu bil-proċess ta' paċi, bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni għall-problema tal-kontroll tar-riżorsi minerali u li wieħed jimmira għal ftehim ta' paċi wiesa' minflok biss ftehim ta' waqfien mill-ġlied, u jistieden ukoll lil dawn l-atturi biex jagħmlu pressjoni fuq ir-Rwanda u fuq l-Uganda biex iwiegħdu li jtemmu l-moviment ħieles u l-operazzjonijiet tat-truppi ta' Nkunda fit-territorju tagħhom;

9. Iħeġġeġ lill-partijiet kollha konċernati biex jerġgħu jistabbilixxu l-istat tad-dritt u biex jiġġieldu l-impunità, b'mod speċifiku fir-rigward tal-istupri tal-massa tan-nisa u t-tfajliet u r-reklutaġġ tat-tfal bħala suldati;

10. Jistieden lill-Gvern tar-RDK biex jiżviluppa pjan mar-Rwanda u l-MONUC biex jiżola u jaqbad il-mexxejja tal-ġenoċidju fost l-FDLR u joffri sistematizzazzjoni mill-ġdid fir-RDK jew riintegrazzjoni fir-Rwanda lil dawk li ma kinux involuti fil-ġenoċidju u huma lesti li jiddemobilizzaw;

11. Jistieden lill-awtoritajiet tar-RDK biex iwaqqfu immedjatament is-sakkeġġi u l-vjolenza mis-suldati tal-gvern, k if xehed l-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinazzjoni tal-Ghajnuna Umanitarja;

12. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni tal-Panel ta' Esperti dwar l-esplojtazzjoni illegali tar-riżorsi naturali tar-RDK, inklużi s-sanzjonijiet fuq dawk il-persuni u kumpaniji li l-parteċipazzjoni tagħhom fis-sakkeġġ ġiet ippruvata, sabiex jikkontribwixxu għall-istabbilizzazzjoni tal-pajjiż;

13. Isemmi l-fatt li l-isfruttament illegali tar-riżorsi naturali fil-Lvant tar-RDK hu sors ta' finanzjament għall-gruppi ribelli u għaldaqstant, sors ta' instabilità fir-reġjun; itenni l-importanza li dan it-tip ta' sfruttament illegali mill-gruppi ribelli u mill-gvernijiet tar-reġjun; f'dan is-sens jistieden lill-awtoritajiet tar-RDK b'kollaborazzjoni mal-MONUC biex jagħlqu l-bażijiet ekonomiċi tal-gruppi ribelli, billi jżommuhom milli jkollhom aċċess għall-provvisti ta' minerali (b'mod partikolari d-djamanti, il-koltan u d-deheb) u n-netwerks ta' kummerċ;

14. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex fit-taħdidiet mal-gvernijiet tar-RDK u tal-pajjiżi ġirien tagħha jinsistu fuq sistemi effettivi ta' traċċabilità u ta' prova tal-oriġini tar-riżorsi naturali, jigifieri d-deheb, il-'cassiterite' (il-materjal minerali li minnu tiġi estratta l-landa), il-koltan, il-kobalt, id-djamanti, il-pirokloru u l-injam tas-siġar, u li jaċċettaw li fit-territorju tagħhom isir skjerament ta' monituri inkarigati min-NU biex josservaw l-importazzjonijiet ta' riżorsi naturali mir-RDK u li jiżguraw il-ħarsien ta' dawn il-monituri;

15. Itenni t-talba tiegħu li jitwaqqfu b'mod effettiv mekkaniżmi ta' monitoraġġ li jkunu analogi għall-proċess ta' Kimberley għaċ-ċertifkazzjoni tal-oriġini tar-riżorsi naturali ġejjin mir-RDK importati għal ġol-UE;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li kumpaniji Ewropej mhumiex qed jagħmlu kummerċ, imexxu jew jimpurtaw prodotti derivati minn minerali li s-sors tagħhom ikun b'xi mod jibbenefika l-gruppi armati fir-RDK, u jżomm responsabbli lil kwalunkwe kumanija li tippersisti f'dawn il-prattiki;

17. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħmlu kull sforz biex tinstab soluzzjoni politika, li hi l-uniku mezz biex jintemmu l-kunflitti fir-RDK; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan is-sens, l-inizjattiva meħuda mill-Kummissarju Michel biex jorganizza laqgħa bejn il-President tar-RDK u l-President tar-Repubblika tar-Rwanda f'Nairobi; jistieden lill-Kummissjoni sabiex timpenja ruħha mal-awtoritajiet tar-RDK bil-għan li timplimenta l-ftehim dwar ir-ritorn tal-ġellieda tal-FDLR lejn ir-Rwanda; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tar-RDK u tar-Repubblika tar-Rwanda biex iżidu l-koperazzjoni tagħhom saiex jimplimentaw l-impenji li ħadu f'Nairobi, u biex jagħtu prijorità lid-djalogu u l-konsultazzjoni sabiex tinkiseb paċi dejjiema fil-Lvant tar-RDK u l-istabilità fir-reġjun,

18. Jitlob li jkun hemm tolleranza żero tal-vjolenza sesswali kontra t-tfajliet u n-nisa li tintuża bħala arma tal-gwerra u li jiġu imposti penali kriminali qawwija fuq dawk li jwettqu dawn id-delitti; jiġbed l-attenzjoni dwar l-importanza li jkun hemm aċċess għas-servizzi tas-saħħa f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u f'kampijiet tar-refuġjati, b'mod partikolari fid-dawl ta' episodji riċenti fejn faqqgħu l-kolera, is-sogħla konvulsiva u l-ħosba;

19. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-MONUC fiċ-ċirkostanzi drammatiċi fejn il-preżenza tagħha, minkejja n-nuqqasijiet, għadha indispensabbli, u jitlob li jsir dak kollu li hu meħtieġ biex din tkun tista' twettaq il-mandat tagħha b'mod sħiħ u tuża l-forza tal-armi biex tipproteġi lill-persuni mhedda; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kunsill, u b'mod partikolari lill-Belġju, Franza, l-Italja u r-Renju Unit biex ikollhom rwol ewlieni sabiex jiżguraw li l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jappoġġja lill-MONUC billi jsaħħaħ l-kapaċitajiet operattivi tagħha mil-lat ta' tagħmir u persunal xieraq, f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kunsill, u b'mod partikolari lill-Belġju, Franza, l-Italja u r-Renju Unit biex ikollhom rwol ewlieni sabiex jiżguraw li l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u d-Dipartiment għall-Operazzjonijiet taż-Żamma tal-Paċi jappoġġjaw lill-MONUC billi jsaħħu l-kapaċitajiet operattivi tagħha mil-lat ta' tagħmir u persunal xieraq;

20. Jistieden lill-Kunsill biex iħeġġeġ lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet uniti biex jipprovdu lill-MONUC bil-mandat u bil-mezzi biex jindirizzaw l-isfruttament tal-minerali minn gruppi armati, anke billi jagħmlu monitoraġġ u jikkontrollaw zoni ewlenin tal-fruntieri, l-airstrips, zoni speċifiċi tal-minjieri u rotot tal-provvista;

21. Jinsisti jekk, jekk isir skjerament ta' forzi militari addizzjonali, il-mandat tagħhom ikun jiffoka fuq il-ħarsien ta' persuni ċivili, kif ukoll fuq l-appoġġ u l-kontribut lejn ir-rispett tat-trattati ta' paċi ġodda li jistgħu jiġu konklużi;

22. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex flimkien mal-Gvern tar-RDK, man-NU u ma' donaturi ewlenin oħra, ifasslu pjan ġdid ta' Diżarm, Dimobbilizzazzjoni u Riintegrazzjoni (DDR) fuq skala kbira għar-RDK, ibbażat fuq il-Kunċett tal-UE għal Appoġġ lid-DDR kif ukoll Strateġija ambizzjuża ta' Riforma fis-Settur tas-Sigurtà għar-RDK li tkun ibbażata fuq il-Qafas tal-Politika tal-UE għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà, filwaqt li t-tnejn li huma jkunu ffinanzjati mill-Komunità u mis-CFSP;

23. Jistieden lill-Gvern tar-RDK biex jagħmel dak kollu possibbli biex jidentifika lill-persuni responsabbli għar-reati tal-gwerra li saru fir-reġjun, u jressquhom quddiem il-ġustizzja;

24. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jimplimentaw b'effett immedjat programmi umanitarji, ta' għajnuna medika u ta' riintegrazzjoni fuq skala kbira għall-popolazzjonijiet ċivili fin-naħat tal-Lvant tar-RDK, b'attenzjoni partikolari fuq l-għajnuna għan-nisa u t-tfajliet affettwati minn delitti ta' vjolenza sesswali, sabiex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet immedjati u qabel ma tibda r-rikostruzzjoni li se tkun meħtieġa; jinnota l-irwol ewlieni li għandhom in-nisa fil-bini mill-ġdid ta' komunitajiet imfarrka;

25. Jinnota b'interess il-ħatra ta' tim ta' faċilitaturi li jinkludi lill-Ex-President tar-Repubblika tan-Niġerja Olusegun Obasanjo u l-Ex-President tar-Repubblika Unita tat-Tanzanija Benjamin Mkapa; jistieden lill-Kunsill biex jaħdem flimkien mal-Konferenza Internazzjonali dwar ir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar u mal-Unjoni Afrikana biex tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni fil-Lvant tar-RDK;

26. Jistieden lill-kunsill biex jaħdem mal-medjaturi internazzjonali u reġjonali biex jiġu indirizzati l-aġendi ekonomiċi tal-partijiet li qed jiġġieldu b'mod espliċitu fil-kuntest tal-isforzi attwali ta' medjazzjoni;

27. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex isegwu mill-qrib is-sitwazzjoni umanitarja u tas-sigurtà fil-Lvant tar-RDK, bil-għan li jiddeterminaw b'aktar dettall il-linji ta' azzjoni differenti li wieħed jista' jimmaġina skont iċ-ċirkostanzi;

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-President tal-Parlament Pan-Afrikan u lill-gvernijiet u l-parlamenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo u tal-istati membri l-oħra tal-Komunità tal-Iżvilupp tal-Afrika tan-Nofsinhar.

# Il-politika spazjali Ewropea

P6_TA(2008)0564

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-politika spazjali Ewropea: kif nistgħu inqarrbu l-ispazju lejn id-dinja**

(2010/C 16 E/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-26 ta' Settembru 2008 dwar il-futur tal-politika spazjali Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra t-Trattat tan-NU dwar il-Prinċipji li Jirregolaw l-Attivitajiet tal-Istati fl-Esplorazzjoni u l-Użu tal-Ispazju, inkluż il-Qamar u Korpi Ċelesti Oħra (Riżoluzzjoni 2222 (XXI) — Trattat dwar l-Ispazju),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-10 ta' Lulju 2008 dwar l-ispazju u s-sigurtà ([2]), u tad-29 ta' Jannar 2004 dwar il-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-politika spazjali Ewropea ([3]), u d-deliberazzjonijiet tas-seduta ta' smigħ pubblika organizzata mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija fis-16 ta' Lulju 2007,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2007 dwar il-politika spazjali Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra d-dokument tal-Kummissjoni tal-11 ta' Settembru 2008 bit-titolu 'Rapport ta' Progress tal-Politika Spazjali Ewropea' (COM(2008)0561),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2003 dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' Qafas bejn il-KE u l-Aġenzija Spazjali Ewropea,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, kif emendati mit-Trattat ta' Liżbona, u d-dispożizzjonijiet relevanti tal-politika spazjali Ewropea (Artikolu 189 tat-TFEU),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-ispazju hu riżors strateġiku ta' importanza fundamentali għall-indipendenza, is-sigurtà u l-prosperità tal-Ewropa, u billi l-iżviluppi politiċi f'dan il-qasam jeħtieġ ikunu mmexxija mill-Kunsill flimkien mal-Parlament,

B. billi l-Unjoni u numru ta' Stat Membri kienu involuti fil-finanzjament u fl-iżvilupp tat-teknoloġija u x-xjenza spazjali għal aktar minn 30 sena, li b'riżultat ta' dan ħolqu viżjoni għall-politika spazjali Ewropea (PSE), filwaqt li kienet rikonoxxuta l-koperazzjoni fejjieda mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ASE),

C. billi jeżisti interess li qed jikber li l-Unjoni jkollha sehem importanti u mexxej fl-PSE biex jinstabu soluzzjonijiet fil-qasam tal-ambjent, it-trasport, ir-riċerka, id-difiża u s-sigurtà,

([1]) ĠU C 268, 23.10.2008, p. 1.
([2]) *Testi Adottati* ta' din id-data, P6_TA(2008)0365.
([3]) ĠU C 96 E, 21.4.2004, p. 136.
([4]) ĠU C 136, 20.6.2007, p. 1.

D. billi Politika Spazjali Ewropea b'saħħitha, b'mod partikulari mil-lat ta' applikazzjonijiet, servizzi u infrastrutturi relatati, tikkontribwixxi sabiex l-Unjoni tkun influwenti mil-lat soċjali, kulturali, ekonomiku u xjentifiku, tgħin fl-iżvilupp tal-bażi industrijali u xjentifika tagħha, tikkontribwixxi għat-tkabbir u l-impjiegi u tiżgura l-awtonomija politika u teknoloġika b'mod koerenti u realistiku,

E. billi l-attivitajiet spazjali kollha tal-Ewropa jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju li l-esplorazzjoni u l-użu tal-ispazju extratmosferiku huma ta' benefiċċju u fl-interess tal-pajjiżi kollha, u jirrikonoxxi li l-ispazju estratmosferiku hu provinċja tal-umanità kollha li għandha tintuża għal skopijiet purament paċifiċi,

F. billi l-Unjoni ħadet l-impenn li tippromwovi l-koperazzjoni internazzjonali fl-esplorazzjoni u l-użu tal-ispazju extratmosferiku; jaqbel mal-fehma tal-Kunsill li l-azzjonijiet tal-Ewropa rigward l-esplorazzjoni tal-ispazju għandhom isiru fi ħdan programm dinji,

G. wara li kkunsidra l-importanza għall-iżvilupp tal-PSE li jitjieb l-għarfien tal-pubbliku, kif ukoll l-appoġġ pubbliku għall-iżvilupp ta' teknoloġiji spazjali, filwaqt li tkun żgurata kumplimentarjetà ta' azzjonijiet u massimizzar tas-sinerġiji ma' żviluppi mhux spazjali,

H. wara li kkunsidra l-ħtieġa strateġika li l-Ewropa tiggarantixxi l-kontinwità ta' aċċess għall-ispazju li jkun awtonomu, affidabbli, sostenibbli u effiċjenti meta mqabbel man-nefqa, ibbażat kemm fuq id-disponibilità ta' grupp ta' lanċaturi adegwati u kompetittivi ta' klassi dinjija kif ukoll port spazjali Ewropew operattiv,

I. billi jeħtieġ jinstabu strumenti u fondi adegwati tal-Unjoni għall-PSE biex jissupplimentaw l-allokazzjonijiet tas-Seba' Programm ta' Qafas għall-attivitajiet tar-riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013), sabiex ikun possibbli għall-parteċipanti ekonomiċi differenti li jippjanaw l-azzjonijiet tagħhom fuq medda medja u twila ta' żmien,

J. billi struttura adegwata ta' governanza fil-qasam tal-politika u l-attivitajiet spazjali u qafas regolatorju xieraq biex jiffaċilita l-introduzzjoni veloċi ta' servizzi downstream innovattivi u kompetittivi, b'mod partikulari bl-għan li jiggarantixxu aċċess sostnut għall-ispektrum għall-applikazzjonijiet kollha bbażati fl-ispazju, huma fundamentali biex jiżguraw li l-PSE tagħti r-riżultati mistennija u tilħaq l-ambizzjonijiet tal-Unjoni, l-Aġenzija Spazjali Ewropea u tal-Istati Membri rispettivi,

K. billi jeħtieġ jiġi definit kalendarju preċiż għat-twettiq tal-għanijiet ta' Galileo, EGNOS u l-programm għall-Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (GMES), imsejjaħ Copernicus u għandu jiġi stabbilit pjan direzzjonali għad-diversi entitajiet li għandhom sehem fl-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi,

L. billi l-ispazju issa jirrappreżenta għodda unika għall-ġbir u x-xandir istantanju mad-dinja kollha ta' kwantitajiet kbar ta' data fis-soċjetà ta' llum, kif ukoll għodda kruċjali sabiex tiġi mifhuma u monitorjata l-bidla dinjija fil-klima, qasam li fih l-Ewropa qiegħdha fuq quddiem; jistieden lill-atturi internazzjonali l-oħra biex jadottaw attitudni aktar responsabbli lejn il-ġenerazzjonijiet futuri,

M. billi jistgħu jinkisbu żviluppi importanti rigward l-aspetti ta' sigurtà fl-ispazju, b'mod ewlieni fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet, is-sorveljanza u l-osservazzjoni tad-dinja,

N. billi r-riżoluzzjoni tar-raba' laqgħa tal-Kunsill dwar l-Ispazju (laqgħa konġunta tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kunsill tal-ASE tat-22 ta' Mejju 2007 talbet li jitjieb il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-ispazju fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kif ukoll f'istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni,

**Il-Ħamis, 20 ta’ Novembru 2008**

O. billi l-qafas finanzjarju li jmiss għandu jqis li jkun hemm strumenti u skemi ta’ finanzjament tal-Unjoni biex jippermettu investiment Komunitarju fit-tul għal riċerka relatata mal-ispazju u għall-operat ta’ applikazzjonijiet sostenibbli bbażati fl-ispazju għall-benefiċċju tal-Ewropa u ċ-ċittadini tagħha,

P. billi l-Unjoni għandha ssaħħaħ il-koperazzjoni tagħha mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

1. Jilqa’ b’sodisfazzjon il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta’ Settembru 2008 bħala impenn politiku siewi lejn l-iżvilupp tal-PSE li tagħti kontribut kbir għal identità Ewropea u jtenni l-intenzjoni tiegħu li jkun kostruttiv u jipparteċipa b’mod sħiħ fl-implimentazzjoni tagħha, daqs li kieku t-Trattat ta’ Liżbona kien fis-seħħ;

2. Jaqbel mal-Kunsill li l-prijoritajiet attwali huma l-implimentazzjoni f’waqtha tal-programmi Galileo, EGNOS u GMES/Copernicus;

3. Jilqa’ b’sodisfazzjon partikolari l-ħolqien tal-panel interistituzzjonali għall-Galileo li jista’ jservi bħala mudell għall-iżvilupp tal-ESP;

4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiffissaw kalendarju preċiż għall-ħolqien ta’ struttura ta’ governanza effiċjenti għall-programm GMES/Copernicus, u biex b’mod ċar jistabbilixxi pjan direzzjonali għal dan il-programm bl-għan li jsir aktar effiċjenti u jiġi speċifikat il-baġit allokat għalih;

5. Jisħaq dwar is-sehem deċiżiv ta’ GMES/Copernicus bħala inizjattiva mmexxija mill-utenti implimentata permezz tal-kontribut essenzjali tal-infrastrutturi ta’ osservazzjoni in situ bbażati fid-dinja u fl-ispazju; jenfasizza li l-kontinwità tad-data u tas-servizzi hi indispensabbli; hu tal-fehma, b’mod aktar partikulari, li l-Kummissjoni l-ewwel għandha timpenja ruħha li ssir evalwazzjoni tal-impatt tal-benefiċċji potenzjali, tal-ispejjeż u tal-evoluzzjoni fit-tul tal-inizjattiva GMES/Copernicus, u mbagħad tibgħat lill-Parlament u lill-Kunsill pjan ta’ azzjoni li jkun ikopri, fost l-oħrajn, l-aspetti li ġejjin:

— il-qafas legali tal-programm GMES/Copernicus,

— governanza għall-programm GMES/Copernicus, inkluż is-sehem ta’ entitajiet tal-UE u oħrajn li mhumiex,

— il-finanzjament tal-programm GMES/Copernicus,

— pjan ta’ implimentazzjoni,

— is-sehem ta’ inizjattivi simili u kumplimentari, kemm intergovernattivi kif ukoll multilaterali,

— l-aspetti internazzjonali tal-programm GMES/Copernicus, u għaldaqstant il-koperazzjoni meħtieġa;

6. Jiddispjaċih illi, minkejja r-rakkomandazzjonijiet ċari tal-komunità tal-utenti, il-kontinwità tad-data tal-altimetrija tal-inklinazzjoni baxxa mhix assigurata lil hinn minn tmiem il-ħajja tas-satellita Jason 2 li ġa qiegħda fl-orbita, u jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu ħsieb il-problemi relatati mal-iffinanzjar ta’ Jason 3, li qegħdin jissograw li jipperikolaw is-sostenibilità fuq medda qasira tas-servizzi Copernicus, u tirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar id-deċiżjonijiet meħuda f’dan ir-rigward;

7. Jinkoraġġixxi l-ħolqien ta’ djalogu strutturat bejn l-atturi istituzzjonali u intergovernattivi Ewropej, biex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom aċċess miftuħ u ġust għall-benefiċċji tal-ESP;

8. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jinkoraġġixxu sinerġiji bejn l-iżviluppi ta’ natura ċivili u dawk tas-sigurtà fil-qasam spazjali; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-kapaċitajiet Ewropej relatati ma’ sigurtà u difiża jiddependu fost l-oħrajn mid-disponibilità ta’ sistemi bbażati fuq satelliti, u li l-aċċess għalihom hu kruċjali għall-Unjoni;

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

9. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jagħmlu progress fil-lat ta' relazzjonijiet internazzjonali, jiġifieri dwar il-kompetizzjoni fis-swieq internazzjonali kummerċjali u governattivi, bil-għan li jiżguraw li l-Ewropa titkellem b'vuċi waħda u ssegwi strateġija miftehma;

10. Jaqbel mal-Kunsill li l-koperazzjoni internazzjonali dwar l-ispazju trid taqdi l-interessi tal-Ewropa u li b'dan l-iskop, għandha tagħti kontribut għal inizjattivi globali; jenfasizza l-importanza li tkun żgurata l-awtonomija politika, teknoloġika u operattiva Ewropea;

11. Ifakkar lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li huma stqarrew l-intenzjoni tagħhom li jippreżentaw lill-Parlament, fil-kuntest tal-pjan ta' implimentazzjoni tal-ESP, rakkomandazzjonijiet jew proposti speċifiċi, minħabba n-natura tal-erba' oqsma ta' prijorità, dwar:

— l-ispazju u l-bidla fil-klima,

— il-kontribut tal-ESP għall-Istrateġija ta' Liżbona,

— l-ispazju u s-sigurtà, skont ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2008,

— l-esplorazzjoni tal-ispazju, inkluża l-preżenza umana u titjir spazjali mgħammar b'ekwipaġġ;

12. Jenfasizza li hu importanti li tiġi żviluppata politika industrijali relatata mal-ispazju, fejn element kruċjali ta' din il-politika jkun il-qafas regolatorju u l-programm ta' standardizzazzjoni li jikkontribwixxi sabiex ifeġġu swieq downstream ġodda Ewropej, u jfakkar li r-Regolament Galileo joħloq punt ta' referenza għall-involviment tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fil-politika industrijali Ewropea relatata mal-ispazju;

13. Jirrikonoxxi l-kontribut uniku tal-programmi spazjali li filwaqt li jippermettu kopertura dinjija u fit-tul, jagħmlu disponibbli data importanti għar-riċerka dwar il-bidla fil-klima, u jipprovdu l-bażi tal-evidenza għat-teħid ta' deċiżjonijiet ewlenin fil-politika ambjentali;

14. Jirrikonoxxi li l-ispazju jista' jagħti kontribut għall-kisba tal-għanijiet ta' Liżbona biex jiġu sodisfati l-ambizzjonijiet ekonomiċi, edukattivi, soċjali u ambjentali tal-Unjoni u l-aspettattivi taċ-ċittadini tagħha;

15. Jirrikonoxxi li jeħtieġ li l-Unjoni tieħu passi prattiċi sabiex titnaqqas id-dipendenza tal-Ewropa fir-rigward ta' teknoloġiji, komponenti u operazzjonijiet spazjali kritiċi partikolari;

16. Iqis li l-Ewropa għandha tiżviluppa viżjoni komuni u ppjanar strateġiku fit-tul għall-esplorazzjoni spazjali biex ikollha sehem fi programmi internazzjonali (bħall-Istrateġija Dinjija tal-Esplorazzjoni) għall-esplorazzjoni spazjali umana u robotika, inkluża l-possibilità ta' spedizzjoni umana lejn Mars;

17. Iħeġġeġ li tiġi kkunsidrata linja baġitarja ġdida speċifika possibbli għall-ESP fil-baġit tal-UE sabiex din tirrifletti l-impenn qawwi tal-Unjoni lejn l-ESP u biex tiżdied iċ-ċarezza u t-trasparenza ta' din il-politika, jekk id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Liżbona dwar il-politika spazjali jidħlu fis-seħħ;

18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu investimenti fix-xjenza u t-teknoloġija relatata mal-ispazju;

19. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-inizjattivi xierqa għall-iżvilupp tal-użu tal-ispazju għall-ġbir u d-distribuzzjoni tal-informazzjoni, u jinsisti dwar il-ħtieġa li jiġu inkoraġġiti żviluppi teknoloġiċi fil-qasam tas-sorveljanza u l-osservazzjoni tal-ispazju;

20. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-miżuri neċessarji sabiex ikun evitat it-tniġġis tal-ispazju extratmosferiku;

21. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipproduċi studju dwar l-impatt tat-turiżmu spazjali u l-qafas neċessarju relevanti tiegħu mil-lat ta' sikurezza, sigurtà u regolamentazzjoni;

22. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jibdew ħidma ta' riflessjoni fuq skala kbira dwar l-esplorazzjoni tal-ispazju, filwaqt li jiddefinixxu viżjoni ta' dik li għandha tkun il-pożizzjoni tal-Ewropa, u r-riżorsi tagħha, għal sforzi ta' esplorazzjoni ġejjiena dinjija; f'dan ir-rigward, jixtieq assoċjazzjoni mill-qrib mal-konferenza ta' livell għoli dwar l-esplorazzjoni proposta mill-Kummissjoni;

23. Jenfasizza l-valur tal-esplorazzjoni spazjali biex iż-żgħażagħ Ewropej jitħajru jagħżlu karriera fix-xjenza u t-teknoloġija u biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' riċerka fl-Ewropa;

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija Spazjali Ewropea, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

## Il-Munizzjon tat-tip Cluster

P6_TA(2008)0565

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon tat-tip Cluster**

(2010/C 16 E/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-munizzjon tat-tip cluster adottata minn 107 pajjiżi fil-konferenza diplomatika li saret f'Dublin mid-19 sat-30 ta' Mejju 2008,

— wara li kkunsidra l-messaġġ tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-30 ta' Mejju 2008, li fih ħeġġeġ "lill-Istati biex jiffirmaw u jirratifikaw din il-ftehima importanti mingħajr dewmien," u li stqarr li hu jħares 'il quddiem "għad-dħul fis-seħħ tiegħu fi żmien qasir,"

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2007 intitolata "Lejn trattat globali biex jiġi pprojbit il-munizzjon tat-tip cluster" ([1])

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon tat-tip Cluster se tkun miftuħa għall-iffirmar mit-3 ta' Diċembru 2008 f'Oslo, u wara fin-Nazzjonijiet Uniti fi New York, u li se tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tas-sitt xahar wara t-tlettax-il ratifika,

B. billi l-Konvenzjoni dwar il-Munizzjoni tat-tip Cluster se tipprojbixxi l-użu, il-produzzjoni, il-ħażna u t-trasferiment tal-Munizzjoni tat-tip Cluster bħala kategorija sħiħa ta' armi;

C. billi l-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon tat-tip Cluster se tirrikjedi l-qerda mill-Istati kontraenti tal-ħażniet ta' dan it-tip ta' munizjon,

D. billi l-Konvenzjoni dwar il-Munizzjoni tat-tip Cluster se tistabbilixxi standard umanitarju ġdid għall-assistenza tal-vittmi, u tobbliga lill-Istati biex jeħilsu mill-munizzjon tat-tip cluster li ma splodewx u li tħallew wara l-kunflitt;

([1]) ĠU C 263 E, 16.10.2008, p. 648.

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

1. Jilqa' b'sodisfazzjon ix-xogħol tas-soċjetà ċivili, b'mod partikulari tal-Koalizzjoni kontra l-Munizzjon tat-tip Cluster, talli jaħdmu biex itemmu t-tbatija umana maħluqa minn dan it-tip ta' munizzjon,

2. Jistieden lill-Istati kollha, biex mal-ewwel opportunità, jiffirmaw, jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon tat-tip Cluster;

3. Jistieden lill-Istati kollha biex jieħu l-passi fuq il-livell nazzjonali sabiex jibdew l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni, anki qabel ma tiġi ffirmata u rratifikata;

4. Jistieden lill-Istati kollha biex ma jużawx u ma jinvestux fil-ħażna, fil-produzzjoni, fit-trasferiment jew fl-esportazzjoni tal-munizzjoni tat-tip cluster, sakemm il-Konvenzjoni dwar il-Munizzjoni tat-tip Cluster ma tkunx daħlet fis-seħħ;

5. Jistieden lil dawk l-Istati Membri kollha tal-UE li użaw munizzjoni tat-tip cluster biex jipprovdu għajnuna lill-popolazzjonijiet milquta u jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex iżżid l-għajnuna finanzjarja lill-komunitajiet u lill-individwi milquta minn munizzjoni tat-tip cluster li ma splodewx permezz tal-istrumenti kollha disponibbli;

6. Jistieden lil dawk l-Istati Membri kollha tal-UE li użaw munizzjoni tat-tip cluster biex jipprovdu għajnuna teknika u finanzjarja għall-iżgumbrar u l-qerda tal-fdalijiet tal-munizzjoni tat-tip cluster u jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex iżżid l-għajnuna finanzjarja għall-istess għan permezz tal-istrumenti kollha disponibbli;

7. Jistieden lill-Istati Membri kollha tal-UE biex ma jieħdu ebda azzjoni li tista' twassal biex ikunu evitati jew ipperikolati l-konvenzjoni u d-dispożizzjonijiet tagħha; b'mod partikulari, jistieden lill-Istati Membri kollha tal-UE biex ma jadottawx, ma jħaddnux jew sussegwentement ma jirratifikawx Portokoll tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Konvenzjonali (CCW) li jippermetti l-użu ta' munizzjon tat-tip cluster, li ma jkunx kompatibbli mal-projbizzjoni ta' dan it-tip ta' munizzjon skont l-Artikolu 1 u 2 tal-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon tat-tip Cluster

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli għas-CFSP, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU u lill-Koalizzjoni kontra l-Munizzjon tat-tip Cluster.

## HIV/AIDS: dijanjożi bikrija u kura bikrija

P6_TA(2008)0566

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar l-HIV/AIDS: dijanjożi bikrija u kura bikrija**

(2010/C 16 E/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2007 dwar il-ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-UE u fil-pajjiżi tal-madwar, 2006-2009 ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Bremen tat-13 ta' Marzu 2007 dwar "Ir-Responsabilità u s-Shubija — Flimkien kontra l-HIV/AIDS",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2006 dwar l-HIV/AIDS: żmien ta' azzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Novembru 2006 dwar l-AIDS ([3]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2005 dwar il-ġlieda kontra l-HIV/AIDS,

([1]) ĠU C 74 E, 20.3.2008, p. 348.
([2]) ĠU C 303 E, 13.12.2006, p. 871.
([3]) ĠU C 316 E, 20.12.2006, p. 366.

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2005 dwar "Il-Ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi tal-madwar, 2006-2009"(COM(2005)0654),

— wara li kkunsidra d-'Dikjarazzjoni ta' Dublin' dwar sħubija għall-ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Ewropa u fl-Ażja Ċentrali, adottata fil-Konferenza Ministerjali "Negħlbu l-Ostakoli — Sħubija għall-ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Ewropa u fl-Ażja Ċentrali" li saret fit-23 u l-24 ta' Frar 2004 fil-qafas tal-Presidenza Irlandiża tal-UE,

— wara li kkunsidra r-rapport dwar il-Programm Konġunt tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-HIV/AIDS (UNAIDS) u WHO Ewropa intitolat 'Progress dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Dublin dwar is-Sħubija għall-Ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Ewropa u fl-Ażja Ċentrali' tal-2008,

— wara li kkunsidra d-'Dikjarazzjoni ta' Vilnjus' dwar il-miżuri biex tissaħħaħ ir-reazzjoni għall-HIV/AIDS fl-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi ġirien, adottata mill-Ministri u mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-pajjiżi ġirien fil-konferenza "L-Ewropa u l-HIV/AIDS — Sfidi Ġodda, Opportunitajiet Ġodda", li saret f'Vilnjus, il-Litwanja, fis-16 u s-17 ta' Settembru 2004,

— wara li kkunsidra l-programm HIV/AIDS 2006 tad-WHO "Lejn aċċess universali sal-2010",

— wara li kkunsidra l-evalwazzjoni tal-Ewrobarometru dwar il-Prevenzjoni tal-AIDS ta' Frar 2006,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-Rapport tal-aħħar tas-sena tal-EuroHIV għall-2006 juri li kien hemm 269,152 każ ġdid ta' persuni infettati bil-marda tal-HIV fil-perjodu bejn l-1999 u l-2006 fl-Unjoni Ewropea u 806,258 każ ġdid ta' persuni infettati bil-marda tal-HIV fir-Reġjun Ewropew tad-WHO,

B. billi, skont ir-Rapport tal-aħħar tas-sena tal-EuroHIV għall-2006, fl-Unjoni Ewropea 11 % tal-infezzjonijiet il-ġodda bl-HIV jaffettwaw liż-żgħażagħ taħt l-età ta' 25 sena,

C. billi r-Rapporti tal-EuroHIV u tal-UNAIDS jikkonfermaw li n-numru ta' każijiet ġodda ta' infezzjonijiet bl-HIV għadu qiegħed jikber b'rata allarmanti fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-pajjiżi ġirien, u li huwa stmat li f'xi pajjiżi n-numru ta' persuni infettati bl-HIV huwa kważi tliet darbiet akbar min-numru uffiċjali,

D. billi, skont ir-Rapport tal-aħħar tas-sena tal-EuroHIV għall-2006, minkejja ż-żieda fil-għadd ta' infezzjonijiet bl-HIV, it-tnaqqis sostnut fil-għadd ta' każijiet ta' AIDS dijanjostikati f'dawn l-aħħar snin issokta fl-2006, b'40 % anqas ta' każijiet dijanjostikati fl-2006 meta mqabbel mal-1999 fl-UE,

E. billi proporzjon kbir ta' infezzjonijiet tal-HIV għadu mhux dijanjostikat, billi ħafna nies ma jkunux jafu jekk humiex infettati jew le u x'aktarx jiskopru dan biss ladarba jimirdu b'mard marbut mal-HIV/AIDS,

F. billi l-infettività tal-HIV tiżdied b'mod sinifikanti meta jkun hemm mard ieħor trażmess sesswalment (bħall-gonorrea, il-klamidja, il-herpes u s-sifilide),

G. billi l-epidemija fost dawk li jieħdu d-droga bis-siringa hija waħda mir-raġunijiet għat-tixrid mgħaġġel tal-infezzjoni HIV f'ħafna pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant,

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

H. billi l-HIV/AIDS hija marda li tittieħed, u hemm riskju li din tittieħed mingħand persuni infettati li ma jkunux instabu li huma tali,

I. billi s-sejbiet tal-UNAIDS u tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa Ewropa li jkejlu l-'Progress fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Dublin dwar is-Sħubija fil-Ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Ewropa u fl-Ażja Ċentrali' juru li ftit mit-53 pajjiż tar-reġjun Ewropew adottaw approċċ għall-istigma, id-diskriminazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem li jikkonformaw mal-impenji assunti minnhom skont id-Dikjarazzjoni ta' Dublin,

J. billi l-ħarsien sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem huwa essenzjali għal kull aspett tar-reazzjoni għall-HIV,

K. billi hemm ħtieġa kritika għal kooperazzjoni transkonfinali biex tkun indirizzata l-epidemija,

L. billi jinħtieġ li jiġu introdotti miżuri pubbliċi effettivi biex jiffaċilitaw id-dijanjożi bikrija tal-HIV,

1. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jifformulaw strateġija dwar l-HIV biex:

— jippromwovu d-dijanjożi bikrija u t-tnaqqis fix-xkiel għall-ittestjar;

— jiżguraw kura bikrija u komunikazzjoni tal-benefiċċji tal-kura bikrija;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li jkun hemm monitoraġġ u sorveljanza akkurati miċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, inklużi stimi aktar preċiżi (daqs, karatteristiċi, eċċ.) tal-popolazzjoni li mhix dijanjostikata, filwaqt li tiġi rrispettata l-kunfidenzjalità u l-ħarsien tad-data personali;

3. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex timpenja riżorsi politiċi, finanzjarji u umani sostanzjali biex tagħti appoġġ għall-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija;

4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li jkun hemm aċċess għall-ittestjar, li għandu jibqa' mingħajr flus u anonimu;

5. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi strateġija għat-tnaqqis tar-riskju tal-HIV/AIDS li tkun iffukata fuq gruppi vulnerabbli u gruppi magħrufa li huma ta' riskju għoli;

6. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinkariga lill-Kummissjoni Ewropea biex tħejji Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-ittestjar u linji gwida ta' trattament imsejsin fuq l-evidenza, f'kull Stat Membru;

7. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinkariga lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-monitoraġġ futur tal-progress fil-ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Ewropa u fil-pajjiżi ġirien għandu jkun fih indikaturi li jindirizzaw direttament u jkejlu l-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet tal-bniedem fl-HIV/AIDS;

8. Jistieden lill-Istati Membri biex jgħaddu b'liġi dispożizzjonijiet li jiddikjaraw illegali b'mod effettiv id-diskriminazzjoni kontra persuni li għandhom l-HIV/AIDS, inklużi restrizzjonijiet li jolqtu l-libertà ta' moviment tagħhom, fil-ġuriżdizzjonijiet tagħhom;

9. Jistieden lill-Istati Membri biex iżidu l-kampanji edukattivi u ta' informazzjoni dwar il-prevenzjoni, l-ittestjar u t-trattament tal-HIV/AIDS;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tal-Programm Konġunt tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-HIV/AIDSu lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

## Is-sitwazzjoni fis-settur tal-apikultura

P6_TA(2008)0567

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar is-sitwazzjoni fis-settur tal-apikultura**

(2010/C 16 E/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-settur tal-apikultura madwar id-dinja, u b'mod partikolari fl-Ewropa, qed jaffaċċja diffikultajiet serji ħafna,

B. billi l-apikultura għandha impatt utli fuq l-ekosistema kollha u hija essenzjali b'mod partikolari għall-ekosistema agrikola,

C. billi hemm il-ħtieġa li l-bijodiversità, li għaliha l-apikultura tikkontribwixxi b'mod sinifikanti permezz ta' attivitajiet ta' fertilizzazzjoni bil-polline indiretta (*cross-pollination*), tiġi ppreservata

D. billi l-apikultura ilha tiġi ppratikata fl-Ewropa għal eluf ta' snin u tifforma parti integrali mill-wirt kulturali u agrikolu tagħha,

E. jinnota li prodotti tal-apikultura għandhom benefiċċji nutrittivi u mediċinali,

F. billi l-varjetà u l-kwalità għolja tal-għasel u ta' prodotti oħra tal-apikultura bħal ma huma r-*royal jelly*, il-*propolis*, il-*venom* u x-xemgħa magħmula mis-settur tal-apikultura Ewropea, huma dovuti għas-sengħa u d-diversità fil-klima tagħha,

G. billi s-settur isofri minn kompetizzjoni inġusta minħabba prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi u li jiġu importati fis-suq tal-Komunità,

H. billi l-għasel jista' jkun importat minn reġjuni varji fid-dinja, imma n-naħal biss, f'numru suffiċjenti, jistgħu jiggarantixxu l-fertilizzazzjoni bil-polline,

I. billi hemm theddida serja fit-tnaqqis tan-naħal b'konsegwenza tat-tnaqqis sinifikanti fir-riżorsi tal-polline u n-nektar,

J. billi kien hemm tnaqqis drastiku fin-numru tan-naħal fid-dinja,

K. billi l-preżenza kontinwa tal-parassita tad-dud tan-naħal, *Varroa spp*. fid-doqqajs, il-*colony collapse disorder* u t-tixrid tal-*Nosema ceranae* huma fost il-kawżi tal-kriżi sanitarja fost in-naħal,

L. billi 76 % tal-produzzjoni tal-ikel għall-konsum uman tiddependi fuq is-settur tal-apikultura,

M. billi 84 % tal-ispeċijiet veġetali kkultivati fl-Ewropa jiddependu fuq il-fertilizzazzjoni bil-polline,

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

N. billi l-istruzzjonijiet u prattiki tajba applikabbli għall-użu tal-bijoċidi huma ħafna drabi injorati,

O. billi sa issa ma jexistux metodi biex jinqered ċertu mard fin-naħal li jwassal għal tnaqqis fir-reżistenza tagħhom ta' resistenza u t-telfa tad-doqqajs,

1. Iqis li huwa neċessarju li ssir xi ħaġa bla dewmien dwar il-kriżi fis-saħħa tan-naħal b'mod xieraq u b'mezzi effettivi;

2. Iqis li għandha tittieħed azzjoni biex tingħeleb il-kompetizzjoni inġusta minn prodotti tal-apikultura li joriġinaw minn pajjiżi terzi, li parti minnha hija r-riżultat ta' spejjeż aktar baxxi ta' produzzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-prezzijiet taz-zokkor u tax-xogħol;

3. Jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid minnufih aktar riċerka dwar il-parassiti u l--mard, kif ukoll dwar kawżi potenzjali oħra bħall-erożjoni tad-diversità ġenetika u l-kultivazzjoni ta' uċuħ tar-raba' ġenetikament modifikati, li qed jeqirdu l-popolazzjoni tan-naħal, filwaqt li tagħmel disponibbli riżorsi baġitarji supplimentari ghal din ir-riċerka;

4. Iqis bħala importanti li tkun obbligatorja l-indikazzjoni tal-pajjiż tal-oriġini tal-għasel tan-naħal fuq it-tabelli;

5. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-kontroll tas-saħħa tal-PAK, biex tintroduċi miżuri biex tinkoraġġixxi l-ħolqien ta' zoni ta' rkupru ekoloġiku (bħal ma huma zoni mwarrba għall-apikultura), speċjalment f'reġjuni prinċipali fejn hemm uċuħ tar-raba' li jinħartu;

6. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iqisu kif xieraq is-saħħa tan-naħal, il-possibilitajiet għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti min-naħal u l-impatt ekonomiku fuq is-settur tal-apikultura fid-diskussjonijiet kollha u f'passi leġiżlattivi futuri dwar il-kultivazzjoni ta' uċuħ tar-raba' ġenetikament modifikati fl-Unjoni Ewropea;

7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-miżuri neċċessarji sabiex tillimita r-riskju ta' nuqqas ta' fertilizzazzjoni bil-polline kemm għal dawk li jrabbu n-naħal kif ukoll għall-bdiewa, li l-produzzjoni tagħhom tista' tiżdied b'mod konsiderevoli;

8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura l-kontroll u l-viġilanza tal-kwalità tal-ilmijiet tal-wiċċ, għaliex in-naħal huma sensittivi ħafna għal kwalunkwe deterjorament fl-ambjent tagħhom;

9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel riċerka dwar ir-rabta li teżisti bejn il-mortalità tan-naħal u l-użu tal-pestiċidi bħal ma huma t-*thiamethoxam*, l-*imidacloprid*, il-*clothianidin* u l-*fipronil* sabiex tieħu l-miżuri xierqa fejn ikun hemm bżonn, fir-rigward tal-awtorizzazzjoni ta' prodotti bħal dawn;

10. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkoordina l-informazzjoni kollha li għandha x'taqsam ma' din is-sitwazzjoni li hija disponibbli fil-preżent f'kull Stat Membru; jemmen li l-Kummissjoni għandha tikkopera ma' organizzazzjonijiet rikonoxxuti bil-ħsieb li jkun hemm skambju ta' informazzjoni xjentifika li huma għandhom li tikkonċerna l-impatt tal-pestiċidi fuq in-naħal;

11. Iqis li huwa importanti li jiġi introdott rekwiżit li għasel importat ikun analizzat għall-preżenza possibbli tal-batterji *American foulbrood*;

12. Iheġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tipproponi mekkaniżmu ta' għajnuna finanzjarja lill-intrapriżi ta' apikultura li huma f'diffikulta minħabba l-mortalità tan-naħal;

13. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinkorpora r-riċerka u l-ġlieda kontra l-mard tan-naħal, fil-politika veterinarja tagħha

14. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex jagħtu appoġġ immedjat lis-settur tal-apikultura;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

# Eżami mill-ġdid tar-rakkomondazzjoni 2001/331/KE li tipprovdi kriterji mininimi għall-ispezzjonijiet ambjentali fl-Istati Membri

P6_TA(2008)0568

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta’ Novembru 2008 dwar ir-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni 2001/331/KE li tipprovdi għal kriterji minimi ta’ spezzjonijiet ambjentali fl-Istati Membri**

(2010/C 16 E/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 2001/331/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ April 2001 li tipprovdi għal kriterji minimi ta’ spezzjonijiet ambjentali fl-Istati Membri ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta’ Novembru 2007 dwar ir-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni 2001/331/KE li tipprovdi għal kriterji minimi ta’ spezzjonijiet ambjentali fl-Istati Membri (COM(2007)0707),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi fl-2001 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Rakkomandazzjoni 2001/331/KE, li kien fiha kriterji li ma jorbtux għall-ippjanar, it-twettiq u s-segwitu tal-ispezzjonijiet ambjentali, u r-rappurtar dwarhom, filwaqt li jagħrfu li kien hemm differenzi kbar bejn is-sistemi ta’ spezzjoni fl-Istati Membri,

B. billi din ir-rakkomandazzjoni kellha l-għan li ssaħħaħ il-konformità mal-liġi ambjentali Komunitarja u biex tikkontribwixxi sabiex din tkun implimentata u infurzata b’aktar konsistenza fl-Istati Membri kollha,

C. billi l-Komunikazzjoni msemmija hawn fuq turi l-pożizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-iżvilupp tar-rakkomandazzjoni, ibbażata, fost l-oħrajn, fuq ir-rapporti mressqa mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tagħhom tar-rakkomandazzjoni,

D. billi dik il-Komunikazzjoni ppreċiżat li l-informazzjoni mressqa mill-Istati Membri dwar kif kienu qed jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni kienet “mhux kompleta jew diffiċli biex titqabbel”,

E. billi l-informazzjoni mressqa mill-Istati Membri wriet li “ftit minnhom biss kisbu implimentazzjoni sħiħa”, u li “għad hemm differenzi kbar fil-mod kif qed jitwettqu l-ispezzjonijiet ambjentali fil-Komunità”,

---

([1]) ĠU L 118, 27.4.2001, p. 41.

F. billi skont il-Kummissjoni s-sitwazzjoni ta' implimentazzjoni mhux sħiħa hija parzjalment minħabba l-interpretazzjoni differenti mill-Istati Membri tad-definizzjonijiet u l-kriterji tar-rakkomandazzjoni u tal-ħtiġijiet ta' rappurtar,

G. billi l-Kummissjoni tagħraf li l-għan tar-rakkomandazzjoni mhuwiex adegwat u ma jinkludix ħafna attivitajiet importanti, bħan-Natura 2000, il-kontroll tal-ġarr illegali ta' skart, ir-reġistrazzjoni u l-awtorizzazzjoni tas-sustanzi kimiċi (REACH), ir-restrizzjoni fuq l-użu ta' ċerti sustanzi ta' ħsara fi prodotti (eż. id-Direttiva dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi f'tagħmir elettriku u elettroniku — id-Direttiva RoHS), il-kummerċ ta' speċijiet fil-periklu, kif ukoll attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' organiżmi ġenetikament modifikati u ma' sistemi bbażati fuq il-prinċipju tar-responsabilità tal-produttur,

1. Juri t-tħassib tiegħu li l-Kummissjoni kkonkludiet li l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni ambjentali fil-Komunità ma tistax tiġi ggarantita, peress li din mhux biss twassal biex tissokkta l-ħsara lill-ambjent iżda wkoll għal tgħawwiġ fil-kompetizzjoni;

2. Jenfasizza li infurzar tajjeb u uniformi tal-liġi ambjentali Komunitarja huwa essenzjali, u li jekk dan ma jkunx il-każ, dan ikun qed imur kontra l-aspettattivi tal-pubbliku u jkun qed idgħajjef ir-reputazzjoni tal-Komunità bħala gwardjana effettiva tal-ambjent;

3. Ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-Kummissjoni li sempliċement tindirizza l-problema permezz ta' rakkomandazzjoni li ma torbotx u billi ddaħħal rekwiżiti speċifiċi li jorbtu legalment fil-leġiżlazzjoni settorjali;

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex minflok, tippreżenta proposta għal direttiva dwar l-ispezzjonijiet ambjentali qabel tmiem l-2009, li fiha tiċċara d-definizzjonijiet u l-kriterji stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni 2001/331/KE u testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha;

5. Iqis li huwa essenzjali li n-Netwerk tal-Unjoni Ewropea għall-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Liġi Ambjentali (IMPEL) jissaħħaħ u jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tindika, qabel tmiem l-2009, mezzi possibbli biex dan isir, inkluż l-istabbiliment ta' forza Komunitarja ta' spezzjoni ambjentali;

6. Jipproponi li titpoġġa enfażi akbar fuq l-appoġġ għall-edukazzjoni ambjentali u l-għoti tal-informazzjoni, li l-kontenut speċifiku tagħhom għandu jkun determinat fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali fuq il-bażi tal-bżonnijiet u l-problemi identifikati f'qasam partikolari;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Is Somalja

P6_TA(2008)0569

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar is-Somalja**

(2010/C 16 E/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar is-sitwazzjoni fis-Somalja, b'mod partikolari dik tal-15 ta' Novembru 2007 dwar is-Somalja ([1]) u dik tad-19 ta' Ġunju 2008 dwar il-qtil regolari taċ-ċivili dwar is-Somalja ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport ta' Amnesty International tal-1 ta' Novembru 2008 intitolat "L-Istat tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja",

---

([1]) ĠU C 282 E, 6.11.2008, p. 479.
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0313.

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-8 ta' Novembru 2008 li saret minn Radhika Coomaraswamy, ir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għat-tfal u l-kunflitti armati, li kkundannat it-tħaġġir ta' Aisha Ibrahim Duhulow, tfajla ta' 13-il sena,

— wara li kkunsidra diversi strumenti reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u b'mod partikulari l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli tal-1981 u l-Protokoll dwar id-Drittijiet tan-Nisa fl-Afrika,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fis-27 t'Ottubru 2008, tfajla ta' 13-il sena jisimha Aisha Ibrahim Duhulow kienet imħaġġra sakemm mietet fis-Somalja;

B. billi t-tħaġġir sar minn grupp ta' 50 raġel fi stadium f'Kismayo, belt bil-port fin-Nofsinhar tal-pajjiż, quddiem madwar 1 000 spettatur,

C. billi hi kienet misjuba ħatja ta' akkuża ta' adulterju kontra l-liġi Iżlamika, iżda fil-fatt kienet il-vittma ta' stupru minn tliet irġiel,

D. billi l-milizja al-Shabab, li tikkontrolla Kismayo, żammet arrestata lil Aisha Ibrahim Duhulow u ordnat l-eżekuzzjoni tagħha bit-tħaġġir, u ma arrestatx jew żammet lil dawk akkużati bl-istupru tagħha;

E. billi ġewwa l-istadium, il-membri tal-milizja bdew jisparaw meta uħud min-nies fl-istadium ippruvaw isalvaw il-ħajja ta' Aisha Ibrahim Duholow, u qatlu tifel li kien qiegħed hemm spettatur,

F. billi hemm rapporti kredibbli li attivisti għad-drittijiet tal-bniedem f'Kismayo rċevew theddidiet ta' mewt mill-milizja al-Shabab, li qed jakkużawhom li xandru informazzjoni qarrieqa dwar l-inċident,

G. billi, minħabba s-sitwazzjoni drammatika fis-Somalja u l-vjolenza mifruxa minn ċerti fazzjonijiet tal-Allejanza għal-Liberazzjoni mill-ġdid tas-Somalja (l-hekk imsejħa "Qrati Iżlamiċi") li qed jippruvaw iwaqqgħu l-gvern leġittimu tas-Somalja, fis-Somalja qed isiru vjolazzjonijiet kbar tad-drittijiet tal-bniedem kuljum,

H. billi dawn il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem jinkludu wkoll il-ħtif reċenti mill-Kenja ta' żewġ sorijiet Kattoliċi Romani li mbagħad ġew meħuda fis-Somalja, u ż-żieda fl-attakki suwiċidi, li qatlu tal-anqas 30 persuna fit-Tramuntana tal-pajjiż fil-ġimgħat li għaddew,

I. billi membri tal-istaff ta' uħud mill-organizzazzjonijiet internazzjonali preżenti fil-pajjiż dan l-aħħar kienu l-mira ta' vjolenza u qtil, u billi l-maġġoranza ta' dawn l-atti kienu attribwiti lill-membri ta' gruppi armati tal-oppożizzjoni, inkluża l-milizja al-Shabab, u il-fazzjonijiet mill-"Qrati Iżlamiċi",

J. billi r-ribelli Iżlamisti sawwtu lin-nies bil-frosti pubblikament fil-belt kapitali, Mogadishu, biex jippruvaw juru kemm qed isiru b'saħħithom,

K. billi tali atti ta' brutalità juru l-mezzi li qed jintużaw minn milizji bħal dawn u, b'mod iktar ġenerali, ir-riskji kollha f'termini ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem f'każ ta' espansjoni tal-kontroll tagħhom fuq il-pajjiż,

L. billi l-Gvern Federali ta' Transizzjoni tas-Somalja (TGF) u Allejanza għal-Liberazzjoni mill-ġdid tas-Somalja (ARS) ffirmaw dokumenti għall-waqfien mill-ġlied fis-26 ta' Ottubru 2008 f'Djibouti u billi l-mexxejja reġjonali tal-Awtorità Inter-governattiva dwar l-Iżvilupp (IGAD) ippreżenta pan għall-paċi għas-Somalja fis-Samit speċjali fin-Nairobi fit-28-29 ta' Ottubru 2008,

M. billi huwa essenzjali li jkun appoġġjat it-TGF tas-Somalja, u l-President tiegħu, is-Sur Abdullahi Yusuf,

1. Jikkundanna bil-qawwa t-tħaġġir u l-eżekuzzjoni ta' Aisha Ibrahim Duhulow u jesprimi s-sens ta' orrur li jħoss għal att tant barbaru kontra vittma ta' stupru ta' 13-il sena;

2. Jistieden lill-Gvern Somalu biex jikkundanna din l-eżekuzzjoni u biex jieħu azzjoni sabiex jevita eżekuzzjonijiet brutali bħal dawn fil-futur;

3. Jistieden lill-Gvern Somalu biex joħroġ dokumenti u jagħmel dikjarazzjonijiet biex irodd lura l-unur lil Aisha Ibrahim Duhulow wara mewtha;

4. Jappoġġa l-attentati tal-gvern leġittimu Somalu biex jimponi l-kontroll tiegħu fuq il-port ta' Kismayo, u jitlob li dawk akkużati li stupraw lil Aisha Ibrahim Duhulow biex jitressqu quddiem il-qorti għal proċess ġust u imparzjali;

5. Jistieden lill-UE biex tipprovdi l-appoġġ neċessarju kollu biex jinħoloq gvern demokratiku dejjiemi fis-Somalja u biex barra minn hekk tgħin lill-Gvern tas-Somalja biex jafferma l-kontroll tiegħu fuq il-pajjiż kollu kemm hu u jistabilixxi l-istat tad-dritt b'mod li jkun kumpatibbli mal-obbligi internazzjonali tiegħu rigward id-drittijiet tal-bniedem, u b'hekk ikunu evitati eżekuzzjonijiet bħal dawn fil-futur;

6. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM) biex tuża bis-sħiħ il-mandat tagħha li tipproteġi liċ-ċivili, b'mod partikulari lin-nisa u t-tfal, u jitlob li din tingħata l-mandat biex timmonitorja, tinvestiga u tirrapporta vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem;

7. Jistieden lill-awtoritajiet tas-Somalja u tal-Kenja biex jagħmlu l-isforzi kollha u jieħdu l-inizjattivi politiċi u diplomatiċi kollha possibbli biex jiksbu l-ħelsien taż-żewġ sorijiet Kattoliċi Taljani;

8. Jappoġġa bis-sħiħ il-Ftehima ta' Djibouti bejn it-TFG u l-ARS li għandha l-għan li temm snin ta' ġlied fis-Somalja u li twassal għal soluzzjoni dejjiema li terġa' ġġib il-paċi u ttemm l-abbużi msemmija f'din ir-riżoluzzjoni;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lis-Segretarji Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Unjoni Afrikana, lill-gvernijiet tal-IGAD, lill-AMISOM u lill-Gvern tas-Somalja.

## Il-piena tal-mewt fin-Niġerja

P6_TA(2008)0570

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-piena tal-mewt fin-Niġerja**

(2010/C 16 E/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fin-Niġerja,

— wara li kkunsidra l-moratorjium eżistenti fuq l-użu tal-piena tal-mewt mill-Gvern Federali tan-Niġerja,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Politiċi u Ċivili tal-1966, irratifikat minn Niġerja fid-29 ta' Ottubru 1993,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli tal-1981, irratifikata minn Niġerja fit-22 ta' Ġunju 1983,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet u l-Benessri tat-Tfal tal-1990, irratifikata minn Niġerja fit-23 ta' Lulju 2001,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Kastigi Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti tal-1984, irratifikata minn Niġerja fit-28 ta' Lulju 2001,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tal-1979, irratifikata fit-13 ta' Ġunju 1985, u l-Protokoll Fakultattiv tagħha, irratifikati minn Niġerja fit-22 ta' Novembru 2004,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989, irratifikata minn Niġerja fid-19 ta' April 1991,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi iktar minn 720 ragel u 11-il mara qed jinżammu fil-ħabsijiet tan-Niġerja wara li ngħataw sentenza ta' mewt,

B. billi l-Grupp ta' Studju Nazzjonali Niġerjan dwar il-Piena tal-Mewt u l-Kummissjoni Presidenzjali għar-Riforma tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja kkonkludew li l-priġunieri li qed jistennew li tingħatalhom il-piena tal-mewt huma kważi biss persuni foqra u li m'għandhomx rappreżentazzjoni legali,

C. billi għalkemm il-liġi internazzjonali tipprojbixxi l-piena tal-mewt kontra minorenni, mill-inqas 40 priġunier li qed jistenna li tingħatalu l-piena tal-mewt kellhom bejn it-13 u s-17-il sena meta allegatament wettqu r-reat,

D. billi l-qrati tax-Xarija Iżlamika għandhom ġurisdizzjoni fuq każijiet kriminali fi 12 mit-36 stat tan-Niġerja; billi dawn il-qrati għadhom qed jagħtu sentenzi ta' mewt kif ukoll sentenzi ta' swat bil-frosta u amputazzjoni,

E. billi 47 % tal-priġunieri li qed jistennew li jingħataw il-piena tal-mewt qed jistennew li jiġi deċiż l-appell tagħhom, kwart mill-appelli tal-priġunieri damu sejrin ħames snin, 6 % tal-priġunieri b'appelli pendenti stennew aktar minn 20 sena, u priġunier wieħed qatta' 24 sena jistenna li tingħatalu l-piena tal-mewt,

F. billi s-sistema tal-ġustizzja kriminali tan-Niġerja hija mifnija bil-korruzzjoni u bit-traskuraġni u tbati minn nuqqas sinifikanti ta' riżorsi,

G. billi t-tortura, għalkemm ipprojbita fin-Niġerja, isseħħ kuljum, u kważi 80 % tal-priġunieri fil-ħabsijiet Niġerjani jgħidu li ġew imsawta, mhedda b'armi jew ittorturati fiċ-ċelel tal-pulizija,

H. billi ħafna priġunieri li qed jistennew li jittellgħu l-qorti u li qed jistennew li tingħatalhom il-piena tal-mewt qed ikunu suġġetti għal estorsjoni minn uffiċjali tal-pulizija, li jitolbuhom il-flus biex jeħilsuhom,

I. billi aktar minn nofs 40 000 priġunier fil-ħabsijiet tal-pajjiż ma ġewx imtella' l-qorti jew issentenzjati,

J. billi mard kroniku iżda li jista' jiġi evitat bħall-HIV, il-malarja, it-tuberkolożi, l-influwenza u l-pulmonite jinsabu wkoll fil-ħabsijiet,

K. billi l-awtoritajiet Niġerjani għamlu xi tentattivi li jindirizzaw in-nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja tagħhom; billi l-Grupp ta' Studju Nazzjonali dwar il-Piena tal-Mewt (2004) u l-Kummissjoni Presidenzjali dwar ir-Riforma tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (2007) esprimew dubji dwar jekk il-piena tal-mewt tgħinx biex jitnaqqsu r-rata u l-firxa tal-kriminalità fin-Niġerja; billi, madankollu, la l-gvern federali u lanqas dawk tal-istati ma ħadu azzjoni biex jindirizzaw il-problemi urġenti enfasizzati minn dawn iż-żewġ gruppi ta' studju,

L. billi n-Niġerja ma rrappurtat uffiċjalment l-ebda eżekuzzjoni mill-2002,

M. billi seba' biss mill-istati membri tal-Unjoni Afrikana huma magħrufa li wettqu eżekuzzjonijiet fl-2007, filwaqt li 13-il pajjiż Afrikan huma abolizzjonisti fil-liġi u 22 oħra huma abolizzjonisti fil-prattika,

N. billi fl-1977 16-il pajjiż biss kienu neħħew il-piena tal-mewt għar-reati kollha; billi llum, 137 minn 192 stat membru tan-NU neħħew il-piena tal-mewt fil-liġi jew fil-prattika,

1. Jistieden lill-Gvern Federali tan-Niġerja u l-gvernijiet tal-istati biex ineħħu l-piena tal-mewt;

2. Jistieden lill-Gvern Federali tan-Niġerja u lill-gvernijiet tal-istati, sakemm isseħħ l-abolizzjoni, biex jiddikjaraw moratorja immedjata fuq l-eżekuzzjonijiet kollha kif previst fir-riżoluzzjoni 62/149 tas-26 ta' Frar 2008 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, u biex jibdlu mingħajr dewmien is-sentenzi kollha ta' mewt f'perjodi ta' priġunerija;

3. Jistieden lill-Gvern Federali tan-Niġerja u lill-gvernijiet tal-istati biex jiżviluppaw strateġija komprensiva rigward il-kriminalità u jispjegaw kif is-sitwazzjoni tal-kriminalità se tiġi indirizzata;

4. Iħeġġeġ lill-Gvern Federali tan-Niġerja u lill-gvernijiet tal-istati biex ineħħu d-dispożizzjonijiet kollha fil-leġiżlazzjoni federali u kif ukoll dik tal-istati li taħseb għall-piena tal-mewt għal persuni li kienu taħt l-età ta’ 18-il sena meta wettqu l-allegat delitt;

5. Jistieden lill-Gvern Federali tan-Niġerja u lill-gvernijiet tal-istati fin-Niġerja biex jiżguraw li f’każijiet kapitali jiġu rrispettati l-iktar standards rigorużi kostituzzjonali u internazzjonalment rikonoxxuti għal proċess ġust, speċjalment fl-oqsma tar-rappreżentazzjoni legali inadegwata ta’ priġunieri iktar foqra, tal-konfessjonijiet jew l-evidenza miksuba permezz tal-vjolenza, l-isfurzar jew it-tortura, tal-perjodi ta’ żmien twal wisq għall-proċessi kriminali u l-appelli u tal-kundanna tal-minuri;

6. Jistieden lill-Gvern Federali tan-Niġerja biex jirratifika t-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Politiċi u Ċivili tal-2002 u l-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u t-Trattament jew Piena Krudili, Inumana jew Degradanti Oħra;

7. Iħeġġeġ lill-gvernijiet tal-istati Niġerjani biex ineħħu d-dispożizzjonijiet kollha li jaħsbu għal sentenzi obbligatorji ta’ mewt;

8. Jistieden lill-Gvern Federali tan-Niġerja u lill-gvernijiet tal-istati biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta’ Studju Nazzjonali dwar il-Piena tal-Mewt (2004) u l-Kummissjoni Presidenzjali dwar ir-Riforma tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (2007), u b’mod partikolari biex jistabbilixxu moratorium fuq l-eżekuzzjonijiet kollha u jibdlu s-sentenzi kollha ta’ mewt;

9. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu appoġġ tekniku lill-awtoritajiet Niġerjani bil-ħsieb li tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni li taħseb għall-piena tal-mewt, titneħħa l-piena tal-mewt, u jittejbu l-proċeduri ta’ investigazzjoni tal-Pulizija Niġerjana;

10. Jitlob li jingħata appoġġ lill-attivitajiet tal-grupp ta’ ħidma dwar il-piena tal-mewt tal-Kummissjoni Afrikana tad-Dirittijiet tal-Bniedem u d-Drittijiet tal-Popli biex tabbozza protokoll għall-Karta Afrikana li jipprojbixxi l-piena tal-mewt u li jagħmilha impossibbli li din terġa’ tiddaħħal;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Punent tal-Afrika, lill-Gvern Federali u l-Parlament tan-Niġerja, lill-Unjoni Afrikana u lill-Parlament Pan-Afrikan.

---

## Il-każ tal-familja al-Kurd

P6_TA(2008)0571

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta’ Novembru 2008 dwar il-każ tal-familja al-Kurd**

(2010/C 16 E/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Lvant Nofsani,

— wara li kkunsidra r-rapport imħejji mid-delegazzjoni ad hoc tiegħu fl-Iżrael u t-Territorji Palestinjani (30 ta’ Mejju - 2 ta’ Ġunju 2008) u l-konklużjonijiet tiegħu,

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

— wara li kkunsidra r-Raba' Konvenzjoni ta' Ġinevra,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti (NU),

— wara li kkunsidra l-Ftehima ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Iżrael, u b'mod partikulari l-Artikolu 2 tagħha,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-10 ta' Novembru 2008 tal-Presidenza f'isem l-Unjoni Ewropea dwar it-twaqqigħ ta' djar f'Ġerusalemm tal-Lvant,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, fil-lejl tal-Ħadd, 9 ta' Novembru 2008, membri tal-pulizija u tal-forzi armati Iżraeljani keċċew lill-familja al-Kurd 'il barra minn darhom f'Sheikh Jarrah, il-kwartier fĠerusalemm tal-Lvant fejn huma kienu għexu għal aktar minn 50 sena; billi, immedjatament wara, ħallew li kolonizzaturi jidħlu fid-dar ta' din il-familja, u mbagħad għalqu l-inħawi,

B. billi din it-tkeċċija twettqet fuq il-bażi ta' ordni maħruġa mill-Qorti Suprema Iżraeljana fis-16 ta' Lulju 2008 wara proċedimenti legali twal u kontroversjali dwar propjetà kontestata quddiem il-qrati u l-awtoritajiet Iżraeljani,

C. billi l-Aġenzija tan-NU għall-Għajnuna u x-Xogħol għar-Refuġjati Palestinjani fil-Lvant Qarib (UNRWA) iddikjarat li se tibqa' toffri għajnuna lill-familja,

D. billi t-tkeċċija twettqet minkejja oġġezzjonijiet internazzjonali; billi l-Istati Uniti qajmu l-kwistjoni mal-awtoritajiet Iżraeljani; billi din id-deċiżjoni tista' twitti t-triq għat-teħid ta' 26 dar oħra fil-kwartieri ta' Sheikh Jarrah f'Ġerusalemm tal-Lvant, u li 26 familja oħra huma kandidati għat-tkeċċija; billi din il-kwistjoni għandha konsegwenzi politiċi għall-istejtus tal-ġejjieni ta' Ġerusalemm tal-Lvant,

E. waqt li jiġbed attenzjoni lejn ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurta' tan-NU u l-fatt li l-komunità internazzjonali ma għarfitx is-sovranità Iżraeljana fuq Ġerusalemm tal-Lvant,

F. billi fit-3 ta' Novembru 2008 d-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew żaret il-kwartieri ta' Sheikh Jarrah u kellha l-opportunità li tiltaqa' mal-familja al-Kurd,

1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar it-tkeċċija tal-familja al-Kurd, it-twaqqigħ riċenti tad-djar ta' familji Palestinjani mill-awtoritajiet Iżraeljani f'diversi nħawi ta' Ġerusalemm tal-Lvant u l-konsegwenzi serji li jistgħu jirriżultaw minn dawn il-miżuri;

2. Jirrimarka li dawn l-operazzjonijiet, li jaffettwaw serjament il-ħajjiet tar-residenti ta' dawn l-inħawi, jmorru kontra l-liġi internazzjonali, u jappella lill-awtoritajiet Iżraeljani sabiex itemmuhom mill-aktar fis possibbli;

3. Jirrimarka li, filwaqt li jagħraf l-indipendenza tal-ġudikatura Iżraeljana fi ħdan il-konfini rikonoxxuti internazzjonalament tal-Istat tal-Iżrael, skont il-liġi internazzjonali Ġerusalemm tal-Lvant ma taqax taħt il-ġuriżdizzjoni tal-qrati Iżraeljani;

4. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-komunità internazzjonali, inkluż il-Kwartett, sabiex jagħmlu l-isforzi kollha possibbli sabiex iħarsu lir-residenti Palestinjani fil-kwartier ta' Sheikh Jarrah u f'inħawi oħra ta' Ġerusalemm tal-Lvant, u jistieden lill-Kwartett sabiex jieħu rwol aktar attiv f'dan is-sens;

5. Itenni s-sejħa tiegħu lill-awtoritajiet Iżraeljani sabiex minnufih iwaqqfu kull tkabbir tal-irħula u l-bini tal-ħajt ta' sigurtà lil hinn mill-konfini Iżraeljani tal-1967, azzjonijiet li jmorru kontra l-liġi internazzjonali u li jipperikolaw l-isforzi għall-paċi;

6. Jafferma li dawn l-azzjonijiet jistgħu biss ifixklu l-ilħuq ta' ftehima ta' paċi bejn il-Palestinjani u l-Iżraeljani; iħeġġeġ lill-Iżrael sabiex ma jieħux miżuri unilaterali li jistgħu jġibu fix-xejn ir-riżultat tan-negozjati dwar l-istejtus aħħari, l-aktar f'Ġerusalemm;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Komuni tal-Affarjiet Barranin u tas-Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Mibgħut Speċjali tal-Kwartett għal-Lvant Nofsani, lill-Gvern Iżraeljan, lill-Knesset, lill-President tal-Awtorità Palestinjana u lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan.

II

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# TAL-PARLAMENT EWROPEW

## It-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Frank Vanhecke

P6_TA(2008)0537

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Frank Vanhecke (2008/2092(IMM))**

(2010/C 16 E/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Frank Vanhecke, imressqa fuq talba tal-Prosekutur Pubbliku ta' Dendermonde, mill-Ministru għall-Ġustizzja tar-Renju tal-Belġju, u mħabbra fis-seduta plenarja fl-10 ta' April 2008,

— wara li sema' lil Frank Vanhecke skont l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, tat-8 ta' April 1965, u l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Mejju 1964 u tal-10 ta' Lulju 1986 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 58 u 59 tal-Kostituzzjoni Belġjana,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(2) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0421/2008),

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Frank Vanhecke;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Renju tal-Belġju.

([1]) Kawża 101/63 *Wagner v Fohrmann u Krier* [1964] ECR 195 u Kawża 149/85 *Wybot v Faure u Oħrajn* [1986] ECR 2391.

# It-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Massimo D'Alema

P6_TA(2008)0538

## Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Massimo D'Alema (2008/2298(IMM))

(2010/C 16 E/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Massimo D'Alema, imressqa mill-Avukat Ġenerali tar-Repubblika quddiem il-Qorti ta' Milan, fit-30 ta' Mejju 2008, u mħabbra fis-seduta plenarja fis-16 ta' Ġunju 2008,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, tat-8 ta' April 1965, kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

— wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Mejju 1964 u tal-10 ta' Lulju 1986 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6 u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0422/2008),

1. Jiddeċiedi li ma jawtorizzax l-użu tal-interċettazzjonijiet telefoniċi konċernati u li ma jneħħix l-immunità ta' Massimo D'Alema;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtoritajiet Taljani responsabbli.

([1]) Kawża 101/63 *Wagner v Fohrmann u Krier* [1964] ECR 195 u Kawża 149/85 *Wybot v Faure u Oħrajn* [1986] ECR 2391.

III

*(Atti preparatorji)*

# PARLAMENT EWROPEW

## Protokoll għall-Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-KE u l-Każakstan *

P6_TA(2008)0528

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda u r-Repubblika tal-Każakstan min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea (COM(2007)0105 — C6-0328/2008 — 2007/0039(CNS))**

(2010/C 16 E/21)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (COM(2007)0105),

— wara li kkunsidra Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni mar-Repubblika tal-Każakstan,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 44(2), l-Artikolu 47(2), l-aħħar sentenza, l-Artikoli 55, 57(2), 71, 80(2), 93, 94, 133, 181a, u l-Artikolu 300(2), it-tieni sentenza, tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 101 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, li permezz tiegħu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0328/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51, 83(7) u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0416/2008),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Protokoll;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Każakstan.

## Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) *

P6_TA(2008)0529

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (COM(2008)0483 — C6-0305/2008 — 2008/0159(CNS))**

(2010/C 16 E/22)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0483)

— wara li kkunsidra l-Artikoli 171 u 172 tat-Trattat KE, skont liema artikoli ġie kkonsultat il-Parlament (C6-0305/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat dwar l-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0439/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

4. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Immarkar statutorju għal vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti (verżjoni kodifikata) ***I

P6_TA(2008)0530

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immarkar statutorju għal vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti (verżjoni kodifikata) (COM(2008)0318 — C6-0205/2008 — 2008/0099(COD))**

(2010/C 16 E/23)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni — kodifikazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0318),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0205/2008),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0382/2008),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali,

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni;

([1]) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

## Il-liġi tal-kumpanniji dwar kumpanniji b'responsabbiltà limitata privati b'membru wieħed (Verżjoni kkodifikata) ***I

P6_TA(2008)0531

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-liġijiet tal-kumpanniji dwar il-kumpanniji privati ta' membru wieħed b'responsabbilità limitata (Verżjoni kkodifikata) (COM(2008)0344 — C6-0217/2008 — 2008/0109(COD))**

(2010/C 16 E/24)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni — kodifikazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0344),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 44 tat-Trattat KE, skont liema Artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0217/2008),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċelerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0383/2008),

([1]) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

A. billi, skont il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta konċernata tillimita ruħha biss għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil fis-sustanza tagħhom,

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Is-sedil tas-sewwieq ta' trakters bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (verżjoni kodifikata) ***I

P6_TA(2008)0532

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sedil tas-sewwieq ta' trakters bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (verżjoni kodifikata) (COM(2008)0351 — C6-0243/2008 — 2008/0115(COD))**

(2010/C 16 E/25)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni — kodifikazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0351),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0243/2008),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi [1],

— wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0384/2008),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali,

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni;

---

[1] ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

## Fond ta' garanzija għall-azzjonijiet esterni (verżjoni kodifikata) *

P6_TA(2008)0533

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Fond ta' garanzija għall-azzjonijiet esterni (verżjoni kodifikata) (COM(2008)0365 — C6-0273/2008 — 2008/0117(CNS))**

(2010/C 16 E/26)

(Proċedura ta' konsultazzjoni — kodifikazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0365),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 308 tat-Trattat KE, skond liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0273/2008),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0387/2008),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali,

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

## Konvenzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ***

P6_TA(2008)0534

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (9196/2008 — C6-0215/2008 — 2008/0048(AVC))**

(2010/C 16 E/27)

(Proċedura ta' kunsens)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (9196/2008),

— wara li kkunsidra t-talba għal kunsens ippreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 300(3), it-tieni subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 61(c) tat-Trattat KE (C6-0215/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 75 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0428/2008),

1. Jagħti l-kunsens tiegħu għal konklużjoni tal-Konvenzjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

## Sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità ***I

P6_TA(2008)0535

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità rigward is-setgħat ta' implimentazzjoni mgħoddija lill-Kummissjoni — (COM(2007)0776 — C6-0452/2007 — 2007/0272(COD))**

(2010/C 16 E/28)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0776),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 285(1) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0452/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0376/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

# Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

P6_TA(2008)0536

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (COM(2008)0609 — C6-0345/2008 — 2008/2286(ACI))**

(2010/C 16 E/29)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0609 — C6-0345/2008),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali (IIA) tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]), u b'mod partikolari l-punt 28 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A6-0430/2008),

A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex jingħata appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li qed isofru l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija u biex tgħinhom sabiex jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol,

B. billi l-assistenza finanzjarja min-naħa tal-Unjoni lill-ħaddiema li sfaw qegħda għandha tkun dinamika u disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008,

C. billi l-Italja talbet assistenza fir-rigward ta' erba' każijiet li jirrigwardaw qgħad fis-settur tat-tessili f'Sardinja, fil-Piemonte, fil-Lombardia u fit-Toscana ([3]),

1. Jistieden lill-istituzzjonijiet involuti biex jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex iħaffu l-mobilizzazzjoni tal-Fond skont id-dikjarazzjoni konġunta msemmija hawn fuq li permezz tal-adozzjoni tagħha l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkonfermaw l-importanza li tkun żgurata proċedura mħaffa li tirrispetta l-Ftehima Interistituzzjonali (IIA) tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni;

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.
([3]) EGF/2007/005 IT/Sardegna, EGF/2007/006 IT/Pjemonte, EGF/2007/007 IT/Lombardia u EGF/2008/001 IT/Toscana.

2. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma d-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, inkluż l-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

*ANNESS*

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR IL-MOBILIZZAZZJONI TAL-FOND EWROPEW TA' AĠĠUSTAMENT GĦALL-GLOBALIZZAZZJONI, SKONT IL-PUNT 28 TAL-FTEHIMA INTERISTITUZZJONALI TAS-17 TA' MEJJU 2006 BEJN IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI DWAR ID-DIXXIPLINA BAĠITARJA U L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA TAJBA

Il-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]), u b'mod partikolari l-punt 28 tagħha,

wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ("il-Fond") twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li jitilfu l-impjieg minħabba nuqqas ta' xogħol għalihom u li jsofru l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjin, u sabiex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) Il-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 tippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.

(3) L-Italja ippreżentat erba' applikazzjonijiet għall-użu tal-Fond fir-rigward ta' redundanxcies fis-settur tat-tessuti: fid-9 ta' Awissu 2007 għal Sardinja, fl-10 ta' Awissu 2007 għall-Piemonte, fis-17 ta' Awissu 2007 għal-Lombardia u fit-12 ta' Frar 2008 għat-Toscana. Dawn l-applikazzjonijiet jikkonformaw mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

(4) Il-Fond, għalhekk, għandu jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjonijiet,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' **EUR 35 158 075** f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

---

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Strasburgu, … Novembru 2008.

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

---

## L-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa *

P6_TA(2008)0541

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (COM(2008)0078 — C6-0099/2008 — 2008/0051(CNS))**

(2010/C 16 E/30)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0078),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 93 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0099/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija kif ukoll tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A6-0417/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(2a) Sabiex jitjieb il-funzjonament tas-suq intern, għandhom isiru aktar sforzi sabiex tintlaħaq armonizzazzjoni gradwali tad-dazju tas-sisa fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li jitqiesu kwistjonijiet bħas-saħħa pubblika, il-ħarsien tal-ambjent u l-kunsiderazzjonijiet baġitarji,*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| | |
|---|---|
| (4) *L-oġġetti tas-sisa* jistgħu jkunu suġġetti għal taxxi oħra indiretti għal skopijiet speċifiċi. F'dak il-każ, madankollu, u sabiex ma jiġix ippreġudikat l-effett utli tar-regoli tal-Komunità relatati mat-taxxi indiretti, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw ma' ċerti elementi essenzjali ta' dawk ir-regoli. | (4) L-oġġetti *suġġetti għad-dazju* tas-sisa jistgħu jkunu suġġetti għal taxxi oħra indiretti għal skopijiet speċifiċi. F'dak il-każ, madankollu, u sabiex ma jiġix ippreġudikat l-effett utli tar-regoli tal-Komunità relatati mat-taxxi indiretti, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw ma' ċerti elementi essenzjali ta' dawk ir-regoli, ***jiġifieri dawk relatati mal-bażi u l-kalkolu tat-taxxa, u mal-ħlas u l-monitoraġġ tat-taxxa***. |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(4a) Meta jkunu qed jimplimentaw din id-Direttiva l-Istati Membri għandhom iqisu l-ħtieġa li jkun żgurat livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| | |
|---|---|
| (9) Billi d-dazju tas-sisa huwa taxxa fuq il-konsum ta' ċerti oġġetti, id-dazju m'għandux jitħallas fir-rigward ta' *oġġetti tas-sisa li* jkunu ġew meqruda jew mitlufa għal kollox, irrispettivament miċ-ċirkostanzi tal-qerda jew tat-telfien. | (9) Billi d-dazju tas-sisa huwa taxxa fuq il-konsum ta' ċerti oġġetti, id-dazju m'għandux jitħallas fir-rigward ta' *oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa* li ***b'mod indisputabbli*** jkunu ġew meqruda jew mitlufa għal kollox, irrispettivament miċ-ċirkostanzi tal-qerda jew tat-telfien. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| | |
|---|---|
| (14) ***Is-sitwazzjonijiet li fihom huwa*** permess bejgħ ħieles mit-taxxa lill-vjaġġaturi li jkunu se jħallu t-territorju tal-Komunità ***għandhom ikunu ddeterminati b'mod ċar***. | (14) ***Għandu jibqa' jkun*** permess bejgħ ħieles mit-taxxa lill-vjaġġaturi li jkunu se jħallu t-territorju tal-Komunità ***permezz ta' vjaġġar fuq l-art sakemm il-ħwienet li jbigħu bla taxxa li jinsabu fuq il-fruntiera jistgħu jagħtu garanzija lill-Istati Membrli li se jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha neċessarji biex ikun evitat kull tip ta' evażjoni, evitar jew abbuż***. |

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(14a) Passiġġieri li jivvjaġġaw bl-ajru jew bil-baħar lejn territorju terz jew lejn pajjiż terz b'dokument ta' trasport li jiddikjara li d-destinazzjoni finali huwa ajruport jew port li jinsab f'territorju terz jew f'pajjiż terz, għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni mill-ħlas tad-dazju fuq prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa imma forniti minn ħwienet ħielsa mit-taxxa.*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(19a) Ir-regoli applikabbli għall-moviment ta' oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa li għalihom tapplika sospensjoni tad-dazju għandhom, skont ċertu kundizzjonijiet, jippermettu li jkun hemm garanzija ġenerali għal dazji baxxi jew ma jkunx hemm garanzija.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(21a) Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim effiċjenti tas-sistema kompjuterizzata, l-Istati Membri għandhom jadottaw fl-applikazzjonijiet nazzjonali tagħhom sett u struttura ta' data uniformi biex l-operaturi ekonomiċi jkollhom "interface" affidabbli.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 24**

| | |
|---|---|
| (24) Huwa meħtieġ li jiġu ddeterminati l-proċeduri li għandhom jiġu użati f'każ li fih is-sistema kompjuterizzata ma tkunx disponibbli. | (24) Huwa meħtieġ li jiġu ddeterminati l-proċeduri li għandhom jiġu użati f'każ li fih is-sistema kompjuterizzata, ***mingħajr ebda ħtija min-naħa tal-operaturi involuti fil-moviment tal-oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa jew minħabba raġunijiet li ma kellhomx kontroll fuqhom***, ma tkunx disponibbli. |

**It-Tlieta, 18 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 7**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28 a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(28a) Fil-każ ta' prodotti li huma suġġetti għad-dazju tas-sisa minħabba li jinxtraw minn individwi privati għall-użu personali tagħhom u trasportati minnhom, il-kwantità ta' oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa għandu jkun speċifikat.*** |

**Emenda 8**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 36**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (36) Sabiex jitħalla perjodu ta' aġġustament għas-sistema ta' kontroll elettronika għall-moviment ta' oġġetti taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn perjodu tranżitorju li matulu dan it-tip ta' moviment ikun jista' jibqa' jitwettaq taħt il-formalitajiet stabbiliti mid-Direttiva 92/12/KEE. | (36) Sabiex jitħalla perjodu ta' aġġustament għas-sistema ta' kontroll elettronika għall-moviment ta' oġġetti taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn perjodu tranżitorju li matulu dan it-tip ta' moviment ikun jista' jibqa' jitwettaq taħt il-formalitajiet stabbiliti mid-Direttiva 92/12/KEE. ***It-tul tal-perjodu tranżitorju għandu jiġi stabbilit filwaqt li tiġi kkunsidrata kif suppost il-fattibilità li fil-fatt tiġi introdotta s-sistema kompjuterizzata fl-Istati Membri individwali***. |

**Emenda 9**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 — punt 4a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(4a) "importazzjoni ta' oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa" tfisser id-dħul ta' oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa fit-territorju tal-Komunità, ħlief jekk l-oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa, hekk kif ikunu daħlu fil-Komunità, ikunu tpoġġew taħt proċedura jew arranġament doganali sospensivi, jew ir-rilaxx ta' oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa minn kwalunkwe proċedura jew arranġament doganali sospensivi bħal dawn;*** |

**Emenda 10**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 — punt 4b (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(4b) "konsenjatarju reġistrat" tfisser persuna naturali jew legali awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni, b'kundizzjonijiet stabbiliti minn dawk l-awtoritajiet, biex tirċievi oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa li jkunu qegħdin jiċċaqalqu skont arranġament ta' sospensjoni tad-dazju u li jkunu ntbagħtu minn Stat Membru ieħor;*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 — punt 4c (ġdid)**

*(4c) "konsenjatur reġistrat" tfisser persuna naturali jew legali awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-importazzjoni, b'kundizzjonijiet stabbiliti minn dawk l-awtoritajiet, biex tibgħat oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa li meta jiġu rilaxxati sabiex jiġu ċċirkolati b'mod liberu, jkunu suġġetti għal arranġament ta' sospensjoni ta' dazju, skont ir-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistipula Kodiċi Doganali tal-Komunità (Kodiċi Doganali Modernizzat)* [1]*;*

[1] *ĠU L 145, 4.6.2008, p. 1.*

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 — punt 4d (ġdid)**

*(4d) "kustodju ta' mħażen awtorizzat" tfisser persuna naturali jew legali awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru biex tipproduċi, tipproċessa, iżżomm, tirċievi jew tibgħat oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa waqt li tagħmel in-negozju tagħha fil-każijiet meta r-rekwiżit li jitħallas id-dazju tas-sisa jkun sospiż skont arranġament ta' sospensjoni tad-dazju;*

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 — punt 4e (ġdid)**

*(4e) "maħżen tat-taxxa" tfisser post fejn oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa li huma suġġetti għal arranġament ta' sospensjoni tad-dazju huma prodotti, proċessati, miżmuma, riċevuti jew mibgħuta minn magazzinier awtorizzat waqt li jkun/tkun qed jagħmel/tagħmel in-negozju tiegħu jew tagħha, bla ħsara għal ċerti kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun jinsab il-maħżen tat-taxxa;*

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 — punt 4f (ġdid)**

*(4f) "post tal-importazzjoni" tfisser il-post fejn jinsabu l-oġġetti meta jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa skont ir-Regolament (KE) Nru 450/2008.*

**It-Tlieta, 18 ta’ Novembru 2008**

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 — paragrafu 2 — subparagrafu 1 — punt c**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| (c) l-importazzjoni tal-*oġġetti tas-sisa*. | (c) l-importazzjoni tal-*oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa*, ***inkluża l-importazzjoni rregolari, sakemm l-oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa ma jkunux tpoġġew, hekk kif ikunu ġew impurtati, taħt arranġament ta’ sospensjoni tad-dazju***. |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 — paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 4. Il-qerda totali jew it-telfien għal kollox tal-*oġġetti tas-sisa*, ***inkluż telfien fin-natura ta’ dawk l-oġġetti, m’għandhomx jitqiesu rilaxxati għall-konsum***. | 4. Il-qerda totali jew it-telfien għal kollox tal-*oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa* kkonċernati għandhom jiġu ppruvati għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti ***tal-Istat Membru fejn tkun seħħet il-qerda totali jew it-telfien għal kollox***. |
| ***Il-telfien jew il-qerda tal-oġġetti tas-sisa*** kkonċernati għandhom jiġu ppruvati għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti. | ***Meta, fil-każ ta’ moviment skont arranġament ta’ sospensjoni tad-dazju, ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat fejn seħħew il-qerda totali jew it-telfien għal kollox, dawn għandhom ikunu meqjusa li seħħew fl-Istat Membru fejn ikunu ġew innutati.*** |
| ***Għall-iskopijiet tal-ewwel subparagrafu, l-oġġetti għandhom jitqiesu mitlufa għal kollox meta ma jkunux jistgħu jintużaw aktar.*** | ***L-Istati Membri jistgħu jissottomettu l-qerda apposta ta’ oġġetti li jkunu suġġetti għal arranġament ta’ sospensjoni tad-dazju għal approvazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 — paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 1. Fejn isseħħ irregolarità, matul moviment taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa, li tirriżulta f’rilaxx għall-konsum ta’ *oġġetti tas-sisa* u ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat fejn ir-rilaxx għall-konsum ikun seħħ, dan għandu jitqies li seħħ fl-Istat Membru minn fejn ikunu ntbagħtu. | 1. Fejn isseħħ irregolarità, matul moviment taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa, li tirriżulta f’rilaxx għall-konsum ta’ *oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa* ***skont l-Artikolu 7(2)(a)***, u ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat fejn ir-rilaxx għall-konsum ikun seħħ, dan għandu jitqies li seħħ fl-Istat Membru minn fejn ikunu ntbagħtu ***u fil-waqt meta l-irregolarità tkun ġiet innutata***. |
| | ***Meta l-oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa li jkunu suġġetti għal arranġament ta’ sospensjoni tad-dazju ma jirnexxilhomx jaslu fid-destinazzjoni tagħhom u l-irregolarità relatata, li tagħti lok għar-rilaxx għall-konsum skont l-Artikolu 7(2)(a), ma tkunx ġiet individwata, ir-rilaxx għall-konsum għandu jitqies li seħħ fl-Istat Membru fejn ikunu nstabu l-oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa u fiż-żmien meta jkunu nstabu.*** |

**It-Tlieta, 18 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Madankollu, jekk, qabel l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet snin mid-data li fiha l-moviment ikun beda skond l-Artikolu 19(1), jiġi aċċertat f'liema Stat Membru jkun seħħ *attwalment* ir-rilaxx għall-konsum, dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru minn fejn ikunu ntbagħtu. | Madankollu, jekk, qabel l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet snin mid-data li fiha l-moviment ikun beda skond l-Artikolu 19(1), jiġi aċċertat f'liema Stat Membru jkun *fil-fatt* seħħ ir-rilaxx għall-konsum, ***ir-rilaxx għall-konsum għandu jkun meqjus li seħħ*** f'dak l-Istat Membru, ***li*** għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ***fejn ikunu ġew individwati jew*** minn fejn ikunu ntbagħtu. |
| Fejn id-dazju tas-sisa jkun tħallas lill-Istat Membru minn fejn ikunu ntbagħtu, għandu jiġi rrimborżat jew mibgħut lura malli l-evidenza ***tal-ġbir*** tiegħu ***mill-Istat*** Membru l-ieħor tiġi pprovduta. | Fejn id-dazju tas-sisa jkun tħallas lill-Istat Membru ***fejn ikunu ġew individwati jew*** minn fejn ikunu ntbagħtu, għandu jiġi rrimborżat jew mibgħut lura malli l-evidenza ***tar-rilaxx*** tiegħu ***għall-konsum fl-Istat*** Membru l-ieħor tiġi pprovduta. |

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 — paragrafu 1a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***1a. Fejn ikun possibbli, permezz tal-użu ta' evidenza xierqa, li b'mod li ma jibqa' l-ebda dubju raġonevoli jiġi ddeterminat fejn tkun seħħet xi irregolarità waqt moviment taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju li tirriżulta fir-rilaxx għall-konsum ta' oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa, id-dazju tas-sisa għandu jitħallas fl-Istat Membru fejn tkun seħħet l-irregolarità.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 — paragrafu 2a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2a. Fejn ikun jista' jiġi ppruvat li irregolarità tkun seħħet fi Stat Membru wieħed, li jwassal sabiex jiġu rrilaxxati għall-konsum oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa li fir-rigward tagħhom ikunu meħmuża l-bolli tat-taxxa tas-sisa tal-Istat Membru destinatarju, id-dazju tas-sisa għandu jsir pagabbli fl-Istat Membru li fih tkun seħħet l-irregolarità biss meta d-dazju tas-sisa jkun rimborżat lill-operatur ekonomiku mill-Istat Membru destinatarju.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 — paragrafu 2b (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2b. F'każijiet ta' irregolarità fejn l-Istat Membru destinatarju ma jimponix dazju tas-sisa permezz tal-użu ta' bolli tas-sisa, id-dazju tas-sisa għandu jsir pagabbli immedjatament lill-Istat Membru li fih tkun seħħet l-irregolarità.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 — paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, irregolarità għandha tfisser sitwazzjoni li fiha ***l-moviment*** ma jkunx intemm skond l-Artikolu 19(2). | 3. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, irregolarità għandha tfisser sitwazzjoni, ***minbarra dik imsemmija fl-Artikolu 7(4)***, li fiha ***moviment, jew parti minn moviment***, ma jkunx intemm skond l-Artikolu 19(2). |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 — paragrafu 1 — punt ea (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***(ea) it-twassil għand faċilità approvata tar-riċerka u l-iżvilupp, laboratorju approvat, dipartiment governattiv approvat jew parti oħra approvata għall-fini tal-ittestjar tal-kwalità, eżami introduttorju ta' qabel il-kummerċjalizzazzjoni u l-ivverifikar għall-possibilità ta' kontrafazzjoni, bil-kundizzjoni li l-oġġetti involuti ma jkunux meqjusa li huma fi kwantitajiet kummerċjali, fejn:*** <br><br> ***(i) L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw liema kwantitajiet għandhom ikunu "kwantitajiet kummerċjali"; kif ukoll*** <br><br> ***(ii) l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu proċeduri ssimplifikati biex ikun iffaċilitat il-moviment ta' oġġetti skont dan il-punt.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 — paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. L-eżenzjonijiet għandhom ikunu suġġetti għal kondizzjonijiet u limitazzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru li jospita. L-Istati Membri jistgħu jagħtu l-eżenzjoni permezz ta' rifużjoni tad-dazju tas-sisa. | 2. L-eżenzjonijiet għandhom ikunu suġġetti għal kondizzjonijiet u limitazzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru li jospita. L-Istati Membri jistgħu jagħtu l-eżenzjoni permezz ta' rifużjoni tad-dazju tas-sisa. ***Il-kondizzjonijiet tar-rifużjoni stabbiliti mill-Istat Membru ma jistgħux jirriżultaw fi proċeduri ta' eżenzjoni li jkunu ta' piż kbir wisq***. |

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 — paragrafu 2a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***2a. Id-dazju tas-sisa, inkluż dak fuq iż-żjut tal-pitrolju, jista' jiġi rimborsat jew jinħafer skont il-proċedura stipulata minn kull Stat Membru. Stat Membru għandu japplika l-istess proċeduri għall-oġġetti nazzjonali kif isir għal dawk minn Stati Membri oħra.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 63/rev**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-ħlas tad-dazju tas-sisa oġġetti tas-sisa fornuti minn ħwienet ħielsa mit-taxxa li jiġu ttrasportati fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi li jkunu se jaqbdu titjira ***jew*** vjaġġ bil-baħar għal territorju terz jew għal pajjiż terz. | 1. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-ħlas tad-dazju tas-sisa oġġetti *suġġetti għas*-sisa fornuti minn ħwienet ħielsa mit-taxxa li jiġu ttrasportati fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi li jkunu se jaqbdu titjira, vjaġġ bil-baħar jew ***vjaġġ fuq l-art***, għal territorju terz jew għal pajjiż terz. |

**Emenda 65/rev**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 — paragrafu 4**

| | |
|---|---|
| 4. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu d-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw: | 4. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu d-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw: |
| (a) "territorju terz" ifisser it-territorji msemmija fl-Artikolu 5(2) u (3); | (a) "territorju terz" ifisser it-territorji msemmija fl-Artikolu 5(2) u (3); |
| (b) "ħanut ħieles mit-taxxa" jfisser kwalunkwe stabbiliment li jinsab ġewwa ajruport jew port li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti, skond il-paragrafu 3 b'mod partikolari; | (b) "ħanut ħieles mit-taxxa" jfisser kwalunkwe stabbiliment li jinsab ġewwa ajruport jew port ***jew fi fruntiera ma' pajjiż terz jew ma' territorju terz*** li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti, b'mos partikulari skont il-paragrafu 3; |
| (c) "vjaġġatur għal territorju terz jew għal pajjiż terz" ifisser kwalunkwe passiġġier li jkollu dokument ta' transport, għall-ivvjaġġar bl-ajru jew bil-baħar, li jgħid li d-destinazzjoni ***immedjata*** huwa ajruport jew port li jinsab f'territorju terz jew f'pajjiż terz. | (c) "vjaġġatur għal territorju terz jew għal pajjiż terz" ifisser kwalunkwe passiġġier li jkollu dokument ta' transport, għall-ivvjaġġar bl-ajru jew bil-baħar, li jgħid li d-destinazzjoni ***finali*** huwa ajruport jew port li jinsab f'territorju terz jew f'pajjiż terz, ***u kwalunkwe passiġġier li jħalli l-Unjoni Ewropea permezz tal-art***. |

**Emenda 25**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 — paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. Il-produzzjoni, l-ipproċessar u ż-żamma *ta' oġġetti tas-sisa* ***għandhom jitqiesu li jkunu seħħew taħt sospensjoni tad-dazju*** tas-sisa ***biss jekk dawk l-attivitajiet iseħħu f'bini awtorizzat skond il-paragrafu 3***. | 2. Il-produzzjoni, l-ipproċessar u ż-żamma ta' *oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa*, ***meta d-dazju*** tas-sisa ***ma jkunx tħallas, għandu jseħħ f'maħżen tat-taxxa***. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 — paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| ***3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jawtorizzaw bħala "mħażen tat-taxxa" bini li għandu jiġi użat għall-produzzjoni, l-ipproċessar u ż-żamma ta' oġġetti tas-sisa, kif ukoll biex jiġu riċevuti jew mibgħuta, taħt arranġamenti ta' sospensjoni tad-dazju.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 — paragrafu 1 — subparagrafi 2 u 3**

| | |
|---|---|
| L-awtorizzazzjoni ma tistax tiġi rrifjutata unikament fuq il-bażi li l-persuna naturali jew legali tkun stabbilita fi Stat Membru ieħor ***u jkollha l-intenzjoni li tħaddem il-maħżen tat-taxxa permezz ta' rappreżentant jew fergħa fl-Istat Membru tal-awtorizzazzjoni***. | L-awtorizzazzjoni ***għandha tkun suġġetta għal kundizzjonijiet li l-awtoritajiet jistgħu jistipulaw għall-iskopijiet ta' prevenzjoni ta' kwalunkwe evażjoni jew abbuż possibbli. L-awtorizzazzjoni*** ma tistax, ***madanakollu***, tiġi rrifjutata unikament fuq il-bażi li l-persuna naturali jew legali tkun stabbilita fi Stat Membru ieħor. |
| ***L-awtorizzazzjoni għandha tkopri l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 14(3).*** | |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 — paragrafu 1 — parti introduttorja**

| | |
|---|---|
| 1. L-*oġġetti tas-sisa* jistgħu jitmexxew taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa ġewwa t-territorju tal-Komunità: | 1. L-*oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa* jistgħu jitmexxew taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa ***bejn żewġ punti*** ġewwa t-territorju tal-Komunità, ***inkluż minn pajjiż terz jew minn reġjun f'pajjiż terz***: |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 — paragrafu 1 — punt a — punt ii**

| | |
|---|---|
| (ii) ***persuna naturali jew legali awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' destinazzjoni, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti minn dawk l-awtoritajiet, li jirċievu oġġetti tas-sisa li jkunu qiegħdin jimxu taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa mibgħuta minn Stat Membru ieħor, minn hawn 'il quddiem imsemmija l-"konsenjatarju reġistrat";*** | (ii) ***il-bini ta'*** konsenjatarju reġistrat; |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 16 — paragrafu 1 — punt b**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (b) mill-post tal-importazzjoni għal kwalunkwe waħda mid-destinazzjonijiet msemmija fil-punt (a), fejn dawk l-oġġetti jintbagħtu minn ***persuna naturali jew legali awtorizzata għal dak l-iskop mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-importazzjoni, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti minn dawk l-awtoritajiet, minn hawn 'il quddiem imsemmi l-***"***konsenjatur reġistrat***". | (b) mill-post tal-importazzjoni għal kwalunkwe waħda mid-destinazzjonijiet ***jew konsenjatarji*** msemmija fil-punt (a), fejn dawk l-oġġetti jintbagħtu minn konsenjatur reġistrat. |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 17 — paragrafu 1 — parti introduttorja**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru minn fejn jintbagħtu, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti minnhom, għandhom jirrikjedu li r-riskji fil-moviment taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa jkunu koperti minn garanzija, li tista' tiġi pprovduta minn waħda jew aktar mill-persuni li ġejjin: | 1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru minn fejn jintbagħtu, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti minnhom, għandhom jirrikjedu li r-riskji fil-moviment taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa jkunu koperti minn garanzija, li tista' tiġi pprovduta minn waħda jew aktar mill-persuni li ġejjin, ***jew f'isimhom***: |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 17 — paragrafu 2 — subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Il-garanzija għandha tkun valida madwar il-Komunità. | 2. Il-garanzija għandha tkun valida madwar il-Komunità ***u tista' ssir***: |
| | ***(a) minn istituzzjoni awtorizzata biex tagħmel in-negozju ta' istituzzjoni ta' kreditu skont id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 li tikkonċerna l-bidu u t-twettiq tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (1); jew*** |
| | ***(b) minn impriża awtorizzata biex twettaq in-negozju tal-assigurazzjoni skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma assigurazzjoni diretta barra minn assigurazzjoni tal-ħajja (2).*** |

*(1) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.*

*(2) ĠU L 228, 11.8.1992, p. 1.*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17a (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 17a*** |
| | ***1. Meta ssir talba mill-persuna msemmija fl-Artikolu 17(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru minn fejn jintbagħtu jistgħu, b'kundizzjonijiet li jkunu stabbilew huma, jippermettu li tingħata garanzija ġenerali għal dazji tas-sisa iktar baxxi, jew li ma tingħata l-ebda garanzija, bil-kundizzjoni li r-responsabilità fiskali għat-trasport tittieħed fl-istess ħin mill-parti responsabbli għat-trasport.*** |
| | ***2. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata biss lil persuni li:*** |
| | ***(a) huma stabbiliti fit-territorju doganali tal-Komunità;*** |
| | ***(b) għandhom rekord sodisfaċenti fir-rigward tal-għoti ta' garanziji li jikkonċernaw il-moviment tal-oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa taħt arranġament ta' sospensjoni taddazju; kif ukoll*** |
| | ***(c) jagħtu regolarment garanziji li jikkonċernaw il-moviment tal-oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju jew huma meqjusa mill-awtoritajiet tad-dwana bħala li jistgħu jissodisfaw l-obbligi li għandhom fir-rigward ta' dawk il-proċeduri.*** |
| | ***3. Il-miżuri li jirregolaw il-proċedura biex jingħataw l-awtorizzazzjonijiet fl-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 40(2).*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 — paragrafu 2 — subparagrafu 2 — parti introduttorja**

| | |
| --- | --- |
| Konsenjatarju reġistrat awtorizzat għall-iskopijiet tal-ewwel subparagrafu għandu jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin: | Konsenjatarju reġistrat ***temporanju*** awtorizzat għall-iskopijiet tal-ewwel subparagrafu għandu jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin: |

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 — paragrafu 1**

| | |
| --- | --- |
| 1. Il-moviment tal-oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa għandu jitqies li jibda meta l-oġġetti jitilqu mill-maħżen tat-taxxa minn fejn jintbagħtu jew mill-post tal-importazzjoni. | 1. Il-moviment tal-oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa għandu jitqies li jibda meta l-oġġetti jitilqu mill-maħżen tat-taxxa minn fejn jintbagħtu jew mill-post tal-importazzjoni. ***Il-punt li fih l-oġġetti jħallu l-maħżen tat-taxxa jew il-post tal-importazzjoni għandu jkun iddeterminat billi jintbagħat messaġġ ta' tagħrif supplimentari mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti mill-magazzinier awtorizzat jew mill-konsenjatur reġistrat***. |

**It-Tlieta, 18 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 — paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Il-moviment tal-oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa għandu ***jitqies li*** jintemm meta l-konsenjatarju jkun irċieva l-wasla tal-oġġetti ***jew***, fil-każ imsemmi fil-punt (iii) tal-Artikolu 16(1)(a), ***meta*** l-oġġetti jkunu ħallew it-territorju tal-Komunità. | 2. Il-movimenti tal-oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa għandu jintemm: |
| | — meta l-konsenjatarju jkun irċieva l-wasla tal-oġġetti. ***Il-ħin meta l-konsenjatarju jirċievi l-wasla tal-oġġetti għandu jiġi ddeterminat billi jintbagħat messaġġ supplimentari ta' informazzjoni mill-konsenjatarju lill-awtorità kompetenti immedjatament wara l-wasla tal-oġġetti***; |
| | — ***meta***, fil-każ imsemmi fil-punt (iii) tal-Artikolu 16(1)(a), l-oġġetti jkunu ħallew it-territorju tal-Komunità ***jew ikunu tpoġġew taħt proċedura jew arranġament doganali sospensivi***. |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 19a*** |
| | ***Ir-regoli applikabbli għall-moviment ta' oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju għandhom, b'kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru minn fejn jintbagħtu, jippermettu li tingħata garanzija ġenerali għal dazju tas-sisa iktar baxx, jew li ma tingħata l-ebda garanzija, bil-kundizzjoni li r-responsabilità fiskali għat-trasport tittieħed fl-istess ħin mill-parti responsabbli għat-trasport.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 — paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Moviment ta' *oġġetti tas-sisa* għandu jitqies li jkun seħħ taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa biss jekk ikun seħħ taħt il-kopertura ta' dokument amministrattiv elettroniku pproċessat skond il-paragrafi 2 u 3. | 1. Moviment ta' *oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa* għandu jitqies li jkun seħħ taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa biss jekk ikun seħħ taħt il-kopertura ta' dokument amministrattiv elettroniku pproċessat skond il-paragrafi 2 u 3. ***L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimplimentaw infrastruttura pubblika importanti fil-livell nazzjonali u biex jiżguraw l-interoperabilità tagħhom***. |

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 — paragrafu 6**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 6. ***Il-konsenjatur għandu jikkomunika l-kodiċi ta' referenza amministrattiv lill-persuna li takkumpanja l-oġġetti.*** | 6. ***L-oġġetti mibgħuta għandhom ikunu akkumpanjati b'informazzjoni stampata li tidentifika l-oġġetti li jkunu qed jiċċaqalqu.*** |
| ***Il-kodiċi għandu jkun disponibbli matul il-moviment taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa kollu.*** | |

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 22**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru minn fejn jintbagħtu l-oġġetti tista' tippermetti, taħt kondizzjonijiet stabbiliti minn dak l-Istat Membru, li l-konsenjatur, bl-użu tas-sistema kompjuterizzata, jaqsam moviment taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa ta' prodotti ta' enerġija f'żewġ movimenti jew aktar, sakemm il-kwantità totali tal-oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa ma tinbidilx. | L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru minn fejn jintbagħtu l-oġġetti tista' tippermetti, taħt kondizzjonijiet stabbiliti minn dak l-Istat Membru, li l-konsenjatur, bl-użu tas-sistema kompjuterizzata, jaqsam moviment taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa ta' prodotti ta' enerġija f'żewġ movimenti jew aktar, sakemm: |
| | ***(a)*** il-kwantità totali tal-oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa ma tinbidilx; ***kif ukoll*** |
| | ***(b) it-tqassim jitwettaq fuq it-territorju ta' Stat Membru li jippermetti proċedura bħal din.*** |
| L-Istati Membri ***jistgħu wkoll jipprovdu li dan it-tip ta'*** qsim ***ma jkunx jista' jitwettaq*** fit-territorju tagħhom. | L-Istati Membri ***għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni jekk jippermettux*** qsim ***ta' kunsinni*** fit-territorju tagħhom ***u taħt liema kundizzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dan it-tagħrif lill-Istati Membri l-oħrajn***. |

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 — paragrafu 1 — subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Malli jiġu rċevuti l-oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa fi kwalunkwe waħda mid-destinazzjonijiet imsemmija fil-punti (i), (ii) jew (iv) tal-Artikolu 16(1)(a) jew fl-Artikolu 16(2), il-konsenjatarju għandu ***mingħajr dewmien*** jissottometti rapport tal-wasla tagħhom, minn hawn "il quddiem imsemmi r-"rapport tal-wasla', lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni bl-użu tas-sistema kompjuterizzata. | 1. Malli jiġu rċevuti l-oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa fi kwalunkwe waħda mid-destinazzjonijiet imsemmija fil-punti (i), (ii) jew (iv) tal-Artikolu 16(1)(a) jew fl-Artikolu 16(2), il-konsenjatarju għandu, ***mhux aktar tard mill-ġurnata ta' xogħol ta' wara l-wasla***, jissottometti rapport tal-wasla tagħhom, minn hawn "il quddiem imsemmi r-"rapport tal-wasla', lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni bl-użu tas-sistema kompjuterizzata. |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 — paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru minn fejn jintbagħtu l-oġġetti għandhom jgħaddu r-rapport tal-esportazzjoni lill-konsenjatur. | 3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru minn fejn jintbagħtu l-oġġetti għandhom jgħaddu r-rapport tal-esportazzjoni lill-konsenjatur ***mhux aktar tard mill-ġurnata ta' xogħol ta' wara l-wasla taċ-ċertifikat li jiddikjara li l-oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa jkunu ħallew it-territorju tal-Komunità***. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 26 — paragrafu 1 — subparagrafi 2 u 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***Meta terġa tkun disponibbli s-sistema, il-konsenjatur għandu jissottometti abbozz ta' dokument amministrattiv elettroniku mingħajr dewmien. Dak id-dokument għandu jissostitwixxi d-dokument f'forma ta' karta msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu hekk kif ikun ġie pproċessat skond l-Artikolu 20(3), u l-proċedura relatata mad-dokument amministrattiv elettroniku għandha tapplika.*** | ***L-oġġetti għandhom ikomplu jiċċaqalqu f'konformità mal-proċedura alternattiva, inkluż il-proċedura tar-rilaxx, anke jekk is-sistema elettronika terġa' ssir disponibbli waqt il-moviment.*** |
| ***Sakemm id-dokument amministrattiv elettroniku jkun ġie pproċessat skond l-Artikolu 20(3), il-moviment għandu jitqies li jkun seħħ taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa taħt kopertura tad-dokument f'forma ta' karta.*** | |

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 26 — paragrafu 2 — subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Fejn is-sistema kompjuterizzata ma tkunx disponibbli, magazzinier awtorizzat jew konsenjatur reġistrat jistgħu jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(8) jew l-Artikolu 22 bl-użu ta' mezzi alternattivi ta' komunikazzjoni. Għal dak il-għan huwa għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru minn fejn jintbagħtu l-oġġetti fil-ħin li l-bidla ta' destinazzjoni jew il-qsim tal-moviment jinbeda. | 2. Fejn is-sistema kompjuterizzata ma tkunx disponibbli, magazzinier awtorizzat jew konsenjatur reġistrat jistgħu jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(8) jew l-Artikolu 22 bl-użu ta' mezzi alternattivi ta' komunikazzjoni ***ddefiniti mill-Istati Membri***. Għal dak il-għan huwa għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru minn fejn jintbagħtu l-oġġetti fil-ħin li l-bidla ta' destinazzjoni jew il-qsim tal-moviment jinbeda. |

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 28**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu proċeduri semplifikati fir-rigward ta' movimenti taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa li jseħħu kompletament fit-territorju tagħhom. | L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu proċeduri semplifikati fir-rigward ta' movimenti taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa li jseħħu kompletament fit-territorju tagħhom, ***inkluża l-possibilità li jiġi rinunzjat ir-rekwiżit ta' superviżjoni elettronika ta' movimenti bħal dawn***. |

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 29 — punt 3a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(3a) movimenti ta' oġġetti skont l-Artikolu 11(1)(ea).*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 30 — paragrafu 1 — subparagrafu 2**

| | |
|---|---|
| ***Fir-rigward tal-oġġetti tas-sisa barra tabakk manifatturat akkwistati minn individwi privati, l-ewwel subparagrafu għandu japplika wkoll f’każijiet fejn l-oġġetti jiġu trasportati f’isimhom.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 30 — paragrafu 2a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***2a. Biex jiġi applikat il-paragrafu 2(e), l-Istati Membri jistgħu jistipulaw livelli gwida, unikament bħala forma ta’ evidenza. Dawk il-livelli gwida m’għandhomx ikunu inqas minn:***<br><br>***(a) Għall-prodotti tat-tabakk:***<br>***— 400 sigarett;***<br>***— 200 cigarillos (sigarri li ma jkunux jiżnu aktar minn 3 grammi kull wieħed);***<br>***— 100 sigarru;***<br>***— 0,5 kilogramm ta’ tabakk tat-tipjip;***<br><br>***(b) Għax-xarbiet alkoħoliċi:***<br>***— 5 litri ta’ spirti;***<br>***— 10 litri ta’ prodotti intermedjarji;***<br>***— 45 litru nbid (inkluż massimu ta’ 30 litru nbid ifexfex);***<br>***— 55 litru birra.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 30 — paragrafu 2b (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***2b. L-Istati Membri jistgħu wkoll jipprovdu sabiex is-sisa ssir pagabbli fl-Istat Membru tal-konsum fir-rigward tax-xiri ta’ żjut minerali li jkunu diġà ġew rilaxxati għall-konsum fi Stat Membru ieħor jekk dawk il-prodotti jkunu ġew trasportati b’modi ta’ trasport mhux tipiċi minn persuni privati jew għalihom. Il-moviment mhux tipiku jista’ jinkludi l-moviment ta’ fjuwils f’kontenituri li mhumiex it-tank tal-vettura jew kontenitur ta’ riserva adegwat kif ukoll il-moviment ta’ prodotti likwidi għat-tisħin b’modi oħra barra fi trakkijiet għall-ġarr tal-fjuwil użati għal intraprendista kummerċjali.*** |

**It-Tlieta, 18 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 34 — paragrafu 4 — punt a**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (a) jirreġistra l-identità tiegħu mal-awtoritajiet fiskali tal-Istat Membru minn fejn jintbagħtu l-*oġġetti tas-sisa*; | (a) jirreġistra l-identità tiegħu mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru minn fejn jintbagħtu l-*oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa* ***u jikseb dokument ta' identifikazzjoni mingħand dawk l-awtoritajiet fiskali***; |

**Emendi 51 u 52**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 37**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Bla ħsara għall-Artikolu 7(1), l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li *l-oġġetti tas-sisa* jkollhom marki fiskali **jew** marki ta' identifikazzjoni nazzjonali użati għal skopijiet fiskali fil-ħin li jkunu rilaxxati għall-konsum fit-territorju tagħhom, jew, fil-każijiet ipprovduti fl-Artikolu 31(1), l-ewwel subparagrafu, u fl-Artikolu 34(1), meta jidħlu fit-territorju tagħhom. | 1. Bla ħsara għall-Artikolu 7(1), l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-*oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa* jkollhom marki fiskali, marki ta' identifikazzjoni nazzjonali ***jew kwalunkwe forma oħra ta' marka tas-serje jew tal-awtentikazzjoni*** użati għal skopijiet fiskali fil-ħin li jkunu rilaxxati għall-konsum fit-territorju tagħhom, jew, fil-każijiet ipprovduti fl-Artikolu 31(1), l-ewwel subparagrafu, u fl-Artikolu 34(1), meta jidħlu fit-territorju tagħhom. |
| 2. Kwalunkwe Stat Membru li jirrikjedi l-użu ta' marki fiskali ***jew*** ta' marki ta' identifikazzjoni nazzjonali kif stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jkun meħtieġ li jagħmilhom disponibbli għall-magazzinieri awtorizzati tal-Istati Membri l-oħra. | 2. Kwalunkwe Stat Membru li jirrikjedi l-użu ta' marki fiskali, ta' marki ta' identifikazzjoni nazzjonali ***jew ta' kwalunkwe forma oħra ta' marka tas-serje jew tal-awtentikazzjoni*** kif stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jkun meħtieġ li jagħmilhom disponibbli għall-magazzinieri awtorizzati tal-Istati Membri l-oħra. |
| 3. Bla ħsara għal kwanlunkwe dispożizzjonijiet li huma jistgħu jistabbilixxu sabiex jiżguraw li dan l-Artikolu jiġi implimentat kif xieraq u biex jipprevjenu kwalunkwe frodi, evażjoni jew abbuż, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-marki ma joħolqux ostakli għall-moviment ħieles tal-*oġġetti tas-sisa*. | 3. Bla ħsara għal kwanlunkwe dispożizzjonijiet li huma jistgħu jistabbilixxu sabiex jiżguraw li dan l-Artikolu jiġi implimentat kif xieraq u biex jipprevjenu kwalunkwe frodi, evażjoni jew abbuż, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-marki ma joħolqux ostakli għall-moviment ħieles tal-*oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa*. |
| Meta dawn il-marki jsiru fuq *oġġetti tas-sisa*, kwalunkwe ammont imħallas jew garantit biex jinkisbu dawn il-marki għandu jiġi rimborżat, rimess jew rilaxxat mill-Istat Membru li jkun ħariġhom jekk id-dazju tas-sisa jkun sar *ponibbli* u nġabar minn Stat Membru ieħor. | Meta dawn il-marki jsiru fuq *oġġetti suġġetti għad-dazju tas-sisa*, kwalunkwe ammont imħallas jew garantit biex jinkisbu dawn il-marki għandu jiġi rimborżat, rimess jew rilaxxat mill-Istat Membru li jkun ħariġhom jekk id-dazju tas-sisa jkun sar *pagabbli* u nġabar minn Stat Membru ieħor. |
| | ***L-Istat Membru li jkun ħareġ il-marki jista' madankollu jagħmel ir-rimborż, ir-remissjoni jew ir-rilaxx tal-ammont imħallas jew garantit suġġett għall-evidenza li dawk il-marki jkunu tneħħew jew inqerdu.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 4. Il-marki fiskali ***jew*** il-marki ta' identifikazzjoni skond it-tifsira tal-paragrafu 1 għandom ikunu validi fl-Istat Membru li jkun ħariġhom. Madankollu, jista' jkun hemm rikonoxximent reċiproku ta' dawn il-marki bejn l-Istati Membri. | 4. Il-marki fiskali, il-marki ta' identifikazzjoni ***nazzjonali jew kwalunkwe forma oħra ta' marka tas-serje jew tal-awtentikazzjoni*** skond it-tifsira tal-paragrafu 1 għandom ikunu validi fl-Istat Membru li jkun ħariġhom. Madankollu, jista' jkun hemm rikonoxximent reċiproku ta' dawn il-marki bejn l-Istati Membri. |

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 39**

| | |
|---|---|
| Sakemm il-Kunsill jadotta dispożizzjonijiet tal-Komunità dwar l-imħażen għad-dgħajjes u l-ajruplani, l-Istati Membri jistgħu jżommu d-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom fuq is-suġġett. | Sakemm il-Kunsill jadotta dispożizzjonijiet tal-Komunità dwar l-imħażen għad-dgħajjes u l-ajruplani, l-Istati Membri jistgħu jżommu d-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom fuq is-suġġett. ***Dawk id-dispożizzjonijiet nazzjonali jridu jiġu mgħarrfa lill-Istati Membri l-oħra ħalli l-operaturi ekonomiċi tagħhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minnhom***. |

## Programm għall-konsum tal-frott fl-iskejjel *

P6_TA(2008)0542

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar tal-politika agrikola komuni u (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) biex tiġi stabbilita Skema ta' Frott għall-Iskejjel (COM(2008)0442 — C6-0315/2008 — 2008/0146(CNS))**

(2010/C 16 E/31)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0442),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema l-Kunsill ikkonsulta l-Parlament (C6-0315/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0391/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tibdel il-proposta tagħha kif meħtieġ, b'konformità mal-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinnotifika lill-Parlament jekk ikun biħsiebu jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jikkonsulta mal-Parlament mill-ġdid jekk biħsiebu jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 2**

| | |
|---|---|
| (2) L-għanijiet tal-PAK preskritti fl-Artikolu 33 tat-Trattat jinkludu l-istabilizzazzjoni tas-swieq, l-assigurazzjoni tad-disponibbiltà tal-provvisti u l-iżgurar li l-provvisti jilħqu lill-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli. Il-forniment tal-għajnuna tal-Komunità fil-kuntest ta' Skema tal-Frott għall-Iskejjel li tipprovdi frott, tal-ħaxix u tal-banana lill-istudenti fl-istabbilimenti edukattivi jilħaq dawn l-għanijiet. Barra minn hekk, l-Iskema għandha ġġiegħel konsumaturi żgħar japprezzaw il-frott u l-ħxejjex u għalhekk ***għandha żżid*** il-konsum għall-ġejjieni permezz tad-dħul mill-promozzjoni fl-agrikoltura, huwa wieħed mill-għanijiet tal-PAK ukoll. Mhux biss, skond l-Artikolu 35(b) tat-Trattat, jista' jsir provvediment għal *azzjonjiet* konġunti fil-qafas tal-politika agrikola komuni, bħal per eżempju Skema ta' Frott għall-Iskejjel, sabiex tippromwovi l-konsum ta' ċerti prodotti. | (2) L-għanijiet tal-PAK preskritti fl-Artikolu 33 tat-Trattat jinkludu l-istabilizzazzjoni tas-swieq, l-assigurazzjoni tad-disponibbiltà tal-provvisti u l-iżgurar li l-provvisti jilħqu lill-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli. Il-forniment tal-għajnuna tal-Komunità fil-kuntest ta' Skema tal-Frott għall-Iskejjel li tipprovdi *frott u ħaxix* u banana ***u prodotti tagħhom ta' oriġini fl-UE, li għandhom ikunu l-iktar friski possibbli, staġonali u li jistgħu jinkisbu bi prezz baxx***, lill-istudenti fl-istabbilimenti edukattivi jilħaq dawn l-għanijiet. ***Kif jitlob l-prinċipju ta' sussidjarjetà, l-Istati Membri, meta jkunu qed jiddeterminaw il-grupp fil-mira, għandhom jingħataw biżżejjed flessibilità li tippermettilhom, filwaqt li jżommu mal-bżonnijiet tagħhom, li jfornu frott tal-iskejjel lill-ikbar ċirku wiesa' possibbli ta' utenti***. Barra minn hekk, l-Iskema għandha ġġiegħel *lill*-konsumaturi żgħar japprezzaw il-frott u l-ħxejjex u għalhekk għandu ***jkollha effett pożittiv għoli fuq is-saħħa pubblika u fil-ġlieda kontra l-faqar tat-tfal, iżżid*** il-konsum *tal*-ġejjieni, ***għandha toħloq effett multiplikatur billi tinvovli lill-istudenti, lill-ġenituri u lill-għalliema***, *biex b'hekk* ***ikollha effett notevolment pożittiv fuq is-saħħa pubblika u*** tippromwovi d-dħul fl-agrikoltura, li huwa *wkoll* wieħed mill-għanijiet tal-PAK . *Barra minn dan*, skont l-Artikolu 35(b) tat-Trattat, *tista' ssir dispożizzjoni* għal *azzjonijiet* konġunti fil-qafas tal-politika agrikola komuni, bħal per eżempju Skema ta' Frott għall-Iskejjel, sabiex tippromwovi l-konsum ta' ċerti prodotti, ***li għandha tkun akkumpanjata bil-fattur addizzjonali tal-edukazzjoni dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa, u li tinkoraġġixxi u tistimula l-produtturi reġjonali, b'mod partikolari dawk tar-reġjuni muntanjużi***. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 2 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(2a) L-Iskema Frott għall-Iskejjel għandha tkun identifikata bħala inizjattiva tal-UE li għandha l-għan li tiġġieled l-obeżità fost it-tfal u tiżviluppa t-togħma tagħhom għal frott u ħaxix frisk. Hija għandha sservi wkoll, bl-għajnuna ta' programmi edukattivi xierqa, biex tagħmel lit-tfal konxji tat-tibdil tal-istaġuni matul is-sena. Għal dak l-iskop, l-awtoritajiet edukattivi għandhom, bħala prijorità, jiżguraw li jitqasam frott staġjonali, filwaqt li jagħtu preferenza għal varjetà vasta ta' frott sabiex it-tfal ikunu jistgħu jiskopru togħmiet differenti.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Barra dan, l-Artikolu 152(1) tat-Trattat jesiġi li "Livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa umana għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-attivitajiet kollha Komunitarji." Il-benefiċċji għas-saħħa ċari tal-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel huma aspetti li għandhom jiġu integrati fl-implimentazzjoni tal-PAK. | (3) Barra dan, l-Artikolu 152(1) tat-Trattat jesiġi li "Livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa umana għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-attivitajiet kollha Komunitarji." Il-benefiċċji għas-saħħa ċari tal-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel huma aspetti li għandhom jiġu integrati fl-implimentazzjoni ***tal-politika tal-UE in ġenerali u fil-***PAK, ***b'mod partikulari***. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 3 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Ikel u l-Biedja Organiċi jipproponi t-tnedija ta' kampanja informattiva u promozzjonali, plurijennali u madwar l-UE kollha biex tinforma l-iskejjel dwar il-vantaġġi tal-biedja organika u biex iżżid il-kuxjenza pubblika u l-għarfien għal prodotti organiċi, inkluż l-għarfien tal-logo tal-UE. L-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel għandha tappoġġja dawn l-objettivi, b'mod partikolari rigward il-frott organiku, u miżuri ta' akkumpanjament għandhom jinkludu l-forniment ta' informazzjoni dwar biedja organika.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Għalhekk jeħtieġ li jsir provvediment għal għajnuna tal-Komunità biex ***tikkofinanzja*** l-provvista lill-istudenti fi stabbilimenti edukattivi ta' ċerti prodotti għas-saħħa tas-setturi ***tal-frott u l-ħxejjex, frott u ħaxix ipproċessat u tal-banana*** u wkoll għal ċerti spejjeż relatati mal-loġistika, tqassim, tagħmir, komunikazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-Iskema. | (6) Għalhekk jeħtieġ li jsir provvediment għal għajnuna tal-Komunità biex ***tiffinanzja*** l-provvista lill-istudenti fi stabbilimenti edukattivi ta' ċerti prodotti tajbin għas-saħħa ***tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex, u tal-banana*** u wkoll għal ċerti spejjeż relatati mal-loġistika, tqassim, tagħmir, komunikazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni, ***kif ukoll għall-miżuri ta' akkumpanjament meħtieġa biex tkun żgurata l-effettività tal-Iskema***. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-Iskema. ***Għandha tingħata attenzjoni partikolari għar-rekwiżiti tal-kwalità u s-sostenibilità tal-prodotti koperti mill-Iskema: huma għandhom jilħqu l-ogħla standards u għandhom, preferibbilment, ikunu staġjonali u prodotti lokalment fejn possibbli, jew fl-UE***. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Sabiex jiżguraw implimentazzjoni ordnata tal-Iskema ta' Frott għall-iskejjel, l-Istati Membri, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, li jixtiequ jagħmlu użu minnha għandhom iħejju strateġija minn qabel. Għandhom jipprovdu wkoll *azzjonijiet* komplimentari *rekwiżiti* biex jagħmlu l-iskema effettiva. | (7) Sabiex jiżguraw implimentazzjoni ordnata tal-Iskema ta' Frott għall-iskejjel, l-Istati Membri, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, li jixtiequ jagħmlu użu minnha għandhom iħejju strateġija minn qabel, ***anke fil-qasam ta' edukazzjoni għall-gruppi mmirati***. Għandhom jipprovdu wkoll *għal* miżuri ***edukattivi u loġistiċi*** komplimentari *li huma meħtieġa* biex jagħmlu l-iskema effettiva, ***u l-Kummissjoni għandha tipprovdi linji gwida għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jinkorporaw dawn il-miżuri b'mod edukattiv f'pakketti tat-tagħlim fl-iskejjel dwar is-saħħa u n-nutrizzjoni***. |

It-Tlieta, 18 ta' Novembru 2008

**Emenda 7**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Sabiex l-impatt globali ta' azzjonijiet nazzjonali simili ma jkunux limitati, l-Istati Membri għandhom ukoll ***jitħallew*** jagħtu għajnuna addizzjonali għall-provvista tal-prodotti u l-ispejjeż relatati u l-miżuri ta' akkumpanjament u l-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel fil-Komunità għandha tkun bla *preġudizzju lil* kwalunkwe skema nazzjonali separata ta' frott għall-iskejjel separata li tirrispetta l-liġi tal-Komunità. Madankollu, sabiex ikun żgurat effett prattiku tal-Iskema tal-Komunità, ma għandhiex tissostitwixxi *l-iffinanzjar preżenti* għall-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel ***nazzjonali*** eżistenti jew skemi oħra ta' tqassim fl-iskejjel li jinkludu l-frott. | (8) Sabiex l-impatt globali ta' azzjonijiet nazzjonali simili ma jkunux limitati, l-Istati Membri għandhom ukoll ***jitheġġu biex*** jagħtu għajnuna addizzjonali għall-provvista tal-prodotti u l-ispejjeż relatati u l-miżuri ta' akkumpanjament u l-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel fil-Komunità għandha tkun bla *ħsara għal* kwalunkwe skema nazzjonali separata ta' frott għall-iskejjel separata li tirrispetta l-liġi tal-Komunità. Madankollu, sabiex ikun żgurat effett prattiku tal-Iskema tal-Komunità, ma għandhiex tissostitwixxi *l-finanzjament* ***nazzjonali*** *attwali* għall-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel ***pluriennali*** eżistenti jew skemi oħra ta' tqassim fl-iskejjel li jinkludu l-frott. ***Il-finanzjament tal-Komunità għandu jkun ta' natura supplimentari u huwa riservat għal skemi ġodda jew għall-estensjoni ta' skemi eżistenti***. |

**Emenda 8**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Sabiex tiġi żgurata amministrazzjoni baġitarja soda, *għandhon* jiġu provduti limiti fissi ta' għajnuna tal-Komunità u rati massimi ta' kofinanzjament u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-iskema għandha tiżdied mal-lista ta' azzjonijiet eliġibbli għall-*iffinanzjar* tal-EAGF stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-*iffinanzjar* tal-politika agrikola komuni. | (9) Sabiex tiġi żgurata amministrazzjoni baġitarja soda, *għandhom* jiġu provduti limiti fissi ta' għajnuna tal-Komunità u rati massimi ta' kofinanzjament u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-iskema għandha tiżdied mal-lista ta' azzjonijiet eliġibbli għall-*finanzjament* tal-EAGF stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar *il-finanzjament* tal-politika agrikola komuni. ***Jekk Stat Membru wieħed jew iktar ma jiħdux finanzjament Komunitarju, il-fondi jistgħu jiġu trasferiti u użati fi Stati Membri oħrajn***. |

**Emenda 9**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Sabiex tippermetti żmien għall-implimentazzjoni bla xkiel tal-Iskema, din għandha tapplika mis-sena skolastika 2009/10. ***Għandu jintbagħat rapport dwarha*** wara tliet snin. | (10) Sabiex tippermetti żmien għall-implimentazzjoni bla xkiel tal-Iskema, din għandha tapplika mis-sena skolastika 2009/10. ***L-Istati Membri għandhom jagħmlu evalwazzjoni annwali tal-implimentazzjoni u tal-impatt tal-programm u l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*** wara tliet snin. ***Minħabba li programm għal tul ta' żmien twil biss se jħalli benefiċċji fit-tul, hemm bżonn li jiġu żgurati l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm sabiex titkejjel l-effettività tiegħu u jkun jista' jiġi propost titjib possibbli***. |

**It-Tlieta, 18 ta' Novembru 2008**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

**Emenda 10**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Premessa 11**

| | |
|---|---|
| (11) Sabiex tagħmel l-iskema aktar effiċjenti, il-Komunità għandha tkun kapaċi tiffinanzja l-azzjonijiet ta' informazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni, u ta' netwerking relatati mal-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel u l-għanijiet tagħha, *mingħajr ħsara* għas-setgħat tagħha li tikkofinanzja, fil-qafas tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' tixrid ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi miżuri neċessarji ta' akkumpanjament biex jitrawwem għarfien dwar l-effetti pożittivi għas-saħħa mill-konsum ta' frott u ħxejjex. | (11) Sabiex tagħmel l-iskema aktar effiċjenti, il-Komunità għandha tkun kapaċi tiffinanzja l-azzjonijiet ta' informazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni, u ta' netwerking relatati mal-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel u l-għanijiet tagħha, *bla ħsara* għas-setgħat tagħha li tikkofinanzja, fil-qafas tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' tixrid ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi miżuri neċessarji ta' akkumpanjament biex jitrawwem għarfien dwar l-effetti pożittivi għas-saħħa mill-konsum ta' frott u ħxejjex. ***Ikun essenzjali li l-Kummissjoni tagħmel kampanja pubbliċitarja kbira għall-Iskema mal-UE kollha***. |

**Emenda 13**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 2 — punt 1 — punt a**
Regolament (KE) Nru 1234/2007
Artikolu 103ga — Paragrafu 1

| | |
|---|---|
| 1. Skond kundizzjonijiet li għad iridu jiġu determinati mill-Kummissjoni, mis-sena skolastika 2009/10, għandha tingħata għajnuna mill-Komunijtà għall-provvisti lill-istudenti fl-istabbilimenti edukattivi ta' ċerti prodotti mis-setturi ***tal-frott u ħxejjex u tal-banana li għad iridu jiġu determinati mill-Kummissjoni u jistgħu*** jingħataw ukoll għal ċerti spejjeż relatati mal-loġistika, tqassim, tagħmir, komunikazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni. | 1. Skont kundizzjonijiet li għad iridu jiġu determinati mill-Kummissjoni, mis-sena skolastika 2009/10, għandha tingħata għajnuna mill-Komunijtà għall-*forniment* lill-istudenti fl-istabbilimenti edukattivi ***u ta' qabel l-iskola*** ta' ċerti prodotti mis-setturi tal-frott u *l-ħxejjex* u tal-banana ***ta' oriġini fl-UE, li għandhom ikunu magħżulin mill-Kummissjoni u determinati f'aktar dettall mill-Istati Membri***, u ***għandhom*** jingħataw ukoll għal ċerti spejjeż relatati mal-loġistika, tqassim, tagħmir, komunikazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni, ***kif ukoll għal għanijiet ta' finanzjament tal-miżuri kumplimentari meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-Iskema***. |
| | ***Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħżlu frott u ħxejjex, li għandhom ikunu friski kemm jista' jkun, staġonali u jistgħu jinxtraw bi prezz baxx, abbażi ta' kriterji tas-saħħa, pereżempju l-anqas ammont possibbli ta' addittivi mhux naturali u ħżiena għas-saħħa.*** |
| | ***Prodotti lokali għandhom jintużaw bħala prijorità sabiex jiġu evitati t-trasport bla bżonn u t-tniġġis ambjentali li jirriżulta.*** |
| | ***Il-frott u l-ħxejjex organiċi u lokali, jekk ikunu disponibbli, għandhom jingħataw kunsiderazzjoni partikulari.*** |

**It-Tlieta, 18 ta' Novembru 2008**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

## Emenda 14

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 2 — punt 1 — punt a**
Regolament (KE) nru 1234/2007
Artikolu 103ga — Paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, li jixtiequ jipparteċipaw fl-iskema għandhom iħejju strateġija minn qabel għall-implimentazzjoni tagħha. Għandhom jipprovdu wkoll azzjonijiet komplimentari neċessarji biex jagħmlu l-iskema effettiva. | 2. L-Istati Membri, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, li jixtiequ jipparteċipaw fl-iskema għandhom iħejju strateġija minn qabel għall-implimentazzjoni, ***filwaqt li jqisu l-kundizzjonijiet tal-ħamrija u tal-klima li jiġu prodotti fihom il-frott u l-ħxejjex. B'rabta ma' dan, għandha tiġi żgurata l-preferenza Komunitarja tal-prodotti kkonċernati. Dawn l-Istati Membri*** għandhom jipprovdu wkoll ***ir-riżorsi finanzjarji Komunitarji u nazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni u għandhom iwettqu l-****miżuri* komplimentari neċessarji biex jagħmlu l-iskema effettiva, ***bi prijorità mogħtija lit-tfal ta' qabel l-iskola u dawk fl-iskejjel primarji, li għalihom il-frott għandu jitqassam b'xejn kuljum***. |
| | ***Fi ħdan din l-Istrateġija, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, inter alia, dan li ġej:*** |
| | — ***il-prodotti li jridu jitqassmu, filwaqt li titqies ix-xorta staġjonali u lokali tal-prodotti;*** |
| | — ***l-gruppi tal-età tal-popolazzjoni skolastika li se jibbenefikaw;*** |
| | — ***l-istabbilimenti edukattivi li jkunu qed jipparteċipaw fl-Iskema.*** |
| | ***Skond kriterji objettivi, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lil frott u ħxejjex prodotti lokalment u tradizzjonali u jappoġġjaw l-irziezet iż-żgħar fl-implimentazzjoni tal-iskema.*** |
| | ***Il-miżuri kumplimentari għandhom jinkludu l-għoti ta' pariri dwar is-saħħa u d-dieta u informazzjoni dwar il-benefiċċju tal-frott għas-saħħa, adattati għall-età tal-istudenti, kif ukoll informazzjoni dwar karatteristiċi partikolari tal-biedja organika.*** |

## Emenda 15

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 2 — punt 1 — sottopunt 1**
Regolament (KE) nru 1234/2007
Artikolu 103g a — Punt 3 — ittra a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) taqbeż EUR ***90 miljun*** kull sena skolastika, | (a) taqbeż EUR ***500 miljun*** kull sena skolastika, |

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 2 — punt 1 — sottopunt 1**
Regolament (KE) nru 1234/2007
Artikolu 103ga — Punt 3(b)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) taqbeż ***il-50 % ta'*** l-ispejjeż tal-provvista u tal-ispejjeż relatati kif imsemmi fil-paragrafu 1, ***jew 75 % ta' dawn l-ispejjeż fir-reġjuni eliġibbli skond l-Għan ta' Konverġenza,*** | b) taqbeż l-ispejjeż tal-provvista u spejjeż relatati ***u dawk tal-miżuri kumplimentari*** kif imsemmi fil-paragrafu 1, |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 2 — punt 1 — sottopunt a**
Regolament (KE) nru 1234/2007
Artikolu 103ga — paragrafu 3 — punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| c) tkopri spejjeż oħra apparti l-ispejjeż tal-provvista kif imsemmi fil-paragrafu 1, u | c) tkopri spejjeż oħra apparti l-ispejjeż tal-provvista u spejjeż relatati ***u dawk tal-miżuri kumplimentari meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-Iskema***, kif imsemmi fil-paragrafu 1, u |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 2 — punt 1 — sottopunt a**
Regolament (KE) nru 1234/2007
Artikolu 103g — paragrafu 3 — punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) tintuża biex tissostitwixxi l-*iffinanzjar* preżenti għal kwalunkwe skema ta' frott għall-iskejjel nazzjonali eżistenzjali jew skemi oħra ta' tqassim fl-iskejjel li jinkludu l-frott. | (d) tintuża biex tissostitwixxi l-*finanzjament* ***pubbliku*** attwali għal kwalunkwe skema ta' frott għall-iskejjel nazzjonali eżistenzjali jew skemi oħra ta' tqassim fl-iskejjel li jinkludu l-frott. |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 2 — punt 1 — sottopunt a**
Regolament (KE) nru 1234/2007
Artikolu 103ga — paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-iskema ta' frott għall-iskejjel tal-Komunità għandha tkun *bla preġudizzju* għal kwalunkwe skema ta' frott għall-iskejjel nazzjonali eżistenti li jirrispettaw il-liġi tal-Komunità. | 5. L-iskema ta' frott għall-iskejjel tal-Komunità għandha tkun *bla ħsara* għal kwalunkwe skema ta' frott għall-iskejjel nazzjonali eżistenti li jirrispettaw il-liġi tal-Komunità. ***Il-proġetti pilota, imwettqa fuq bażi esperimentali f'numru żgħir ta' stabbilimenti edukattivi għal perjodi limitati ta' żmien, m'għandhomx jitqiesu bħala skemi nazzjonali taħt il-paragrafu 3(d).*** |

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 2 — punt 3**

Regolament (KE) nru 1234/2007

Artikolu 184 — Punt 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) qabel il-31 ta' Awissu 2012 lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel preskritta fl-Artikolu 103ga, akkumpanjat, jekk meħtieġ, bi proposti xierqa. Ir-rapport għandu partikularment jindirizza il-kwistjonijiet ta' vastità li biha l-iskema ppromwoviet l-istabbiliment ta' skema ta' frott għall-iskejjel li jiffunzjonaw tajjeb fl-*Istati* Membri u l-impatt tal-Iskema fuq it-titjib ta' *l-abitudnijiet* tal-ikel tat-tfal. | (6) qabel il-31 ta' Awissu 2012 lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel preskritta fl-Artikolu 103ga, akkumpanjat, jekk meħtieġ, bi proposti xierqa. Ir-rapport għandu partikularment jindirizza il-kwistjonijiet ta': |
| | — il-limitu sa fejn l-iskema ppromwoviet l-istabbiliment ta' skema ta' frott għall-iskejjel li jiffunzjonaw tajjeb fl-*Istati* Membri u l-impatt tal-Iskema fuq it-titjib *tad-drawwiet* tal-ikel tat-tfal; |
| | — ***il-limitu sa fejn l-għażla ta' kofinanzjament nazzjonali, permezz ta' kontribuzzjoni parentali, tkun influwenzat jew le il-firxa u l-effettività tal-iskema;*** |
| | — ***ir-rilevanza u l-impatt ta' miżuri nazzjonali kumplimentari, b'mod partikolari l-mod ta' kif l-Iskema ta' Frott fl-Iskejjel u l-informazzjoni kumplimentari dwar dieta tajba għas-saħħa ġew inkorporati fil-kurrikulu nazzjonali;*** |

## L-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol ***II

P6_TA(2008)0546

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol (9815/3/2008 — C6-0343/2008 — 2007/0020(COD))**

(2010/C 16 E/32)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (9815/3/2008 — C6-0343/2008) ([1]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni fl-ewwel qari ([2]) tal-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2007)0046),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0425/2008),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni;

2. Jinnota li l-att huwa adottat bi qbil mal-pożizzjoni komuni;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE;

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 280 E, 4.11.2008, p. 1.
([2]) ĠU C 282 E, 6.11.2008, p. 109.

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

## Obbligi ta' pubblikazzjoni u ta' traduzzjoni ta' ċerti tipi ta' kumpaniji ***I

P6_TA(2008)0547

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 68/151/KEE u 89/666/KEE fir-rigward tal-obbligi ta' pubblikazzjoni u traduzzjoni għal ċerti tipi ta' kumpaniji (COM(2008)0194 — C6-0171/2008 — 2008/0083(COD))**

(2010/C 16 E/33)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0194),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 44(2)(g) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0171/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0400/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TC1-COD(2008)0083**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-19 ta' Novembru 2008 bil-ħsieb ta l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2008/…/KE li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 68/151/KEE,** ***77/91/KEE*** **u 89/666/KEE fir-rigward tal-obbligi ta' pubblikazzjoni u traduzzjoni għal ċerti tipi ta' kumpaniji**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 44(2)(g) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ▌,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura *stabbilita* fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

---

([1]) ĠU C.

([2]) *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2008 (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-….*

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007, qabel li l-piżijiet aministrattivi fuq il-kumpaniji għandhom jitnaqqsu b'25 % sas-sena 2012, biex tittejjeb il-kompetittività tal-kumpaniji fil-Komunità.

(2) Il-liġi tal-kumpaniji kienet identifikata bħala qasam li fih għadd kbir ta' obbligi ta' informazzjoni għall-kumpaniji, li wħud minnhom jidhru li għadda żmienhom jew li huma eċċessivi.

(3) Dawn l-obbligi ta' informazzjoni jeħtiġilhom jiġu riveduti biex il-piżijiet li qed itaqqlu l-kumpaniji fil-Komunità jitnaqqsu għall-minimu meħtieġ biex ikun żgurat il-ħarsien tal-interessi tal-partijiet interessati l-oħra.

(4) Skond l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 68/151/KEE tad-9 ta' Marzu tal-1968 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpaniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat, bil-għan li dawn is-salvagwardji tagħmilhom ekwivalenti f'kull parti tal-Komunità ([1]), il-kumpaniji b'responsabbiltà limitata jeħtiġilhom jiżvelaw, permezz ta' pubblikazzjoni, ċerta informazzjoni li għandha titniżżel fir-reġistru ċentrali, ir-reġistru kummerċjali jew ir-reġistru tal-kumpaniji tal-Istati Membri. F'bosta mill-Istati Membri, din il-pubblikazzjoni jeħtiġilha sseħħ fil-gazzetta tal-gvern, u xi daqqiet, addizzjonalment, fil-ġurnali nazzjonali u reġjonali.

(5) Fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-publikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern lill-kumpaniji tikkawżalhom spejjeż addizzjonali mingħajr ma tipprovdi valur miżjud, ġaladarba r-reġistri tal-kumpaniji l-informazzjoni tagħhom jagħmluha disponibbli fl-internet. Inizjattivi — ***bħall-portal Ewropew futur e-Justice*** — bil-għan li jiffaċilitaw l-aċċess għal dawn ir-reġistri fil-Komunità kollha kemm hi jkomplu jnaqqsu l-ħtieġa li din l-informazzoni tkun ippubblikata f'gazzetta tal-gvern jew f'publikazzjoni stampata oħra.

(6) Biex jippermettu pubblikazzjoni b'infiq effikaċi li lill-utenti tipprovdilhom aċċess faċli għall-informazzjoni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu obbligatorju minn pjattaforma elettronika ċentrali. ***Din il-pjattaforma għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha li jkun meħtieġ li tiġi żvelata jew inkella għandha tagħti aċċess għal dik l-informazzjoni fil-fajl elettroniku tal-kumpanija fir-reġistri tal-Istati Membri***. Barra minn hekk, ***l-Istati Membri*** għandhom jiżguraw li ***kwalunkwe ħlasijiet imposti fuq il-kumpaniji għal pubblikazzjoni bħal din ikunu inklużi fi ħlas wieħed, flimkien ma' dawk, jekk ikun il-każ, li jkunu imposti għad-dħul fir-reġistru. Kwalunkwe obbligu ta' pubblikazzjoni eżistenti fl-Istati Membri m'għandux iwassal għal ħlasijiet speċifiċi addizzjonali. Dan madankollu m'għandux jipperikola l-libertà tal-Istati Membri li jgħaddu lill-kumpaniji l-ispejjeż relatati mat-twaqqif u t-tħaddim tal-pjattaforma, inklużi l-ispejjeż biex jiġu fformattjati d-dokumenti, kemm permezz tal-inklużjoni ta' dawk l-ispejjeż fil-ħlas ta' reġistrazzjoni jew inkella permezz ta' talba għal kontribut perjodiku obbligatorju mill-kumpaniji***.

***(7) F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri jistgħu jkomplu kwalunkwe forma oħra nazzjonali eżistenti ta' pubblikazzjoni, sakemm dawn ikunu definiti tajjeb u bbażati fuq kundizzjonijiet oġġettivi, partikolarment fl-interess taċ-ċertezza legali u tas-sigurtà tal-informazzjoni, u billi titqies id-disponibilità tal-aċċess għall-internet u l-prattiki nazzjonali. L-Istati Membri għandhom ikopru l-ispiża ta' dawn l-obbligi addizzjonali ta' publikazzjoni permezz ta' ħlas wieħed.***

***(8) B'mod konsistenti mal-użu ta' pjattaforma elettronika ċentrali, għandha tiġi emendata t-Tieni Direttiva tal-Kunsill 77/91/KEE tat-13 ta' Diċembru 1976 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fit-tifsira tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabilità limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti*** ([2]) **.**

([1]) ĠU L 65, 14.3.1968, p. 8. ‖.
([2]) ***ĠU L 26, 31.1.1977, p. 1.***

*(9)* Skond il-Ħdax-il Direttiva tal-Kunsill 89/666/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-ħtiġijiet tal-iżvelar rigward il-frieghi *li jinfetħu* fi Stat Membru minn ċerti tipi ta' kumpaniji rregolati bil-liġijiet ta' Stat ieħor ([1]), jeħtieġ li tkun żvelata ċerta informazzjoni dwar il-kumpanija. L-Istat Membru li fih il-fergħa tkun stabbilita, minn hawn 'il quddiem "l-Istat Membru ospitanti", attwalment jista' jesiġi li għadd limitat ta' dokumenti f'dak il-kuntest għandhom jinqalbu f'lingwa uffiċjali oħra tal-Komunità.

*(10)* Dik il-possibbiltà għandha tinżamm, kif ukoll *il-possibilità* li l-Istat Membru ospitanti f'xi każijiet limitati jkun jista' jesiġi li t-traduzzjoi tkun awtentikata, minħabba li l-interess ta' parti terza jista' jrendiha ta' ħtieġa li, permezz ta' awtentikazzjoni, ikun żgurat livell suffiċjenti ta' affidabbiltà tat-traduzzjoni.

*(11)* Madankollu traduzzjoni tista' titqies suffiċjentement affidabbli jekk tkun awtentikata minn traduttur li jkun maħtur uffiċjalment u ġuramentat fi Stat Membru ieħor jew minn kwalunkwe persuna oħra awtorizzata f'dak l-Istat Membru biex jawtentika t-traduzzjonijiet f'dak l-ilsien rekwiżit. L-Istat Membru ospitanti f'dan il-każ ma għandux ikollu l-possibbiltà li jesiġi awtentikazzjoni addizzjonali skond ir-regoli proprji tiegħu.

*(12)* L-istess japplika meta dokument li jkun meħtieġ għar-reġistrazzjoni tal-fergħa jkun jista' *jinħareg mir-reġistru fejn jinżamm il-fajl tal-kumpanija*, bil-lingwa uffiċjali tal-Komunità meħtieġa mill-Istat Membru ospitanti ‖. F'dan il-każ ukoll, ma jidhirx li tkun f'lokha awtentikazzjoni addizzjonali.

*(13)* *Barra minn dan*, l-Istati Membri ma għandhom ikunu jistgħu jimponu l-ebda formalità rigward il-lingwa tad-dokument li tmur lil hinn mill-awtentikazzjoni. B'mod partikolari, ir-rekwiżiti għat-trattament notarili ta' traduzzjoni li diġà tkun awtentikata tisboq dak li huwa meħtieġ biex ikun iggarantit grad suffiċjenti ta' affidabbiltà.

*(14)* Ġaladarba l-*għan* ta' din id-Direttiva, jiġifieri t-tnaqqis tal-piżijiet aministrattivi li jirrigwardaw l-obbligi ta' pubblikazzjoni u *tat*-traduzzjoni fuq ċerti tipi ta' kumpaniji fi ħdan il-Komunità, ma *jistax jintlaħaq* biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk jista', għar-raġuni tal-iskala u l-effetti tal-miżuri, jintlaħaq aħjar f'livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex *jintlaħaq dak il-għan*.

*(15)* Id-Direttivi 68/151/KEE, ***77/91/KEE*** u 89/666/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati skond dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emenda għad-Direttiva 68/151/KEE

L-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 68/151/KEE għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. L-iżvelar tad-dokumenti u d-dettalji msemmija fl-Artikolu 2 għandu *jsir* permezz ta' pubblikazzjoni permezz ta' pjattaforma elettronika ċentrali li tippermetti l-aċċess kronoloġiku għall-informazzjoni żvelata.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji ma jkollhomx jagħmlu ħlas speċifiku fir-rigward tal-pubblikazzjoni ***fuq il***-pjattaforma elettronika ċentrali jew ***fir-rigward ta***' kwalunkwe obbligu addizzjonali ta' pubblikazzjoni impost mill-Istati Membri rigward dawk id-dokumenti u dettalji. ***Din id-dispożizzjoni m'għandhiex taffettwa l-kapaċità ta' Stat Membru li jgħaddi l-ispejjeż relatati ma' pjattaforma elettronika ċentrali lill-kumpaniji.***"

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 36.

***Artikolu 2***

***Emenda għad-Direttiva 77/91/KEE***

***L-Artikolu 29(3) tad-Direttiva 77/91/KEE għandu jinbidel b'dan li ġej:***

"***3.*** ***Kull offerta ta' abbonament fuq bażi preventiva u l-perjodu li fih dan id-dritt ta' prevenzjoni għandu jkun eżerċitat għandhom jiġu pubblikati fil-gazzetta tal-gvern nazzjonali. Madankollu, l-liġijiet ta' Stat Membru ma għandhomx bżonn jipprevedu pubblikazzjoni ta' dan it-tip meta l-ishma kollha ta' kumpannija huma reġistrati. F'dak il-każ, l-azzjonisti kollha tal-kumpannija għandhom ikunu infurmati bil-miktub. Il-jedd preventiv għandu jkun eżerċitat f'perjodu li ma għandux ikun inqas minn 14-il ġurnata mid-data tal-pubblikazzjoni tal-offerta jew mid-data minn meta jintbagħtu l-ittri lill-azzjonisti.***"

*Artikolu 3*

Emenda għad-Direttiva 89/666/KEE

L-Artikolu 4 tad-Direttiva 89/666/KEE għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. L-Istat Membru li fih tkun infetħet il-fergħa jista' jistabbilixxi li d-dokumenti msemmija fil-punt (b) ▌tal-Artikolu 2(2) u fl-Artikolu 3 jeħtiġilhom ikunu ***żvelati*** b'lingwa uffiċjali oħra tal-Komunità għajr bil-lingwa uffiċjali tar-reġistru msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 2(1), u li t-traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti jeħtiġilha tkun awtentikata. ***Meta Stat Membru jkun jeħtieġ awtentifikazzjoni, it***-traduzzjoni ▌*għandha* tkun awtentifikata ***minn persuna kkwalifikata biex tagħmel dan fi*** kwalunkwe Stat Membru ▌.

2. ***L-ewwel paragrafu għandu japplika mutatis mutandis għall***-awtentikazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 2(2), ***sakemm l-awtentikazzjoni tkun inħarġet mir-reġistru msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 2(1) fil-lingwa uffiċjali rikjesta mill-Istat Membru li fih tkun infetħet il-fergħa***.

3. L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda rekwiżit formali ***addizzjonali*** rigward it-traduzzjoni tad-dokumenti ***għajr dawk msemmija*** fil-paragrafi 1 u 2."

*Artikolu 4*

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-qadi ta' din id-Direttiva *qabel l-1 ta' Mejju* 2010. ***L-Istati Membri jistgħu jkomplu kwalunkwe forom oħra ta' pubblikazzjoni nazzjonali eżistenti, bil-kundizzjoni li dawn ikunu definiti sew u bbażati fuq kundizzjonijiet oġġettivi, partikolarment fl-interess taċ-ċertezza legali u tas-sigurtà tal-informazzjoni, u billi titqies id-disponibilità tal-aċċess għall-Internet u l-prattiki nazzjonali. L-Istati Membri għandhom ikopru l-ispiża ta' dawn l-obbligi addizzjonali ta' pubblikazzjoni permezz ta' ħlas wieħed***. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk *il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi, flimkien ma'* tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk *il-miżuri*, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu *l-metodi ta'* kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw *minnufih* lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 5*

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara *l*-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 6*

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ‖,

Għall-Parlament Ewropew
*Il-President*

Għall-Kunsill
*Il-President*

## L-Istatistiċi Ewropej ***I

P6_TA(2008)0548

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istatistika Ewrope*a* (COM(2007)0625 — C6-0346/2007 — 2007/0220(COD))**

(2010/C 16 E/34)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0625),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 285 tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0346/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0349/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**P6_TC1-COD(2007)0220**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-19 ta’ Novembru 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar it-trażmissjoni ta’ data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (Test b’relevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel mal-att leġiżlattiv finali, r-Regolament (KE) Nru 223/2009.)*

---

## Skemi ta’ appoġġ għall-bdiewa taħt il-PAK *

P6_TA(2008)0549

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta’ Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta’ appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni għall-bdiewa u li jistabbilixxi ċerti skemi ta’ appoġġ għall-bdiewa (COM(2008)0306 — C6-0240/2008 — 2008/0103(CNS))**

(2010/C 16 E/35)

(Proċedura ta’ konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0306),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 36 u 37 u l-Artikolu 299(2) tat-Trattat KE, skond liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0240/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0402/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa’ jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b’mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 1**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 1(a) (ġdida)**

| | |
| --- | --- |
| | *(1a) Il-burokrazija fis-settur agrikolu għandha titnaqqas permezz ta' regoli aktar trasparenti, li jinftehmu aħjar u li jorbtu anqas. L-uniku mod kif il-politika agrikola komuni se tkun f'pożizzjoni li tikkontribwixxi biex tkun garantita l-kompetittività tal-intrapriżi agrikoli f'suq globalizzat hu billi jonqsu l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi.* |

**Emenda 3**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 2(a) (ġdida)**

| | |
| --- | --- |
| | *(2a) Għandu jsir sforz kontinwu għas-simplifikazzjoni, għat-titjib u għall-armonizzazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità. Għalhekk il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità kull sentejn.* |

**Emenda 4**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 b (ġdida)**

| | |
| --- | --- |
| | *(2b) Jekk jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jiġu armonizzati l-kontrolli, jiġu amalgamati l-kontrolli, anke fi ħdan l-istituzzjonijiet, u l-pagamenti jsiru fil-ħin ikun hemm aktar appoġġ ġenerali mill-bdiewa għas-sistema tal-kundizzjonalità u b'hekk tiżdied l-effettività tal-politika.* |

**Emenda 5**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 c (ġdida)**

| | |
| --- | --- |
| | *(2c) Sabiex ikun limitat il-piż li hemm fuq il-bdiewa, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jitħeġġu biex jil-limitaw kemm jistgħu kemm in-numru ta' kontrolli fuq il-post u kemm in-numru ta' aġenżiji ta' kontroll bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 tal-21 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli* |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003*** [1]***. L-Istati Membri għalhekk għandhom jitħallew iwettqu għadd minimu ta' kontrolli fil-livell tal-aġenzija li tħallas. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jitħeġġu biex jieħdu miżuri addizzjonali sabiex jillimitaw in-numru ta' persuni li jagħmlu l-kontrolli, biex ikun żgurat li dawn ikunu mħarrġa kif xieraq u jillimitaw il-perjodu li matulu jista' jsir kontroll fuq il-post f'razzett partikolari għal mhux aktar minn ġurnata waħda. Il-Kummissjoni għandha tgħin lill-Istati Membri biex jissodisfaw ir-rekwiżiti għas-selezzjonijiet integrati tal-kampjuni. Is-selezzjoni tal-kampjuni għall-kontrolli fuq il-post għandha issir indipendentament mill-persentaġġi ta' kontroll minimu speċifiċi kif previst skont il-leġiżlazzjoni speċifika li taqa' fl-ambitu tal-kundizzjonalità.***<br><br>*(1) ĠU L 141, 30.4.2004, p. 18.* |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 d (ġdida)**

| | |
| --- | --- |
| | ***(2d) L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-bdiewa ma jiġux ikkastigati darbtejn għall-istess każ fejn ma jikkonformawx, speċifikament permezz ta' tnaqqis jew esklużjoni tal-pagamenti, jew anke permezz ta' multa minħabba nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| | |
| --- | --- |
| (3) Barra minn hekk, biex jiġi evitat l-abbandun ta' art agrikola u jiġi żgurat li din tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa qafas Komunitarju li fih l-Istati Membri jadottaw "standards" wara li jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi taż-żona konċernata, inklużi l-ħamrija u l-kundizzjonijiet klimatiċi, sistemi eżistenti ta' biedja (użu tal-art, newba tal-uċuħ tar-raba' ("crop rotation"), prattiċi tal-farms) u *strutturi* tal-farms. It-tneħħija tas-serħan tal-artijiet fi ħdan l-iskema ta' pagament uniku tista' f'ċerti każijiet ikollha effetti negattivi għall-ambjent, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċerti karatteristiċi ta' pajsaġġ. Għaldaqstant huwa xieraq, fejn ikun adegwat, li *d-dispożizzjonijiet* Komunitarji eżistenti li għandhom *fil-mira tagħhom* il-protezzjoni tal-karatteristiċi speċifikati ta' pajsaġġ *jiġu msaħħa*. | (3) Barra minn hekk, biex jiġi evitat l-abbandun ta' art agrikola u jiġi żgurat li din tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa qafas Komunitarju li fih l-Istati Membri jadottaw "standards" wara li jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi taż-żona konċernata, inklużi l-ħamrija u l-kundizzjonijiet klimatiċi, sistemi eżistenti ta' biedja (użu tal-art, newba tal-uċuħ tar-raba' ("crop rotation"), prattiċi tal-farms) u *l-istrutturi* tal-farms. It-tneħħija tas-serħan tal-artijiet fi ħdan l-iskema ta' pagament uniku tista' f'ċerti każijiet ikollha effetti negattivi għall-ambjent, b'mod partikolari fir-rigward ***tal-bijodiversità***, ta' ċerti karatteristiċi ta' pajsaġġ. Għaldaqstant huwa xieraq, fejn ikun adegwat, li *jissaħħew id-dispożizzjonijiet* Komunitarji eżistenti li *bħala għan* għandhom il-protezzjoni ***tal-bijodiversità u*** tal-karatteristiċi *speċifiċi* ta' pajsaġġ. ***Waqt li titqies il-ħtieġa li jiġu rispettati l-ogħla standards fl-iżgurar tal-kwalità tal-ilma kif stipulat fil-leġiżlazzjoni Komunitarja, m'għandha tkun imposta l-ebda restrizzjoni supplimentari li tostakola l-iżvilupp rurali mixtieq***. |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI

EMENDA

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni:*

(4) Il-protezzjoni u l-ġestjoni tal-ilma fil-kuntest tal-attività agrikola ***f'ċerti nħawi qed issir*** problema dejjem tikber. Huwa għalhekk xieraq li jissaħħaħ ukoll il-qafas Komunitarju eżistenti dwar il-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba bil-għan li l-ilma jiġi mħares kontra t-tniġġis u t-tnixxija filwaqt li jiġi amministrat l-użu tal-ilma.

*Emenda:*

(4) Il-protezzjoni u l-ġestjoni tal-ilma fil-kuntest tal-attività agrikola ***qegħdin isiru*** problema ***f'parti li qiegħda tikber dejjem aktar tal-Komunità***. Huwa għalhekk xieraq li jissaħħaħ ukoll il-qafas Komunitarju eżistenti dwar il-*kundizzjonijiet agrikoli* u ambjentali *tajbin* bil-għan li l-ilma *jitħares* kontra t-tniġġis u t-tnixxija filwaqt li jiġi amministrat l-użu tal-ilma, ***b'mod partikulari billi jitnaqqas il-volum kbir ta' ilma li jinħela kull sena permezz ta' sistemi aħjar għall-ġestjoni agronomika u tal-ilma***.

**Emendi 190 u 226**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 6**

*Test propost mill-Kummissjoni:*

(6) Biex jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-għodod ta' politika mfassla biex jippromovu l-agrikoltura sostenibbli u dawk intenzjonati biex jippromovu l-iżvilupp rurali, ġiet introdotta sistema ta' tnaqqis progressiv fil-pagamenti diretti ("il-modulazzjoni") permezz tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Din is-sistema għandha tinżamm inkluż l-eżenzjoni mill-applikazzjoni tagħha ta' pagamenti sa ***EUR 5 000***.

*Emenda:*

(6) Biex jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-għodod ta' politika mfassla biex jippromovu l-agrikoltura sostenibbli u dawk intenzjonati biex jippromovu l-iżvilupp rurali, ġiet introdotta sistema ta' tnaqqis progressiv fil-pagamenti diretti ("il-modulazzjoni") permezz tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Din is-sistema għandha tinżamm inkluż l-eżenzjoni mill-applikazzjoni tagħha ta' pagamenti sa ***EUR 10 000***.

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 7**

*Test propost mill-Kummissjoni:*

(7) L-iffrankar fl-ispejjeż li jsir permezz tal-mekkaniżmu tal-modulazzjoni li ddaħħal bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jintuża għall-finanzjament ta' miżuri taħt il-politika għall-iżvilupp rurali. Sa mill-adozzjoni ta' dan ir-Regolament is-settur agrikolu kellu jiffaċċja għadd ta' sfidi ġodda u impenjattivi bħat-tibdil fil-klima, l-importanza dejjem tiżdied tal-bijoenerġija, kif ukoll il-ħtieġa għal ġestjoni aħjar tal-ilma u għal protezzjoni aktar effettiva tal-bijodiversità. Il-Komunità Ewropea, bħala parti kontraenti għall-Protokoll ta' Kyoto, *ġiet mitluba* tadatta l-politiki tagħha fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, wara l-problemi serji li nqalgħu *marbuta mas-skarzezza* tal-ilma u n-nixfa, jeħtieġ li l-kwistjonijiet dwar il-ġestjoni tal-ilma jerġgħu jiġi indirizzati. Il-protezzjoni tal-bijodiversità għadha sfida kbira u filwaqt li sar progress importanti, *il-ksib tal-mira* għall-bijodiversità tal-Komunità Ewropea għall-2010 se *jirrikjedi* sforzi

*Emenda:*

(7) L-iffrankar fl-ispejjeż li jsir permezz tal-mekkaniżmu tal-modulazzjoni li ddaħħal bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jintuża għall-finanzjament ta' miżuri taħt il-politika għall-iżvilupp rurali. Sa mill-adozzjoni ta' dan ir-Regolament is-settur agrikolu kellu jiffaċċja għadd ta' sfidi ġodda u impenjattivi bħat-tibdil fil-klima, l-importanza dejjem tiżdied tal-bijoenerġija, kif ukoll il-ħtieġa għal ġestjoni aħjar tal-ilma u għal protezzjoni aktar effettiva tal-bijodiversità. Il-Komunità Ewropea, bħala parti kontraenti għall-Protokoll ta' Kyoto, *intalbet* tadatta l-politiki tagħha fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, wara l-problemi serji li nqalgħu *minħabba l-iskarzezza* tal-ilma u n-nixfa, jeħtieġ li l-kwistjonijiet dwar il-ġestjoni tal-ilma jerġgħu jiġi indirizzati. Il-protezzjoni tal-bijodiversità għadha sfida kbira u filwaqt li sar progress importanti, *biex jintlaħaq l-objettiv* għall-bijodiversità tal-Komunità Ewropea għall-2010 se *jkun hemm*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| addizzjonali. Il-Komunità tirrikonoxxi l-ħtieġa li dawn l-isfidi ġodda jiġu ttrattati fil-qafas tal-politiki tagħha. Fil-qasam tal-agrikoltura, strumenti tajbin biex dawn jiġu indirizzati huma l-programmi għall-iżvilupp rurali adottati taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (*FAEŻR*). ***Sabiex*** l-Istati Membri jkunu jistgħu ***jirrevedu l-programmi*** għall-iżvilupp rurali tagħhom ***skond dan*** mingħajr ma *jiġu mitluba* jnaqqsu l-attivitajiet tal-iżvilupp rurali *ta'* bħalissa f'oqsma oħra, jeħtieġ li jkun hemm id-disponibbiltà ta' finanzjament addizzjonali. Madankollu l-perspettivi finanzjarji għall-perjodu 2007 sa 2013 ma jipprovdux għal mezzi finanzjarji *għar-rinfurzar* tal-politika Komunitarja għall-iżvilupp rurali kif meħtieġ. F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa xieraq li parti kbira tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa *jiġu mobilizzati* għal żieda gradwali fit-tnaqqis tal-pagamenti diretti permezz tal-modulazzjoni. | bżonn ta' sforzi addizzjonali. Il-Komunità tirrikonoxxi l-ħtieġa li dawn l-isfidi ġodda jiġu ttrattati fil-qafas tal-politiki tagħha. Fil-qasam tal-agrikoltura, strumenti tajbin biex dawn jiġu indirizzati huma l-programmi għall-iżvilupp rurali adottati taħt ir-Regolament tal-Kunsill *(KE) Nru 1698/2005* tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. ***Ċertu Stati Membri diġà implimentaw programmi ta' żvilupp rurali intenzjonati biex jiġu affaċjati l-isfidi l-ġodda. Madankollu, sabiex*** l-Istati Membri ***kollha*** jkunu jistgħu ***jimplimentaw il-programmi*** għall-iżvilupp rurali tagħhom mingħajr ma *jintalbu* jnaqqsu l-attivitajiet tal-iżvilupp rurali *li* bħalissa *huma fis-seħħ* f'oqsma oħra, jeħtieġ li jkun hemm id-disponibbiltà ta' finanzjament addizzjonali. Madankollu l-perspettivi finanzjarji għall-perjodu 2007 sa 2013 ma jipprovdux għal mezzi finanzjarji *għat-tisħiħ* tal-politika Komunitarja għall-iżvilupp rurali kif meħtieġ. F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa xieraq li parti kbira tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa *tiġi mobilizzata* għal żieda gradwali fit-tnaqqis tal-pagamenti diretti permezz tal-modulazzjoni. |

**Emendi 11, 197 u 210**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 8**

| | |
|---|---|
| (8) It-tqassim ta' appoġġ dirett ta' dħul fost il-bdiewa huwa kkaratterizzat bl-allokazzjoni ta' sehem kbir ta' pagamenti lil għadd pjuttost limitat ta' benefiċjarji kbar. ***Huwa ċar li*** l-benefiċjarji aktar kbar ***ma jirrikjedux*** li jinkiseb *b'effiċjenza* l-istess livell ta' appoġġ unitarju bil-għan ta' appoġġ ta' dħul. Minbarra dan, il-potenzjal għal adattament jagħmilha aktar faċli għall-benefiċjarji aktar kbar biex joperaw livelli aktar baxxi ta' appoġġ unitarju. Għaldaqstant jidher li tkun ħaġa ġusta li wieħed jistenna li l-bdiewa ***b***'ammonti għoljin ta' appoġġ jagħtu kontribut partikolari għall-finanzjament ta' miżuri għall-iżvilupp rurali li jindirizzaw sfidi ġodda. Għaldaqstant, jidher xieraq li jiġi stabbilit mekkaniżmu li *jipprovdi għat-tnaqqis imsaħħaħ* tal-pagamenti l-aktar għoljin li *d-dħul minnhom għandu jintuża wkoll* biex jiġu ttrattati l-isfidi ġodda fil-qafas tal-iżvilupp rurali. Biex tiġi żgurata l-proporzjonalità ta' dan il-mekkaniżmu *t-tnaqqis* addizzjonali għandu jiżdied progressivament skond l-ammonti tal-pagamenti konċernati. | (8) It-tqassim ta' appoġġ dirett ta' dħul fost il-bdiewa huwa kkaratterizzat bl-allokazzjoni ta' sehem kbir ta' pagamenti lil għadd pjuttost limitat ta' benefiċjarji kbar. ***B'mod indipendenti mit-tip ta' struttura tagħhom, jista' jiġri*** li l-benefiċjarji aktar kbar ma ***jkollhomx bżonn*** li jinkiseb l-istess livell ta' appoġġ unitarju bil-għan ta' appoġġ ta' dħul *bħall-benefiċjarji iżgħar*. Minbarra dan, il-potenzjal għal adattament jagħmilha aktar faċli għall-benefiċjarji aktar kbar biex joperaw *b'*livelli aktar baxxi ta' appoġġ unitarju. Għaldaqstant jidher li tkun ħaġa ġusta li wieħed jistenna li l-bdiewa ***li, meta wieħed iqis l-ammont ta' salarji ta' kull intrapriża kkonċernata, igawdu minn*** ammonti għoljin ta' appoġġ, jagħtu kontribut partikolari għall-finanzjament ta' miżuri għall-iżvilupp rurali li jindirizzaw sfidi ġodda. Għaldaqstant, jidher xieraq li jiġi stabbilit mekkaniżmu li *jipprevedi tnaqqis akbar* tal-pagamenti l-aktar għoljin, *u* li *l-flus ffrankati minħabba dan it-tnaqqis għandhom jintużaw ukoll* biex jiġu ttrattati l-isfidi ġodda fil-qafas tal-iżvilupp rurali. Biex tiġi żgurata l-proporzjonalità ta' |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | dan il-mekkaniżmu, *it-tnaqqis* addizzjonali għandu jiżdied progressivament skond l-ammonti tal-pagamenti konċernati. Madankollu, għandu jiġi evitat li l-entitajiet ta' assoċjazzjoni li jiġbru fihom għadd kbir ta' bdiewa, bl-azjendi rispettivi tagħhom, bħal fil-każ tal-koperattivi agrarji, u li jikkonformaw mad-definizzjoni ta' "bidwi" stabbilita f'Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, jiġu meqjusa bħala benefiċjarji kbar, xi ħaġa li ġġib magħha tnaqqis korrispondenti fil-ħlasijiet. Għal dan il-għan, għandu jiġi stabbilit liema entitajiet jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet, biex jiġu eżentati mill-progressività possibbli. |
| | Flimkien ma dan, sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni ulterjuri fis-settur agrikolu, l-assoċjazzjonijiet tal-produtturi li jgħaddu minn għandhom il-pagamenti diretti m'għandhomx jitqiesu bħala benefiċjarji kbar meta jkun qed jiġi applikat il-mekkaniżmu ta' modulazzjoni. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8(a) (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(8a) Barra minn hekk, se jkun hemm bżonn li l-Istati Membri jkollhom disponibbli appoġġ speċifiku biex jaffaċjaw l-isfidi l-ġodda li jirriżultaw mill-effetti tal-kontroll tas-saħħa tal-Politika Agrikola Komuni.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| | |
|---|---|
| (16) Biex il-bdiewa jkunu megħjuna jilħqu *livelli* ta' *l-agrikoltura* moderna u ta' kwalità għolja, jeħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema komprensiva li toffri konsulenza ***lill-farms kummerċjali***. Is-sistema konsultattiva għall-farms għandha tgħin lill-bdiewa ***jsiru*** iktar konxji ta' kurrenti materjali u proċessi tal-biedja relatati mal-ambjent, sikurezza tal-ikel, saħħa u benessri tal-annimali mingħajr bl-ebda mod ma jkunu affettwati l-obbligazzjoni u r-responsabbiltà tagħhom li jirrispettaw dawk *il-livelli*. | (16) Biex il-bdiewa jkunu megħjuna jilħqu *l-istandards* ta' *agrikoltura* moderna u ta' kwalità għolja, jeħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema komprensiva li toffri konsulenza ***lill-bdiewa kollha***. Is-sistema konsultattiva għall-farms għandha tgħin lill-bdiewa ***biex jipproduċu b'mod effettiv u li jrendi qligħ u biex isiru*** iktar konxji ta' kurrenti materjali u proċessi tal-biedja relatati mal-ambjent, sikurezza tal-ikel, saħħa u benessri tal-annimali mingħajr bl-ebda mod ma jkunu affettwati l-obbligazzjoni u r-responsabbiltà tagħhom li jirrispettaw dawk *l-istandards*. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| | |
|---|---|
| (19) L-amministrazzjoni ta' ammonti żgħar huwa kompitu ta' piż għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. ***Biex jiġu evitati piżijiet amministrattivi żejda huwa xieraq li l-Istati Membri jastjenu milli jikkonċedu pagamenti diretti fejn il-pagament*** | (19) L-amministrazzjoni ta' ammonti żgħar huwa kompitu ta' piż għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. ***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jagħtux pagamenti diretti li jkun anqas minn livell minimu li għad irid jiġi stabbilit.*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***ikun aktar baxx mill-appoġġ medju Komunitarju għal ettaru wieħed jew inkella fejn iż-żona eliġibbli tal-istabbiliment agrikolu li għaliha qed jintalab l-appoġġ ikopri anqas minn ettaru wieħed. Għandha ssir dispożizzjoni speċjali għal dawk l-Istati Membri li l-istruttura tal-farm tagħhhom tvarja b'mod sinifikanti minn dik medja tal-Komunità. L-Istati Membri għandhom jingħataw id-diskrezzjoni li jagħżlu l-implimentazzjoni ta' waħda miż-żewġ kriterji billi jqisu l-partikolaritajiet tal-istrutturi tal-ekonomiji agrikoli tagħhom. Peress li ġew allokati d-drittijiet ta' pagamenti speċjali lil bdiewa b'hekk imsejħa stabbilimenti "bla artijiet", l-applikazzjoni tal-limitu bbażat fuq ettaru ikun mingħajr effett. Għaldaqstant bdiewa bħal dawn għandhom ikunu suġġetti għall-ammont medju minimu bbażat fuq l-appoġġ***. | |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| | |
|---|---|
| (21) *Pagamenti pprovduti taħt skemi ta' appoġġ Komunitarji għandhom isiru, bis-sħiħ, mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali* lill-benefiċjarji, mingħajr preġudizzju għat-tnaqqis *ipprovdut* f'dan ir-Regolament, u fi żmien il-perjodi preskritti. Sabiex il-ġestjoni tal-pagamenti diretti tkun aktar flessibbli, l-Istati Membri għandhom jitħallew iħallsu pagamenti diretti mqassma f'żewġ ħlasijiet kull sena. | (21) *L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom iħallsu l-pagamenti kollha previsti taħt skemi Komunitarji ta' appoġġ* lill-benefiċjarji, mingħajr preġudizzju għat-tnaqqis *previst* f'dan ir-Regolament, u fi żmien il-perjodi preskritti. Sabiex il-ġestjoni tal-pagamenti diretti tkun aktar flessibbli, l-Istati Membri għandhom jitħallew iħallsu pagamenti diretti mqassma f'żewġ ħlasijiet kull sena, ***sabiex minn naħa, fil-każ ta' dewmien, ikunu jistgħu jitħallsu l-interessi skont ir-rata fis-seħħ fis-suq u min-naħa l-oħra, skont il-bżonnijiet tas-settur, biex tingħatalhom ċertu flessibilità biex jiddeċiedu d-dati tal-ħlas***. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| | |
|---|---|
| ***(23) Sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-politika agrikola komuni, l-iskemi komuni tal-appoġġ għandhom jiġu aġġornati għall-iżviluppi li jsiru, fejn meħtieġ fil-limiti ta' żmien qosra. Għal-daqstant, il-benefiċjarji ma jistgħux iserrħu fuq il-fatt li l-kundizzjonijiet għall-għajnuna mhux ser jinbidlu u għandhom ikunu ppreparati għal reviżjoni possibli tal-iskemi fid-dawl tal-iżviluppi ekonomiċi jew tal-qagħda tal-baġit.*** | ***imħassra*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 17**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 23a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(23a) L-ewwel pilastru tal-Politika Agrikola Komuni għandu jinżamm fil-ġejjieni sabiex jiggarantixxi l-irwol ewlieni tal-bidwi bħala l-mutur tal-ekonomija f'diversi reġjuni rurali, bħala l-għassies tal-pajsaġġ u bħala garanti tal-istandards għoljin tas-sikurezza alimentari meħtieġa mill-UE.*** |

**Emenda 18**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (24) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa skema ta' pagament uniku li għaqqad id-diversi mekkaniżmi ta' appoġġ eżistenti f'skema unika ta' pagamenti diretti diżakkoppjati. L-esperjenza tal-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku turi li fiha ċerti elementi li jistgħu jiġu ssimplifikati għall-benefiċċju tal-bdiewa u l-amministrazzjonijiet. Barra minn hekk, peress li sadanittant ġiet implimentata l-iskema ta' pagament uniku mill-Istati Membri kollha li *kienu mitluba* jagħmlu hekk, għadd ta' dispożizzjonijiet marbutin mal-implimentazzjoni inizjali tagħha skadew u għalhekkk dawn għandhom jiġu adattati. F'dan il-kuntest, f'xi każijiet ġie osservat nuqqas sinifikanti fl-użu tad-drittijiet għall-pagamenti. Biex sitwazzjoni bħal din tiġi evitata u ***meta wieħed iqis li l-bdiewa diġà huma familjari mal-funzjonament tal-iskema ta' pagament uniku***, il-perjodu ***stabbilit fil-bidu*** biex id-drittijiet għall-pagamenti mhux użati jerġgħu lura lir-riżerva nazzjonali għandu ***jonqos għal sentejn***. | (24) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa skema ta' pagament uniku li għaqqad id-diversi mekkaniżmi ta' appoġġ eżistenti f'skema unika ta' pagamenti diretti diżakkoppjati. L-esperjenza tal-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku turi li fiha ċerti elementi li jistgħu jiġu ssimplifikati għall-benefiċċju tal-bdiewa u l-amministrazzjonijiet. Barra minn hekk, peress li sadanittant ġiet implimentata l-iskema ta' pagament uniku mill-Istati Membri kollha li *ntalbu* jagħmlu hekk, għadd ta' dispożizzjonijiet marbutin mal-implimentazzjoni inizjali tagħha skadew u għalhekkk dawn għandhom jiġu adattati. F'dan il-kuntest, f'xi każijiet ġie osservat nuqqas sinifikanti fl-użu tad-drittijiet għall-pagamenti. Biex sitwazzjoni bħal din tiġi evitata, il-perjodu ***previst*** biex id-drittijiet għall-pagamenti mhux użati jerġgħu lura lir-riżerva nazzjonali għandu ***jiġi stabbilit għal tliet snin***. |

**Emenda 19**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (27) Is-serħan obbligatorju tal-artijiet li jinħadmu ġie introdott bħala mekkaniżmu għall-kontroll tal-provvista. *L-iżviluppi* fis-suq tas-settur tal-uċuħ tar-raba' kkultivati flimkien mal-introduzzjoni ta' għajnuniet diżakkoppjati *l-ħtieġa* għaż-żamma ta' dan l-istrument m'għadhiex iġġustifikata, u għaldaqstant għandu jitneħħa. ***Għandhom għalhekk jiġu attivati d-drittijiet*** għas-serħan tal-artijiet stabbiliti f'konformità mal-Artikoli 53 u 63(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ***fir-rigward tal-ettari li jkunu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà bħal ta' kwalunkwe dritt ieħor***. | (27) Is-serħan obbligatorju tal-artijiet li jinħadmu ġie introdott bħala mekkaniżmu għall-kontroll tal-provvista. *Minħabba l-iżviluppi* fis-suq tas-settur tal-uċuħ tar-raba' kkultivati flimkien mal-introduzzjoni ta' għajnuniet diżakkoppjati, *il-ħtieġa* għaż-żamma ta' dan l-istrument m'għadhiex iġġustifikata, u għaldaqstant għandu jitneħħa. ***Id-drittijiet*** għas-serħan tal-artijiet stabbiliti f'konformità mal-Artikoli 53 u 63(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ***għandhom għalhekk isiru drittijiet normali*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (28) Wara l-integrazzjoni fl-iskema ta' pagament uniku tal-appoġġ tas-suq li qabel kien akkoppjat, il-valur tad-drittijiet għall-pagamenti, f'dawk l-Istati Membri li ħadu l-għażla ta' implimentazzjoni storika, kien ibbażat fuq il-livell individwali tal-appoġġ tal-passat. *Wara snin dejjem jiżdiedu* minn meta ġiet introdotta l-iskema ta' pagament uniku u wara l-integrazzjoni sussegwenti ta' aktar setturi fl-iskema ta' pagament uniku, qed issir ħaġa dejjem aktar diffiċli biex tiġi ġġustifikata l-leġittimità tad-differenzi individwali sinifikanti fil-livell tal-appoġġ li huwa bbażat biss fuq l-appoġġ tal-passat. Għal din ir-raġuni l-Istati Membri li kienu għażlu l-implimentazzjoni storika għandhom taħt ċerti kundizzjonijiet jitħallew jirrevedu d-drittijiet għall-pagamenti allokati bil-għan li l-valur tal-unità tagħhom jiġi approssimat filwaqt li jkunu rispettati l-prinċipji ġenerali tal-leġiżlazzjoni komunitarja u l-għanijiet tal-Politika Agrikola Komuni. F'dan il-kuntest l-Istati Membri jistgħu iqisu l-ispeċifiċitajiet taż-żoni ġeografiċi meta jistabbilixxu l-valuri li joqorbu aktar. *L-ibbilanċjar* tad-drittijiet għall-pagamenti għandu jsir waqt perjodu ta' tranżizzjoni adegwat u fi ħdan firxa limitata ta' tnaqqis sabiex il-bdiewa jitħallew jadattaw b'mod raġonevoli għal-livelli varjabbli ta' appoġġ … | (28) Wara l-integrazzjoni fl-iskema ta' pagament uniku tal-appoġġ tas-suq li qabel kien akkoppjat, il-valur tad-drittijiet għall-pagamenti, f'dawk l-Istati Membri li ħadu l-għażla ta' implimentazzjoni storika, kien ibbażat fuq il-livell individwali tal-appoġġ tal-passat. *Minħabba li qed jgħaddu dejjem aktar snin* minn meta ġiet introdotta l-iskema ta' pagament uniku u wara l-integrazzjoni sussegwenti ta' aktar setturi fl-iskema ta' pagament uniku, qed issir ħaġa dejjem aktar diffiċli biex tiġi ġġustifikata l-leġittimità tad-differenzi individwali sinifikanti fil-livell tal-appoġġ li huwa bbażat biss fuq l-appoġġ tal-passat. Għal din ir-raġuni l-Istati Membri li kienu għażlu l-implimentazzjoni storika għandhom taħt ċerti kundizzjonijiet jitħallew jirrevedu d-drittijiet għall-pagamenti allokati bil-għan li l-valur tal-unità tagħhom jiġi approssimat filwaqt li jkunu rispettati l-prinċipji ġenerali tal-leġiżlazzjoni komunitarja u l-għanijiet tal-Politika Agrikola Komuni. F'dan il-kuntest l-Istati Membri jistgħu iqisu l-ispeċifiċitajiet taż-żoni ġeografiċi meta jistabbilixxu l-valuri li joqorbu aktar. *Il-livellar* tad-drittijiet għall-pagamenti għandu jsir waqt perjodu ta' tranżizzjoni adegwat ***skont ir-ritmu ta' implimentazzjoni magħżul minn kull Stat Membru*** u fi ħdan firxa limitata ta' tnaqqis sabiex il-bdiewa jitħallew jadattaw b'mod raġonevoli għal-livelli varjabbli ta' appoġġ. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 29a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(29a) Is-sistema ta' kundizzjonalità u/jew il-Politika Agrikola Komuni probabbilment se jkunu jeħtieġu aktar aġġustamenti fil-futur, peress li l-livell tal-pagamenti mhux dejjem jidher li hu proporzjonat mal-isforzi magħmula mill-bdiewa kkonċernati biex jirrispettaw ir-regoli, peress li l-pagamenti għadhom jiddependu ħafna fuq l-infiq storiku. Hu evidenti li l-leġiżlazzjoni dwar il-benessri tal-annimali hija partikolarment ta' piż għall-bdiewa li jrabbu l-bhejjem, u dan ma jidhirx fil-livell tal-pagamenti tagħhom. Madankollu, jekk il-prodotti importati għandhom jilħqu l-istess standards fir-rigward tal-benesseri tal-annimali, allura ma jkunx hemm il-bżonn li l-bdiewa jiġu kkumpensati għall-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni għandha għalhekk taħdem għar-rikonoxximent ta' kwistjonijiet mhux kummerċjali bħall-kriterji tal-importazzjoni fi ħdan in-negozjati tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.*** |

L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 30**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (30) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, filwaqt li jdaħħal l-iskema ta' pagament uniku diżakkoppjat jippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti pagamenti minn dik l-iskema. Fl-istess ħin l-Artikolu 64(3) ta' dak ir-Regolament *ipprovda għar-reviżjoni* tal-għażliet li hemm *ipprovduti* fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu 5 tat-Titoli II, fir-rigward ta' żviluppi strutturali u tas-suq. Analiżi tal-esperjenza rilevanti turi li d-diżakkoppjar ***idaħħal*** flessibbiltà fl-għażla tal-produtturi, ***u jiffaċilita*** t-teħid tad-deċiżjoniet tagħhom dwar il-produzzjoni fuq il-bażi tal-*gwadann* u tar-reazzjoni fis-suq. ***Dan huwa l-każ partikolarment għall-uċuħ tar-raba' kkultivati, is-setturi tal-ħopps u taż-żrieragħ, kif ukoll sa ċertu punt, is-settur taċ-ċanga***. Għaldaqstant, ***il-pagamenti parzjalment akkoppjati f'dawn is-setturi għandhom jiġu integrati fl-iskem ta' pagament uniku. Sabiex il-bdiewa fis-settur tal-laħam taċ-ċanga ikunu jistgħu jadattaw gradwalment għall-arranġamenti ta' appoġġ ġodda għandu jkun hemm provvediment għad-dħul f'fażijieti tal-integrazzjoni tal-primjum speċjali għall-annimali maskili u l-primjums għall-qatla***. Peress li l-pagamenti parzjalment akkoppjati fis-setturi tal-frott u tal-ħaxix iddaħħlu biss dan l-aħħar, u bħala miżura ta' tranżizzjoni biss, ma' hi meħtieġa l-ebda reviżjoni ta' tali skemi. | (30) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, filwaqt li jdaħħal l-iskema ta' pagament uniku diżakkoppjat jippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti pagamenti minn dik l-iskema. Fl-istess ħin l-Artikolu 64(3) ta' dak ir-Regolament *ippreveda r-reviżjoni* tal-għażliet li hemm *previsti* fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu 5 tat-Titoli II, fir-rigward ta' żviluppi strutturali u tas-suq. Analiżi tal-esperjenza rilevanti turi li d-diżakkoppjar ***jista' jiggarantixxi*** flessibbiltà fl-għażla tal-produtturi, ***li kieku tiffaċilita*** t-teħid tad-deċiżjoniet tagħhom dwar il-produzzjoni fuq il-bażi tal-gwadann u tar-reazzjoni fis-suq. Għaldaqstant ***hu mixtieq li dawk l-Istati Membri li jiddeċiedu li jkomplu jiddiżakkoppjaw l-għajnuna jkunu awtorizzati jagħmlu dan***. Peress li l-pagamenti parzjalment akkoppjati fis-setturi tal-frott u tal-ħaxix iddaħħlu biss dan l-aħħar, u bħala miżura ta' tranżizzjoni biss, ma' hi meħtieġa l-ebda reviżjoni ta' tali skemi. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 31(a) (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(31 a) Hemm bżonn li jiġu adottati miżuri speċifiċi biex jgħinu lis-settur tan-nagħaġ, li sejjer lura attwalment. Għandhom jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2008 dwar il-ġejjieni tas-setturi tan-nagħaġ u l-mogħoż fl-Ewropa*** (1). |

*(1) Testi Adottati ta' dik id-data, P6_TA(2008)0310.*

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 32**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (32) F'każijiet definiti b'mod ċar l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw sa 10 % tal-limiti massimi tagħhom għall-għoti tal-appoġġ speċifiku. Tali appoġġ għandu jippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw kwistjonijiet ambjentali u jtejbu l-kwalità u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli. Għandu jkun hemm disponibbli wkoll appoġġ speċifiku bħala protezzjoni kontra l-konsegwenzi tat-tneħħija tal-kwoti tal-ħalib u tad-diżakkoppjar tal-appoġġ f'setturi li huma partikolarment sensittivi. ***Minħabba l-importanza dejjem tikber tal-ġestjoni tar-riskji effettiva l-Istati Membri għandhom jingħataw l-għażla li jikkontribwixxu finanzarjament għall-primjums li l-bdiewa jħallsu għall-assigurazzjoni tal-uċuħ kif ukoll għall-finanzjament tal-kumpens finanzjarju ta' xi telf ekonomiku minħabba każijiet ta' mard tal-annimali jew tal-pjanti***. Bil-għan li jiġu rispettati l-obbligi internazzjonali tal-Komunità r-riżorsi li jistgħu jintużaw għal kwalunkwe miżura ta' appoġġ akkoppjat għandhom ikunu limitati fuq livell xieraq. ***Skond dan għandhom jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet applikabbli għall-kontributi finanzjarji għall-assigurazzjoni tal-uċuħ u l-kumpens relatat mal-mard tal-annimali jew tal-pjanti***. | (32) F'każijiet definiti b'mod ċar l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw sa 10 % tal-limiti massimi tagħhom għall-għoti tal-appoġġ speċifiku. Tali appoġġ għandu jippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw kwistjonijiet ambjentali u jtejbu l-kwalità u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli. Għandu jkun hemm disponibbli wkoll appoġġ speċifiku bħala protezzjoni kontra l-konsegwenzi tat-tneħħija tal-kwoti tal-ħalib u tad-diżakkoppjar tal-appoġġ f'setturi li huma partikolarment sensittivi. Bil-għan li jiġu rispettati l-obbligi internazzjonali tal-Komunità r-riżorsi li jistgħu jintużaw għal kwalunkwe miżura ta' appoġġ akkoppjat għandhom ikunu limitati fuq livell xieraq. |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(32a) Meta wieħed iqis l-importanza dejjem tikber ta' ġestjoni tar-riskji effettiva, l-Istati Membri għandhom jiġu awtorizzati biex jużaw proporzjon supplimentari massima ta' 5 % tal-limiti massimi tagħhom sabiex jingħata appoġġ lill-bdiewa jew lil organizzazzjonijiet jew gruppi ta' produtturi fil-forma ta' kontributi finanzjarji għall-ispejjeż marbuta mal-primjums ta' assigurazzjoni u l-fondi reċiproċi.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (36) Id-diżakkoppjar tal-appoġġ dirett u l-introduzzjoni tal-iskema ta' pagament uniku kienu jikkostitwixxu elementi essenzjali fil-proċess tar-riforma tal-politika agrikola komuni. Madankollu, matul is-sena 2003 għal diversi raġunijiet qamet il-ħtieġa għal talba ta' appoġġ speċifiku għal ċertu numru ta' uċuħ. L-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 flimkien mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fis-suq tindika li skemi li fl-2003 tħallew barra mill-iskema ta' pagament uniku issa jistgħu jiġu integrati f'din l-iskema bil-għan tal-promozzjoni ta' agrikoltura aktar sostenibbli u orjentata għas-suq. Dan hu l-każ partikolarment għas-settur taż-żejt taż-żebbuġ, li fih ġie applikat akkoppjar marġinali *biss Huwa* l-każ ukoll għall-pagamenti tal-qamħ tad-durum, ***l-uċuħ ta' proteina***, ir-ross, il-lamtu tal-patata, u l-ġewż, għaliex hawnhekk l-effettività dejjem tonqos tal-pagamenti akkoppjati li fadal, iżżid l-appoġġ għall-għażla tad-diżakkoppjar. ***Fil-każ tal-kittien huwa xieraq ukoll li jitneħħa l-appoġġ għall-ipproċessar u li l-ammonti rilevanti jiġu integrati fl-iskema ta' pagament uniku***. Fir-rigward tar-ross, ***l-għalf imnixxef***, il-lamtu tal-patata u l-kittien għandu jiġi pprovdut perjodu ta' tranżizzjoni biex jiġi żgurat it-trasferiment tagħhom lejn appoġġ diżakkoppjat kemm jista' jkun mingħajr l-ebda xkiel. Fir-rigward tal-ġewż, l-Istati Membri għandhom jitħallew ikomplu jħallsu s-sehem nazzjonali tal-għajnuna b'mod akkoppjat sabiex jipproteġu kontra l-effetti tad-diżakkoppjar. | (36) Id-diżakkoppjar tal-appoġġ dirett u l-introduzzjoni tal-iskema ta' pagament uniku kienu jikkostitwixxu elementi essenzjali fil-proċess tar-riforma tal-politika agrikola komuni. Madankollu, matul is-sena 2003 għal diversi raġunijiet qamet il-ħtieġa għal talba ta' appoġġ speċifiku għal ċertu numru ta' uċuħ. L-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 flimkien mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fis-suq tindika li skemi li fl-2003 tħallew barra mill-iskema ta' pagament uniku issa ***jkunu*** jistgħu jiġu integrati f'din l-iskema, ***skont l-għażla tal-Istati Membri***, bil-għan tal-promozzjoni ta' agrikoltura aktar sostenibbli u orjentata għas-suq. Dan hu l-każ partikolarment għas-settur taż-żejt taż-żebbuġ, li fih ġie applikat akkoppjar marġinali *biss*. *Huwa* l-każ ukoll għall-pagamenti tal-qamħ tad-durum, ir-ross, il-lamtu tal-patata, u l-ġewż, għaliex hawnhekk l-effettività dejjem tonqos tal-pagamenti akkoppjati li fadal, iżżid l-appoġġ għall-għażla tad-diżakkoppjar. Fir-rigward tar-ross, l-għalf imnixxef, il-lamtu tal-patata u l-kittien għandu jiġi pprovdut perjodu ta' tranżizzjoni biex jiġi żgurat it-trasferiment tagħhom lejn appoġġ diżakkoppjat kemm jista' jkun mingħajr l-ebda xkiel. Fir-rigward tal-ġewż, l-Istati Membri għandhom jitħallew ikomplu jħallsu s-sehem nazzjonali tal-għajnuna b'mod akkoppjat sabiex jipproteġu kontra l-effetti tad-diżakkoppjar. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 37**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (37) Bħala riżultat tal-integrazzjoni tal-iskemi ġodda fl-iskema ta' pagament uniku, għandha ssir dispożizzjoni għall-kalkolu tal-livell ġdid tal-appoġġ ta' dħul individwali taħt dik l-iskema. Fil-każ tal-ġewż, il-lamtu tal-patata, ***il-kittien u l-għalf imnixxef***, it-tali | (37) Bħala riżultat tal-integrazzjoni tal-iskemi ġodda fl-iskema ta' pagament uniku, għandha ssir dispożizzjoni għall-kalkolu tal-livell ġdid tal-appoġġ ta' dħul individwali taħt dik l-iskema. Fil-każ tal-ġewż, il-lamtu tal-patata ***u l-kittien***, it-tali żieda għandha |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| żieda għandha tingħata abbażi tal-appoġġ li jkunu ***rċevew il-bdiewa*** fis-snin l-aktar reċenti. Madankollu, fil-każ tal-integrazzjoni tal-pagamenti li s'issa kienu parzjalment esklużi mill-iskema ta' pagament uniku, l-Istati Membri għandhom jingħataw l-għażla li jużaw il-perjodi ta' referenza oriġinali. | tingħata abbażi tal-appoġġ ***jew tal-kwoti ta' produzzjoni*** li jkunu ***ngħataw lill-bdiewa*** fis-snin l-aktar reċenti. Madankollu, fil-każ tal-integrazzjoni tal-pagamenti li s'issa kienu parzjalment esklużi mill-iskema ta' pagament uniku, l-Istati Membri għandhom jingħataw l-għażla li jużaw il-perjodi ta' referenza oriġinali. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38**

| | |
| --- | --- |
| (38) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jistabbilixxi appoġġ speċifiku għall-uċuħ ta' enerġija bil-għan li jservi ta' għajnuna għas-settur biex dan jiżviluppa. Minħabba żviluppi reċenti fis-settur tal-bijoenerġija u, b'mod partikolari, minħabba d-domanda qawwija għal prodotti bħal dawn fis-swieq internazzjonali u l-introduzzjoni ta' miri obbligatorji fir-rigward tas-sehem tal-bijoenerġija tal-fjuwil totali sa l-2020 ma hemmx raġuni sinifikanti għall-għoti ta' appoġġ ***speċifiku*** għall-uċuħ ta' enerġija. | (38) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jistabbilixxi appoġġ speċifiku għall-uċuħ ta' enerġija bil-għan li jservi ta' għajnuna għas-settur biex dan jiżviluppa. Minħabba żviluppi reċenti fis-settur tal-bijoenerġija u, b'mod partikolari, minħabba d-domanda qawwija għal prodotti bħal dawn fis-swieq internazzjonali u l-introduzzjoni ta' miri obbligatorji fir-rigward tas-sehem tal-bijoenerġija tal-fjuwil totali sa l-2020 ma hemmx raġuni sinifikanti għall-għoti ta' appoġġ ***akkopjat*** għall-uċuħ ta' enerġija. ***L-ammonti relevanti għandhom, għalhekk, fil-futur jiġu ttrasferiti għall-iskema ta' appoġġ uniku.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 — punt d**

| | |
| --- | --- |
| d) skemi ta' appoġġ għall-bdiewa li jipproduċu r-ross, il-patata tal-lamtu, ***il-qoton***, iz-zokkor, il-frott u l-ħaxix, il-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż u ċ-ċanga u l-vitella; | d) skemi ta' appoġġ għall-bdiewa li jipproduċu r-ross, ***l-uċuħ tal-proteini***, il-patata tal-lamtu, il-qoton, iz-zokkor, il-frott u l-ħaxix, ***tat-tabakk***, il-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż u ċ-ċanga u l-vitella; |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 — punt a**

| | |
| --- | --- |
| a) "bidwi" tfisser persuna naturali jew legali, jew grupp ta' persuni naturali jew legali, hu x'inhu l-istatus legali mogħti lil dan il-grupp u lill-membri tiegħu mil-liġi nazzjonali, li l-ażjenda tiegħu tinsab f'territorju tal-Komunità, kif imsemmi fl-Artikolu 299 tat-Trattat, u li jeżerċita attività agrikola; | a) "bidwi" tfisser persuna naturali jew legali, jew grupp ta' persuni naturali jew legali, hu x'inhu l-istatus legali mogħti lil dan il-grupp u lill-membri tiegħu mil-liġi nazzjonali, li l-ażjenda tiegħu tinsab f'territorju tal-Komunità, kif imsemmi fl-Artikolu 299 tat-Trattat, u li jeżerċita attività agrikola ***li tipprovdilu l-biċċa l-kbira tad-dħul tiegħu***; |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 — punt aa (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***aa) "bidwi li jkun intitolat għall-pagamenti" tfisser bidwi li ġie allokat drittijiet għall-pagamenti, jew inkella li dawn ġew trasferiti lilu b'mod definittiv;*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 — paragrafu fa (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***fa) "reġjun" tfisser Stat Membru, reġjun ġo Stat Membru jew zona ġeografika ġo Stat Membru b'karatteristiċi speċifiċi u/jew żvantaġġi strutturali speċifiċi, skont l-għażla tal-Istat Membru kkonċernat;*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. Bidwi li jirċievi pagamenti diretti għandu jirrispetta *kundizzjonijiet* amministrattivi statutorji elenkati fl-Anness II, u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbilita bl-Artikolu 6. | 1. Bidwi li jirċievi pagamenti diretti għandu jirrispetta *l-kundizzjonijiet* amministrattivi statutorji elenkati fl-Anness II, u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbilita bl-Artikolu 6, ***sakemm ma jkunx imprattiku u sproporzjonat li dan isir***. |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 — paragrafu 1a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***1a. Kull bidwi li jirċievi pagamenti diretti hu marbut li jirrispetta r-regoli ta' sigurta' fuq il-post tax-xogħol u anke r-regoli kuntrattwali previsti mill-Istat Membru kkonċernat.*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikoku 5 — paragrafu 1 — punt aa (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***aa) sikurezza fuq il-post tax-xogħol,*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-art agrikola kollha, speċjalment art li m'għadhiex tintuża għall-skopijiet tal-produzzjoni, tinżamm f'kundizzjoni agrikola and ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, il-kundizzjonijiet minimi għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba ***fuq il-bażi tal-qafas stabbilit*** fl-Anness III, ***wara li jkunu tqiesu l-karatteristiċi*** speċifiċi ta' ż-żoni konċernati, inklużi l-kundizzjonijiet tal-ħamrija u klimatiċi, sistemi tal-biedja eżistenti, użu tal-art, newba tal-uċuħ tar-raba', prattiċi tal-biedja, u strutturi tal-farms. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-art agrikola kollha, speċjalment art li m'għadhiex tintuża għall-skopijiet tal-produzzjoni, tinżamm f'kundizzjoni agrikola and ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, il-kundizzjonijiet minimi għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba ***waqt li jitqiesu t-temi previsti*** fl-Anness III ***u l-linji gwida tal-Kummissjoni u/jew standards oħra konsistenti man-natura proprja tal-industrija tal-biedja***, ***il-karatteristiċi*** speċifiċi ta' ż-żoni konċernati, inklużi l-kundizzjonijiet tal-ħamrija u klimatiċi, sistemi tal-biedja eżistenti, użu tal-art, newba tal-uċuħ tar-raba', prattiċi tal-biedja, u strutturi tal-farms. ***Dawn ir-rekwiżiti minimi huma adattati għal kull sitwazzjoni u jinżammu skont l-aħjar effettività tagħhom (rikonoxxuta mir-riċerka xjentifika u l-esperjenza applikata) mill-prospettiva agronomika u ambjentali***.<br><br>***It-tieni kolonna tal-Anness III tinkludi standards fakultattivi u l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu huma jekk jirrikorrux għalihom jew le. Barra minn hekk, il-miżuri li ttieħdu huma msejsa fuq il-leġiżlazzjoni Komunitarja fis-seħħ u m'għandu jiżdied magħhom l-ebda obbligu supplimentari.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 6a***<br><br>***Punti bonus***<br><br>***Kull Stat Membru għandu l-libertà li jimplimenta kundizzjonalità "bonus" li tagħti punti "bonus" lill-bdiewa għal azzjonijiet li javvantaġġjaw lill-bijodiversità implimentati apparti l-obbligi li jirriżultaw minn kundizzjonalitajiet agroambjentali tajbin. L-azzjonijiet eliġibbli taħt dawn il-punti għandhom ikunu definiti minn kull Stat Membru. Il-punti bonus jistgħu jintużaw sabiex jikkumpensaw għall-punti ta' penalità li jkunu nkisbu fil-qasam tal-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin imsemmija fl-Artikolu 6. Il-mekkaniżmi ta' kumpens se jkunu definiti mill-Istati Membri.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Article 6b (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 6b***<br><br>***Sigurtà tal-ikel***<br><br>***L-Istati Membri għandhom joqogħdu attenti biex jagħtu l-prijorità lis-sigurtà tal-ikel nazzjonali u reġjonali, fil-kuntest ta' ġestjoni ekwilibrata u sostenibbli tal-art. Għal dan il-għan, minħabba li hu mbassar li se jkun hemm użu akbar tal-materja prima agrikola għall-produzzjoni tal-enerġija, għandhom iwettqu analiżi tas-sigurtà tal-ikel sabiex tiġi eskluża kull theddida għall-provvista.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emendi 186, 229 u 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7, paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. L-ammonti kollha ta' pagamenti diretti li ser jingħataw lil bidwi f'sena kalendarja partikolari għandhom *jiġu mnaqqsa* għal kull sena sa l-2012 bil-perċentwali li ġejjin: | 1. L-ammonti kollha ta' pagamenti diretti li ser jingħataw lil bidwi f'sena kalendarja partikolari *u li jaqbżu* ***l-EUR 10 000*** għandhom *jitnaqqsu* għal kull sena sa l-2012 ***kif ġej***: |
| (a) 2009: ***7*** %, | (a) 2009: **6** %, |
| (b) 2010: **9** %, | (b) 2010: **6** %, |
| (c) 2011: ***11*** %, | (c) 2011: *7* %, |
| (d) 2012: ***13*** %. | (d) 2012: *7* %. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 — paragrafu 1 — subparagrafu 1a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb li kull żieda tal-modulazzjoni obbligatorja tkun akkumpanjata minn tnaqqis tal-modulazzjoni fakultattiva.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 — paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. It-tnaqqis msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiżdied: | 2. It-tnaqqis msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiżdied: |
| a) ***b'3 punti*** perċentwali għall-ammonti bejn *EUR 100 000* u *199 999*, | a) ***b'punt*** perċentwali għall-ammonti bejn *EUR 100 000* u *EUR 199 999*, |
| b) ***b'6 punti*** perċentwali għall-ammonti bejn EUR 200 000 u *299 999*, | b) ***b'2 punti*** perċentwali għall-ammonti bejn EUR 200 000 u *EUR 299 999*, |
| c) ***b' 9 punti*** perċentwali għall-ammonti ta' EUR 300 000 jew aktar. | c) ***b'3 punti*** perċentwali għall-ammonti ta' EUR 300 000 jew aktar. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 — paragrafu 2a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2a. Id-dispożizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 japplikaw biss għall-pagamenti kompletament integrati fl-iskema ta' pagament uniku.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 — paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. Il-paragafi 1 u 2 ma japplikawx għall-pagamenti diretti mogħtija lill-bdiewa fid-dipartimenti barranin Franċiżi, fl-Ażores u l-Madeira, fil-Gżejjer Kanarji ***u*** Eġej. | 3. Il-paragafi 1 u 2 ma japplikawx għall-pagamenti diretti mogħtija lill-bdiewa fid-dipartimenti barranin Franċiżi, fl-Ażores u l-Madeira, fil-Gżejjer Kanarji, ***fil-Gżejjer Jonji u*** *fil-Gżejjer* Eġej. |

**Emenda 211**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 — paragrafu 3a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***3a. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għal kooperattivi u għal entitajiet legali oħra li jkunu magħmula minn diversi bdiewa li jkunu qed jirċievu l-pagament dirett, u li jiffokaw is-sussidji biex iqassmuhom bejn il-membri. Din id-deroga m'għandhiex tapplika għal benefiċjarji li jirċievu EUR 100,000 jew iktar, li jkunu membri ta' entitajiet ta' dan it-tip.*** |

**Emenda 240**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 — paragrafu 3b (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***3b. Jista' jiġi deċiż li ma jiġix applikat il-paragrafu 2 jekk entità li tiġbor fiha bdiewa li jibbenefikaw minn ħlas uniku tirċievi biss jew tikkanalizza l-allowances, biex imbagħad tqassamhom bis-sħiħ bejn il-membri tagħha.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11, l-ammonti totali nett ta' pagamenti diretti li jistgħu jingħataw lil Stat Membru fir-rigward ta' sena kalendarja wara l-applikazzjoni tal-Artikoli 7 u 10 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 378/2007 ma għandhomx ikunu ogħla mil-limiti massimi nett stipulati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament. Fejn hu neċessarju, biex jirrispettaw il-limiti massimi mniżżla fl-Anness IV, l-Istati Membri għandhom jipproċedu għal tnaqqis lineari ta' pagamenti diretti. | 1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11, l-ammonti totali nett ta' pagamenti diretti li jistgħu jingħataw lil Stat Membru fir-rigward ta' sena kalendarja wara l-applikazzjoni tal-Artikoli 7 u 10 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 378/2007 ma għandhomx ikunu ogħla mil-limiti massimi nett stipulati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament. Fejn hu neċessarju, biex jirrispettaw il-limiti massimi mniżżla fl-Anness IV, l-Istati Membri għandhom jipproċedu għal tnaqqis lineari ***tal-ammonti*** ta' pagamenti diretti ***li japplika għalihom it-tnaqqis fil-modulazzjoni***. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 — paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. F'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), il-Kummissjoni għandha ***tirrevedi*** l-limiti massimi stabbiliti fl-Anness IV sabiex jiġu meqjusa: | 2. F'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), il-Kummissjoni, ***kull sena***, għandha ***teżamina*** l-limiti massimi stabbiliti fl-Anness IV sabiex jiġu meqjusa: |
| a) il-modifikazzjonijiet fl-ammonti massimi li jistgħu jingħataw f'konformità mal-pagamenti diretti, | a) il-modifikazzjonijiet fl-ammonti massimi li jistgħu jingħataw f'konformità mal-pagamenti diretti, |
| ***b) il-modifikazzjonijiet fil-modulazzjoni volontarja msemmija fir-Regolament (KE) Nru 378/2007,*** | |
| c) tibdiliet strutturali fl-azjendi. | c) tibdiliet strutturali fl-azjendi, |
| | ***u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew b'dan.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. L-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-tnaqqis ipprovdut fl-Artikolu 7, ġewwa kwalunkwe Stat Membru minbarra fl-Istati Membri l-ġodda, għandhom ikunu disponibbli ***bħala*** appoġġ Komunitarju ***addizzjonali għal*** miżuri tal-ipprogrammar rurali ffinanzjat taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) kif speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi li ġejjin | 1. L-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-tnaqqis ipprovdut fl-Artikolu 7, ġewwa kwalunkwe Stat Membru minbarra fl-Istati Membri l-ġodda, għandhom ikunu disponibbli ***għal*** appoġġ Komunitarju għal miżuri tal-ipprogrammar*tal-iżvilupp* rurali ffinanzjat taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) kif speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi li ġejjin |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| ***1. L-Artikolu 7 għandu japplika biss għal bdiewa fi Stat Membru ġdid fi kwalunkwe sena kalendarja partikolari sakemm il-livell ta' pagamenti diretti applikabbli f'dak l-Istat Membru u għal dik is-sena kalendarja taħt l-Artikolu 110 ma jkunx taħt il-livell fl-Istati Membri minbarra fl-Istati Membri l-ġodda, filwaqt li jitqies kull tnaqqis applikat skond l-Artikolu 7(1).*** | ***1. Il-modulazzjoni mhix obbligatorja għall-Istati Membri l-ġodda sal-mument meta jkunu rċevew il-pagamenti diretti kompluti.*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 — paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 4. Kwalunkwe kumplament tal-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) u (2) għandhom jiġu allokati lill-Istat Membru fejn ġew iġġenerati l-ammonti korrispondenti, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2). ***Dawn għandhom jintużaw skond l-Artikolu 69(5a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005***. | 4. Kwalunkwe kumplament tal-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) u (2) għandhom jiġu allokati lill-Istat Membru fejn ġew iġġenerati l-ammonti korrispondenti, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2). |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 — titolu**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Sistema ***konsultattiva għall-farms*** | Sistema ***ta' konsulenza u riċerka agrikola*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 — paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. L-attività ***konsultatttiva*** għandha talanqas tkopri l-kundizzjonijiet amministrattivi statutorji u *l-kundizzjoni agrikola* u ambjentali *tajba* msemmija fil-Kapitolu I. | 2. L-attività ***ta' konsulenza u ta' riċerka*** għandha talanqas tkopri l-kundizzjonijiet amministrattivi statutorji u *l-kundizzjonijiet agrikoli* u ambjentali *tajbin* msemmija fil-Kapitolu I ***u d-diffużjoni tal-modi ta' produzzjoni li jrendu qliegħ, li huma ekoloġikament sostenibbli, u li jaħlu inqas riżorsi naturali u spejjeż ta' produzzjoni (enerġija, inputs, eċċ.)***. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 — paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri ***għandhom jagħtu prijorità lill-bdiewa li jirċievu aktar minn EUR 15 000 f'pagamenti diretti kull sena***. | 2. L-Istati Membri ***għandhom joqogħdu attenti li l-bdiewa kollha jkunu jistgħu jieħdu sehem fuq bażi volontarja f'din l-iskema ta' konsulenza***. |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 — paragrafu 1 — subparagrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Dan id-dejtabejż għandu, b'mod partikolari, permezz tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, jippermetti konsultazzjoni diretta u immedjata, tad-dejta relatata mas-snin kalendarji jew tas-suq mis-sena 2000 'il quddiem. | Dan id-dejtabejż għandu, b'mod partikolari, permezz tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, jippermetti konsultazzjoni diretta u immedjata, tad-dejta relatata mas-snin kalendarji jew tas-suq mis-sena 2000 'il quddiem ***jew, għall-Istati Membri l-ġodda, mill-ewwel sena wara l-adeżjoni tagħhom għal mal-Unjoni***. |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 — paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli amministrattivi fuq l-applikazzjonijiet għall-għajnuna biex jivverifikaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-għajnuna. | 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli amministrattivi fuq l-applikazzjonijiet għall-għajnuna biex jivverifikaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-għajnuna. ***Dawn il-kontrolli amministrattivi m'għandomx ikunu iebsin iżżejjed għall-bdiewa, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-ispejjeż u l-formalitajiet amministrattivi***. |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 — paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli fil-post biex jivverifikaw jekk il-bidwi hux konformi mal-obbligi msemmija fil-Kapitolu 1. | 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli fil-post biex jivverifikaw jekk il-bidwi hux konformi mal-obbligi msemmija fil-Kapitolu 1. ***Dawn il-kontrolli għandhom isiru waqt perjodu ta' mhux aktar minn ġurnata għal kull intrapriża u m'għandhomx ikunu iebsin wisq għall-bidwi***. |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 — paragrafu 2 — subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mis-sistemi eżistenti tagħhom tal-amministrazzjoni u l-kontroll biex jiżguraw il-konformità mal-kundizzjonjiet amministrattivi statutorji u *l-kundizzjoni agrikola* u ambjentali *tajba* msemmija fil-Kapitolu 1. | 2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mis-sistemi eżistenti tagħhom tal-amministrazzjoni u l-kontroll biex jiżguraw il-konformità mal-kundizzjonjiet amministrattivi statutorji u *l-kundizzjonijiet agrikoli* u ambjentali *tajbin* msemmija fil-Kapitolu 1. ***Madankollu, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jillimitaw in-numru ta' entitajiet ta' kontroll u n-numru ta' persuni mqabbda biex jagħmlu l-kontrolli fuq il-post f'farm partikolari***. |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 24 — paragrafu 2a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri jistgħu jirrikorru għal sistemi ta' kontroll u ta' ġestjoni privati sakemm dawn ikunu ġew uffiċjalment akkreditati mill-awtoritajiet nazzjonali.*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 24 — paragrafu 2b (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2b. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprogrammaw il-kontrolli b'tali mod li l-intrapriżi agrikoli jkunu jistgħu jiġu kkontrollati aħjar waqt ċertu perjodu tas-sena, minħabba raġunijiet staġjunali, jiġu effettivament ikkontrollat f'dak il-mument. Madankollu, jekk l-entità ta' kontroll ma tkunx setgħet tikkontrolla punt ta' ġestjoni regolamentari partikulari, jew parti minnu, jew il-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin waqt kontroll fuq il-post, minħabba fatturi staġjunali, għandu jitqies li dawn ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet ġew rispettati.*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 25 — paragrafu 1 — subparagrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-ewwel subparagrafu għandu japplika ukoll fejn in-nuqqas ta' konformità fil-kwistjoni jkun ir-riżultat ta' att jew nuqqas marbut direttament ma' dik il-persuna lil min jew minn ġiet ittrasferita l-art agrikola. | L-ewwel subparagrafu għandu japplika ukoll fejn in-nuqqas ta' konformità fil-kwistjoni jkun ir-riżultat ta' att jew nuqqas marbut direttament ma' dik il-persuna lil min jew minn ġiet ittrasferita l-art agrikola, ***sakemm il-persuna li tkun responsabbli tan-nuqqas ta' konformità ma tkunx preżentat ukoll talba għall-appoġġ għas-sena kkonċernata. F'dan l-aħħar każ, is-sanzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi applikata għall-ammonti tal-pagamenti diretti li għandhom jingħataw lil persuna li wettqet in-nuqqas ta' konformità***. |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 25 — paragrafu 1 — subparagrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "trasferiment" tfisser kull tip ta' transazzjoni li permezz tagħha l-art agrikola tieqaf milli tkun għad-dispożizzjoni ta' dak li qed jittrasferixxi. | Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "trasferiment" tfisser kull tip ta' transazzjoni li permezz tagħha l-art agrikola tieqaf milli tkun għad-dispożizzjoni ta' dak li qed jittrasferixxi ***bl-eċċezzjoni tat-tip ta' tranżazzjonijiet li l-operatur ikkonċernat ma jkunx jista' jwaqqaf***. |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 — paragrafu 3 — subparagrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jiddisponi mill-għażla stipulata fl-ewwel subparagrafu, ***fis-sena ta' wara*** l-awtorità kompetenti ***għandha tieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex tiżgura li l-bidwi jirrimedja*** *s-sejbiet tan-nuqqas* ta' konformità *kkonċernati*. ***Il-konklużjoni u l-azzjoni ta' rimedju li għandhom jittieħdu għandhom jiġu notifikati lill-bidwi***. | Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jiddisponi mill-għażla stipulata fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti ***għandha tinforma lill-bidwi dwar*** *is-sitwazzjoni ta' nuqqas* ta' konformità *misjuba*, ***u dan tal-aħħar għandu, min-naħa tiegħu, jinnotifika l-miżuri mittieħda biex tissolva l-problema. Bil-għan li jiġu kkontrollati l-miżuri li jkun ħa l-bidwi, l-awtorità kompetenti għandha tqis dawn l-intrapriżi meta tkun qed twettaq l-analiżi tar-riskji għall-kontrolli fuq il-post għas-sena ta' wara***. |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 26 a*** |
| | ***Reviżjoni*** |
| | ***Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2007, u mbagħad kull għaxar snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità, jekk ikun hemm bżonn flimkien ma' proposti xierqa, speċifikament biex:*** |
| | ***— tiġi emendata l-lista tar-rekwiżiti legali fil-qasam ta' ġestjoni li jidhru fl-Anness III,*** |
| | ***— tiġi simplifikata, derogolamentata u mtejba l-leġiżlazzjoni taħt il-lista ta' rekwiżiti fil-qasam ta' ġestjoni, waqt li tingħata attenzjoni partikulari lil-leġiżlazzjoni dwar in-nitrati,*** |
| | ***— jiġu simplifikati, mtejba u armonizzati s-sistemi ta' kontroll fuq il-post, waqt li jitqiesu l-possibilitajiet offruti mill-iżvilupp ta' indikaturi u l-kontrolli tax-xkiel, il-kontrolli li diġà saru taħt l-iskemi ta' ċertifikazzjoni privati, il-kontrolli li diġà saru taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta r-rekwiżiti fil-qasam ta' ġestjoni, u t-teknoloġija ta' informazzjoni u komunikazzjoni.*** |
| | ***Ir-rapporti għandhom jinkludu wkoll stima tal-ispejjeż totali tal-kontroll fil-qafas tal-kundizzjonalità tas-sena ta' qabel ma jkun ġie ppublikat ir-rapport.*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30 — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri ***ma għandhomx jagħtu*** pagamenti diretti ***lil bidiwi f'waħda minn dawn il-każijiet li ġejjin***: | 1. L-Istati Membri ***jistgħu jiddeċiedu li ma jagħtux*** pagamenti diretti ***li jkunu anqas minn livell minimu li għad irid jiġi stabbilit***. |
| ***a) fejn l-ammont totali ta' pagamenti diretti ikklejmjat jew li għandu jingħata f'sena kalendarja partikolari ma jaqbiżx EUR 250, jew*** | |
| ***b) fejn il-medda eliġibbli tal-azjenda li għaliha qed jiġu kklejmjati jew li għandhom jingħataw il-pagamenti diretti ma taqbiżx ettaru wieħed. Madankollu, Ċipru jista jistipula medda eliġibbli minima ta' 0,3 ettari u Malta ta' 0,1 ettari.*** | |
| ***Madankollu, bdiewa li għandhom drittijiet speċjali kif imsemmija fl-Artikolu 45(1) għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjoni msemmija fil-punt (a).*** | |
| | ***L-ammonti li eventwalment jiġu ffrankati minħabba l-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu għandhom jibqgħu fir-riżerva nazzjonali tal-Istat Membru minn fejn ikunu oriġinaw.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30 — paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu b'mod oġġettiv u mhux diskriminatorju li ma jagħtux pagamenti *fi ħdan* it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 48 tat-Trattat *diretti* lil kumpaniji jew ditti li l-kompiti tal-kumpanija prinċipali tagħhom ma jinvolvux ***l-eżerċitar ta' attività agrikola***. | 2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu b'mod oġġettiv u mhux diskriminatorju li ma jagħtux pagamenti *diretti skont* it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 48 tat-Trattat lil kumpaniji jew ditti li l-kompiti tal-kumpanija prinċipali tagħhom ma jinvolvux ***il-produzzjoni, it-trobbija jew il-kultivazzjoni ta' prodotti agrikoli, fosthom il-ħsad, il-ħlib, it-trobbija u ż-żamma ta' bhejjem għal skopijiet agrikoli***. |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31 — paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. Il-pagamenti għandhom isiru darbtejn fis-sena fil-perjodu bejn l-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja ta' wara. | 2. Il-pagamenti għandhom isiru darbtejn fis-sena fil-perjodu bejn l-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja ta' wara ***u għandhom jinkudu l-ħlas ta' interessi bir-rata fis-seħħ fis-suq fuq is-somma dovuta mit-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja ta' wara***. |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 — paragrafu 2a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***2a. Fil-każ li l-pagament isir tard minħabba tilwim mal-awtorità kompetenti li jispiċċa jintrebaħ mill-bidwi, dan għandu jitħallas bl-interessi fis-seħħ fis-suq.*** |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 — paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. ***Pagamenti*** taħt l-iskemi ta' appoġġ imniżżla fl-Anness I ***ma għandomx jingħataw*** qabel ma jiġu ffinalizzati l-kontrolli fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà, li jitwettqu mill-Istat Membru skond l-Artikolu 22. | 3. ***L-ebda pagament m'għandu jsir fir-rigward ta' talba*** taħt l-iskemi ta' appoġġ imniżżla fl-Anness I qabel ma jiġu ffinalizzati l-kontrolli fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà ***ta' din it-talba***, li *għandhom* jitwettqu mill-Istat Membru skond l-Artikolu 22. |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 — paragrafu 3 — subparagrafu 1a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Madankollu, jekk il-pagamenti jsiru bħala avvanz jew f'żewġ partijiet, l-ewwel ammont għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tar-riżultati tal-kontrolli amministrattivi u tal-kontrolli fuq il-post li jkunu disponibbli fid-data tal-pagament u sa livell tali li l-ammont definittiv tal-pagament ma jkunx anqas mill-ammont tal-ewwel parti.*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33**

| | |
|---|---|
| ***Artikolu 33*** <br><br> ***Reviżjoni*** <br><br> ***L-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal reviżjoni possibbli fi kwalunkwe waqt fid-dawl tal-iżviluppi ekonomiċi u l-qagħda tal-baġit.*** | ***imħassar*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 34 — paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| ***2. Għall-iskopijiet ta' dan it-titolu, bdiewa li għandhom drittijiet għall-pagament għandu jfisser bdiewa li ġew allokati drittijiet għall-pagament, jew dawn ġew trasferiti lilhom definittivament.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 34 — paragrafu 2a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***2a. Id-drittijiet għas-serħan tal-artijiet stabbiliti f'konformità mal-Artikoli 53 u 63(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom isiru drittijiet skont dan ir-Regolament*** |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 37 — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| Id-drittijiet għall-pagament għal kull ettaru ma għandhomx jiġu mmodifikati għajr jekk ipprovvdut xorta oħra. | ***1.*** Id-drittijiet għall-pagament għal kull ettaru ma għandhomx jiġu mmodifikati għajr jekk ipprovvdut xorta oħra. |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 37 — paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| ***Skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistipula regoli dettaljati għall-modifika tad-drittijiet għall-pagament, b'mod partikolari f'każ ta' frazzjonijiet tad-drittijiet.*** | ***2. Jekk il-bidwi li ngħata pagament dirett fil-perjodu ta' referenza jbiddel l-istatus legali jew id-denominazzjoni tiegħu matul dak il-perijodu jew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel is-sena tal-applikazzjoni tal-iskema tal-pagament uniku, għandu jkollu aċċess għall-iskema tal-pagament uniku taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-bidwi li oriġinarjament kien qed imexxi l-intrapriża.*** <br><br> ***3. Jekk iseħħu xi amalgamazzjonijiet matul il-perijodu ta' referenza jew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel is-sena ta' applikazzjoni tal-iskema tal-pagament uniku, il-bidwi li qed imexxi l-intrapriża l-ġdida għandu jkollu aċċess għall-iskema tal-pagament uniku taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-bdiewa li kienu qed imexxu l-intrapriżi oriġinali.*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Jekk iseħħu xi diviżjonijiet matul il-perjodu ta' referenza jew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel is-sena ta' applikazzjoni tal-iskema tal-pagament uniku, il-bdiewa li qed imexxu l-intrapriżi għandu jkollhom aċċess għall-pro rata fl-iskema tal-pagament uniku taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-bdiewa li kienu qed imexxu l-intrapriżi oriġinali.*** |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 42 — paragrafu 1 — subparagrafu 1a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Jekk, fi tmiem sena baġitarja partikulari jiġi stabbilit li, fi Stat Membru, id-drittijiet għall-pagamenti kollha mħallsa jkunu anqas mil-limiti nazzjonali previsti fl-Anness VIII, id-differenza tiġi allokata għar-riżerva nazzjonali*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 42 — paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jagħtu, skond ***il-prijorità u l-kriterji*** oġġettivi, drittijiet għall-pagament lill-bdiewa ***li jibdew l-attività agrikola tagħhom*** u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn l-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni. | 2. L-Istati Membri jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jagħtu, skond ***il-kriterji*** oġġettivi, drittijiet għall-pagament lill-bdiewa ***li jeżerċitaw attività agrikola***, u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn l-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni. ***L-Istati Membri jistgħu jagħtu prijorità b'mod partikulari lill-bdiewa ġodda, lill-bdiewa ta' anqas minn 35 sena u lill-intrapriżi tal-familji jew lil bdiewa oħra prijoritarji***. |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 42 — paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri ***li ma japplikawx l-Artikolu 68(1)*** jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jistabbilixxu, skond kriterji oġġettivi u b'mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni, drittijiet għall-pagament lill-bdiewa f'żoni suġġetti għar-ristrutturar u/jew programmi ta' żvilupp relatati ma' forma jew oħra ta' intervent pubbliku biex ikun evitat l-abbandun ta' art u/jew biex jikkumpensaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż-żoni. | 3. L-Istati Membri, ***mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament fl-2009***, jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jistabbilixxu, skond kriterji oġġettivi u b'mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni, drittijiet għal pagament, ***u anke miżuri ta' appoġġ***, lill-bdiewa f'żoni suġġetti għar-ristrutturar u/jew programmi ta' żvilupp relatati ma' forma jew oħra ta' intervent pubbliku, ***għas-setturi f'diffikultà kkonċentrati fiż-żoni l-aktar żvantaġġjati bħas-setturi tan-nagħaġ u l-mogħoż***, biex ikun evitat l-abbandun ta' art ***u tal-produzzjoni*** u/jew biex jikkumpensaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż-żoni. |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 42 — paragrafu 3a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jagħtu d-drittijiet għall-pagament lill-bdiewa li jkunu kkonkludew kontratti ta' natura partikulari, regolati mill-Istati Membri.*** |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 43**

| | |
|---|---|
| Kwalunkwe dritt għall-pagament li ma kienx attivat għal perjodu ta' sentejn għandu jiġi allokat lir-riżerva nazzjonali, ħlief fil-każ ta' force majeure u ċirkustanzi eċċezzjonali skond it-tifsira tal-Artikolu 36(1). | Kwalunkwe dritt għall-pagament li ma kienx attivat għal perjodu ta' ***tliet snin*** għandu jiġi allokat lir-riżerva nazzjonali, ħlief fil-każ ta' force majeure u ċirkustanzi eċċezzjonali skond it-tifsira tal-Artikolu 36(1). ***Fl-użu ta' dawn il-fondi għandha tingħata prijorità lill-iffaċilitar tal-aċċess taż-żgħażagħ għall-attività agrikola bl-għan li jkun żgurat it-trasferiment minn ġenerazzjoni għall-oħra***. |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 44 — paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| ***2. Drittijiet għall-pagament jistgħu jiġu trasferiti permezz ta' bejgħ jew kwalunkwe trasferiment definittiv ieħor bl-art jew mingħajrha. B'kuntrast, kera jew tipi ta' tranżazzjonijiet simili għandhom jiġu permessi biss jekk id-drittijiet għall-pagament li ġew trasferiti huma akkumpanjati mit-trasferiment ta' għadd ekwivalenti ta' ettari eliġibbli.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 44 — paragrafu 3 — subparagrafu 1a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***F'każi ta' dan it-tip, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li l-kirjiet jew kull tranżazzjoni simili m'għandhiex tiġi permessa sakemm it-trasferiment tad-drittijiet għall-pagament ma jkunx akkumpanjat mit-trasferiment ta' numru ekwivalenti ta' ettari eliġibbli għall-appoġġ.*** |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 45 — paragrafu 2 — subparagrafu 1**

| | |
|---|---|
| 2. B'deroga mill-Artikolu 35(1) bidwi li għandu drittijiet speċjali għandu jkun awtorizzat mill-Istat Membri biex jidderoga mir-rekwiżit li jattiva drittijiet b'għadd ekwivalenti ta' ettari eliġibbli sakemm iżomm talanqas 50 % tal-attività agrikola li kellu fis-snin kalendarji 2000, 2001 u 2002 espressa f'unitajiet ta' bhejjem (LU). | 2. B'deroga mill-Artikolu 35(1) bidwi li għandu drittijiet speċjali għandu jkun awtorizzat mill-Istat Membri biex jidderoga mir-rekwiżit li jattiva drittijiet b'għadd ekwivalenti ta' ettari eliġibbli sakemm iżomm talanqas 50 % tal-attività agrikola li kellu fis-snin kalendarji 2000, 2001 u 2002 espressa f'unitajiet ta' bhejjem (LU). ***Għar-Rumanija u l-Bulgarija, is-snin kalendarji kkonċernati huma s-snin 2006, 2007 u 2008***. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 45 — paragrafu 2 — subparagrafu 2a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Minkejja dan, tista' tapplika għall-Istati Membri li għadhom ma introduċewx l-iskema ta' pagament uniku imma li għandhom l-intenzjoni li jintroduċuha.*** |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 45 — paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. F'każ ta' trasferiment tad-drittijiet speċjali, dak li jittrasferixxi ***ma għandux*** jibbenifika mid-deroga tal-paragrafu 2 ***ħlief f'***każ ta' wirt jew wirt antiċipat. | 3. F'każ ta' trasferiment tad-drittijiet speċjali, dak li jittrasferixxi ***għandu*** jibbenifika mid-deroga tal-paragrafu 2, ***sakemm ikunu ġew trasferiti d-drittijiet kollha għall-pagament li jirriżultaw mid-deroga u sakemm ma jkunx*** każ ta' wirt jew wirt antiċipat ***jew ma jkollux l-art meħtieġa biex jattiva dawn id-drittijiet*** |

**Emenda 85, 86, 87, u 88**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 46**

| | |
|---|---|
| F'każijiet ġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, ***sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009, u*** billi jaġixxu skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità, li mill-2010 jimxu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għall-pagament stabbilit skond il-Kapitolu I sa IV tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Għal dan il-għan id-drittijiet għall-pagament jistgħu jsiru suġġetti għal modifiki progressivi skond ***talanqas tliet stadji annwali stabbiliti minn qabel u*** kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. | ***1.*** F'każijiet ġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, billi jaġixxu skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità, li mill-2010 jimxu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għall-pagament stabbilit skond il-Kapitolu I sa IV tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Għal dan il-għan, id-drittijiet għall-pagament jistgħu jsiru suġġetti għal modifiki progressivi skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. |
| ***Fl-ebda stadju annwali msemmija, ma għandu t-tnaqqis*** tal-valur ta' kwalunkwe dritt għall-pagament ikun aktar minn 50 % tad-differenza bejn il-valur inizjali tiegħu u dak ***applikabbli mal-implimentazzjoni tal-istadju annwali tal-aħħar***. | ***It-tnaqqis*** tal-valur ta' kwalunkwe dritt għall-pagament ***m'għandux*** ikun aktar minn 50 % tad-differenza bejn il-valur inizjali tiegħu u dak ***finali***. |
| L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw ***is-subparagrafi preċedenti*** fil-livell ġeografiku xieraq li għandu jiġi determinat skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom ***u/jew*** il-potenzjal agrikolu reġjonali. | ***2.*** L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw ***ir-reviżjoni għad-drittijiet ta' pagament*** fil-livell ġeografiku xieraq li għandu jiġi determinat skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom, il-potenzjal agrikolu reġjonali ***u/jew l-iżvantaġġi strutturali speċifiċi ta' żona ġeografika partikulari***. |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Fl-inħawi li huma suġġetti għal rekwiżiti ta' użu kollettiv jew għal kuntratti oħra ta' ġestjoni kollettiva tal-art, hemm il-possibilità li jerġa' jiġi definit il-valur tad-drittijiet ta' pagament fuq il-bażi tal-art tal-farm, bil-kundizzjoni li jiġu rispettati l-parametri tal-piż massimu fuq l-ambjent.*** |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. Stat Membru li introduċa l-iskema ta' pagament uniku skond il-Kapitoli 1 sa 4 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jista' jiddeċiedi, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu ***2009***, li japplika l-iskema ta' pagament uniku ***mill-2010*** fil-livell reġjonali skond il-kundizzjonijiet stipulati f'din it-Taqsima. | 1. Stat Membru li introduċa l-iskema ta' pagament uniku skond il-Kapitoli 1 sa 4 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jista' jiddeċiedi, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu ***ta' kull sena***, li japplika l-iskema ta' pagament uniku ***mis-sena ta' wara*** fil-livell reġjonali skond il-kundizzjonijiet stipulati f'din it-Taqsima. |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 — paragrafu 2 — subparagrafu 1**

| | |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-reġjuni skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom ***u/jew*** il-potenzjali agrikolu reġjonali. | 2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-reġjuni skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom, il-potenzjali agrikolu reġjonali ***u/jew in-nuqqasijiet strutturali speċifiċi ta' zona ġeografika partikulari***. |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 48 — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. F'każijiet iġġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jaqsmu mhux aktar minn 50 % tal-limitu massimu reġjonali stabbilit fl-Artikolu 47 bejn il-bdiewa kollha li għandhom l-azjendi tagħhom fir-reġjun ikkonċernat, inklużi dawk li *ma għandhomx* drittijiet għall-pagament. | 1. F'każijiet iġġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jaqsmu mhux aktar minn 50 % tal-limitu massimu reġjonali stabbilit fl-Artikolu 47 bejn il-bdiewa kollha li għandhom l-azjendi tagħhom fir-reġjun ikkonċernat, inklużi dawk li *m'għandhomx* drittijiet għall-pagament. ***L-art użata hija l-art iddikkjarata mill-bidwi fil-15 ta' Mejju 2008***. |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 48 — paragrafu 2 — subparagrafu1a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu kriterji oħrajn definiti b'mod ċar bħalma hija l-kwalità tal-produttur jew tax-xogħol agrikolu u/jew rurali sabiex jiżguraw il-konsitenza fit-territorju, id-diversità u d-dinamiżmu tal-ambjent rurali, kif ukoll iż-żamma tal-mudelli tradizzjonali ta' produzzjoni mhux marbuta mal-art.*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 49 — paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 1. F'każijiet ġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 48 ta' dan ir-Regolament jistgħu jiddeċiedu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009, u billi jaġixxu skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità, li mill-2010 jimxu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għall-pagament stabbilit f'din it-Taqsima jew skont il-Kapitolu 5, Taqsima 1 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Għal dan il-għan id-drittijiet għall-pagament jistgħu jsiru suġġetti għal modifiki progressivi ***skont talanqas żewġ stadji annwali stabbiliti minn qabel u*** kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. | 1. F'każijiet ġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 48 ta' dan ir-Regolament jistgħu jiddeċiedu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009, u billi jaġixxu skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità, li mill-2010 jimxu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għall-pagament stabbilit f'din it-Taqsima jew skont il-Kapitolu 5, Taqsima 1 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Għal dan il-għan id-drittijiet għall-pagament jistgħu jsiru suġġetti għal modifiki progressivi skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 49 — paragrafu 2 — subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 2. F'każijiet iġġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri li jkunu introduċew l-iskema unika ta' pagament skont il-Kapitolu 5, Taqsima 1 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jistgħu jiddeċiedu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009, u billi jaġixxu skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità, li mill-2010 jimxu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għall-pagament stabbilit f'dik it-taqsima billi dawn id-drittijiet għall-pagament jiġu suġġetti għal modifiki progressivi ***skont talanqas tliet stadji annwali stabbiliti minn qabel u*** kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. | 2. F'każijiet iġġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri li jkunu introduċew l-iskema unika ta' pagament skont il-Kapitolu 5, Taqsima 1 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jistgħu jiddeċiedu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009, u billi jaġixxu skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità, li mill-2010 jimxu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għall-pagament stabbilit f'dik it-taqsima billi dawn id-drittijiet għall-pagament jiġu suġġetti għal modifiki progressivi skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 49 — paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 3. ***Fl-ebda stadju annwali msemmija*** fil-paragrafi 1 u 2, ma għandu t-tnaqqis tal-valur ta' kwalunkwe dritt għall-pagament ikun aktar minn 50 % tad-differenza bejn il-valur inizjali tiegħu u dak ***applikabbli mal-implimentazzjoni tal-istadju annwali tal-aħħar***. | 3. It-tnaqqis tal-valur ta' kwalunkwe dritt għall-pagament ***previst*** fil-paragrafi 1 u 2 m'għanudux ikun aktar minn 50 % tad-differenza bejn il-valur inizjali tiegħu u l-valur ***finali*** tiegħu. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 — paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw ***is-subparagrafi 1, 2 u 3*** fil-livell ġeografiku xieraq li għandu jiġi determinat skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali ***u/jew*** amministrattiva tagħhom jew il-potenzjal agrikolu reġjonali. | 4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw ***ir-reviżjoni għad-drittijiet ta' pagament*** fil-livell ġeografiku xieraq li għandu jiġi determinat skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom, il-potenzjal agrikolu reġjonali ***u/jew in-nuqqasijiet strutturali speċifiċi ta' zona ġeografika partikulari***. |

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 — paragrafu 1 — subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Kwalunkwe Stat Membru li eskluda l-pagamenti għan-ngħaġ u l-mogħoż u ċ-ċanga mill-iskema ta' pagament uniku skont il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 67 u 68 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ***jista' jiddeċiedi sal-1 ta' Awwissu 2009 li jkompli japplika*** l-iskema ta' pagament uniku mill-2010 ***skont il-kundizzjonijiet stipulati f'din it-Taqsima u*** b'konformità mad-deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 64(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. ***Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistipulaw l-parti tal-komponent tal-limitu massimu nazzjonali tagħhom li se tintuża għal pagamenti addizzjonali għal bdiewa skont l-Artikolu 55(1) ta' dan ir-Regolament b'rata aktar baxxa minn dik deċiża skont l-Artikolu 64(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003***. | 1. Kwalunkwe Stat Membru li eskluda l-pagamenti għan-ngħaġ u l-mogħoż u ċ-ċanga mill-iskema ta' pagament uniku skont il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 67 u 68 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ***għandu japplika*** l-iskema ta' pagament uniku mill-2010 b'konformità mad-deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 64(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 — paragrafu 2 — subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Skont l-għażla magħmula minn kull Stat Membru, il-Kummissjoni, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), għandha tiffissa limitu massimu għal kull wieħed mill-pagamenti diretti msemmija rispettivament, fl-Artikoli 54, 55, ***u 56***. | 2. Skont l-għażla magħmula minn kull Stat Membru, il-Kummissjoni, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), għandha tiffissa limitu massimu għal kull wieħed mill-pagamenti diretti msemmija rispettivament, fl-Artikoli 54 ***u*** 55. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 — paragrafu 2 — subparagrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Dan il-limitu massimu għandu jkun ugwali għall-komponent ta' kull tip ta' pagament dirett fil-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41, immultiplikat bil-perċentwali ta' tnaqqis applikati mill-Istati Membri skont l-Artikoli 54, 55, ***u 56***. | Dan il-limitu massimu għandu jkun ugwali għall-komponent ta' kull tip ta' pagament dirett fil-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41, immultiplikat bil-perċentwali ta' tnaqqis applikati mill-Istati Membri skont l-Artikoli 54 ***u*** 55. |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 55 — paragrafu 1 — subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri li skont l-Artikolu 68***(2)(a)(i)*** tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 żammew parti mill-komponent jew il-komponent kollu tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondi għall-primjum tal-baqar li jreddgħu msemmija fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom jagħmlu, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lil bdiewa. | 1. L-Istati Membri li skont l-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 żammew parti mill-komponent jew il-komponent kollu tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondi għall-primjum tal-baqar li jreddgħu ***jew għall-primjum speċjali*** msemmija fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom jagħmlu, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lil bdiewa. |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 — paragrafu 3a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom jieħdu d-deċiżjonijiet kollha skont l-Artikoli 53 sa 56 bi qbil mal-istituzzjonijiet rappreżentattivi tal-awtoritajiet reġjonali tagħhom, u fuq il-bażi ta' studju tal-impatt rigward l-effetti ta' dawn id-deċiżjonijiet fil-livell reġjonali.*** |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 — paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Matul l-ewwel sena tal-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku, l-Istati Membri ġodda jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali bil-għan li jallokaw drittijiet għall-pagament, skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni, lill-bdiewa f'setturi speċifiċi li jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċjali b'riżultat tat-tranżizzjoni għall-iskema ta' pagament uniku. | 3. Matul l-ewwel sena tal-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku, l-Istati Membri ġodda jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali bil-għan li jallokaw drittijiet għall-pagament, skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni, lill-bdiewa f'setturi speċifiċi li jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċjali b'riżultat tat-tranżizzjoni għall-iskema ta' pagament uniku. ***L-Istati Membri jistgħu jagħtu prijorità b'mod partikulari lill-bdiewa ġodda, bdiewa żgħażagħ u intrapriżi familjari jew lil bdiewa oħra prijoritarji***. |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 59 — paragrafu 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 5. L-Istati Membri ġodda jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jallokaw, skont kriterji oġġettivi u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni, drittijiet lill-bdiewa f'żoni suġġetti għar-ristrutturar u/jew programmi ta' żvilupp relatati ma' forma jew oħra ta' intervent pubbliku biex ikun evitat l-abbandun ta' art u/jew biex jikkumpensaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż-żoni. | 5. L-Istati Membri ġodda jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jallokaw, skont kriterji oġġettivi u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni, drittijiet lill-bdiewa f'żoni suġġetti għar-ristrutturar u/jew programmi ta' żvilupp relatati ma' forma jew oħra ta' intervent pubbliku biex ikun evitat l-abbandun ta' art u/jew biex jikkumpensaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż-żoni. ***L-Istati Membri jistgħu jagħtu prijorità b'mod partikulari lill-bdiewa ġodda, bdiewa żgħażagħ u intrapriżi familjari jew lil bdiewa oħra prijoritarji***. |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 63 — paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 3. Ħlief fil-każ ta' "force majeure" jew ċirkustanzi eċċezzjonali msemmija fl-Artikolu 40(4), bidwi jista' jitrasferixxi d-drittijiet tiegħu għall-pagament mingħajr art biss wara li uża, fis-sens tal-Artikolu 36, mill-inqas ***80*** % tad-drittijiet tiegħu għall-pagament matul mill-inqas sena kalendarja waħda jew, wara li volontarjament ċeda lir-riżerva nazzjonali d-drittijiet għall-pagament kollha li ma użax fl-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku. | 3. Ħlief fil-każ ta' "force majeure" jew ċirkustanzi eċċezzjonali msemmija fl-Artikolu 40(4), bidwi jista' jitrasferixxi d-drittijiet tiegħu għall-pagament mingħajr art biss wara li uża, fis-sens tal-Artikolu 36, mill-inqas ***70*** % tad-drittijiet tiegħu għall-pagament matul mill-inqas sena kalendarja waħda jew, wara li volontarjament ċeda lir-riżerva nazzjonali d-drittijiet għall-pagament kollha li ma użax fl-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku. |

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 64, subparagrafu –1 (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***Mill-2010, l-Istati Membri li jiddeċiedu li jagħmlu dan jistgħu jiddiżakkoppjaw l-għajnuna speċifika maħsuba għall-produtturi tar-ross, pjanti ta' proteini, għalf imnixxef u l-ġewż.*** |

L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64**

| | |
|---|---|
| Sa mill-2010, l-Istati Membri ***għandhom jintegraw*** l-appoġġ disponibbli taħt skemi ta' appoġġ akkoppjat imsemmija fil-punti I, II u III tal-Anness X fl-iskema ta' pagament uniku skont ir-regoli stipulati f'dan il-Kapitolu. | Sa mill-2010, l-Istati Membri ***jistgħu jintegraw*** l-appoġġ disponibbli taħt skemi ta' appoġġ akkoppjat imsemmija fil-punti I, II u III tal-Anness X fl-iskema ta' pagament uniku skont ir-regoli stipulati f'dan il-Kapitolu. |

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. L-ammonti msemmija fl-Anness XI li kienu disponibbli għal appoġġ akkoppjat taħt l-iskemi msemmija fil-punt I tal-Anness X għandhom jitqassmu mill-Istati Membri fost il-bdiewa fis-setturi *konċernati* skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji waqt li jitqies, b'mod partikolari, l-appoġġ li dawk il-bdiewa rċivew, direttament jew indirettament, taħt l-iskema rilevanti ta' appoġġ matul sena jew aktar tal-perjodu ***2005 sal-2008***. | 1. L-ammonti msemmija fl-Anness XI li kienu disponibbli għal appoġġ akkoppjat taħt l-iskemi msemmija fil-punt I tal-Anness X għandhom jitqassmu mill-Istati Membri ***prinċipalment*** fost il-bdiewa fis-setturi *kkonċernati* skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji waqt li jitqies, b'mod partikolari, l-appoġġ li dawk il-bdiewa rċivew, direttament jew indirettament, taħt l-***iskemi jew il-kwoti ta' produzzjoni*** rilevanti ta' appoġġ matul sena jew aktar tal-perjodu ***2005 sal-2011***. |

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 — paragrafu 1a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***1a. F'ċirkostanzi ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jaqsmu l-ammonti msemmija fl-ewwel paragrafu, kompletament jew parzjalment u skont kriterji oġġettivi, bejn il-bdiewa kollha li l-impriżi agrikulturali tagħhom jinsabu fir-reġjun ikkonċernat.*** |

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 — paragrafu 2 — subparagrafu 1**

| | |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri ***għandhom iżidu*** l-valur tad-drittijiet għall-pagament li għandhom l-bdiewa *konċernati* abbażi tal-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1. | 2. L-Istati Membri ***jistgħu jżidu*** l-valur tad-drittijiet għall-pagament li għandhom l-bdiewa *kkonċernati* abbażi tal-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 66 — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| L-ammonti li kienu disponibbli għall-appoġġ *akkoppjat* taħt l-iskemi msemmija fil-punt II tal-Anness X għandhom jitqassmu mill-Istati Membri fost il-bdiewa fis-setturi kkonċernati bi proporzjon mal-appoġġ li dawk il-bdiewa rċivew taħt l-iskemi ta' appoġġ rilevanti matul il-perjodu 2000 sal-2002. L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jagħżlu perjodu aktar riċenti *rapreżentattiv* skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. | L-ammonti li kienu disponibbli għall-appoġġ *akkoppjat* taħt l-iskemi msemmija fil-punt II tal-Anness X għandhom jitqassmu mill-Istati Membri ***prinċipalment*** fost il-bdiewa fis-setturi kkonċernati bi proporzjon mal-appoġġ li dawk il-bdiewa rċivew taħt l-iskemi ta' appoġġ rilevanti matul il-perjodu 2000 sal-2002. L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jagħżlu perjodu aktar riċenti *rappreżentattiv* skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. |

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**

**Kapitolu 5 — Titolu**

| | |
|---|---|
| APPOĠĠ SPEĊIFIKU | ***PAGAMENTI TA'*** APPOĠĠ SPEĊIFIKU |

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 68 — titolu**

| | |
|---|---|
| ***Regoli ġenerali*** | ***Pagamenti addizjonali*** |

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 68 — paragrafu –1 (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***–1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, sal-iktar tard l-1 ta' Jannar 2010, u mbagħad mill-1 ta' Ottubru 2011 sal-1 ta' Jannar 2012, li mill-2010 u/jew mill-2012, jagħmlu użu minn massimu ta' 15 % tal-limiti nazzjonali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 41, sabiex jirċievu appoġġ għall-bdiewa.*** |

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 68 — paragrafu 1 — parti introduttorja**

| | |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, ***sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009***, li ***mill-2010*** jużaw sa 10 % tal-limiti massimi nazzjonali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 41 biex jappoġġaw lil bdiewa: | 1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, ***skont il-paragrafu –1***, li jużaw sa 10 % tal-limiti massimi nazzjonali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 41 biex jagħtu appoġġ ***integrat*** lill-bdiewa ***jew lil organizzazzjonijiet jew grupp ta' produtturi għall-promozzjoni ta' forom ta' produzzjoni sostenibbli***: |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 — paragrafu 1 — punt a, punt i**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| i) tipi speċifiċi ta' biedja li huma importanti għall-ħarsien u t-titjib tal-ambjent, | i) tipi speċifiċi ta' biedja li huma importanti għall-ħarsien u t-titjib tal-ambjent, ***tal-klima, tal-bijodiversità u l-kwalità tal-ilma, b'mod partikulari l-biedja organika u t-trobbija f'mergħat***, |

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 — paragrafu 1 — punt a — punt iii**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| iii) titjib fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli; | iii) titjib fil-kummerċjalizzazzjoni, ***b'mod partikulari l-kummerċjalizzazzjoni reġjonali, u fil-kompetittività*** ta' prodotti agrikoli |

**Emenda 118**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 — paragrafu 1 — punt b**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| b) biex jindirizzaw żvantaġġi speċifiċi li jaffettwaw bdiewa fis-setturi tal-ħalib, ***ċanga, laħam tan-ngħaġ u l-mogħoż*** u ross f'żoni vulnerabbli ekonomikament jew sensittivi ambjentalment, | b) biex jindirizzaw żvantaġġi speċifiċi li jaffettwaw lill-bdiewa fis-setturi tal-ħalib u tar-ross f'żoni vulnerabbli ekonomikament jew sensittivi ambjentalment, ***u lill-produtturi tal-laħam taċ-ċanga, tan-nagħaġ u tal-mogħoż***, |

**Emenda 119**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68(1)(c)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| c) f'żoni suġġetti għar-ristrutturar u/jew programmi ta' żvilupp sabiex jevitaw l-abbandun tal-art u/jew sabiex jindirizzaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż-żoni, | c) f'żoni suġġetti għar-ristrutturar u/jew programmi ta' żvilupp sabiex jevitaw l-abbandun tal-art u/jew sabiex jindirizzaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż-żoni, ***b'mod partikolari għandha tingħata l-prijorità lill-impriżi ġodda, lill-bdiewa żgħażagħ, lill-impriżi agrikultutrali familjari u lil prijoritajiet agrikulturali oħrajn, partikolarment lill-membri ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' koperattiva agrikola***, |

**Emenda 120 u 191**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 — paragrafu 1 — punt (d)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***d) fil-forma ta' kontribuzzjonijiet għal primjums ta' assigurazzjoni ta' uċuħ tar-raba' skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 69,*** | ***imħassar*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 121 u 191**

**Proposta għal regolament**

**Artikoku 68 — paragrafu 1 — punt e**

| | |
|---|---|
| ***e)*** ***fondi mutwi għal mard tal-annimali u l-pjanti skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 70.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 122**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 68 — paragrafu 1a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li, għal kull sena ta' wara, skont il-paragrafu –1, jużaw mis-sena kalendarja li jmiss mhux aktar minn 5 % tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41, biex jagħtu appoġġ lill-bdiewa jew lil organizzazzjonijiet jew gruppi ta' produtturi fil-forma ta':*** <br><br> ***a) kontribuzzjonijiet għall-primjums ta' assigurazzjoni bi qbil mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 69, jew*** <br><br> ***b) kontribuzzjonijiet għal fondi reċiproċi bi qbil mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 70.*** |

**Emenda 123**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 68 — paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. Appoġġ għal miżuri msemmija fil-paragrafu 1(b) jista' jingħata biss: <br><br> ***a)*** ***mal-implimentazzjoni sħiħa tal-iskema ta' pagament uniku fis-settur ikkonċernat skont l-Artikoli 54, 55 u 71.*** <br><br> ***b)*** sal-punt meħtieġ biex jinħoloq inċentiv biex jinżammu l-livelli attwali tal-produzzjoni. | 3. Appoġġ għal miżuri msemmija fil-paragrafu 1(b) jista' jingħata biss sabiex ikunu jistgħu jinżammu l-livelli ***tal-impjieg u*** ta' produzzjoni attwali. |

**Emenda 124**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 68 — paragrafu 4**

| | |
|---|---|
| 4. Appoġġ skont il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1(a), (b) ***u (e)*** għandu jkun limitat għal ***2.5 % tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41***, l-Istati Membri jistgħu jistipulaw sottolimiti massimi għal kull miżura. | 4. Appoġġ skont il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1(a) ***u*** (b) għandu jkun limitat għal ***perċentwali konformi mad-deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) …*** [1] L-Istati Membri jistgħu jistipulaw sottolimiti għal kull miżura. |

***[1] ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1.***

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 125**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 68 -paragrafu 5 — punt (a)**

| | |
|---|---|
| a) fil-paragrafu 1(a) ***u (d)*** għandu jkun fil-forma ta' pagamenti addizzjonali annwali, | a) fil-paragrafu 1(a) ***u 1a (a)*** għandu jkun fil-forma ta' pagamenti addizzjonali annwali, |

**Emenda 126**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 68 — paragrafu 5 — punt (d)**

| | |
|---|---|
| d) fil-***paragrafu 1(e)*** għandu jkun fil-forma ta' pagamenti kumpensatorji kif speċfikat fl-Artikolu 70. | d) fil-***paragrafu 1a(b)*** għandu jkun fil-forma ta' pagamenti kumpensatorji kif speċfikat fl-Artikolu 70. |

**Emenda 127**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 68 — paragrafu 6**

| | |
|---|---|
| ***6. It-trasferiment ta' drittijiet għall-pagament b'valuri ta' unità miżjuda u ta' drittijiet għall-pagament addizzjonali msemmija fil-paragrafu 5(c) jitħalla jsir biss jekk id-drittijiet trasferiti jkunu akkumpanjati bit-trasferiment ta' għadd ekwivalenti ta' ettari.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 128**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 68 — paragrafu 7**

| | |
|---|---|
| 7. ***Appoġġ għal miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu konsistenti*** ma' miżuri u politiki ***oħra*** Komunitarji. | 7. ***Il-Kummissjoni, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), għandha tiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-għotja tal-appoġġ imsemmi f'din it-Taqsima, b'mod partikolari, bil-għan li tiżgura konsistenza*** ma' miżuri u politiki Komunitarji ***oħrajn u biex tevita kumulazzjoni ta' appoġġ***. |

**Emenda 129**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 68 — paragrafu 7a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***7a. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni kull sena dwar il-miżuri ppjanati u għandhom jippubblikaw il-metodi u l-kriterji użati għar-riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet, l-ismijiet tal-benefiċjarji u l-ammonti allokati lilhom.*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 -paragrafu 8 — punt (a)**

| | |
| --- | --- |
| a) fil-paragrafi 1(a), (b), (c) ***u (d)*** billi jipproċedu għal tnaqqis lineari tad-drittijiet allokati lil bdiewa u/jew mir-riżerva nazzjonali, | a) fil-paragrafi 1(a), (b) ***u*** (c), ***u fil-paragrafu 1a(a)***, billi jipproċedu għal tnaqqis lineari tad-drittijiet allokati lil bdiewa u/jew mir-riżerva nazzjonali, |

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 — paragrafu 8 — punt b**

| | |
| --- | --- |
| b) fil-***paragrafu 1(e)*** billi jipproċedu, jekk ikun neċessarju, għal tnaqqis lineari ta' wieħed jew bosta mill-pagamenti li jridu jsiru lill-benefiċċjarji tal-pagamenti rilevanti skont dan it-Titolu ***u skont il-limiti massimi stipulati fil-paragrafi 1 u 3***. | b) fil-***paragrafu 1a (b)***, billi jipproċedu, jekk ikun neċessarju, għal tnaqqis lineari ta' wieħed jew bosta mill-pagamenti li jridu jsiru lill-benefiċċjarji tal-pagamenti rilevanti skont dan it-Titolu. |

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 — paragrafu 9**

| | |
| --- | --- |
| ***9. Il-Kummissjoni, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), għandha tiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-għotja tal-appoġġ imsemmi f'din it-Taqsima, b'mod partikolari, bil-għan li tiżgura konsistenza ma' miżuri u politiki Komunitarji oħrajn u biex tevita kumulazzjoni ta' appoġġ.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 133**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 — titolu**

| | |
| --- | --- |
| ***Assigurazzjoni tal-uċuħ*** | ***Assigurazzjoni*** |

**Emenda 134**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 — paragrafu 1 — subparagrafu 1**

| | |
| --- | --- |
| 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu kontribuzzjonijiet finanzjarji għal primjums għall-assigurazzjoni tal-***uċuħ kontra*** telf ikkawżat b'avvenimenti klimatiċi ħżiena. | 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu kontribuzzjonijiet finanzjarji għal primjums għall-assigurazzjoni, ***meta jkunu ttieħdu l-miżuri prekawzjonali rilevanti kontra r-riskji magħrufa, imfassla bħala kumpens għal***:<br><br>***a)*** telf ikkawżat ***b***'avvenimenti klimatiċi ta' ħsara ***li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastri naturali***; |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***b)*** ***telf ieħor kkawżat minn avvenimenti klimatiċi;*** |
| | ***c)*** ***telf ekonomiku kkawżat minn mard ta' annimali jew pjanti jew impestazzjonijiet minn annimali jew insetti li jagħmlu l-ħsara.*** |
| | ***Kull Stat Membru jew reġjun għandu jfassal studji speċifiċi biex tiġi prodotta data statistika jew attwarja komparattiva.*** |

**Emenda 135**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 — paragrafu 1 — subparagrafu 2a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, "telf ekonomiku" tfisser kwalunkwe spiża addizzjonali mġarrba minn bidwi bħala riżultat ta' miżuri eċċezzjonali meħuda mill-bidwi bil-għan li jnaqqas il-provvista fuq is-suq ikkonċernat jew kwalunkwe telf sostanzjali fil-produzzjoni. Spejjeż li għalihom jista' jingħata kumpens skont dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn u dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura oħra veterinarja u tas-saħħa jew fitosanitarja m'għandhomx jitqiesu bħala telf ekonomiku.*** |

**Emenda 136**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69(2) u (3)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja ***mogħtija lil kull bidwi*** għandha tkun stipulata għal 60 % tal-primjum tal-assigurazzjoni ***li jrid jitħallas***. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżidu l-kontribuzzjoni finanzjarja għal 70 % meta titqies is-sitwazzjoni klimatika jew is-sitwazzjoni tas-settur ikkonċernat. | 2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tkun stipulata għal 60 % tal-primjum tal-assigurazzjoni ***pagabbli individwalment jew — jekk ikun xieraq — kollettivament, f'każi meta l-kuntratt ta' assigurazzjoni jkun sar minn organizzazzjoni ta' produtturi***. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżidu l-kontribuzzjoni finanzjarja għal 70 % meta titqies is-sitwazzjoni klimatika jew is-sitwazzjoni tas-settur ikkonċernat. |
| L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ammont tal-primjums li huma eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja billi japplikaw limiti massimi xierqa. | L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ammont tal-primjums li huma eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja billi japplikaw limiti massimi xierqa. |
| ***3.*** ***L-assigurazzjoni tal-uċuħ għandha tkun koperta biss meta l-avveniment klimatiku avvers kien rikonoxxut formalment bħala dan mill-awtorità kopetenti tal-Istat Membru konċernat.*** | |

**Emenda 137**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 — paragrafu 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 5. Kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja għandha titħallas direttament lill-bidwi kkonċernat. | 5. Kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja għandha titħallas direttament lill-bidwi kkonċernat ***jew, meta jkun xieraq, lill-organizzazzjoni ta' produtturi li għamlet il-kuntratt fuq il-bażi tan-numru ta' membri tagħha***. |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 138**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 69 — paragrafu 6 — subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 6. In-nefqa tal-Istati Membri għall-għotja ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għandha tkun ikkofinanzjata mill-Komunità mill-fondi msemmija fl-Artikolu 68(***1***) b'rata ta' ***40*** % tal-ammonti eliġibbli ta' primjums ta' assigurazzjoni stipulati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. | 6. In-nefqa tal-Istati Membri għall-għotja ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għandha tkun ikkofinanzjata mill-Komunità mill-fondi msemmija fl-Artikolu 68(***1a***) b'rata ta' ***50***% tal-ammonti eliġibbli ta' primjums ta' assigurazzjoni stipulati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. |
| | ***Fil-każ tal-Istati Membri l-ġodda, madankollu, ir-rata msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiżdied għal 70 %.*** |

**Emenda 139**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 70 — titolu**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| *Fondi mutwi* ***għall-mard tal-annimali u l-pjanti*** | *Fondi reċiproċi* |

**Emenda 140**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 70 — paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal kumpens finanzjarju li jitħallas lil bdiewa għal telf ekonomiku kkawżat minn epidemija ta' mard tal-annimali jew pjanti permezz ta' kontribuzzjonijiet għal fondi mutwi. | 1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal kumpens finanzjarju li jitħallas lil bdiewa għal telf ekonomiku kkawżat minn ***diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew*** it-tfaqqigħ ta' mard tal-annimali jew pjanti permezz ta' kontribuzzjonijiet għal fondi reċiproċi, ***meta jkunu ttieħdu l-miżuri prekawzjonali relevanti kollha. Fondi ta' dan it-tip jistgħu jitmexxew minn organizzazzjonijiet ta' produtturi u/jew organizzazzjonijiet intersettorjali skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 122 u 123 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007***. |
| | ***Dawn il-fondi jistgħu ikunu kumplimentari għal skemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tal-bdiewa.*** |

**Emendi 141 u 205**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 70 -paragrafu 2 — punt (a)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| a) "*fond mutwu*" tfisser sistema akkreditata mill-Istat Membru skont il-liġi nazzjonali għall-bdiewa affiljati biex jassiguraw lilhom infushom, billi tagħti pagamenti kumpensatorji lil dawn il-bdiewa effettwati minn telf ekonomiku ***kkawżat minn*** epidemija ta' mard tal-annimali jew pjanti; | a) "*fondi reċiproċi*" tfisser sistema akkreditata mill-Istat Membru skont il-liġi nazzjonali ***u Ewropea*** għall-bdiewa affiljati biex jassiguraw lilhom infushom, billi tagħti pagamenti kumpensatorji lil dawn il-bdiewa effettwati minn telf ekonomiku ***lill-impriżi agrikulturi tagħhom b'riżultat ta' diżastri naturali,*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***avvenimenti klimatiċi avversi jew*** epidemija ta' mard tal-annimali jew pjanti ***fil-kwarantina jew għal bdiewa affiljati biex jassiguraw rwieħhom, billi jagħtu pagamenti ta' kumpens lil bdiewa affettwati minn telf dirett ikkawżat minn tifqigħat ta' mard tal-pjanti jew tal-annimali fil-kwarantina***; |

**Emenda 142**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 70 — paragrafu 2 — punt b**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| b) "telf ekonomiku" tfisser kwalunkwe spiża addizzjonali mġarrba minn bidwi bħala riżultat ta' miżuri eċċezzjonali meħuda mill-bidwi bil-għan li jnaqqas il-provvista fuq is-suq konċernat jew kwalunkwe telf sostanzjali fil-produzzjoni. Spejjeż li għalihom jista' jingħata kumpens skont dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn u dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura oħra veterinarja u tas-saħħa jew fitosanitarja ma għandhomx jitqiesu bħala telf ekonomiku. | b) "telf ekonomiku" tfisser kwalunkwe spiża addizzjonali mġarrba minn bidwi bħala riżultat ta' miżuri eċċezzjonali meħuda mill-bidwi bil-għan li jnaqqas il-provvista fuq is-suq konċernat, ***l-ispejjeż dovuti għal kampanja ta' titqib urġenti*** jew kwalunkwe telf sostanzjali fil-produzzjoni. Spejjeż li għalihom jista' jingħata kumpens skont dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn u dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura oħra veterinarja u tas-saħħa jew fitosanitarja ma għandhomx jitqiesu bħala telf ekonomiku; |

**Emenda 143**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 70 — paragrafu 2 — punt ba (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***ba) "avveniment klimatiku avvers" ifisser kundizzjonijiet klimatiċi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, bħal ġlata, silġ, borra, xita, in-nirien forestali jew nixfa u li jeqirdu aktar minn 30 % tal-medja tal-produzzjoni annwali ta' bidwi partikolari fil-perjodu ta' tliet snin preċedenti jew medja ta' tliet snin bbażata fuq il-perjodu ta' ħames snin preċedenti, eskluż l-ogħla ammont u l-iktar wieħed baxx;*** |

**Emenda 144**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 70 — paragrafu 2 — punt (bb) (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***bb) "miżuri prekawzjonali relevanti" tfisser miżuri għall-ottimizzazzjoni tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti.*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emendi 206 u 145**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 70 — paragrafu 3 — subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 3. Il-fondi mutwi għandhom iħallsu kumpens finanzjarju direttament lill-bdiewa affiljati li huma effettwati mit-telf ekonomiku. | 3. Il-fondi reċiproċi għandhom iħallsu kumpens finanzjarju direttament lill-bdiewa affiljati li huma effettwati mit-telf ekonomiku ***jew dirett, sakemm ikunu ħadu l-miżuri prekawzjonali relevanti***. |

**Emenda 146**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 70 — paragrafu 6 — subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 6. In-nefqa tal-Istati Membri fuq il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandha tkun ikkofinanzjata mill-Komunità mill-fondi msemmija fl-Artikolu 68(***1***) b'rata ta' ***40*** % tal-ammonti eliġibbli taħt il-paragrafu 4. | 6. In-nefqa tal-Istati Membri fuq il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandha tkun ikkofinanzjata mill-Komunità mill-fondi msemmija fl-Artikolu 68(***1a***) b'rata ta' ***50*** % tal-ammonti eliġibbli taħt il-paragrafu 4. |
| | ***Fil-każ tal-Istati Membri l-ġodda, madankollu, ir-rata msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiżdied għal 70 %.*** |

**Emenda 147**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 70a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 70a*** |
| | ***Għajnuna speċifika għall-produtturi tal-ħalib*** |
| | ***1. Meta, għal sena finanzjarja partikolari, skont il-previżjonijiet tal-ispejjeż imwettqa bi qbil mas-sistema ta' twissija msemmi fir-Regolament (KE) Nru 1290/2005, ikun għad fadal fit-taqsima 2 tal-qafas finanzjarju marġni ta' mill-inqas EUR 600 000 000, dan l-ammont, imnaqqas b'dan il-marġni, għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-għajnuna speċifika għall-produtturi tal-ħalib.*** |
| | ***2. Il-Kummissjoni, flimkien mal-abbozz preliminari tal-baġit għas-sena finanzjarja kkonċernata, għandha tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-evalwazzjoni intermedja tagħha fil-qasam tal-għajnuna speċifika għall-produtturi tal-ħalib.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***3. L-għajnuna speċifika għall-produtturi tal-ħalib tista' tingħata għat-tipi ta' miżuri li ġejjin:*** <br><br> ***a) appoġġ speċifiku skont l-Artikolu 68(1b);*** <br><br> ***b) miżuri skont l-Artikolu 20 u l-Artikolu 36(a), tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, sakemm dawn ikunu jservu direttament bħala għajnuna għall-impriżi agrikoli.*** <br><br> ***4. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-abbozz preliminari tal-baġit u bi qbil mal-paragrafu 2, l-iktar tard sal-15 ta' Ottubru tas-sena kkonċernata, dwar in-natura tal-miżuri li jkunu se jiġu applikati skont il-paragrafu 3.*** <br><br> ***5. It-tqassim tal-fondi dedikati għall-għajnuna speċifika għall-produtturi tal-ħalib fid-diversi Stati Membri għandu jsir skont il-kwantitajiet ta' referenza ta' kull Stat Membru bi qbil mal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi taxxa fil-qasam tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib*** [1]. <br><br> *(1) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 123.* |

## Emenda 148

### Proposta għal regolament
### Artikolu 71

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***Għas-snin 2009, 2010, u 2011*** għandha tingħata għajnuna lill-bdiewa li jipproduċu ross, li jaqa' taħt il-kodiċI tan-NM 1006 10 taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'din it-Taqsima. | Għandha tingħata għajnuna lill-bdiewa li jipproduċu ross, li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1006 10 taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'din it-Taqsima. |

## Emenda 149

### Proposta għal regolament
### Artikolu 72 — paragrafu 2 — tabella

Test propost mill-Kummissjoni:

*(EUR/ettaru)*

| | 2009 | ***2010-2011*** |
|---|---|---|
| Il-Bulgarija | 345,255 | ***172,627*** |
| Il-Greċja | 561,00 | ***280,5*** |
| Spanja | 476,25 | ***238,125*** |
| Franza | 411,75 | ***205,875*** |
| L-Italja | 453,00 | ***226,5*** |
| L-Ungerija | 232,50 | ***116,25*** |
| Il-Portugall | 453,75 | ***226,875*** |
| Ir-Rumanija | 126,075 | ***63,037*** |

Emenda:

*EUR/ettaru*

| | ***2009-2013*** |
|---|---|
| Il-Bulgarija | 345,255 |
| Il-Greċja | 561,00 |
| Spanja | 476,25 |
| Franza | 411,75 |
| L-Italja | 453,00 |
| L-Ungerija | 232,50 |
| Il-Portugall | 453,75 |
| Ir-Rumanija | 126,075 |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 150**
**Proposta għal regolament**
**Taqsima 1a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***Taqsima 1a*** |
| | ***Inċentiv għall-uċuħ tal-proteina*** |
| | ***l-Artikolu 95a*** |
| | ***Ambitu*** |
| | ***Tingħata għajnuna lill-bdiewa li jipproduċu uċuħ tal-proteina skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-taqsima.*** |
| | ***L-uċuħ tal-proteina jinkludu:*** |
| | ***a) piżelli li jaqgħu taħt il-kodiċi NC 0713 10;*** |
| | ***b) il-favetta li taqa' taħt il-kodiċi NC 0713 50;*** |
| | ***c) il-lupin ħelu li jaqa' taħt il-kodiċi NC ex 1209 29 50.*** |
| | ***Artikolu 74b*** |
| | ***Il-kundizzjonijiet u l-ammonti tal-għajnuna*** |
| | ***L-għajuna tammonta għal 55,57 EUR għal kull ettaru ta' wiċċ ta' proteina wara l-fażi ta' maturità lattika.*** |
| | ***Madankollu, uċuħ li jitkabbru f'zoni li huma kompletament miżrugħa u li huma kkultivati skont standards lokali, imma li ma jilħqux l-istadju tal-ħruġ tal-fjuri minħabba kundizzjonijiet klimatiċi eċċezzjonali rikonoxxuti mill-Istat Membru kkonċernat, għandhom jibqgħu eliġibbli għall-għajnuna sakemm, sa dan l-istadju ta' tkabbir, iż-żoni in kwistjoni ma jintużawx għal xi skop ieħor.*** |
| | ***Artikolu 74c*** |
| | ***Id-daqs tal-uċuħ*** |
| | ***1. Id-daqs massimu ġarantit tal-għajnuna huwa hawnhekk stabbilit li jkun ta' 1 400 000 ettaru*** |
| | ***2. Meta d-daqs tal-uċuħ li għalihom tintalab l-għajnuna jkun akbar mill-massimu garantit, id-daqs tal-uċuħ għal kull bidwi li għalihom tintalab l-għajnuna jitnaqqas b'mod proporzjonat għas-sena kkonċernata, skont il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 128 (2).*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 151**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 75 — punt a**

| | |
|---|---|
| ***a)*** EUR 66.32 għas-snin tas-suq 2009/2010 ***u*** 2010/2011; | — EUR 66.32 għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2009/2010, 2010/2011, ***2011/2012 u 2012/2013***; |

**Emenda 152**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 75 — punt (b)**

| | |
|---|---|
| ***b) EUR 33.16 għas-snin tas-suq 2011/2012 u 2012/2013.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 153**
**Proposta għal regolament**
**Taqsima 3 — Artikoli 77 — 81**

| | |
|---|---|
| | ***It-taqsima 3 tiġi imħassra*** |

**Emenda 154**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 82 — paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. L-għajnuna għandha tingħata ***għal massimu ta' ħames snin konsekuttivi mis-sena tas-suq li fiha l-limitu ta' 50 % msemmi fil-paragrafu 1 kien intlaħaq iżda sa mhux aktar tard mis-***sena tas-*suq* 2013/2014. | 2. L-għajnuna għandha tingħata għal ***sas-***sena ta' *kummerċjalizzazzjoni* 2013/2014. |

**Emendi 187, 198 u 209**
**Proposta għal regolament**
**Taqsima 6a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***TAQSIMA 6 a*** |
| | ***GĦAJNUNA GĦAT-TABAKK*** |
| | ***Artikolu 87a*** |
| | ***Ambitu*** |
| | ***Għas-snin ta' ħsad 2010, 2011 u 2012, tista' tingħata għajnuna lill-bdiewa li jipproduċu tabakk mhux ipproċessat bil-kodiċi NC 2401, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-kapitolu.*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *Artikolu 87b* |
| | *Il-kundizzjonijiet u l-ammissibilità għall-għoti ta' għajnuna* |
| | *Għandha tingħata għajnuna lill-bdiewa li jkunu rċevew primjum skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tat-tabakk mhux ipproċessat (1) fis-snin kalendarji 2000, 2001 u 2002 u lill-bdiewa li jkunu kibsu kwoti ta' produzzjoni għat-tabakk waqt il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2005. Il-ħlas ta' għajnuna ta' dan it-tip għandu jkun suġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:* |
| | *(a) li t-tabakk jiġi minn zona ta' produzzjoni msemmija fl-Anness II għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2848/98 tat-22 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru No 2075/92 dwar l-iskema ta' premju, kwoti ta' produzzjoni u l-għajnuna speċifika li għandha tingħata lil gruppi ta' produtturi fis-settur tat-tabakk mhux maħdum (2);* |
| | *(b) li jkunu ġew sodisfatti r-rekwiżiti ta' kwalità stipulati mir-Regolament (KE) Nru 2848/98;* |
| | *(c) li l-weraq tat-tabakk jiġu pprovduti mill-produttur lill-ewwel intrapriża ta' proċessar fuq il-bażi ta' kuntratt ta' kultivazzjoni;* |
| | *(d) li l-għajnuna tingħata b'tali mod li jiġi garantit trattament ugwali tal-bdiewa u/jew bi qbil ma' kriterji oġġettivi, bħal produtturi tat-tabakk li jkunu jinsabu f'reġjun tal-Objettiv I jew produzzjoni ta' varjetajiet ta' kwalità speċifikata.* |
| | *Fl-aħħar tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku ibbażata fuq iż-żona taħt l-Artikolu 111, u fejn japplika l-Artikolu 108a, għandhom jingħataw kwoti ta' produzzjoni għat-tabakk, skond l-ewwel subparagrafu, sa mhux aktar tard mit-tmiem tal-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku.* |
| | *Artikolu 87 c* |
| | *Ammonti* |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***L-ammont massimu tal-għajnuna totali, li jinkludi wkoll l-ammonti li għandhom jiġu trasferiti lill-Fond Komunitarju għat-Tabakk imsemmi fl-Artikolu 87d, huwa stabbilit kif ġej:*** |

***(f'miljuni ta' Euro)***

| | **2010-2012** |
|---|---:|
| ***Il-Ġermanja*** | ***21 287*** |
| ***Spanja*** | ***70 599*** |
| ***Franza*** | ***48 217*** |
| ***Italja (ħlief il-Puglia)*** | ***189 366*** |
| ***Il-Portugall*** | ***8 468*** |

***(f'miljuni ta' Euro)***

| | **2009-2012** |
|---|---:|
| ***L-Ungerija*** | ***pm*** |
| ***Il-Bulgarija*** | ***pm*** |
| ***Ir-Rumanija*** | ***pm*** |
| ***Il-Polonja*** | ***pm*** |

***Artikolu 87d***

***Trasferiment lejn il-Fond Komunitarju għat-Tabakk***

***Ammont ekwivalenti għal 5 % tal-għajnuna mogħtija skont din it-taqsima għas-snin ċivili mill-2010 sal-2012 għandu jintuża għall-finanzjament ta' azzjonijiet ta' informazzjoni fil-kuntest tal-Fond Komunitarju għat-Tabakk previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 2075/92.***

***(1) ĠU L 215, 30.7.1992, p. 70.***
***(2) ĠU L 358, 31.12.1998, p. 17.***

**Emenda 155**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 90 — paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 4. L-ammont tal-primjum għal kull nagħġa għandu jkun ta' EUR 21. Madankollu għall-bdiewa li jikkumerċjalizzaw il-ħalib tan-ngħaġ jew il-prodotti bbażati fuq il-ħalib tan-nagħġ il-primjum għal kull nagħġa għandu jkun ***EUR 6.8***. | 4. L-ammont tal-primjum għal kull nagħġa għandu jkun ta' EUR 21. Madankollu għall-bdiewa li jikkumerċjalizzaw il-ħalib tan-nagħġ jew il-prodotti bbażati fuq il-ħalib tan-nagħġ il-primjum għal kull nagħġa għandu jkun ***EUR 16.8***. |

**Emenda 156**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 90 — paragrafu 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 5. L-ammont tal-primjum għal kull mogħża għandu jkun ta' ***EUR 6.8***. | 5. L-ammont tal-primjum għal kull mogħża għandu jkun ta' ***EUR 16.8***. |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 157**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 98 — punt a**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| *a) "reġjun" tfisser Stat Membru jew reġjun fi Stat Membru, skont l-għażla tal-Istat Membru konċernat,* | *imħassar* |

**Emenda 158**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 112a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *Artikolu 112a* |
| | *Riżerva nazzjonali* |
| | *1. L-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' ħlas uniku joħolqu riżerva nazzjonali li jkun fiha d-differenza bejn il-limiti massimi ffissati fl-Anness VIIIa u l-valur totali tal-ħlasijiet diretti li jkunu twettqu realment matul is-sena kkonċernata.* |
| | *2. Huma jistgħu jagħmlu użu minn din ir-riżerva nazzjonali biex iwettqu ħlasijiet maħsuba għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 68, skont il-kriterji oġġettivi u b'mod li tiġi garantita l-ugwaljanza fit-trattament bejn il-bdiewa u li jiġi evitat ksur tal-prinċipji tas-suq u kwalunkwe tgħawiġ tal-kompetizzjoni.* |

**Emenda 160**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 113 — paragrafu 4 — subparagrafu 2 — punt (b a) (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *ba) kundizzjonijiet imsemmija fil-punt C tal-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2013.* |

**Emenda 161**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 123**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| *Artikolu 123* | *imħassar* |
| *Trasferimenti finanzjarji għar-ristrutturar fir-reġjuni tal-koltivazzjoni tat-tabakk* | |
| *Mis-sena tal-baġit 2011, ammont ta' EUR 484 miljun għandu jkun disponibbli skont programmazzjoni tal-Iżvilupp Rurali b'finanzjament mill-FAEŻR, bħala appoġġ Komunitarju addizzjonali għal miżuri f'reġjuni li jipproduċu t-tabakk, għal dawk l-Istati Membri li fihom il-produtturi tat-tabakk ikunu rċevew l-għajnuna skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2075/92 fis-snin 2000, 2001 u 2002.* | |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 162**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 129 (t)**

| | |
|---|---|
| ***t) rigward il-qoton, regoli dettaljati dwar:*** | ***imħassar*** |
| ***i) il-kalkolu tat-tnaqqis tal-għajnuna pprovduta fl-Artikolu 80(3);*** | |
| ***ii) l-organizzazzjonijiet intersettorjali approvati, b'mod partikolari il-finanzjament u sistema ta' kontroll u sanzjonijiet.*** | |

**Emenda 163**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 132 — punt 1 — punt (b)**
*Regolament (KE) Nru 378/2007*
*Artikolu 1(5)*

| | |
|---|---|
| 5. Ir-rati ta' modulazzjoni applikabbli għal bidwi jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru XXX/2008 (dan ir-Regolament) bit-tnaqqis ta' 5 punti perċentwali għandhom jitnaqqsu mir-rata tal-modulazzjoni volontarja applikata mill-Istati Membri b'applikazzjoni tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Sew il-perċentwal li għandu jitnaqqas kif ukoll ir-rata finali tal-modulazzjoni vovlontarja għandhom ikunu ugwali għal jew aktar minn 0. | 5. Ir-rati ta' modulazzjoniapplikabbli għal bidwi jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru XXX/2008 (dan ir-Regolament) bit-tnaqqis ta' 5 punti perċentwali għandhom jitnaqqsu mir-rata tal-modulazzjoni volontarja applikata mill-Istati Membri b'applikazzjoni tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Sew il-perċentwal li għandu jitnaqqas kif ukoll ir-rata finali tal-modulazzjoni vovlontarja għandhom ikunu ugwali għal jew aktar minn 0. ***Madankollu, l-ebda adattament ma jista' jwassal għal tnaqqis globali tal-fondi tal-Feader li jkunu diġà ngħataw lil programmi ta' żvilupp rurali, hekk kif turi d-deċiżjoni formali tal-Kummissjoni li approvathom***. |

**Emenda 164**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 133a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 133a*** |
| | ***Studju tal-ispejjeż tal-kundizzjonalità*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha twettaq studju sabiex tevalwa l-ispejjeż reali għall-bdiewa, dovuti għar-rispett tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fl-oqsma ambjentali, tal-benessri tal-annimali u tas-sikurezza tal-ikel, meta din tmur lil hinn mir-regoli applikabbli għall-prodotti importati. Leġiżlazzjoni bħal din tinkludi, inter alia, ir-regolamenti u d-direttivi mniżżla fl-Anness II li fuqhom hija msejsa s-sistema ta' kundizzjonalità, kif ukoll l-istandards definiti bħala ''l-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba'' fl-Anness III, li huma wkoll parti minn din is-sistema.*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***L-istudju tal-Kummissjoni għandu jevalwa l-ispiża tal-konformità mal-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq fl-Istati Membri kollha. Din l-ispiża tista' tvarja bejn l-Istati Membri, saħansitra bejn ir-reġjuni, skont id-differenzi tagħhom mil-lat klimatiku, ġeoloġiku, ekonomiku u soċjali, kif ukoll fil-livell tal-karatteristiċi ta' produzzjoni tagħhom.*** |

**Emenda 165**

**Proposta għal regolament**
**Anness I — linja 3 — kolonna 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Titolu IV, ***Kapitolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003*** | Titolu IV, ***Kapitolu 1, Taqsima 1a ta' dan ir-Regolament*** |

**Emenda 166**

**Proposta għal regolament**
**Anness II — punt A — punt 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | | | EMENDA | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 | ***Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar*** il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati ***minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1)*** | *Artikoli 4 u 5* | 4. | ***Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19)*** | *Artikolu 6* |

**Emenda 167**

**Proposta għal regolament**
**Anness II — punt Aa (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA | | |
|---|---|---|---|
| | ***Aa*** | ***Sigurtà fuq il-post tax-xogħol*** | |
| | ***8a*** | ***Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex iħeġġu titjib fis-sikurezza u s-saħħa ta' ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).*** | ***Artikolu 6*** |
| | ***8b*** | ***Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-ħarsien tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-esponiment għal sustanzi bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol, (is-seba' direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 262, 17.10.2000, p. 21)*** | ***Artikoli 3, 6, 8 u 9*** |
| | ***8c*** | ***Id-Direttiva tal-Kunsill 94/33/KE tat-22 ta' Ġunju 1994 dwar il-kontroll uffiċjali ta' affarijiet tal-ikel (ĠU L 216, 20.8.1994, p. 12).*** | |
| | ***8d*** | ***Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-29 ta' April 2004 dwar il-ħarsien tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-esponiment għal sustanzi bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol, (is-sitt direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50)*** | ***Artikolu 3, u Artikoli 4 sa 12*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 168**

**Proposta għal regolament**
**Anness III — Kolonna 2 — titolu**

| | |
| --- | --- |
| ***Standards*** | ***Eżempji tl-esiġenzi rilevanti*** |

**Emenda 194**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Anness III — linja 4 — kolonna 2 — inċiż 2a ġdid**

| | |
| --- | --- |
| | — ***Fejn ikun xieraq, l-istabbiliment u/jew iż-żamma tal-ħabitats*** |

**Emenda 169**

**Proposta għal regolament**
**Anness III — linja 4 — kolonna 2 — inċiż 3**

| | |
| --- | --- |
| — Żamma ta' elementi tal-pajsaġġ, ***inkluż, fejn dan ikun f'loku, hedges, għadajjar, trinek għall-ilma, siġar f'ringiela, fi gruppi jew iżolati, u l-marġni tal-għelieqi***, | — Żamma ta' elementi tal-pajsaġġ |

**Emenda 171**

**Proposta għal regolament**
**Anness III — linja 5 — kolonna 2 — inċiż 1**

| | |
| --- | --- |
| — Stabbiliment ta' strixxi marġinali matul il-mogħdijiet tal-ilma | — Stabbiliment ta' strixxi marġinali matul il-mogħdijiet tal-ilma ***bi qbil mal-leġiżlazzjoni rilevanti komuni dwar il-protezzjoni tal-ilmijiet tal-wiċċ*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA

**Emenda 172**
**Proposta għal regolament**
**Anness IV**

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI

*EUR miljuni*

| Sena Kalendarja | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | ***583,2*** | ***570,9*** | ***563,1*** | ***553,9*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | | | | ***773,0*** |
| Id-Danimarka | ***985,9*** | ***965,3*** | ***954,6*** | ***937,8*** |
| Il-Ġermanja | ***5 467,4*** | ***5 339,2*** | ***5 269,3*** | ***5 178,0*** |
| L-Estonja | | | | ***88,9*** |
| L-Irlanda | ***1 283,1*** | ***1 264,0*** | ***1 247,1*** | ***1 230,0*** |
| Il-Greċja | ***2 567,3*** | ***2 365,5*** | ***2 348,9*** | ***2 324,1*** |
| Spanja | ***5 171,3*** | ***5 043,4*** | ***5 019,1*** | ***4 953,5*** |
| Franza | ***8 218,5*** | ***8 021,2*** | *7 930,7* | *7 796,2* |
| L-Italja | ***4 323,6*** | ***4 103,7*** | ***4 073,2*** | ***4 023,3*** |
| Ċipru | | | | ***48,2*** |
| Il-Latvja | | | | ***130,5*** |
| Il-Litwanja | | | | ***337,9*** |
| Lussemburgu | ***35,2*** | ***34,5*** | ***34,0*** | ***33,4*** |
| L-Ungerija | | | | ***1 150,9*** |
| Malta | | | | ***4,6*** |
| Olanda | ***841,5*** | ***827,0*** | ***829,4*** | ***815,9*** |
| L-Awstrija | ***727,7*** | ***718,2*** | ***712,1*** | ***704,9*** |
| Il-Polonja | | | | ***2 730,5*** |
| Il-Portugall | ***635,8*** | ***623,0*** | ***622,6*** | ***622,6*** |
| Is-Slovenja | | | | ***129,4*** |
| Is-Slovakkja | | | | ***335,9*** |
| Il-Finlandja | ***550,0*** | ***541,2*** | ***536,0*** | ***529,8*** |
| L-Iżvezja | ***731,7*** | ***719,9*** | ***710,6*** | ***699,8*** |
| Ir-Renju Unit | ***3 373,0*** | ***3 340,4*** | ***3 335,8*** | ***3 334,9*** |

EMENDA

*EUR miljuni*

| Sena Kalendarja | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Id-Danimarka | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Il-Ġermanja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| L-Estonja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| L-Irlanda | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Il-Greċja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Spanja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Franza | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| L-Italja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Ċipru | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Il-Latvja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Il-Litwanja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Lussemburgu | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| L-Ungerija | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Malta | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Olanda | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| L-Awstrija | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Il-Polonja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Il-Portugall | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Is-Slovenja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Is-Slovakkja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Il-Finlandja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| L-Iżvezja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Ir-Renju Unit | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

## Emenda 173
## Proposta għal regolament
## ANNESS VIII

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI

*(EUR 1 000)*

| Tabella 1 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Stat Membru | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 u s-snin ta' wara |
| Il-Belġju | ***614 179*** | ***611 901*** | ***613 281*** | ***613 281*** | ***614 661*** | ***614 661*** | ***614 661*** | ***614 661*** |
| Id-Danimarka | ***1 030 478*** | ***1 031 321*** | ***1 043 421*** | ***1 043 421*** | ***1 048 999*** | ***1 048 999*** | ***1 048 999*** | ***1 048 999*** |
| Il-Ġermanja | ***5 770 254*** | ***5 781 666*** | ***5 826 537*** | ***5 826 537*** | ***5 848 330*** | ***5 848 330*** | ***5 848 330*** | ***5 848 330*** |
| L-Irlanda | ***1 342 268*** | ***1 340 737*** | ***1 340 869*** | ***1 340 869*** | ***1 340 869*** | ***1 340 869*** | ***1 340 869*** | ***1 340 869*** |
| Il-Greċja | ***2 367 713*** | ***2 209 591*** | ***2 210 829*** | ***2 216 533*** | ***2 216 533*** | ***2 216 533*** | ***2 216 533*** | ***2 216 533*** |
| Spanja | ***4 838 512*** | ***5 070 413*** | ***5 114 250*** | ***5 139 246*** | ***5 139 316*** | ***5 139 316*** | ***5 139 316*** | ***5 139 316*** |
| Franza | ***8 404 502*** | ***8 444 468*** | ***8 500 503*** | ***8 504 425*** | ***8 518 804*** | ***8 518 804*** | ***8 518 804*** | ***8 518 804*** |
| L-Italja | ***4 143 175*** | ***4 277 633*** | ***4 320 238*** | ***4 369 974*** | ***4 369 974*** | ***4 369 974*** | ***4 369 974*** | ***4 369 974*** |
| Lussemburgu | ***37 051*** | ***37 084*** | ***37 084*** | ***37 084*** | ***37 084*** | ***37 084*** | ***37 084*** | ***37 084*** |
| Olanda | ***853 090*** | ***853 169*** | ***886 966*** | ***886 966*** | ***904 272*** | ***904 272*** | ***904 272*** | ***904 272*** |
| L-Awstrija | ***745 561*** | ***747 298*** | ***750 019*** | ***750 019*** | ***751 616*** | ***751 616*** | ***751 616*** | ***751 616*** |
| Il-Portugall | ***589 723*** | ***600 296*** | ***600 370*** | ***605 967*** | ***605 972*** | ***605 972*** | ***605 972*** | ***605 972*** |
| Il-Finlandja | ***566 801*** | ***565 823*** | ***568 799*** | ***568 799*** | ***570 583*** | ***570 583*** | ***570 583*** | ***570 583*** |
| L-Iżvezja | ***763 082*** | ***765 229*** | ***768 853*** | ***768 853*** | ***770 916*** | ***770 916*** | ***770 916*** | ***770 916*** |
| Ir-Renju Unit | ***3 985 834*** | ***3 986 361*** | ***3 987 844*** | ***3 987 844*** | ***3 987 849*** | ***3 987 849*** | ***3 987 849*** | ***3 987 849*** |

*(EUR 1 000)*

| Tabella 2 ([1]) | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Stat Membru | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 u s-snin ta' wara |
| Il-Bulgarija | ***287 399*** | ***328 997*** | ***409 587*** | ***490 705*** | ***571 467*** | ***652 228*** | ***732 986*** | ***813 746*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | ***559 622*** | ***647 080*** | ***735 801*** | ***821 779*** | ***909 164*** | ***909 164*** | ***909 164*** | ***909 164*** |
| L-Estonja | ***60 500*** | ***70 769*** | ***80 910*** | ***91 034*** | ***101 171*** | ***101 171*** | ***101 171*** | ***101 171*** |
| Ċipru | ***31 670*** | ***38 845*** | ***43 730*** | ***48 615*** | ***53 499*** | ***53 499*** | ***53 499*** | ***53 499*** |
| Il-Latvja | ***90 016*** | ***104 025*** | ***118 258*** | ***132 193*** | ***146 355*** | ***146 355*** | ***146 355*** | ***146 355*** |
| Il-Litwanja | ***230 560*** | ***268 746*** | ***305 964*** | ***342 881*** | ***380 064*** | ***380 064*** | ***380 064*** | ***380 064*** |
| L-Ungerija | ***807 366*** | ***935 912*** | ***1 064 312*** | ***1 191 526*** | ***1 318 542*** | ***1 318 542*** | ***1 318 542*** | ***1 318 542*** |
| Malta | ***3 434*** | ***3 851*** | ***4 268*** | ***4 685*** | ***5 102*** | ***5 102*** | ***5 102*** | ***5 102*** |
| Il-Polonja | ***1 877 107*** | ***2 164 285*** | ***2 456 894*** | ***2 742 771*** | ***3 033 549*** | ***3 033 549*** | ***3 033 549*** | ***3 033 549*** |
| Ir-Rumanija | ***623 399*** | ***713 207*** | ***891 072*** | ***1 068 953*** | ***1 246 821*** | ***1 424 684*** | ***1 602 550*** | ***1 780 414*** |
| Is-Slovenja | ***87 942*** | ***102 047*** | ***116 077*** | ***130 107*** | ***144 236*** | ***144 236*** | ***144 236*** | ***144 236*** |
| Is-Slovakkja | ***240 014*** | ***277 779*** | ***314 692*** | ***351 377*** | ***388 191*** | ***388 191*** | ***388 191*** | ***388 191*** |

([1]) Il-limiti massimi kkalkolati bil-qies tal-iskeda ta' żidiet inkrementali pprovduta skont l-Artikolu 110.

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

*EMENDA*

*(EUR 1 000)*

| Tabella 1 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Stat Membru | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 u s-snin ta' wara |
| Il-Belġju | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Id-Danimarka | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Il-Ġermanja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| L-Irlanda | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Il-Greċja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Spanja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Franza | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| L-Italja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Lussemburgu | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Olanda | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| L-Awstrija | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Il-Portugall | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Il-Finlandja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| L-Iżvezja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Ir-Renju Unit | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |

*(EUR 1 000)*

| Tabella 2 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Stat Membru | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 u s-snin ta' wara |
| Il-Bulgarija | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| L-Estonja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Ċipru | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Il-Latvja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Il-Litwanja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| L-Ungerija | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Malta | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Il-Polonja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Ir-Rumanija | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Is-Slovenja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |
| Is-Slovakkja | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** | ***p. m.*** |

## Emenda 174

### Proposta għal regolament
### Anness X — parti I — inċiż 2

| | |
|---|---|
| — ***Mill-2010, il-primjum għall-uċuħ tal-proteini previst fit-Titolu IV, Kapitolu 2, tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.*** | ***imħassar*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 175**

**Proposta għal regolament**
**Anness X — parti I — inċiż 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| — Mill-***2010***'l quddiem, il-pagament speċifiku għar-ross ipprovdut fil-Kapitolu III tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u s-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu 1 tat-titolu IV ta' dan ir-Regolament, skont l-iskeda ta' żmien ippprovduta bl-Artikolu 72(2) ta' dan ir-Regolament; | — Mill-***2013*** 'il quddiem, il-pagament speċifiku għar-ross ipprovdut fil-Kapitolu III tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u s-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu 1 tat-titolu IV ta' dan ir-Regolament, skont l-iskeda ta' żmien ippprovduta bl-Artikolu 72(2) ta' dan ir-Regolament; |

**Emenda 176**

**Proposta għal regolament**
**Anness X — parti I — inċiż 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| — ***Mill-2011 'il quddiem l-għajnuna għall-ipproċessar tal-għalf imnixxef ipprovduta fis-Subsezzjoni I tas-Sezzjoni I tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 177**

**Proposta għal regolament**
**Anness X — parti I — inċiż 6**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| — Mill-***2011*** 'il quddiem l-għajnuna għall-ipproċessar tal-kittien imkabbar għall-fibri ipprovduta fis-Subsezzjoni II tas-Sezzjoni I tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, skont l-iskeda ta' żmien ippprovduta f'dik is-subsezzjoni; | — Mill-***2013*** 'il quddiem l-għajnuna għall-ipproċessar tal-kittien imkabbar għall-fibri ipprovduta fis-Subsezzjoni II tas-Sezzjoni I tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, skont l-iskeda ta' żmien ippprovduta f'dik is-subsezzjoni; |

**Emenda 178**

**Proposta għal regolament**
**Anness X — parti I — inċiż 7**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| — Mill-***2011*** 'il quddiem l-għajnuna għal-lamtu tal-patata pprovduta fl-Artikolu [95a] tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u, skont l-iskeda ta' żmien tal-Artikolu 75 ta' dan ir-Regolament, l-għajnuna għall-patata tal-lamtu pprovduta f'dak l-Artikolu. | — Mill-***2013*** 'il quddiem l-għajnuna għal-lamtu tal-patata pprovduta fl-Artikolu [95a] tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u, skont l-iskeda ta' żmien tal-Artikolu 75 ta' dan ir-Regolament, l-għajnuna għall-patata tal-lamtu pprovduta f'dak l-Artikolu. |

**Emenda 179**

**Proposta għal regolament**
**Anness X — Parti Ia (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***I a.*** <br> ***Mill-2010, fejn Stat Membru ma jeħux id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 64 ta' dan ir-Regolament:*** <br> — ***il-primjum għall-uċuħ tal-proteini previst fit-Titolu IV, Kapitolu 2, tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;*** |

**L-Erbgħa, 19 ta’ Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | — *l-għajnuna speċifika għar-ross ipprovdut fil-Kapitolu III tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u s-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu 1 tat-titolu IV ta’ dan ir-Regolament, skont l-iskeda ta’ żmien ippprovduta bl-Artikolu 72(2) ta’ dan ir-Regolament;* |
| | — *l-għajnuna għall-ipproċessar tal-għalf imnixxef ipprovduta fis-Sottotaqsima I tat-Taqsima I tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.* |

**Emenda 180**

**Proposta għal regolament**
**Annexe XI — Tabella “Għalf niexef”**

| | |
|---|---|
| *Tabella “Għalf niexef”* | *imħassra* |

**Emenda 181**

**Proposta għal regolament**
**Annexe XI — tabella “Uċuħ tal-Proteini”**

| | |
|---|---|
| *Tabella “Uċuħ tal-Proteini”* | *imħassra* |

**Emenda 182**

**Proposta għal regolament**
**Anness XI — tabella “Ross”**

| | |
|---|---|
| *Kolonna 2010* | *imħassra* |
| *Kolonna 2011* | |
| *Kolonna 2012* | |

**Emenda 183**

**Proposta għal regolament**
**Anness XI — tabella “Kittien ta’ fibri twal”**

| | |
|---|---|
| *Kolonna 2011* | *imħassra* |
| *Kolonna 2012* | |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 184**

**Proposta għal regolament**
**Anness XI — tabella "Għajnuna għall-ipproċessar tal-lamtu tal-patata"**

| | |
| --- | --- |
| ***Kolonna 2011*** | ***imħassra*** |
| ***Kolonna 2012*** | |

**Emenda 185**

**Proposta għal regolament**
**Anness XI — tabella "Għajnuna għall-ipproċessar tal-lamtu tal-patata(SEE aBOVE) mill-kultivaturi"**

| | |
| --- | --- |
| ***Kolonna 2011*** | ***imħassra*** |
| ***Kolonna 2012*** | |

## Emendar tal-politika agrikola komuni *

P6_TA(2008)0550

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 320/2006, (KE) Nru 1234/2007, (KE) Nru 3/2008 u (KE) Nru […]/2008 sabiex tkun adattata l-politika agrikola komuni (COM(2008)0306 — C6-0241/2008 — 2008/0104(CNS))**

(2010/C 16 E/36)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0306),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 36 u 37 tat-Trattat KE, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0241/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0401/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Premessa 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (3) Għaċ-ċereali s-sistema għanda tinbidel sabiex tiżgura kompetittività u orjentazzjoni lejn is-suq għas-settur filwaqt li żżomm ir-rwol ta' intervent bħala xibka ta' sikurezza f'każ ta' problemi fis-suq u tiffaċilita r-rispons tal-bdiewa għall-kundizzjonijiet tas-suq. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-riforma tas-sistema ta' intervent għall-qamħirrun stipulaw reviżjoni tas-sistema ta' intervent kollha għaċ-ċereali fil-kuntest tal-Kontroll tas-Saħħa, ibbażata fuq analiżi li indikat ċertu riskju għal intervent addizzjonali għax-xgħir jekk il-prezzijiet kienu baxxi. Il-*previżjonijiet* attwali għaċ-ċereali madankollu inbidlu b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien 'l hawn u huma kkaratterizzati minn ambjent favorevoli tal-prezz tas-suq dinji b'konsegwenza ta' domanda dinjija dejjem tikber u stokkijiet dinjin taċ-ċereali dejjem jonqsu. Fi ħdan dan il-kuntest, l-iffissar ta' livelli ta' intervent għal żero għall-qmuħ għall-għalf oħrajn fl-istess perjodu ta' żmien tar-riforma tal-qamħirrun ikun jippermetti għal intervent mingħajr ma jkollu implikazzjonijiet negattivi fuq is-suq taċ-ċereali kollu. Il-previżjonijiet għas-settur taċ-ċereali japplikaw ukoll għall-qamħ durum, u dan ifisser li x-xiri f'intervent jista' jitneħħa għaliex tilef ir-rilevanza tiegħu minħabba li l-prezzijiet tas-suq dejjem ikunu ħafna ogħla mill-prezz ta' intervent. Minħabba li intervent għaċ-ċereali għandu jservi ta' xibka ta' sikurezza ***aktar milli element li jinfluwenza d-determinazzjoni tal-prezz, id-differenzi fil-perjodi tal-ħsad minn Stat Membru għall-ieħor, li effettivament jibdew il-kampanji tat-tmexxija fis-suq, m'għadhomx rilevanti għaliex is-sistema mhux se tibqa' tipprovdi għal prezzijiet li juru l-livelli ta' intervent flimkien mażżidiet ta' kull xahar. Fl-interess ta' simplifikazzjoni d-dati għal intervent taċ-ċereali għandu għalhekk jiġi armonizzat min-naħa għall-oħra tal-Komunità***. | (3) Għaċ-ċereali s-sistema għanda tinbidel sabiex tiżgura kompetittività u orjentazzjoni lejn is-suq għas-settur filwaqt li żżomm ir-rwol ta' intervent bħala xibka ta' sikurezza f'każ ta' problemi fis-suq u tiffaċilita r-rispons tal-bdiewa għall-kundizzjonijiet tas-suq. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-riforma tas-sistema ta' intervent għall-qamħirrun stipulaw reviżjoni tas-sistema ta' intervent kollha għaċ-ċereali fil-kuntest tal-Kontroll tas-Saħħa, ibbażata fuq analiżi li indikat ċertu riskju għal intervent addizzjonali għax-xgħir jekk il-prezzijiet kienu baxxi. Il-*previżjonijiet* attwali għaċ-ċereali madankollu inbidlu b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien 'l hawn u huma kkaratterizzati minn ambjent favorevoli tal-prezz tas-suq dinji b'konsegwenza ta' domanda dinjija dejjem tikber u stokkijiet dinjin taċ-ċereali dejjem jonqsu. Fi ħdan dan il-kuntest, l-iffissar ta' livelli ta' intervent għal żero għall-qmuħ għall-għalf oħrajn fl-istess perjodu ta' żmien tar-riforma tal-qamħirrun ikun jippermetti għal intervent mingħajr ma jkollu implikazzjonijiet negattivi fuq is-suq taċ-ċereali kollu. Il-previżjonijiet għas-settur taċ-ċereali japplikaw ukoll għall-qamħ durum, u dan ifisser li x-xiri f'intervent jista' jitneħħa għaliex tilef ir-rilevanza tiegħu minħabba li l-prezzijiet tas-suq dejjem ikunu ħafna ogħla mill-prezz ta' intervent. Minħabba li intervent għaċ-ċereali għandu jservi ta' xibka ta' sikurezza, ***dan għandu biss jinbeda matul l-aħħar tliet xhur tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni***. |

**Emenda 2**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Premessa 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (4) Mir-riforma tal-2003 'l quddiem, il-kompetittività tas-settur tar-ross żdiedet. Il-produzzjoni hija stabbli, bi tnaqqis ta' stokkijiet minkejja d-domanda dejjem tikber fil-Komunità u fis-suq dinji, u bil-prezz mistenni, ħafna ogħla mill-prezz tal-intervent. ***Għalhekk m'għadx hemm il-ħtieġa għall-provvediment għax-xiri f'intervent għar-ross u għalhekk għandu jitħassar***. | (4) Mir-riforma tal-2003 'l quddiem, il-kompetittività tas-settur tar-ross żdiedet. Il-produzzjoni hija stabbli, bi tnaqqis ta' stokkijiet minkejja d-domanda dejjem tikber fil-Komunità u fis-suq dinji, u bil-prezz mistenni, ħafna ogħla mill-prezz tal-intervent. ***L-intervent madankollu għandu jinżamm bħala xibka ta' sikurezza***. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 3**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Premessa 6**

| | |
|---|---|
| (6) It-tneħħija ta' intervent għal ***dawn il-prodotti*** jista' jitwettaq mingħajr problemi fl-2009 għaliex il-qagħda attwali tas-suq u l-perspettivi jissuġġerixxu li intervent, fi kwalunkwe każ, ma jkunx applikabbli għalihom fl-2009. | (6) It-tneħħija ta' intervent għa***r-ross u l-laħam tal-majjal*** jista' jitwettaq mingħajr problemi fl-2009 għaliex il-qagħda attwali tas-suq u l-perspettivi jissuġġerixxu li intervent, fi kwalunkwe każ, ma jkunx applikabbli għalihom fl-2009. |

**Emenda 5**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Premessa 8a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(8a) Mill-2009, l-appoġġ lill-investimenti tal-produtturi tal-ħalib m'għandux ikun limitat għall-kwota stabbilita, sabiex il-produtturi jkunu jistgħu jinvestu iktar skont is-sitwazzjoni fis-suq.*** |

**Emenda 6**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Premessa 10**

| | |
|---|---|
| ***(10) L-għajnuna għall-ħażna privata tal-butir ma tintużax ħafna. Madankollu minħabba li l-produzzjoni tal-ħalib fil-Komunità tvarja skont l-istaġun dejjem se jkun hemm varjazzjoni staġonali fil-produzzjoni tal-butir. Għalhekk, jista' jkun hemm pressjoni temporanja fuq is-suq tal-butir li tkun tista' titnaqqas permezz ta' ħażna staġonali. Madankollu, id-deċiżjoni għandha tittieħed mill-Kummissjoni abbażi ta' analiżi soda tas-suq aktar milli ta' obbligu biex tinfetaħ l-iskema kull sena u għalhekk l-iskema għandha ssir mhux obbligatorja. Huwa għalhekk li jaqbel li l-iskema ssir fakultattiva.*** | ***imħassra*** |

**Emenda 7**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Premessa 12**

| | |
|---|---|
| (12) L-għajnuniet għall-allokazzjonijiet tal-butir għall-għaġina u għall-ġelat u għall-konsum dirett tnaqqsu f'konformità mat-tnaqqis tal-prezz ta' intervent għall-butir sa mill-2004. Konsegwentement kienu żero qabel ma ġew sospiżi s-sejħiet għal offerti minħabba s-sitwazzjoni favorevoli tas-suq. ***L-iskemi ta' għajnuna għall-allokazzjonijiet m'għadhomx meħtieġa għall-appoġġ tas-suq fuq livell ta' prezz ta' intervent u għalhekk għandhom jitneħħew***. | (12) L-għajnuniet għall-allokazzjonijiet tal-butir għall-għaġina u għall-ġelat u għall-konsum dirett tnaqqsu f'konformità mat-tnaqqis tal-prezz ta' intervent għall-butir sa mill-2004. Konsegwentement kienu żero qabel ma ġew sospiżi s-sejħiet għal offerti minħabba s-sitwazzjoni favorevoli tas-suq. |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 13**

| | |
|---|---|
| (13) Kif kien il-każ fir-riforma tal-politika agrikola komuni tal-2003, sabiex tiżdied il-kompetittività tal-agrikoltura Komunitarja u tiġi mħeġġa agrikoltura sostenibbli b'orjentazzjoni akbar lejn is-suq, huwa meħtieġ li titkompla l-bidla minn appoġġ għall-produzzjoni għall-appoġġ għall-produttur billi jitneħħew l-għajnuniet eżistenti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament waħdieni dwar l-OKS) [ir-Regolament dwar l-OKS Unika] ***għall-għalf niexef***, għall-kittien, għall-qanneb u għal-lamtu tal-patata u jiġi integrat appoġġ għal dawn il-prodotti fis-sistema ta' appoġġ diżakkoppjat għad-dħul għal kull farm. Kif kien il-każ fir-riforma tal-PAK tal-2003, filwaqt li appoġġ diżakkoppjat imħallas lill-bdiewa se jħalli l-ammonti proprji mħallsin mhux mibdulin, se jżid b'mod sinifikanti l-effettività tal-għajnuna għad-dħul. | (13) Kif kien il-każ fir-riforma tal-politika agrikola komuni tal-2003, sabiex tiżdied il-kompetittività tal-agrikoltura Komunitarja u tiġi mħeġġa agrikoltura sostenibbli b'orjentazzjoni akbar lejn is-suq, huwa meħtieġ li titkompla l-bidla minn appoġġ għall-produzzjoni għall-appoġġ għall-produttur billi jitneħħew l-għajnuniet eżistenti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament waħdieni dwar l-OKS) [ir-Regolament dwar l-OKS Unika] għall-kittien, għall-qanneb u għal-lamtu tal-patata u jiġi integrat appoġġ għal dawn il-prodotti fis-sistema ta' appoġġ diżakkoppjat għad-dħul għal kull farm. Kif kien il-każ fir-riforma tal-PAK tal-2003, filwaqt li appoġġ diżakkoppjat imħallas lill-bdiewa se jħalli l-ammonti proprji mħallsin mhux mibdulin, se jżid b'mod sinifikanti l-effettività tal-għajnuna għad-dħul. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 14**

| | |
|---|---|
| (14) Fl-2000 il-Kunsill iddeċieda li gradwalment ineħħi l-għajnuna għall-fibri qosra tal-kittien u għall-fibri tal-qanneb. Din id-deċiżjoni ġiet implimentata b'effett mis-sena tas-suq 2009/2010 bl-emendi li saru fir-Regolament dwar l-OKS Unika (KE) Nru 247/2008, kif ukoll ġiet implimentata t-tneħħija gradwali tal-għajnuna addizzjonali ta' pproċessar għall-proċessuri tal-kittien imkabbar fiż-żoni tradizzjonali. L-għajnuna għall-kittien ta' fibri twal għandha tiġi diżakkoppjata. Madankollu sabiex l-industrija tkun tista' tadatta, ***nofs il-***bidla għall-iskema ta' pagament uniku għandha ssir ***fl-2011 u l-bqija fl-***2013. | (14) Fl-2000 il-Kunsill iddeċieda li gradwalment ineħħi l-għajnuna għall-fibri qosra tal-kittien u għall-fibri tal-qanneb. Din id-deċiżjoni ġiet implimentata b'effett mis-sena tas-suq 2009/2010 bl-emendi li saru fir-Regolament dwar l-OKS Unika (KE) Nru 247/2008, kif ukoll ġiet implimentata t-tneħħija gradwali tal-għajnuna addizzjonali ta' pproċessar għall-proċessuri tal-kittien imkabbar fiż-żoni tradizzjonali. L-għajnuna għall-kittien ta' fibri twal għandha tiġi diżakkoppjata. Madankollu sabiex l-industrija tkun tista' tadatta, il-bidla għall-iskema ta' pagament uniku għandha ssir ***l-iktar tard sa*** l-2013. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 15**

| | |
|---|---|
| (15) Ir-reġim tal-għalf niexef kien irriformat fl-2003, meta parti mill-għajnuna ngħatat lill-produtturi u kienet diżakkoppjata. Fil-kuntest tal-orjentazzjoni totali tal-Kontroll tas-Saħħa lejn aktar orjentazzjoni lejn is-suq, u l-previżjoni attwali fis-swieq tal-għalf, it-transizzjoni għall-diżakkoppjament totali għas-settur kollu għandha għalhekk tintemm billi l-għajnuna li baqa' għall-industrija tiġi diżakkoppjata. | (15) Ir-reġim tal-għalf niexef kien irriformat fl-2003, meta parti mill-għajnuna ngħatat lill-produtturi u kienet diżakkoppjata. Fil-kuntest tal-orjentazzjoni totali tal-Kontroll tas-Saħħa lejn aktar orjentazzjoni lejn is-suq, u l-previżjoni attwali fis-swieq tal-għalf, it-transizzjoni għall-diżakkoppjament totali għas-settur kollu għandha għalhekk tintemm ***l-iktar tard sal-2013*** billi l-għajnuna li baqa' għall-industrija tiġi diżakkoppjata. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***Għandu jkun possibbli li jittaffew l-effetti tat-tmiem tal-pagament ta' għajnuna lill-proċessuri permezz ta' aġġustamenti xierqa fil-prezz imħallas lill-produtturi tal-materja prima, li huma stess se jkunu qegħdin jirċievu drittijiet miżjuda ta' għajnuna diretta b'riżultat ta' diżakkoppjament. It-tmiem tal-għajnuna lill-proċessuri huwa ġġustifkat wkoll fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq u ta' perspettivi għall-uċuħ tal-proteina in ġenerali. Minħabba l-fatt li s-settur kien diġà qed jiġi ristrutturat sa mir-riforma tal-2003 u l-impatt ambjentali partikolarment negattiv li ġie ġġenerat riċentament mill-produzzjoni ta' għalf deidratat, l-għajnuna għandha tiġi diżakkoppjata iżda għandu jingħata perjodu tranżizzjonali qasir ta' sentejn sabiex is-settur ikun jista' jadatta.*** | |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 17**

| | |
|---|---|
| *(17)* ***L-iżviluppi fis-swieq domestiċi u internazzjonali taċ-ċereali u tal-lamtu jwasslu sabiex ir-rifużjoni għall-produzzjoni tal-lamtu ma tibqax pertinenti għall-għanijiet inizjali, u għalhekk għandha titneħħa. Is-sitwazzjoni tas-suq u l-perspettivi huma tali li l-għajnuna ġiet iffissata għal żero għal xi żmien. Dan huwa mistenni li jkompli, sabiex isseħħ tneħħija rapida mingħajr effetti negattivi għas-settur.*** | ***imħassra*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 18**

| | |
|---|---|
| *(18)* ***Id-dispożizzjonijiet dwar miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq relatati mal-mard tal-annimali għandhom jiġu trattati permezz ta' dispożizzjoni orizzontali dwar il-ġestjoni tar-riskju, u għalhekk għandhom jitħassru mir-Regolament (KE) Nru 1234/2007.*** | ***imħassra*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 19**

| | |
|---|---|
| (19) L-organizzazzjonijiet tal-produtturi jista' jkollhom rwol ***utli*** billi jorganizzaw il-forniment f'setturi fejn hemm żbilanċ fil-konċentrazzjoni ta' produtturi u proċessuri. L-Istati Membri għandhom ikollhom il-ħila li jagħarfu organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-setturi kollha. | (19) ***Jekk l-assigurazzjoni tal-uċuħ jew il-fondi reċiproċi jkunu jistgħu jikkontribwixxu għal ġestjoni kurattiva tar-riskji, din il-ġestjoni tista' toħroġ għalja wisq fuq il-pjan ekonomiku u soċjali, għalhekk jeħtieġ li b'mod parallel jiġi promoss l-iżvilupp ta' strumenti li jkunu jippermettu ġestjoni preventiva tar-riskju***. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi ***bħall-organizzazzjonijiet interprofessjonali*** jista' jkollhom rwol ***importanti f'din il-ġestjoni preventiva, partikolarment*** billi jorganizzaw il-forniment f'setturi fejn hemm żbilanċ fil-konċentrazzjoni ta' produtturi u proċessuri ***jew billi jitjieb l-għarfien tas-swieq***. Huwa għalhekk li l-Istati Membri għandu jkollhom il-ħila li jagħrfu organizzazzjonijiet ta' produtturi ***u organizzazzjonijiet professjonali*** fis-setturi kollha. |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 1 — punt –1 (ġdid)**
*Regolament (KE) Nru 247/2006*
*Artikolu 4 — paragrafu 3*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(–1) L-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 247/2006 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | "**3.** ***Bħala deroga mill-paragrafu 2(a), għandu jkun permess li mill-Ażori jitpoġġew fis-suq tal-bqija tal-Komunità l-kwantitajiet massimi ta' zokkor li ġejjin (kodiċi NC 1701) matul is-snin li ġejjin***": |
| | — ***2008***: **3,000 tunnellata**, |
| | — ***2009***: **2,285 tunnellata**, |
| | — ***2010***: **1,570 tunnellata**, |
| | — ***2011***: **855 tunnellata**. |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 1 — punt –1a (ġdid)**
*Regolament (KE) Nru 247/2006*
*Artikolu 5 — paragrafu 1*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(–1a) L-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 247/2006 jinbidel b'dan li ġej:*** |
| | **1. Waqt il-perjodu msemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001,** ***iz-zokkor C msemmi fl-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament, esportat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2670/81 tal-14 ta' Settembru 1981 li jistipula regoli ta' implimentazzjoni dettaljati rigward il-produzzjoni taz-zokkor li taqbeż il-kwota u introdott għall-konsum f'Madeira jew fil-Gżejjer Kanarji bħala zokkor abjad skont il-kodiċi NC 1701 u li għandu jiġi raffinat u kkunsmat fl-Azores bħala zokkor mhux ipproċessat skont il-kodiċi NC 1701 12 10 u/jew NC 1701 11 10, għandu jibbenefika, skont il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, mis-sistema tal-eżenzjoni marbuta mad-dazji tal-importazzjoni fil-limitu tal-istimi tal-provvista*** **msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 1**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 8 — paragrafu 1 — punt (b)*

| | |
| --- | --- |
| ***(1) Il-punt (b) tal-Artikolu 8(1) jitħassar.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 2**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 10*

| | |
| --- | --- |
| ***2) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***a) Il-Paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:*** | |
| ***i) il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:*** | |
| "***a) qamħ komuni, xgħir, qamħirrun u sorgu***;" | |
| ***ii) il-punt (b) jitħassar;*** | |
| ***b) Il-paragrafu 2 jitħassar.*** | |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 3**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 11 — punt a*

| | |
| --- | --- |
| a) Għaċ-ċereali, mill-***1 ta' Novembru*** sal-31 ta' Mejju; | a) Għaċ-ċereali, mill-***1 ta' Marzu*** sal-31 ta' Mejju; |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 3**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 11 — punt d a*

| | |
|---|---|
| | ***da) għal-laħam tal-majjal, matul kwalunkwe sena ta' kummerċjalizzazzjoni.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 3**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 12 — paragrafu 1 — punt b a*

| | |
|---|---|
| | ***ba) għandu jinfetaħ għal-laħam tal-majjal mill-Kummissjoni, mingħajr l-għajnuna tal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 195(1), jekk, waqt perjodu rappreżentattiv, il-prezz medju tas-suq għall-majjal maqtul il-biċċerija, kif stabbilit b'referenza għall-prezzijiet irreġistrati f'kull Stat Membru fis-swieq rappreżentattivi tal-Komunità u ppeżat permezz ta' koeffiċjenti li jirriflettu d-daqs relattiv tal-merħla tal-majjali ta' kull Stat Membru, ikun jinsab u x'aktarx li jibqa' f'livell ta' inqas minn 103 % tal-prezz bażiku.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 3**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 12 — paragrafu 2*

| | |
|---|---|
| 2. Intervent pubbliku għall-qamħ komuni jista' jiġi sospiż mill-Kummissjoni, ***mingħajr l-assistenza tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 195(1)***, jekk il-prezz għall-qamħ b'kontenut minimu ta' proteina ta' 11 % "konsenjat f'Rouen") huwa ogħla mill-prezz ta' referenza. | 2. Intervent pubbliku għall-qamħ komuni jista' jiġi sospiż mill-Kummissjoni, jekk il-prezz għall-qamħ b'kontenut minimu ta' proteina ta' 11 % "konsenjat f'Rouen", huwa ogħla mill-prezz ta' referenza. |
| Għandu jerġa' jinfetaħ mill-Kummissjoni, ***mingħajr l-assistenza tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 195(1)***, jekk il-kundizzjonijiet provduti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma jibqgħux japplikaw. | Għandu jerġa' jinfetaħ mill-Kummissjoni, jekk il-kundizzjonijiet provduti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma jibqgħux japplikaw. |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 4 — punt 4**

*Regolament (KE) Nru 1234/2007*

*Subtaqsima III — Artikolu 18*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| ***4) Is-Subtaqsima III tat-Taqsima II tal-Kapitolu I tat-Titolu I tal-Parti II tinbidel b'dan li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***Subtaqsima III*** | |
| ***Prezzijiet ta' intervent*** | |
| ***Artikolu 18*** | |
| ***Prezzijiet ta' intervent*** | |
| ***1. Il-prezzijiet ta' intervent u l-kwantitajiet aċċettati għal intervent għall-prodotti msemmijin fl-Artikolu 10(a), (d), (e) u (f) għandhom jiġu ddeterminati mill-Kummissjoni permezz ta' proċeduri ta' sejħiet għal offerti. F'ċirkustanzi speċjali, proċeduri ta' sejħiet għal offerti jistgħu jiġu ristretti għal, jew il-prezzijiet ta' intervent u l-kwantitajiet aċċettati għal intervent jistgħu jiġu ffissati għal kull, Stat Membru jew għal kull reġjun ta' Stat Membru abbażi ta' prezzijiet medji tas-suq reġistrati.*** | |
| ***2. Il-prezz ta' intervent iddeterminat skond il-paragrafu 1 ma għandux ikun ogħla:*** | |
| ***(a) għaċ-ċereali, mill-prezzijiet ta' referenza rispettivi;*** | |
| ***(b) għaċ-ċanga, mill-prezz medju tas-suq reġistrat fi Stat Membru jew reġjun ta' Stat Membru miżjud b'ammont li għandu jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni abbażi ta' kriterji oġġettivi;*** | |
| ***(c) għall-butir, minn 90 % tal-prezz ta' referenza;*** | |
| ***(d) għat-trab tal-ħalib xkumat, mill-prezz ta' referenza.*** | |
| ***3. Il-prezz tal-intervent għaz-zokkor għandu jkun 80 % tal-prezz ta' referenza ffissat għas-sena tas-suq wara s-sena tas-suq li matulha tkun ġiet ippreżentata l-offerta. Madankollu, jekk il-kwalità taz-zokkor offrut lill-aġenzija li tħallas tkun differenti mill-kwalità standard definita fil-punt B tal-Anness IV li għaliha jkun ġie iffissat il-prezz ta' referenza, il-prezz ta' intervent għandu jiżdied jew jitnaqqas kif meħtieġ.*** | |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu — punt 4a (ġdid)**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 26 — paragrafu 2 — punt a — punt iiia (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***4a) Għandu jiġi nserit il-paragrafu li ġej fl-Artikolu 26(2)(a):*** |
| | ***iia) "għall użu skond ir-reġim ta' provvista speċifika tal-provvista li hemm provdut għalih fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 247/2006"*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 5**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Taqsima II — Titolu I — Kapitolu I — Taqsima I — Sottotaqsima I*

| | |
|---|---|
| ***5) Is-Subtaqsima I tat-Taqsima III tal-Kapitolu I tat-Titolu I tal-Parti II titħassar.*** | ***imħassra*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 6**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 31*

| | |
|---|---|
| ***6) L-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***a) Il-Paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:*** | |
| ***i) wara l-punt (c) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:*** | |
| ***(ca.) butir mingħajr melħ prodott minn krema jew ħalib f'impriża approvata tal-Komunità b'kontenut minimu ta' xaħam tal-butir, skont il-piż, ta' 82 %, kontenut massimu ta' solidi tal-ħalib mhux xaħmin, skont il-piż, ta' 2 % u kontenut massimu ta' ilma, skont il-piż, ta' 16 %;*** | |
| ***(cb.) butir bil-melħ prodott minn krema jew ħalib f'impriża approvata tal-Komunità b'kontenut minimu ta' xaħam tal-butir, skont il-piż, ta' 80 %, kontenut massimu ta' solidi tal-ħalib mhux xaħmin, skont il-piż, ta' 2 %, kontenut massimu ta' ilma, skont il-piż, ta' 16 % u kontenut massimu ta' melħ, skont il-piż, ta' 2 %;*** | |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| *ii) il-punt (e) jitħassar;* | |
| *b) Fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu jitħassar.* | |

**Emenda 21**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 7**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 34a (ġdid)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| *Jiddaħħal l -Artikolu 34a li ġej:* | *Artikolu 34a* |
| *imħassar* | |
| *Kundizzjonijiet ta' għotja għall-butir* | |
| *1. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tagħti għajnuna għall-ħażna privata għall-butir b'mod partikolari jekk l-iżviluppi fil-prezzijiet u fil-ħażniet tal-prodotti jindikaw żbilanċ serju fis-suq li jkun jista' jiġi evitat jew imnaqqas permezz ta' ħażna staġonali.* | |
| *2. L-ammont ta' għajnuna għandu jiġi ffissat mill-Kummissjoni b'qies tal-ispejjeż tal-ħażna u l-iżvilupp mistenni fil-prezzijiet tal-butir.* | |

**Emenda 22**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 8**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 36*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| *8) L-Artikolu 36 jitħassar.* | *imħassar* |

**Emenda 23**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 11**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 44*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| *11) L-Artikolu 44 jitħassar.* | *imħassar* |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 12 — punt a**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*l-Artikolu 46(1)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***a)*** ***Il-Paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:*** | ***imħassar*** |
| "***1. Għall-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ imsemmijin fl-Artikolu 45, il-Komunità għandha tipprovdi parti mill-finanzjament ekwivalenti għal 50 % tan-nefqa sostnuta mill-Istati Membri.***" | |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 14a (ġdid)**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 66 (5a) (ġdid)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***14a) Fl-Artikolu 66, jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | "***5a. L-Istati Membri jistgħu japplikaw żidiet temporanji tal-kwoti, ibbażati fuq l-użu baxx wisq tal-kwoti tal-ħalib fl-Istati Membri l-oħra, bil-kundizzjoni li jkunu jistgħu jipprovdu l-prova li s-suq tal-ħalib tagħhom ikun jista' jkollu l-problemi fil-kuntest tar-regolamentazzjoni ġenerali. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni qed tikkalkula ta' kull sena l-użu baxx wisq tal-kwoti tal-ħalib. Il-Kummissjoni tevalwa t-talbiet potenzjali tal-Istati Membri għal żidiet addizzjonali tal-kwoti u tressaq proposta rigward l-għoti temporanju ta' kwoti ta' produzzjoni fil-bidu ta' kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni. Dawn il-kwoti temporanji għal sena ta' kummerċjalizzazzjoni partikolari huma dejjem inqas mil-livell ta' użu baxx wisq tal-kwoti tas-sena ta' qabel is-sena kkonċernata. Il-Kummissjoni għandha mingħajr telf ta' żmien tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 195(1).***". |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 14b (ġdid)**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 78(3a) (ġdid)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***14b) Fl-Artikolu 78, jiżdied il-paragrafu 3a li ġej:*** |
| | ***3a. Id-dħul kollu dovut għall-ħlasijiet lill-Unjoni minħabba l-għotjiet addizzjonali kif ukoll it-tifdil magħmul fil-baġit agrikolu għandhom jipprovdu l-fondi għall-ħalib sabiex ikunu jistgħu jiġu implimentati miżuri ta' appoġġ fis-settur tal-ħalib.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Miżuri appoġġati skond l-Artikolu 68 [regoli ġenerali] tar-Regolament (KE) Nru […]/2008 [Regolament ġdid dwar il-ħlas dirett] m'għandhomx jiġu ffinanzjati permezz tal-iskema attwali.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 17**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Parti II — Titolu I — Kapitolu IV — Taqsima I — Sottotaqsima I*

| | |
|---|---|
| ***17) Is-Subtaqsima I tat-Taqsima I tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II titħassar.*** | ***imħassra*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 18a (ġdid)**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 91(1), subparagrafu 2*

| | |
|---|---|
| | ***18a) Fl-Artikolu 91(1), it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:*** |
| | **Matul is-snin ta' kummerċjalizzazzjoni *2009/2010 sa* 2012/2013, l-għajnuna għandha tingħata wkoll bl-istess kundizzjonijiet għall-ipproċessar tat-tiben tal-kittien u tal-qanneb għall-produzzjoni tal-fibri qosra.** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 19**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 92(1)*

| | |
|---|---|
| 1. L-ammont ta' għajnuna għall-ipproċessar stipulat fl-Artikolu 91 għandu jkun iffissat għall-kittien ta' fibri twal: | 1. L-ammont ta' għajnuna għall-ipproċessar stipulat fl-Artikolu 91 għandu jkun iffissat: |
| a) ***EUR 200*** għas-snin *tas-suq* 2009/2010 ***u 2010/2011***; ***u*** | a) **f'dak li jirrigwarda l-fibri twal tal-kittien: EUR 160 għal kull tunnellata** għas-snin *ta' kummerċjalizzazzjoni* 2009/2010 ***sa 2012/2013***; |
| b) ***EUR 100*** għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni ***2011/2012 u*** 2012/2013; | b) **f'dak li jirrigwarda *l-fibri*** qosra **tal-kittien u tal-qanneb, li ma jkollhomx iktar minn 7,5 % ta' impuritajiet u ta' soddieda, EUR 90 għal kull tunnellata għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni *2009/2010 sa* 2012/2013.** |
| | **Madankollu, l-Istat Membru jista', b'referenza għan-negozjanti tradizzjonali, jiddeċiedi wkoll li jagħti l-għajnuna:** |
| | **a) għall-fibri qosra tal-kittien li jkun fihom perċentwali ta' impuritajiet u ta' skald, bejn is-7,5 % u l-15 %;** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | **b) għall-fibri tal-qanneb li jkun fihom perċentwali ta' impuritajiet u ta' soddieda ta' bejn is-7,5 % u l-25 %.** |
| | **Fil-każijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu, l-Istat Membru jagħti għajnuna għal kwantità massima, ekwivalenti għall-kwantità proċessata bbażata fuq 7,5 % ta' impuritajiet u ta' soddieda.** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 4 — punt 20a (ġdid)**

*Regolament (KE) Nru 1234/2007*

*Artikolu 94(1a)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***20a) Fl-Artikolu 94, il-paragrafu 1a għandu jinbidel b'dan li ġej:*** |
| | **1a. Għandha tiġi stabbilita kwantità massima garantita ta' 147,265 tunnellata *għal kull sena* ta' kummerċjalizzazzjoni *mill-2009/2010 sal-2012*/2013 għall-kittien ta' fibri qosra u ta' fibri tal-qanneb li għalihom tista' tingħata l-għajnuna. Dik il-kwantità għandha titqassam fost ċerti Stati Membri *bħala kwantitajiet nazzjonali garantiti* skont l-Anness XI, punt A. II.** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 4 — punt 20b (ġdid)**

*Regolament (KE) Nru 1234/2007*

*Artikolu 94a*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***20b) L-Artikolu 94 jinbidel b'dan li ġej:*** |
| | ***Artikolu 94a*** |
| | ***Għajnuna addizzjonali*** |
| | **Matul *is-snin* ta' kummerċjalizzazzjoni *mill-2009/2010 sal-2012/2013*, għandha tingħata għajnuna addizzjonali lill-manifattur primarju awtorizzat għall-meded ta' art għat-tkabbir tal-kittien li jinsabu fiz-zoni I u II imsemmija f'Anness XI, punt A. III u li l-produzzjoni ta' fibri tiegħu hija soġġetta għal:** |
| | **a) kuntratt ta' xiri/ta' bejgħ jew kuntratt ta' rabta, kif stipulat fl-Artikolu 91, paragrafu 1; u** |
| | **b) għajnuna għall-ipproċessar ta' fibri twal, filwaqt li tingħata għajnuna addizzjonali lill-ewwel proċessatur akkreditat.** |
| | **L-ammont totali ta' għajnuna addizzjonali huwa ta' 120 EUR għal kull ettaru f'zona I u ta' 50 EUR għal kull ettaru f'zona II.** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 4 — punt 21**

*Regolament (KE) Nru 1234/2007*

*Artikolu 95a — paragrafu 1*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Primjum ta' EUR 22.25 għal kull tunnellata ta' lamtu prodotta għandu jitħallas għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2009/2010 ***u 2010/2011*** lill-impriżi li jipproduċu lamtu tal-patata għall-kwantità ta' lamtu tal-patata sal-limitu tal-kwota msemmi fl-Artikolu 84a(2), sakemm dawn l-impriżi jkunu ħallsu lill-produtturi tal-patata prezz minimu għall-patata kollha meħtieġa biex ikun prodott il-lamtu sa dak il-limitu tal-kwota. | 1. Primjum ta' EUR 22.25 għal kull tunnellata ta' lamtu prodotta għandu jitħallas għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2009/2010 ***sa 2012/2013*** lill-impriżi li jipproduċu lamtu tal-patata għall-kwantità ta' lamtu tal-patata sal-limitu tal-kwota msemmi fl-Artikolu 84a(2), sakemm dawn l-impriżi jkunu ħallsu lill-produtturi tal-patata prezz minimu għall-patata kollha meħtieġa biex ikun prodott il-lamtu sa dak il-limitu tal-kwota. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 4 — punt 22**

*Regolament (KE) Nru 1234/2007*

*Artikolu 96*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***22) L-Artikolu 96 jitħassar.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 4 — punt 29a (ġdid)**

*Regolament (KE) Nru 1234/2007*

*Artikolu 122 — subparagrafu 1b (ġdid)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***29a) Il-paragrafu li ġej jiżdied mal-Artikolu 122:*** |
| | ***L-Istati Membri, minbarra dan, jistgħu jirrikonoxxu bħala organizzazzjonijiet ta' manifatturi l-gruppi ta' min jitlob skont it-termini tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' oriġini tal-prodotti agrikoli u tal-prodotti tal-ikel (*). F'dan il-każ, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-punt c)i) tal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu.*** |
| | ***(*) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 4 — punt 30**

*Regolament (KE) Nru 1234/2007*

*Artikolu 124(1)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Dawn l-organizzazzjonijiet interprofessjonali jistgħu jaġixxu partikolarment favur il-ġestjoni preventiva tar-riskji, tar-riċerka u tal-iżvilupp, tal-informazzjoni u tal-promozzjoni dwar il-prodotti u l-mezzi, tal-analiżi u l-informazzjoni dwar is-swieq u l-mezzi ta' kuntrattwalizzazzjoni.''*** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 30a (ġdid)**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 162 — paragrafu 1 — punt a (i)*

***30a) Il-punt (a)(i) tal-Artikolu 162(1) jitħassar [1].***

***[1] L-artikoli u l-annessi tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għalhekk għandhom ikunu adattati.***

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 30b (ġdid)**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 162 — paragrafu 1 — punt a (ii)*

***30b) Il-punt (a)(ii) tal-Artikolu 162(1) jitħassar [1].***

***[1] L-artikoli u l-annessi tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għalhekk għandhom ikunu adattati.***

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 4 — punt 31a (ġdid)**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 182(3)*

***31a) Fl-Artikolu 182, il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:***

**3. L-Istati Membri li jnaqqsu l-kwota tagħhom ta' iktar minn 50 % mill-kwota ffissata għaz-zokkor fl-20 ta' Frar 2006 fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 jistgħu jagħtu għajnuna Statali proviżorja *sas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2013/2014.***

***Il-Kummissjoni għandha, fuq bażi tal-applikazzjoni minn kwalunkwe Stat Membru kkonċernat, tiddeċiedi fuq l-ammont totali tal-għajnuna Statali disponibbli għal din il-miżura.***

***Għall-*Italja, l-għajnuna temporanja msemmija fl-ewwel subparagrafu m'għandhiex tkun iktar minn total ta' EUR 11 għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni għal kull tunnellata ta' pitravi li tingħata lil dawk li jkabbru l-pitravi u għat-trasport tal-pitravi.**

**Il-Finlandja tista' tagħti għajnuna sa EUR 350 għal kull ettaru għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni *lil dawk li jkabbru l-pitravi.***

**L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni *fi żmien 30 jum mit-tmiem ta' kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni* dwar l-ammont ta' għajnuna Statali effettivament mogħtija *f'dik* is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni.**

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 40**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 4 — punt 32**
*Regolament (KE) Nru 1234/2007*
*Artikolu 184*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 5) qabel it-***30 ta' Ġunju 2011*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ***il-kundizzjonijiet għat-tneħħija gradwali mingħajr xkiel tas-sistema tal-kwoti tal-ħalib, inklużi, b'mod partikolari, aktar żidiet possibbli fil-kwoti jew tnaqqis possibbli fis-superlevy***. | 5) Qabel il-***31 ta' Diċembru 2010***, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ***is-sitwazzjoni tas-suq tal-ħalib. Dan ir-rapport janalizza wkoll l-effikaċja tas-sistemi ta' ġestjoni tal-Istati Membri fil-kuntest tal-liberalizzazzjoni tal-iskema tal-kwoti. Jekk ikun hemm bżonn, dan għandu jiġi akkumpanjat minn proposti adegwati***. |

# Emenda tar-Regolament (KE) nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) *

P6_TA(2008)0551

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-modifika tar-Regolament (KE) nº 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (COM(2008)0306 — C6-0242/2008 — 2008/0105(CNS))**

(2010/C 16 E/37)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0306),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 36 u 37 tat-Trattat KE, skont liema huwa kien ikkonsultat mill-Kunsill (C6-0242/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0390/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Premessa 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (1) Fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-riforma tal-politika agrikola komuni (PAK) tal-2003, it-tibdil fil-klima, is-sorsi ta' enerġija li tiġġedded, il-ġestjoni tal-ilma ***u*** l-bijodiversità kienu identifikati bħala sfidi ġodda kruċjali għall-agrikoltura Ewropea. | (1) Fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-riforma tal-politika agrikola komuni (PAK) tal-2003, it-tibdil fil-klima, is-sorsi ta' enerġija li tiġġedded, il-ġestjoni tal-ilma, il-bijodiversità ***u l-abbandun tal-kwoti tal-ħalib*** kienu identifikati bħala sfidi ġodda kruċjali għall-agrikoltura Ewropea. |

**Emenda 2**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Premessa 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (5) Huwa importanti li operazzjonijiet relatati ma' dawn il-prijoritajiet jissaħħu aktar fil-programmi tal-iżvilupp rurali approvati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005. | (5) ***Minħabba li l-programmi eżistenti għall-iżvilupp rurali tal-Istati Membri ma jinkludux miżuri suffiċjenti u xierqa kif indikat fl-Anness II***, huwa importanti li operazzjonijiet relatati ma' dawn il-prijoritajiet jissaħħu aktar fil-programmi tal-iżvilupp rurali approvati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005. |

**Emenda 3**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Premessa 5 a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(5 a) L-istudju tal-opinjoni bl-isem "Attitudnijiet taċ-ċittadini Ewropej rigward il-benesseri tal-annimali" mwettaq mill-Eurobarometer fl-2007 wera li l-biċċa l-kbira (72 %) taċ-ċittadini tal-UE iqisu li l-bdiewa għandhom jitħallsu minħabba li huma jġarrbu spejjeż akkumulati bħala riżultat ta' standards iktar stretti rigward il-benesseri tal-annimali. Barra minn hekk, il-Protokoll dwar il-protezzjoni u l-benesseri tal-annimali li jinsab f'Annesss għat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, permezz tat-Trattat ta' Amsterdam, jistipula li meta jkunu qed ifasslu u jimplimentaw il-politiki fil-qasam tal-agrikoltura, il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom jikkunsidraw b'mod sħiħ l-esiġenzi tal-benesseri tal-annimali.*** |

**Emenda 4**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Premessa 6**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (6) Meta titqies l-importanza ta' dawn il-prijoritajiet Komunitarji, l-obbligu tal-Istati Membri li jipprovdu għal operazzjonijiet relatati mal-isfidi l-ġodda fil-programmi tal-iżvilupp rurali għandu jiġi definit. | (6) Meta titqies l-importanza ta' dawn il-prijoritajiet Komunitarji, l-obbligu tal-Istati Membri li jipprovdu ***sehem ħafna ikbar*** għal operazzjonijiet relatati mal-isfidi l-ġodda fil-programmi tal-iżvilupp rurali għandu jiġi definit, ***iżda biss jekk l-Istati Membri għadhom ma tawx biżżejjed importanza lill-dawn il-prijoritajiet komunitarji***. |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 7**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (7) L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jistipula li, bil-għan li jitqiesu l-bidliet ewlenin fil-prijoritajiet Komunitarji b'mod partikolari, il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (perjodu ta' programmazzjoni 20072013) adotatti bid-deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/144/KE jistgħu jkunu soġġetti għal reviżjoni. Għalhekk, ***għandha*** titfassal ***obbligu ġenerali*** għall-Istati Membri biex jirrevedu l-istrateġija nazzjonali wara r-reviżjoni tal-linji gwida strateġiċi Komunitarji sabiex jiġi rranġat il-kuntest għall-programmi li għandhom jinbidlu. | (7) L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jistipula li, bil-għan li jitqiesu l-bidliet ewlenin fil-prijoritajiet Komunitarji b'mod partikolari, il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (perjodu ta' programmazzjoni 20072013) adotatti bid-deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/144/KE jistgħu jkunu soġġetti għal reviżjoni. Għalhekk, l-Istati Membri ***li għadhom ma adottawx il-miżuri xierqa għandhom ikunu mħeġġa*** jirrevedu l-istrateġija nazzjonali wara r-reviżjoni tal-linji gwida strateġiċi Komunitarji sabiex jiġi rranġat il-kuntest għall-programmi li għandhom jinbidlu. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 9**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (9) Meta jitqiesu l-obbligi l-ġodda, ir-rekwiżiti dwar il-kontenut tal-programmi tal-iżvilupp rurali ***għandhom*** jiġu adattati. Lista mhux eżawrjenti tat-tipi ta' operazzjonijiet għandha tiġi provduta sabiex tgħin lill-Istati Membri jidentifikaw l-operazzjonijiet rilevanti relatati mal-isfidi l-ġodda fil-kuntest tal-qafas legali għall-iżvilupp rurali. | (9) Meta jitqiesu l-obbligi l-ġodda, ir-rekwiżiti dwar il-kontenut tal-programmi tal-iżvilupp rurali ***għandhom, jekk ikun hemm bżonn***, jiġu adattati. Lista mhux eżawrjenti tat-tipi ta' operazzjonijiet għandha tiġi provduta sabiex tgħin lill-Istati Membri jidentifikaw l-operazzjonijiet rilevanti relatati mal-isfidi l-ġodda fil-kuntest tal-qafas legali għall-iżvilupp rurali, ***lista li skont il-bżonnijiet ta' kull Stat Membru, tista' tkompli tiżdied***. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 9 a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(9a) Huwa wkoll xieraq li jkun adattat ir-Regolament (KE) nru 1698/2005 li jirrigwarda l-ħlasijiet relatati mal-iżvantaġġi naturali taż-żoni muntanjużi kif ukoll ta żoni oħra żvantaġġati. Ir-regolamentazzjoni preżenti li tiddependi fuq ir-Regolament (KE) nru 1257/1999 tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Ewropew ta' Gwida u Garanzija Agrikola (EAGGF) (1) u li l-applikazzjoni tiegħu ġiet estiża sal-2009, għandha tkun estiża sat-tmiem ta' dan il-perjodu ta' programmazzjoni.*** |

*(1) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80.*

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 10**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| (10) Sabiex jiġu provduti inċentivi addizzjonali lill-benefiċjarji biex iwettqu operazzjonijiet relatati mal-prijoritajiet il-ġodda, għandha tingħata l-possibilità ***li jiġu stabbiliti ammonti u rati ogħla ta' appoġġ*** għal dawn it-tipi ta' operazzjonijiet. | (10) Sabiex jiġu provduti inċentivi addizzjonali lill-benefiċjarji biex iwettqu operazzjonijiet relatati mal-prijoritajiet il-ġodda, ***għandha tingħata*** l-possibilità li jiġi stabbilit appoġġ għal dawn it-tipi ta' operazzjonijiet ***bla ma jkun hemm kofinanzjament nazzjonali addizzjonali. L-istess possibilità għandha tkun applikata mill-Istati Membri għat-trasferiment ta' innovazzjonijiet li jirriżulta mir-riċerka applikata***. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 11**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| (11) Skond l-Artikolu 9(4) u l-Artikolu 10(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru XXXX/XXXX ta' XX/XX/2008 [li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ [skemi ta' appoġġ dirett] għall-bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa] riżorsi finanzjarji miġburin permezz tal-modulazzjoni addizzjonali għandhom jintużaw għall-appoġġ tal-iżvilupp rurali. Huwa xieraq li jiġi żgurat li ammont ekwivalenti għal dawk ir-riżorsi finanzjarji għandu jintuża biex ikunu appoġġati operazzjonijiet relatati mal-isfidi l-ġodda. | (11) Skond l-Artikolu 9(4) u l-Artikolu 10(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru XXXX/XXXX ta' XX/XX/2008 [li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ [skemi ta' appoġġ dirett] għall-bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa] riżorsi finanzjarji miġburin permezz tal-modulazzjoni addizzjonali, ***sakemm dawn ma jkunux diġà previsti mill-Istati Membri li japplikaw il-modulazzjoni fakultattiva skont ir-Regolament (KE) nru 378/2007*** [1], għandhom jintużaw għall-appoġġ tal-iżvilupp rurali. Huwa xieraq li jiġi żgurat li ammont ekwivalenti għal dawk ir-riżorsi finanzjarji għandu jintuża biex ikunu appoġġati ***l***-operazzjonijiet ***kemm eżistenti kif ukoll ġodda*** relatati mal-isfidi l-ġodda ***skond id-deċiżjonijiet ta' kull Stat Membru. Madankollu, wieħed għandu joqgħod attent li ma jiskoraġġix il-produzzjoni agrikola fejn il-kontribut tagħha għall-iżvilupp rurali jkun vitali***.<br><br>[1] ***Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi regoli għal modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti previsti fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi appoġġ dirett fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa għandu jiġi emendat skond dan (ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1).*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 11a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***(11a) Dawn l-operazzjonijiet għandhom ikunu kompatibbli ma' operazzjonijiet iffinanzjati minn fondi Komunitarji oħra u b'mod partikulari mill-Fondi Strutturali (il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni).*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 12**

| | |
|---|---|
| (12) Meta jitqies li l-użu addizzjonali, speċifiku u ***li jorbot*** ta' dawn l-ammonti ekwivalenti ***għar-riżorsi finanzjarji***, il-bilanċ stabbilit bejn l-għanijiet tal-appoġġ għall-iżvilupp rurali ***m'għandux*** ikun affetwat. | (12) Meta jitqies li l-użu addizzjonali ***u*** speċifiku ta' dawn l-ammonti ekwivalenti għar-riżorsi finanzjarji, il-bilanċ stabbilit bejn l-għanijiet tal-appoġġ għall-iżvilupp rurali ***m'għandux*** ikun affetwat. ***din hija r-raġuni għalfejn matul l-użu ta' ammonti relatati mal-prijoritajiet il-ġodda, il-bilanċ tal-objettivi stipulati fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) nru 1698/2005 għandu jkun żgurat***. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 12 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(12a) Sabiex ikun żgurat finanzjament xieraq għall-programmi ta' żvilupp rurali, għandha tiddaħħal flessibilità akbar sabiex ikunu jistgħu jintużaw madankollu, fi ħdan l-istess Stat Membru, ir-riżorsi tal-Fondi Strutturali li ma ntefqux (Intestatura 1b) għal dan il-għan.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 1 — punt — 1 (ġdid)**

*Regolament (KE) Nru 1698/2005*

*Artikolu 5 — paragrafu 7*

| | |
|---|---|
| | ***(-1) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 7 għandu jinbidel b'dan li ġej:*** |
| | **7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-FAEŻR jkunu f'konformità mat-Trattat u ma' klwalunkwe att adottat taħtu.** ***Għal dak il-għan, l-operazzjonijiet kollha ffinanzjati mill-FAEŻR għandhom ikunu mmirati direttament lejn il-bdiewa***. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 1 — punt 2**

*Regolament (KE) Nru 1698/2005*

*Artikolu 12 a(1)*

| | |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu ***jirrevedi***, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(1), il-pjan ta' strateġija nazzjonali tiegħu b'segwitu għar-reviżjoni tal-linji gwida strateġiċi Komunitarji kif imsemmijin fl-Artikolu 10. | *1.* ***B'konsultazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali***, kull Stat Membru ***huwa mistieden jirrevedi***, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(1), il-pjan ta' strateġija nazzjonali tiegħu b'segwitu għar-reviżjoni tal-linji gwida strateġiċi Komunitarji kif imsemmijin fl-Artikolu 10. |

L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 1 — punt 3**

*Regolament (KE) Nru 1698/2005*

*Artikolu 16a (1) (1) — parti introduttorja*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. ***Mill-1 ta' Jannar 2010***, l-Istati Membri għandhom, fil-programmi tal-iżvilupp rurali tagħhom, skond il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, ***jipprovdu*** għal tipi ta' operazzjonijiet li għandhom il-prijoritajiet li ġejjin kif deskritti fil-linji gwida strateġiċi Komunitarji u speċifikati aktar fil-pjan nazzjonali strateġiku: Dawn il-prijoritajiet huma: | 1. ***Sakemm din id-deċiżjoni ma ġietx stipulata diġà*** l-Istati Membri għandhom, *jippreżentaw* fil-programmi tal-iżvilupp rurali tagħhom, ***mill-1 ta' Jannar 2010***, il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, għal tipi ta' operazzjonijiet li għandhom il-prijoritajiet li ġejjin kif deskritti fil-linji gwida strateġiċi Komunitarji u speċifikati aktar fil-pjan nazzjonali strateġiku: |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 1 — punt 3**

*Regolament (KE) Nru 1698/2005*

*Artikolu 16a (1) (1) (d)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| d) il-bijodiversità. | d) ***il-preservazzjoni u l-użu sostenibbli tal***-bijodiversità. |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 1 — punt 3**

*Regolament (KE) Nru 1698/2005*

*Artikolu 16a — paragrafu 1 — subparagrafu 1a (ġdid)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***L-operazzjonijiet kollha għandhom ikunu mmirati direttament lejn il-bdiewa.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 1 — punt 3**

*Regolament (KE) Nru 1698/2005*

*Artikolu 16a (1) (2)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu jibbażaw l-għażla tagħhom fuq il-lista indikattiva tat-tipi ta' operazzjonijiet imniżżlin fl-Anness II ta' dan ir-Regolament u/jew kwalunkwe tip ta' operazzjoni oħra basta dawk l-operazzjonijiet ikunu marbutin mal-prijoritajiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu u jkunu mmirati biex jinkisbu l-effetti potenzjali speċifikati fl-Anness II. | ***B'konsultazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali***, l-Istati Membri jistgħu jibbażaw l-għażla taghhom fuq il-lista indikattiva tat-tipi ta' operazzjonijiet imniżżlin fl-Anness II ta' dan ir-Regolament u/jew kwalunkwe tip ta' operazzjoni oħra, ***inkluż il-qasam tas-sajd intern***, basta dawk l-operazzjonijiet ikunu marbutin mal-prijoritajiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu u jkunu mmirati biex jinkisbu l-effetti potenzjali speċifikati fl-Anness II. |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 1 — punt 3**

*Regolament (KE) Nru 1698/2005*

*Artikolu 16a (1) (2a)*

| | |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw sinerġija ma' operazzjonijiet simili ffinanzjati minn fondi Komunitarji oħra, b'mod partikulari mill-Fondi Strutturali, u meta xieraq, għandhom jiżviluppaw approċċi integrati għal strateġiji, attivitajiet u finanzjament.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 1 — punt 3a (ġdid)**

*Regolament (KE) Nru 1698/2005*

*Artikolu 16b (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***3a) Jiddaħħal l-Artikolu 16 b li ġej:*** |
| | ***Artikolu 16b*** |
| | ***Innovazzjoni u trasferiment tan-know-how tar-riċerka applikata*** |
| | ***1. Mill-1 ta' Jannar 2010, l-Istati Membri għandhom jinkludu fil-programmi tagħhom żvilupp rurali skont il-bżonnijiet speċifiċi tagħhom u skond it-tip ta' attivitajiet immirati għat-trasferiment tal-innovazzjoni tar-riċerka applikata lejn l-ekonomija rurali.*** |
| | ***2. Mill-1 ta' Jannar 2010, għal tipi ta' operazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, ir-rati tal-intensità tal-għajnuna ffissati fl-Anness I jistgħu jiżdiedu b'10 punti perċentwali.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 1 — punt 4a (ġdid)**

*Regolament (KE) Nru 1698/2005*

*Artikolu 30*

| | |
|---|---|
| | ***4a) L-Artikolu 30 jinbidel b'dan li ġej:*** |
| | ***Artikolu 30*** |
| | **Infrastrutturi marbuta mal-iżvilupp u l-adattament tas-setturi tal-agrikoltura u l-foresterija** |
| | **L-għajnuna msemmija fl-Artikolu 20, punt b) v), tista' tkopri b'mod partikolari l-attivitajiet marbuta mal-aċċess għat-territorju agrikolu u forestali, għall-konsolidazzjoni u t-titjib tat-territorju, għall-forniment tal-enerġija, *għall-aċċess għat-teknoloġija tal-informatika u għall-komunikazzjoni* u l-amministrazzjoni tal-ilma.** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 1 — paragrafu 4b (ġdid)**
*Regolament (KE) Nru 1698/2005*
*Artikolu 36 (a) — parti introduttorja*

| | |
|---|---|
| | ***4b) Fl-Artikolu 36, punt a, il-parti introduttorja tiġi sostitwita mit-test li ġej:*** |
| | **a) Il-miżuri bbażati fuq l-użu sostenibbli tal-art agrikola,** ***inkluż it-territorju affettwat mis-sajd intern***, **grazzi għal**: |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 1 — punt 4c (ġdid)**
*Regolament (KE) Nru 1698/2005*
*Artikolu 39 — paragrafu 5a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***(4c) Fl-Artikolu 39 għandu jiżdied il-paragrafu 5a li ġej:*** |
| | ***5a. "L-appoġġ jista' jiġi pprovdut għall-konservazzjoni ta' wċuħ tar-raba' u annimali siewja f'termini ta' storja kulturali għal operazzjonijiet mhux koperti mid-dispożizzjonijiet taħt il-paragrafi 1 sa 4."*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 1 — punt 7**
*Regolament (KE) Nru 1698/2005*
*Artikolu 69 — paragrafu 5a*

| | |
|---|---|
| 5a. Ammont ekwivalenti għall-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni obbligatorja skond l-Artikoli 9(4) u 10(4) tar-Regolament (KE) [Nru XXXX/2008 (ir-Regolament il-ġdid dwar skemi ta' appoġġ dirett għall-bdiewa)] ***għandu jintnefaq*** mill-Istati Membri fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2015 bħala appoġġ Komunitarju skond ***il-programmi attwali tal-iżvilupp rurali għal operazzjonijiet tat-tipi msemmijin fl-Artikolu 16a ta' dan ir-Regolament approvat wara l-1 ta' Jannar 2010***. | (5a) Ammont ekwivalenti għall-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni obbligatorja skond l-Artikoli 9(4) u 10(4) tar-Regolament (KE) [Nru XXXX/2008 (ir-Regolament il-ġdid dwar skemi ta' appoġġ dirett għall-bdiewa)] għandu jintnefaq mill-Istati Membri fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2015 ***għal operazzjonijiet eżistenti kif ukoll għal operazzjonijiet ġodda marbuta mal-isfidi l-ġodda, skont id-deċiżjonijiet meħuda minn kull Stat Membru***. |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

Emenda 32

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 1 — punt 7**
*Regolament (KE) Nru 1698/2005*
*Artikolu 69 — paragrafu 5b*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***(5b) Jekk fl-għeluq tal-programm, l-ammont totali li jkun intnefaq fuq l-operazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 5a ta' dan l-Artikolu jkun iżgħar mill-ammont imsemmi fl-Artikolu 16a(3)(b), id-differenza għandha tkun rimborżata mill-Istat Membru lill-baġit tal-Komunità sa l-ammont li bih l-allokazzjonijiet totali disponibbli għall-operazzjonijiet minbarra dawk imsemmijin fl-Artikolu 16a jkunu nqabżu.*** | ***imħassar*** |

Emenda 22

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 1 — punt 7a (ġdid)**
*Regolament (KE) Nru 1698/2005*
*Artikolu 70 — paragrafu 4b (ġdid)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***7a) Fl-artikolu 70, għandu jiżdied il-paragrafu 4 b li ġej:*** |
| | ***4b. "Minkejja l-ogħla limiti stipulati fil-paragrafu 3, ammont ugwali daqs dak tal-fondi li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni obbligatorja skont l-Artikoli 9(4) u 10(4) tar-Regolament (KE) [Nru XXXX/2008 (Regolament ġdid dwar l-iskemi ta' appoġġ dirett)] jista' jintuża bla ma jkun hemm bżonn ta' kofinanzjament nazzjonali addizzjonali."*** |

Emenda 23

**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 1 — punt 9a (ġdid)**
*Regolament (KE) Nru 1698/2005*
*Artikolu 93*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(9a) L-Artikolu 93 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | **Artikolu 93** |
| | **Revoka** |
| | **Ir-regolament (KE) Nru 1257/1999 huwa revokat mill-1 ta' Jannar 2007, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 13, punt a) tal-Artikolu 14 paragrafu 1, tal-Artikolu 14 paragrafu 2, l-ewwel żewġ sub-paragrafi tal-Artikolu 15, tal-Artikoli 17 sa 20, tal-Artikolu 51 paragrafu 3, u tal-Artikolu 55 paragrafu 4, u tal-parti tal-Anness I li tippreċiża l-ammonti stipulati skont l-Artikolu 15, paragrafu 3. […]** |

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | **Ir-referenzi għar-Regolament revokat għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.** |
| | **Ir-regolament (KE) Nru 1257/1999 revokat għandu jkompli japplika għal azzjonijiet li tapprova l-Kummissjoni skont l-imsemmi Regolament qabel l-1 ta' Jannar 2007. […]** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 1 — punt 10 — punt aa (ġdid)**

*Regolament (KE) Nru 1698/2005*

*Anness — tabella — linja 1*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***a a) L-ewwel linja tinbidel b'dan li ġej:*** |
| | **22, Paragrafu 2 Għajnuna għall-installazzjoni** (1) ***75 000*** |
| | (1) **L-għajnuna għall-installazzjoni tista' tingħata f'forma ta' allowance ta' mhux iktar minn *50 000 EUR* jew f'forma ta' sussidju tal-interessi li l-ammont kapitali tagħhom ma jkunx iktar minn *50 000 EUR*. Meta ż-żewġ forom ta' għajnuna jkunu kkombinati, l-ammont ma għandux ikun iktar minn *75 000 EUR*.** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Anness**

*Regolament (KE) Nru 1698/2005*

*Anness II — Prijorità: Enerġiji li jiġġeddu — linja 4 a (ġdida)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA | | |
|---|---|---|---|
| | ***Produzzjoni u utilizzazzjoni tal-enerġija solari, tar-riħ, tal-enerġija ġeotermika u tal-koġenerazzjoni tas-sħana*** | ***L-Artikolu 26: il-modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli<br>L-Artikolu 53: id-diversifikazzjoni għal attivitajiet mhux agrikoli<br>L-Artikolu 54: appoġġ għall-ħolqien u għall-iżvilupp tal-kummerċ<br>L-Artikolu 56: servizzi bażiċi għall-ekonomija u għall-popolazzjoni rurali*** | ***Is-sostituzzjoni tal-karburanti fossili.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Anness**

*Regolament (KE) Nru 1698/2005*

*Anness II — Prijorità: l-amministrazzjoni tal-ilma — linja 1 a (ġdida)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA | | |
|---|---|---|---|
| | ***Amministrazzjoni tar-riskji ta' għargħar*** | ***L-Artikolu 39: pagamenti agroambjentali<br>L-Artikolu 41: investimenti mhux produttivi*** | ***Titjib tal-kapaċitajiet tal-amministrazzjoni tal-ilma f'każ ta' għargħar*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Anness**

*Regolament (KE) Nru 1698/2005*

*Anness II — prijorità ġdida*

| | ***Prijorità — it-tneħħija tal-kwoti tal-ħalib*** |
|---|---|
| | ***Tipi ta' attivitajiet*** \| ***Miżuri*** \| ***Effetti potenzjali*** |
| | ***Modernizzar u produzzjoni bbażata fuq is-suq*** \| ***Programm plurijennali għat-tneħħija tal-kwoti tal-ħalib*** \| ***Tisħiħ tal-kompetittività*** |

## Linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (2007-2013) *

P6_TA(2008)0552

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2006/144/KE dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (Perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013) (COM(2008)0306 — C6-0239/2008 — 2008/0106(CNS))**

(2010/C 16 E/38)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0306),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, skont liema Trattat ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0239/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0377/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 1**

**Proposta għal Deċiżjoni — att li jemenda**

**Anness — punt 2**

*Deċiżjoni 2006/144/KE*

*Anness — taqsima 3 — punt 3.4 a — subparagrafu i)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| i) B'mod partikolari appoġġ għall-investiment skond l-assi 1 jista' jkun immirat lejn makkinarju li jiffranka l-enerġija, l-ilma u input ieħor kif ukoll għall-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded għall-użu fil-farms. Fil-katina tal-ikel agrikolu u fis-settur tal-forestrija appoġġ għall-investiment għandu jgħin biex jiġu żviluppati modi innovattivi u aktar sostenibbli għall-***ipproċessar tal-bijokarburanti***. | i) B'mod partikolari appoġġ għall-investiment skont l-assi 1 jista' jkun immirat lejn makkinarju li jiffranka l-enerġija, l-ilma u *input* ieħor kif ukoll għall-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded għall-użu fil-farms. Fil-katina tal-ikel agrikolu u fis-settur tal-forestrija appoġġ għall-investiment għandu jgħin biex jiġu żviluppati modi innovattivi u aktar sostenibbli għa***s-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra, inklużi l-agrofjuwils tat-tieni ġenerazzjoni; b'hekk, jaqbel li jiġi żgurat li l-produzzjoni ta' prodotti tal-ikel ma tkunx ristretta minħabba dan, u li l-bilanċ tal-enerġija globali tal-impriżi agrikoli kkonċernati jitjieb bħalarriżultat***. |

# Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ***I

P6_TA(2008)0553

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (COM(2006)0244 — C6-0228/2006 — 2006/0084(COD))**

(2010/C 16 E/39)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0244),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 280(4) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0228/2006),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri Nru 7/2006 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0394/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 8, 12.1.2007, p. 1.

---

**P6_TC1-COD(2006)0084**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Novembru 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar l-investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 280 tiegħu,

wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ‖,

wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri ([1]),

‖

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

filwaqt li jikkunsidraw dan li ġej:

*(1)* ***Il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem mingħajr aktar dewmien fuq il-konsolidazzjoni tat-testi legali dwar l-investigazzjonijiet amministrattivi tal-Komunità. Din il-konsolidazzjoni għandha l-għan li ssaħħaħ l-effiċjenza tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi ("l-Uffiċċju") u li tikkjarifika l-qafas legali tal-mandat tiegħu.***

*(2)* ***Huwa xieraq li jiġi żgurat li l-persunal tal-Uffiċċju jkun jista' jwettaq il-mandat tiegħu b'indipendenza sħiħa. Għal dan il-għan, xieraq li jitwaqqaf immaniġġjar tar-riżorsi umani aktar adattat għall-ħtiġijiet operattivi tal-Uffiċċju waqt li jfittxu bilanċ aħjar bejn il-persunal temporanju u l-persunal permanenti.***

*(3)* ***Filwaqt li għandha titfakkar ir-responsabilità ta' kull servizz tal-Kummissjoni u tal-istituzzjonijiet, l-korpi u l-entitajiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u tal-Komunitajiet Ewropej (minn hawn 'il quddiem l-istituzzjonijiet, l-korpi u l-entitajiet) fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji Komunitarji, u filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-importanza tal-aspetti ta' prevenzjoni fid-definizzjoni ta' politika Ewropea f'dan il-qasam, inkluża l-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni, jaqbel li l-mandat tal-Uffiċċju jiġi estiż għal dawn l-aspetti. Jaqbel li t-tfassil ta' miżuri leġiżlattivi u amministrattivi fil-livell Ewropew ikun ibbażat fuq il-prattika operattiva tal-Uffiċċju f'dan il-qasam.***

*(4)* ***Fid-dawl tal-importanza tal-ammont ta' fondi Komunitarji mogħtija lis-settur tal-għajnuna esterna, tan-numru ta' investigazzjonijiet tal-Uffiċċju f'dan is-settur, kif ukoll tal-koperazzjoni internazzjonali għall-finijiet tal-investigazzjonijiet, jaqbel li tiġi stabbilita bażi legali li tippermetti lill-Kummissjoni li tiżgura l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi kif ukoll tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, fit-twettiq tal-mandat tal-Uffiċċju.***

*(5)* Ikun jaqbel li jiġu stabbiliti regoli ċari li, filwaqt li jikkonfermaw kompetenza prijoritarja tal-Uffiċċju ‖biex imexxi investigazzjonijiet interni, billi jintroduċi mekkaniżmi li jippermettu lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenzji biex ikomplu malajr l-investigazzjoni ta' każijiet li l-Uffiċċju jiddeċiedi li ma jintervjenix fihom.

*(6)* Huwa meħtieġ li jkun iċċarat li l-ftuħ ta' investigazzjoni mill-Uffiċċju huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' diskrezzjoni li tippermettilu li ma jiftaħx investigazzjoni f'każijiet ta' importanza minuri jew li ma jidħlux fil-prijoritajiet ta' oqsma ta' investigazzjonijiet stabbiliti ta' kull sena mill-Uffiċċju. Każijiet bħal dawn *għandhom jiġu* ttrattati, f'każ ta' investigazzjoni interna, mill-istituzzjonijiet u, f'każ ta' investigazzjoni esterna, mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'konformità mar-regoli applikabbli f'kull stat membru.

*(7)* ***Il-preċiżjoni tal-informazzjoni mogħtija lill-Uffiċċju b'konnessjoni mal-mandat tiegħu għandha tiġi verifikata kemm jista' jkun malajr. Jaqbel għalhekk li jiġi ċċarat li l-istituzzjonijiet, l-korpi u l-entitajiet jagħtu lill-Uffiċċju aċċess immedjat u awtomatiku għall-bażijiet tad-data dwar il-ġestjoni tal-fondi Komunitarji u għal kull bażi tad-data u informazzjoni rilevanti oħra.***

([1]) *ĠU C 8, 12.1.2007, p. 1.*

([2]) *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008.*

*(8)* Jeħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi preċiżi tal-Uffiċċju li jinforma, fi żmien xieraq, lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji b'investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin fil-każ ta' implikazzjoni personali ta' membru, direttur, uffiċjal, aġent jew membru ieħor tal-persunal fil-fatti taħt investigazzjoni jew meta miżuri amministrattivi jistgħu jiġu imposti sabiex jitħarsu l-interessi tal-Unjoni.

*(9)* Sabiex tissaħħaħ l-effikaċja tal-azzjoni ta' investigazzjoni tal-Uffiċċju u fid-dawl tal-evalwazzjonijiet tal-attivitajiet tal-Uffiċċju magħmula mill-istituzzjonijiet, b'mod partikolari ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' April 2003 tal-Kummissjoni u r-rapport speċjali dwar it-tmexxija tal-Uffiċċju tal-Qorti tal-Awdituri Nru 1/2005 ([1]), jeħtieġ li jiġu ċċarati ċerti aspetti u li jittejbu ċerti miżuri li l-Uffiċċju jista' jieħu matul it-tmexxija tal-investigazzjonijiet tiegħu. Għalhekk, l-Uffiċċju għandu jkun jista', min-naħa, jipproċedi għall-ispezzjonijiet u kontrolli previsti mir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-Kunsill tal-11 ta' Novembru 1996 relatat -mal-ispezzjonijiet u l-kontrolli fuq il-post mwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-KE kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra ([2]) fil-qafas ta' investigazzjonijiet interni u fil-każijiet ta' frodi marbuta ma' kuntratti li jikkonċernaw fondi Komunitarji, u min-naħa l-oħra, ikollu aċċess għall-informazzjoni miżmuma mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji ‖ fil-qafas ta' investigazzjonijiet esterni.

***(10) Il-prattika operattiva tal-Uffiċċju tippedendi ħafna mill-koperazzjoni mal-Istati Membri. Ikun utli li l-Istati Membri jidentifikaw, għall-Uffiċċju, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom li jistgħu joffru lill-aġenti tal-Uffiċċju l-għajnuna meħtieġa għat-twettiq ta' dmirijiethom, b'mod partikolari fil-każ fejn Stat Membru ma jkunx stabbilixxa servizz speċjalizzat bil-għan li, fil-livell nazzjonali, jikkoordina l-ġlieda kontra l-frodi Komunitarja.***

***(11) Għall-finijiet li jittejjeb il-qafas operattiv, legali u amministrattiv tal-ġlieda kontra l-frodi, huwa importanti li l-Uffiċċju jkun mgħarraf bil-kontroll tar-riżultati ta' dawn l-investigazzjonijiet. Jeħtieġ għalhekk li, għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, għall-istituzzjonijiet, l-korpi u l-entitajiet u, f'dak li jikkonċerna l-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, jiġi stabbilit permezz tal-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni l-obbligu li jressqu regolarment lill-Uffiċċju rapport dwar il-progress imwettaq fir-rigward tas-segwitu li jkun ingħata lit-tressiq tar-rapport finali tal-investigazzjoni tal-Uffiċċju.***

***(12) Meta jitqies l-interess ewlieni li tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn l-Uffiċċju, l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u l-Eurojust, jeħtieġ li tiġi introdotta bażi legali li tippermetti lill-Uffiċċju li jikkonkludi ftehim maż-żewġ aġenziji. Sabiex jiġu żviluppati l-kompetenzi rispettivi tal-Eurojust, tal-Uffiċċju u tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, dwar fatti li jistgħu jagħtu lok għal prosekuzzjoni kriminali, l-Uffiċċju għandu jiġi mitlub li jinforma lill-Eurojust f'każijiet fejn ikun hemm suspetti ta' attività illegali li tipperikola l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, ta' forma serja ta' kriminalità u li tinvolvi mill-inqas żewġ Stati Membri.***

*(13)* Jidher li jeħtieġ, fl-interess tas-sigurtà ġuridika, ***li f'dan ir-regolament jiġu kodifikati*** l-garanziji proċedurali ***fundamentali*** applikabbli fil-qafas ta' investigazzjonijiet, interni jew esterni, immexxija mill-Uffiċċju; Dan ma jaffettwax protezzjoni aktar fit-tul bħala riżultat, jekk jinqala' l-każ, mir-regoli tat-trattati, ***tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, il-Karta ▌ dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, ir-Regolamenti tal-persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (minn hawn 'l quddiem "L-Istatut") u kull dispożizzjoni nazzjonali oħra applikabbli***.

***(14) Il-garanziji proċedurali u d-drittijiet leġittimi tal-persuni soġġetti għall-investigazzjonijiet għandhom jiġu rispettati u applikati mingħajr ma jkun hemm trattament differenti fir-rigward tad-diversi tipoloġiji ta' investigazzjoni tal-Uffiċċju.***

---

([1]) ĠU C 202, 18.8.2005, p. 1.

([2]) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

*(15)* ***Sabiex tiġi żgurata l-ikbar trasparenza tal-attivitajiet operattivi tal-Uffiċċju, partikolarment il-prinċipji li jirregolaw il-proċedura ta' investigazzjoni, id-drittijiet leġittimi tal-persuni kkonċernati u l-garanziji proċedurali, id-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, il-politika tal-komunikazzjoni tal-informazzjoni rigward ċerti aspetti tal-attività operattiva tal-Uffiċċju, il-kontroll tal-legalità tal-atti ta' investigazzjoni u l-mezzi ta' rikors tal-persuni kkonċernati, jaqbel li tiġi prevista bażi legali li tippermetti lill-Uffiċċju li jadottakodiċi ta' proċedura tal-investigazzjonijiet tal-OLAF. Il-kodiċi għandu jkun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.***

*(16)* ***Sabiex jiġi żgurat ir-rispett tal-garanziji proċedurali tul l-investigazzjoni, jeħtieġ li fi ħdan l-Uffiċċju tiġi żgurata funzjoni ta' kontroll tal-legalità. Il-kontroll tal-legalità għandu jsir partikolarment qabel il-ftuħ u l-għeluq ta' investigazzjoni, u qabel kull trażmissjoni ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Għandu jsir minn esperti legali li jistgħu jeżerċitaw funzjoni ġudizzjarja fi Stat Membru u li jkunu qed jaħdmu għall-Uffiċċju. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju għandu jitlob l-opinjoni ta' dawn l-esperti fil-kuntest tal-bord eżekuttiv fuq investigazzjonijiet u operazzjonijiet (min hawn 'l quddiem "il-bord eżekuttiv" tal-Uffiċċju.***

*(17)* Biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni taħt investigazzjoni, u mingħajr preġudizzju tal-Artikolu 90 a tal-Istatut ║u tal-kompetenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej skond it-Trattat tal-KE, il-persuna implikata personalment għan*du jkollha* d-dritt, fl-istadju finali ta' investigazzjoni, li tirċievi l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport finali tal-investigazzjoni ▌.

*(18)* Fl-interess ta' trasparenza akbar, jeħtieġ li jiġi żgurat grad xieraq ta' informazzjoni fir-rigward tal-informatur, li għandu jkun infurmat bid-deċiżjoni inizjali jekk tinfetaħx investigazzjoni jew le, kif ukoll, fuq talba diretta tiegħu, bir-riżultat finali tal-azzjoni meħuda abbażi tal-informazzjoni pprovduta.

*(19)* ***Sabiex ikun hemm informazzjoni oġġettiva tal-kontribwenti Ewropej u sabiex tiġi garantita l-libertà tal-istampa, l-entitajiet kollha tal-Unjoni Ewropea li jipparteċipaw fl-istħarriġ għandhom jirrispettaw il-protezzjoni tas-sorsi ġurnalistiċi, b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali.***

▌

*(20)* Fid-dawl tal-esperjenza meħuda mill-prattika operazzjonali, jidher utli li d-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju jkun permess li jiddelega l-eżerċizzju ta' wħud mill-funzjonijiet tiegħu lill-aġent wieħed jew aktar tal-Uffiċċju, permezz ta' att bil-miktub li jiffissa l-kundizzjonijiet u l-limiti ta' din id-delega.

*(21)* ***Ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati minn investigazzjoni għandu jiġi żgurat f'kull waqt, partikolarment matul il-komunikazzjoni tal-informazzjoni. Jaqbel li jiġu ċċarati l-prinċipji bażiċi tal-politika tal-komunikazzjoni tal-Uffiċċju. Il-komunikazzjoni tal-informazzjoni rigward l-investigazzjoni tal-Uffiċċju lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, kemm jekk b'mod bilaterali kif ukoll jekk fil-kuntest tal-proċedura tal-konċiljazzjoni, għandha ssir fir-rispett tal-kunfidenzjalità tal-investigazzjoni, tad-drittijiet leġittimi tal-persuni kkonċernati u, jekk ikun il-każ, tad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli għall-proċeduri ġudizzjarji. Jeħtieġ li tiġi introdotta bażi legali li tippermetti lill-Uffiċċju li jikkonkludi ftehim mal-istituzzjonijiet ikkonċernati rigward it-trażmissjoni tal-informazzjoni. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju għandu jara li kull komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-pubbliku tkun tirrispetta l-prinċipji ta' newtralità u ta' imparzjalità. Il-kodiċi ta' proċedura tal-investigazzjonijiet tal-OLAF għandu jippreċiża l-konsegwenzi ta' tixrid mhux awtorizzat tal-informazzjoni.***

*(22)* Jidher xieraq li jissaħħaħ ***l-irwol*** tal-Kumitat ta' Sorveljanza ***u li jiġu riveduti l-kriterji u l-proċedura ta' ħatra tal-membri tiegħu. Fil-waqt tal-għażla tagħhom, il-kandidati għandhom ikunu qed jeżerċitaw karigi ġudizzjarji jew ta' investigazzjoni għoljin, jew karigi kumparabbli. Il-mandat tagħhom, li ma jiġġeddidx, għandu kun ta' ħames snin. Il-ħatra ta' xi wħud mill-membri għandha issir għall-perjodi ta' żmien differentisabiex l-għarfien espert fi ħdan il-Kumitat ikun ippreservat***.

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

*(23)* ***Huwa xieraq li jiġu estiżi u msaħħa l-kompiti tal-Kumitat ta' Sorveljanza, li joħorġu mill-mandat tiegħu, u li tiġi żgurata l-indipendenza tal-Uffiċċju fil-funzjoni ta' investigazzjoni tiegħu. Il-Kumitat għandu jissorvelja l-progress rigward il-garanziji proċedurali u d-dewmien tal-investigazzjonijiet. Huwa għandu jkun infurmat dwar l-investigazzjonijiet li jieħdu iktar minn 12-il xahar, jagħti l-opinjoni tiegħu lid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju u, jekk ikun il-każ, lill-istituzzjonijiet dwar l-investigazzjonijiet li ma jkunux intemmu wara 18-il xahar. Jaqbel li jiġi ppreċiżat li l-Kumitat ta' Sorveljanza m'għandux jinterferixxi fl-andament tal-investigazzjonijiet li jkunu qed jitwettqu.***

*(24)* ***Jeħtieġ li jiġi evalwat il-qafas ġuridiku, istituzzjonali u operattiv tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività oħra ta' ħsara għall-interessi finanzjarjital-Kommunitajiet Ewropej. Sabiex isir dan, jaqbel li l-istituzzjonijiet jintalbu li jaġixxu flimkien u jippromwovu r-riflessjoni dwar l-aspetti ewlenin tal-istrateġija Ewropea ta' kontra l-frodi. Jaqbel li tiġi stabbilita proċedura ta' ħidma konġunta bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Il-ħidma konġunta għandha tkun tikkonċerna ċerti elementi tal-koperazzjoni, f'dan il-qasam, bejn l-Uffiċċju u l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, kif ukoll dwar ir-relazzjonijiet tagħhom mal-pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, dwar il-politika tal-investigazzjoni tal-Uffiċċju u dwar ir-rapporti u l-analiżi tal-Kumitat ta' Sorveljanza. Id-direttur ġenerali tal-Uffiċċju u l-president tal-Kumitat ta' Sorveljanza għandhom jippartecipaw fil-ħidma konġunta, li għanda sseħħ mill-inqas darba fis-sena.***

*(25)* ***Sabiex il-kumitat ta' sorveljanza jkun jista' jwettaq il-ħidma tiegħu b'mod effiċjenti, bl-indipendenza kollha u bl-aħjar prestazzjoni, jeħtieġ li l-Uffiċċju jiggarantixxi li l-kundizzjonijiet kollha jiġu sodisfatti sabiex is-segretarjat tal-kumitat tas-sorveljanza jkun jista' jwettaq il-kompitu tiegħu effiċjentement b' mod indipendenti u effettiv, taħt il-kontroll esklussiv tal-president tal-kumitat u tal-membri tiegħu.***

*(26)* Sabiex tissaħħaħ l-awtonomija sħiħa tal-funzjonijiet ta' tmexxija tal-Uffiċċju, id-*Direttur Ġenerali tal-Uffiċju għandu jiġi nnominat* għal perjodu ta' ***ħames snin, liema nomina tista' tiġġedded darba. Fil-waqt tal-għażla tagħhom, il-kandidati għandhom ikunu qed jeżerċitaw, jew kienu eżerċitaw, karigi ġudizzjarji jew karigi eżekuttivi ta' investigazzjoni ta' livell għoli u jkollhom esperjenza professjonali prattika ta' mill-inqas għaxar snin f'kariga ta' mmaniġġjar b'livell għoli ta' responsabilità. Parti sinifikanti ta' din l-esperjenza professjonali għandha tkun fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi nazzjonali u/jew komunitarja. Il-proċedura tan-nomina m'għandhiex tieħu iktar minn disa' xhur. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju għandu jintgħażel bi qbil bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, u għandu jkun nominat mill-Kummissjoni***.

*(27)* ***Meta wieħed iqis is-sensitività tal-kariga, xieraq li jiġi previst li d-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju jinforma lill-Kummissjoni jekk bi ħsiebu jwettaq attività professjonali ġdida fi żmien sentejn wara t-tmiem tas-servizz tiegħu, b'konformità mal-Artikolu 16 tal-Istatut. Din l-informazzjoni għandha tidher fir-rapport annwali dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-Kummissjoni.***

*(28)* Sabiex jissaħħaħ ir-rispett tal-garanziji proċedurali, jeħtieġ li ***tiġi stabbilita l-possibilità għal kull persuna soġġetta għal investigazzjoni tal-Uffiċċju li tressaq ilment lid-direttur ġenerali tal-Uffiċċju. L-ilmenti għandhom jiġu ttrattati minn*** konsulent reviżur ***li jaġixxi*** bl-awtonomija kollha, ***maħtur mid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju fuq proposta tal-kumitat ta' sorveljanza. Il-kunsillier reviżur għandu jagħti*** l-opinjoni tiegħu ***fi żmien 30 jum ta' xogħol u għandu jagħtiha lill-persuna li tkun għamlet l-ilment, lid-direttur ġenerali tal-Uffiċċju u lill-Kumitat ta' Sorveljanza***.

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

*(29)* ***Huwa neċessarju li, wara perjodu ta' erba' snin, tiġi evalwata l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' opinjoni tal-Kumitat ta' Sorveljanza. Wara din l-evalwazzjoni, dan ir-regolament għandu jkun jista' jiġi rrivedut. F'kull sitwazzjoni, dan ir-Regolament għandu jiġi rrivedut wara l-ħolqien ta' Uffiċċju ta' Prosekutur Pubbliku Ewropew.***

*(30)* B'riżultat ta' dan ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 ║ (1) irid jiġi emendat.

*(31)* Bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, il-mezzi ta' azzjoni tal-Uffiċċju fil-qafas tal-investigazzjonijiet esterni huma ċċarati u msaħħa biss sporadikament, fejn dehru nuqqasijiet ġuridiċi fis-sistema eżistenti u fejn huwa biss intervent aktar effikaċi tal-Uffiċċju li jista' jiżgura t-tmexxija ta' investigazzjonijiet esterni affidabbli u li jistgħu jintużaw mill-awtoritajiet tal-Istati Membri. Barra minn hekk, l-estensjoni tal-garanziji proċedurali għall-investigazzjonijiet esterni hija neċessarja sabiex jiġi stabbilit qafas ġuridiku uniformi għall-investigazzjonijiet kollha mmexxija mill-Uffiċċju. Ir-Regolament preżenti jirrispetta għalhekk bi sħiħ il-prinċipju ta' sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif iddikjarat fl-imsemmi Artikolu, ir-Regolament preżenti ma jeċċedix dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawn l-għanijiet.

*(32)* Ir-Regolament preżenti jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji li huma rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 47 u 48 tagħha,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 huwa emendat hekk kif ġej:

***1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu sostitwiti b' li ġej:***

"**1.** ***Sabiex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra li tipperikola l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, maħluq bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, ECSC, Euratom (minn hawn 'l isfel imsejjaħ: 'l-Uffiċċju') jeżerċita l-kompetenzi investigattivi mogħtija lill-Kummissjoni permezz tar-regolamentazzjoni Komunitarja fl-Istati Membri, u b'konformità mal-ftehim ta' koperazzjoni u ta' għajnuna reċiproka fis-seħħ, fil-pajjiżi terzi.***

***Il-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li tagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Komunità, inkluża l-irregolarità, huma ddefiniti fir-regolamentazzjoni Komunitarja u d-dispożizzjonijiet konvenzjonali fis-seħħ f'dan il-qasam.***

***2. L-Uffiċċju għandu joffri l-għajnuna tal-Kummissjoni lill-Istati Membri fl-organizzazzjoni ta' kollaborazzjoni mill-qrib u regolari bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, sabiex jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom bil-għan li l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea jkunu protetti kontra l-frodi. L-Uffiċċju għandu jikkontribwixxi fit-tfassil u l-iżvilupp ta' metodi ta' prevenzjoni u ta' ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni, kif ukoll kontra kull attività illegali oħra li tipperikola l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea.***"

(1) *ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.*

*2)* L-Artikolu 3 huwa sostitwit bit-test li ġej:

"*Artikolu 3*

Investigazzjonijiet esterni

1. L-Uffiċċju jeżerċita l-kompetenza, mogħtija lill-Kummissjoni mir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, li jagħmel -l-ispezzjonijiet u l-kontrolli fuq il-post fl-Istati Membri u, konformi mal-ftehim li hemm fis-seħħ, fil-pajjiżi terzi u fl-organizzazzjonijiet internazzjonali.

Fil-qafas tal-funzjoni investigattiva tiegħu, l-Uffiċċju jagħmel spezzjonijiet u kontrolli kif previsti fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 u mir-regolamenti settorjali msemmija fl-Artikolu 9(2)tal-istess Regolament, fl-Istati Membri u, konformi mal-ftehim ta' kooperazzjoni li hemm fis-seħħ, fil-pajjiżi terzi ***u fl-organizzazzjonijiet internazzjonali***.

2. Sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' frodi, ta' att ta' korruzzjoni jew ta' kwalunkwe attività illegali oħra msemmija fl-Artikolu 1, marbuta ma' konvenzjoni jew deċiżjoni ta' sussidju jew ma' kuntratt dwar finanzjament Komunitarju, l-Uffiċċju jista' jipproċedi, skond il-modalitajiet previsti mir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, għal spezzjonijiet fuq il-post għand operaturi ekonomiċi affettwati ***direttament jew indirettament***, b'tali finanzjament.

***L-Istati Membri għandhom jadottaw u jimplimentaw il-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li l-Uffiċċju jeżerċita l-funzjoni investigattiva tiegħu msemmija f'dan l-Artikolu. Huma għandhom joffru l-appoġġ tagħhom lill-Uffiċċju fil-kuntest tal-kontrolli u tal-verifiki fuq il-post, li jitwettqu skont il-modalitajiet previsti mir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, għand operaturi ekonomikament ikkonċernati, direttament jew indirettament, minn finanzjament Komunitarju.***

3. Matul investigazzjoni esterna, u sakemm dan huwa ▌ meħtieġ biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' frodi, ta' att ta' korruzzjoni jew ta' attività illegali oħra msemmija fl-Artikolu 1, l-Uffiċċju jista' jkollu aċċess għall-informazzjoni rilevanti miżmuma mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji, b'relazzjoni mal-fatti taħt investigazzjoni. L-Artikolu 4 (2) u (4)għalhekk japplikaw.

4. Meta l-Uffiċċju, qabel il-ftuħ ta' investigazzjoni, għandu elementi ta' informazzjoni li joħolqu suspett tal-eżistenza ta' frodi, ta' att ta' korruzzjoni jew ta' kull attività illegali oħra msemmija fl-Artikolu 1, id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju ***għandu jinforma*** b'dan lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati u, mingħajr preġudizzju għar-regolamenti settorjali, dawn jagħmlu segwitu xieraq u, jekk il-każ hekk jitlob, jistgħu jipproċedu għal investigazzjonijiet f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli, u li għalihom jistgħu jipparteċipaw l-aġenti tal-Uffiċċju. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jinformaw lid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju ***dwar il-miżuri meħuda u r***-riżultati miksuba wara li ngħatat din l-informazzjoni.

***5. Meta l-Uffiċċju jiddeċiedi li ma jiftaħx investigazzjoni, huwa għandu jinforma lill-Eurojust li huwa għadda informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, bir-raġunijiet għaliex hemm suspett tal-eżistenza ta' frodi, att ta' korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra msemmija fl-Artikolu 1, f'forma ta' reat serju li jinvolvi żewġ Stati Membri jew aktar. Il-Eurojust għandu jiġi infurmat ukoll mill-Uffiċċju malli investigazzjoni tal-Uffiċċju tiġi fil-kompetenza tiegħu, b'konformità mal-proċeduri stipulati fil-ftehim ta' koperazzjoni u ta' għajnuna reċiproka konklużi bejniethom***."

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

***3) Għandu jiżdied l-Artikolu li ġej:***

***"Artikolu 3a***

***Koperazzjoni tal-Uffiċċju mal-Eurojust, l-Europol u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra***

***B'konformità mal-kompetenzi u r-responsabilitajiet mogħtija lilu skont dan ir-Regolament, l-Uffiċċju jista' jikkonkludi ftehim ta' koperazzjoni u ta' għajnuna reċiproka mal-Eurojust u l-Europol. Dan il-ftehim għandu l-għan li jiċċara l-kompetenzi rispettivi ta' dawn l-korpi kif ukoll li jiddefinixxi l-koperazzjoni tagħhom fil-qafas tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.***

***L-Uffiċċju jista' wkoll jikkonkludi ftehim ta' koperazzjoni u ta' għajnuna reċiproka ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.***."

*4)* L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

***a) Il-paragrafu 1(2) huwa sostitwit bit-test li ġej:***

***"Dawn l-investigazzjonijiet interni għandhom jitwettqu fir-rispett tar-regoli tat-trattati, partikolarment tal-protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet, kif ukoll tal-istatut, skond il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet previsti minn dan ir-Regolament u minn deċiżjonijiet adottati minn kull istituzzjoni, korp u entità, mingħajr ma jsir trattament preferenzjali, fuq il-livell tal-garanziji proċedurali u tad-drittijiet leġittimi tal-persuni kkonċernati, meta mqabbla mal-investigazzjonijiet esterni."***

*b)* Il-paragrafu 3 *huwa sostitwit bit-test li ġej*:

"Skond il-modalitajiet previsti mir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju jista' jagħmel spezzjonijiet fuq il-post għand operaturi ekonomiċi ***kkonċernati direttament jew indirettament*** sabiex ikollu aċċess għall-informazzjoni rilevanti b'relazzjoni mal-fatti taħt investigazzjoni interna."

*c)* Il-paragrafu 5 għandu jitħassar.

*5)* L-Artikolu 5 *huwa sostitwit bit-test li ġej*:

"*Artikolu 5*

Ftuħ ta' investigazzjonijiet

1. L-Uffiċċju jista' jiftaħ investigazzjoni meta jkun hemm suspetti serji bizzejjed li ġew mwettqa atti ta' frodi jew ta' korruzzjoni jew atti illegali oħrajn imsemmija fl-Artikolu 1. Id-deċiżjoni jekk tinfetaħx investigazzjoni jew le għandha tikkunsidra l-prijoritajiet tal-politika ta' investigazzjoni u tal-programm tal-attivitajiet tal-Uffiċċju fil-qasam tal-investigazzjonijiet, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 11 a u mal-Artikolu 12(6). ***Informazzjoni anonima tista***' wkoll ***tiġi meqjusa jekk ikun hemm bażi soda biżżejjed ta' suspett***.

***2. Il-ftuħ ta' investigazzjonijiet jiddependi fuq deċiżjoni tad-direttur ġenerali tal-Uffiċċju, li għandha tittieħed wara li jkun ikkonsulta mal-Kumitat Eżekuttiv tal-Uffiċċju, u skont id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kontroll tal-legalità previsti fl-Artikolu 14 ▌.***

3. Il-ftuħ ta' investigazzjonijiet esterni joħroġ minn deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju li jaġixxi fuq inizjattiva tiegħu stess jew wara talba ta' Stat Membru interessat jew ***ta' istituzzjonit tal-Komunitajiet Ewropej jew tal-Unjoni Ewropea***.

Il-ftuħ ta' investigazzjonijiet interni joħroġ minn deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju li jaġixxi fuq inizjattiva tiegħu stess, jew wara talba jew ***ta' istituzzjoni tal-Komunitajiet Ewropej jew tal-Unjoni Ewropea***, uffiċċju jew aġenzija li fih/a trid issir l-investigazzjoni.

Meta l-Uffiċċju jmexxi investigazzjoni interna skond ir-Regolament preżenti, l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji ma jistgħux jiftħu investigazzjoni amministrattiva parallela fuq l-istess fatti.

4. Meta istituzzjoni, korp, uffiċċju jewaġenzijagħandha l-intenzjoni li tiftaħ investigazzjoni bis-saħħa tal-awtonomija amministrattiva tagħha, din għandha tistaqsi lill-Uffiċċju jekk il-fatti inkwistjoni humiex diġà taħt investigazzjoni interna. L-Uffiċċju jindika fi żmien ħmistax-il ġurnata tax-xogħol wara li ssir din it-talba jekk hemmx diġà investigazzjoni miftuħa jew jekk l-Uffiċċju m'huwiex beħsiebu jiftaħ investigazzjoni, fit-*twettiq tal-paragrafu 5*. Nuqqas ta' risposta tfisser deċiżjoni minn naħa tal-Uffiċċju li ma tinfetaħx investigazzjoni interna.

5. Id-deċiżjoni dwar jekk tinfetaħx investigazzjoni jew le hija meħuda fi żmien xahrejn minn meta l-Uffiċċju jirċievi talba skond il-*paragrafi 3 jew 4*. Din hija kkomunikata mingħajr dewmien lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenżija jew lill-Istat Membru li għamel it-talba. I Id-deċiżjoni li ma tinfetaħx investigazzjoni għandha tinkludi r-raġunijiet.

Meta uffiċċjal jew aġent ta' istituzzjoni, ta' korp, uffiċċju jew ta' aġenzija, li jaġixxi f'konformità mal-Artikolu 22a tal-Istatut jew mad-disposizzjonijiet korrispondenti tal-iskema applikabbli għall-aġenti l-oħra, jipprovdi lill-Uffiċċju b'informazzjoni relatata ma' suspett ta' frodi jew ta' irregolarità, l-Uffiċċju jinformah bid-deċiżjoni jekk investigazzjoni tinfetaħx jew le fuq il-fatti inkwistjoni.

***Qabel il-ftuħ u tul l-investigazzjoni, l-istituzzjonijiet, l-korpi u l-entitajiet għandhom jagħtu lill-Uffiċċju aċċess immedjat u awtomatiku għall-bażijiet tad-data dwar il-ġestjoni tal-fondi Komunitarji u għal kull bażi tad-data u kull informazzjoni rilevanti oħra, billi jippermettu lill-Uffiċċju li jivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni trażmessa.***

6. Jekk l-Uffiċċju jiddeċiedi li ma jiftaħx investigazzjoni interna abbazi tad-diskrezzjoni tagħha rigward x'ikun meħtieġ fil-każ partikolari jew fuq il-bażi tal-prijoritajiet tagħha f'dak li għandu x'jaqsam mal-investigazzjonijiet, huwa għandu jittrażmetti mingħajr dewmien l-elementi disponibbli, lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija kkonċernata sabiex ikunu jistgħu jittieħdu l-azzjonijiet meħtieġa, f'konformità mar-regoli applikabbli. Jekk jinqala' l-każ, l-Uffiċċju għandu jiftiehem mal-istituzzjoni, korp, uffiċċju jewaġenzija dwar il-miżuri adattati biex titħares is-segretezza tas-sors tal-elementi ta' informazzjoni u jitlob, jekk ikun hemm bżonn, li jkun infurmat bl-azzjonijiet meħuda.

Jekk l-Uffiċċju jiddeċiedi li ma jiftaħx investigazzjoni esterna abbażi tad-diskrezzjoni tagħha rigward x'ikun meħtieġ fil-każ partikolari jew tal-prijoritajiet tal-investigazzjoni tagħha, l-Artikolu 3(4) għandu japplika."

6) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

***a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit bit-test li ġej:***

"***1. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għandu jidderieġi l-mod kif jitmexxew l-investigazzjonijiet. Huwa jista' jawtorizza, permezz ta' att bil-miktub, direttur operazzjonali tal-Uffiċċju biex jidderieġi l-eżekuzzjoni tal-investigazzjonijiet. L-investigazzjonijiet għandhom jitmexxew taħt l-awtorità u r-responsabilità tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju minn aġenti maħtura tal-Uffiċċju.***"

*b)* ***Il-paragrafu 3 huwa sostitwit bit-test li ġej:***

"*3.* ***L-aġenti tal-Uffiċċju maħtura biex iwettqu investigazzjoni għal kull intervent, għandhom ikunu pprovduti b'mandat bil-miktub maħruġ mid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju, fejn juri l-oġġett u l-għan tal-investigazzjoni, il-bażijiet ġuridiċi għat-twettiq ta' dawn l-investigazzjonijiet u s-setgħat ta' investigazzjoni li jirriżultaw minn minnhom.***"

*c)* ***Għandu jiddaħħal Il-paragrafu li ġej:***

"***3 bis.*** ***Meta l-aġenti tal-Uffiċċju maħtura biex iwettqu kontroll jew spezzjoni fuq il-post skont il-modalitajiet previsti mir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, isibu li operatur ekonomiku joġġezzjona, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, li tkun ġiet identifikata mill-Uffiċċju minn qabel bħala l-punt ta' kuntatt, għandha tkun mgħarrfa b'dan immedjatament. Fuq talba tal-Uffiċċju, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tagħti lill-aġenti tal-Uffiċju l-għajnuna meħtieġa biex iwettqu l-missjoni tagħhom, kif inhu speċifikat fil-mandat imsemmi fil-paragrafu 3. L-Istat Membru għandu jara li l-aġenti tal-Uffiċċju jkun jista' jkollhom aċċess, taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-awtoritajiet kompetenti u skont il-liġi nazzjonali, għat-tagħrif kollu u għad-dokumentazzjoni kollha li għandhom x'jaqsmu mal-imġiba msemmija fl-Artikolu 1, li jidhru meħtieġa biex il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post jimxu tajjeb.***"

*d)* ***Il-paragrafu huwa sostitwit bit-test li ġej:***

"*4.* ***Matul l-ispezzjonijiet fuq il-post, il-kontrolli u l-investigazzjonijiet, l-Aġenti tal-Uffiċċju għandhom jadottaw imġiba li tkun konformi mar-regoli u l-prattiki għall-investigaturi tal-Istat Membru kkonċernat, bir-Regolamenti tal-persunal u bid-deċiżjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1). L-aġenti tal-Uffiċċju għandhom jaġixxu skont il-prinċipju tal-imparzjalità. Huma għandhom jinformaw immedjatament lid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju jekk, fl-ambitu tal-attività investigattiva tagħhom, ikunu jistgħu jsibu ruħhom f'qagħda ta' kunflitt ta' interessi. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju għandu jiddeċiedi jekk jeżistix kunflitt ta' interessi. Jekk dan ikun il-każ, id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju għandu jagħti istruzzjonijiet biex jiġi sostitwit l-impjegat ikkonċernat.***"

*e)* ***Il-paragrafu 5 huwa sostitwit bit-test li ġej:***

"*5.* ***L-investigazzjonijiet għandhom jitmexxew kontinwament matul perjodu li għandu jkun proporzjonat għaċ-ċirkostanzi u l-komplessità tal-każ. L-aġenti tal-Uffiċċju għandhom jaraw li jmexxu l-investigazzjoni skont il-modalitajiet li jippermettu s-salvagwardja u l-preservazzjoni tal-elementi ta' prova. Jekk ikun meħtieġ, meta jkun hemm riskju li l-elementi ta' prova jisparixxu, huma jistgħu jitolbu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, jieħu l-miżuri ta' konservazzjoni jew ta' eżekuzzjoni kollha li jkunu meħtieġa.***"

*f)* *Għandu jiddaħħal* il-paragrafu ▌li ġej:

"Minn meta l-investigazzjonijiet juru l-possibbiltà ta' implikazzjoni ta' membru, direttur, uffiċċjal, aġent jew kull persuna oħra fis-servizz ta' istituzzjoni, korp, uffiċċju jew jew aġenzija jew juru li jkun opportun li jittieħdu miżuri kawtelatorji jew amministrattivi sabiex jitħarsu l-interessi tal-Unjoni, ***l-Uffiċċju għandu jinforma lill-***istituzzjoni, l-korp, uffiċċju jew aġenzija kkonċernata ***mill-aktar fis*** bl-investigazzjoni li tkun għaddejja. L-informazzjoni trażmessa tinkludi l-elementi li ġejjin:

a) l-identità tal-persuna jew tal-persuni li huma taħt investigazzjoni kif ukoll rendikont qasir tal-fatti inkwistjoni;

b) kull informazzjoni li tista' tgħin lill-istituzzjoni, -korp, uffiċċju jew aġenzija biex jiġi deċiż dwar jekk għandhomx jittieħdu miżuri kawtelatorji jew amministrattivi sabiex jitħarsu l-interessi tal-Unjoni ***u jekk ikun opportun, indikazzjonijiet dwar l-iskadenza sa meta għandhom jittieħdu miżuri kawtelatorji jew amministrattivi***;

c) jekk jinqala' l-każ, il-miżuri partikolari ta' kunfidenzjalità li jkunu rakkomandati.

***Dan it-tagħrif lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija kkonċernata jista' jkun pospost fil-każijiet li jitolbu li tinżamm segretezza assoluta għall-finijiet tal-investigazzjoni jew li jkunu jesiġu r-rikors għal proċeduri ta' investigazzjoni li jkunu jaqgħu fil-kompetenza ta' awtorità ġudizzjarja nazzjonali, f' konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli għall-investigazzjonijiet. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għandu jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu, b' konformità mad-dispożizzjonijiet rigward il-kontroll tal-legalità stiplati fl -Artikolu 14.***

L-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew -aġenzija tiddeċiedi, jekk jinqala' l-każ, jekk huwiex opportun li tieħu miżuri eventwali kawtelatorji jew amministrattivi, filwaqt li tqies il-bżonn li tiżgura l-effikaċja tal-progress tal-investigazzjoni kif ukoll tal-miżuri partikolari ta' kunfidenzjalità rakkomandati mill-Uffiċċju. ***L-istituzzjoni, il-korp jew l-aġenzija għandhom jinformaw lill-Uffiċċju malajr kemm jista' jkun dwar id-deċiżjoni li jittieħdu kwalunkwe miżuri skont dan l-Artikolu u, fejn huwa xieraq, dwar il-ħtieġa li tinbeda proċedura dixxiplinarja addizzjonali dwar kwistjonijiet li għalihom l-istituzzjoni, il-korp jew l-aġenzija huma kompetenti kif xieraq skontl-Istatut. Tista' tinbeda proċedura dixxiplinarja addizzjonali wara li jiġi kkonsultat l-Uffiċċju.***"

***g) Mal-paragrafu 6, jiġi miżjud is-subparagrafu ▌ li ġej:***

***"L-aġenti tal-Uffiċċju jistgħu jitolbu l-għajnuna tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi fit-twettiq tal-missjoni tagħhom, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' koperazzjoni u ta' għajnuna reċiproka konklużi ma' dawn il-pajjiżi. Huma jistgħu jitolbu wkoll l-għajnuna tal-organizzazzjonijiet internazzjonali fit-twettiq tal-missjoni tagħhom, f' konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ftehim konklużi ma' dawn l-organizzazzjonijiet."***

*h)* Il-paragrafu ▌li ġej huwa miżjud:

"Meta jidher li investigazzjoni ma tistax tingħalaq fi żmien tnax-il xahar mill-ftuħ tagħha, id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju jista' jiddeċiedi li jtawwal dan iż-żmien sa sitt xhur supplementari. ***Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għandu jaċċerta ruħu dwar il-ħtieġa li tittawwal l-investigazzjoni***. Qabel ma jieħu din id-deċiżjoni, ▌id-*Direttur Ġenerali tal-Uffiċju* ***għandu jgħarraf lill-***Kumitat ta' Sorveljanza ***dwar ir-raġunijiet li għalihom tkun għada ma tistax tingħalaq l-investigazzjoni u dwar l-iskadenza prevedibbli meħtieġa biex tingħalaq***.

***Jekk l-investigazzjoni ma tkunx magħluqa fi żmien 18-il xahar minn meta tkun infetħet, il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jkun mgħarraf mid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju dwar ir-raġunijiet li ma jkunux ħallewh jagħlaq l-investigazzjoni, u għandu jagħti opinjoni dwar it-titwil tal-investigazzjoni u, jekk ikun il-każ, it-tmexxija ulterjuri tal-investigazzjoni.***

***Il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jgħaddi kopja tal-opinjoni tiegħu lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija kkonċernati. Din il-komunikazzjoni tista' tkun posposta fil-każijiet li jitolbu li tinżamm segretezza assoluta għall-finijiet tal-investigazzjoni, jew bi qbil mal-liġi nazzjonali applikabbli għall-investigazzjonijiet.***

***Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għandu jippreżenta lill-Awtorità Baġitarja rapport annwali dwar ir-raġunijiet li ma jkunux ħallewh jagħlaq l-investigazzjonijiet fit-30 xahar wara l-ftuħ tagħhom. Il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jressaq lill-Awtorità Baġitarja opinjoni dwar dawn ir-raġunijiet.***"

***7) Fl-Artikolu 7, il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu sostitwiti b' li ġej:***

"***1. L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji għandhom jgħaddu lill-Uffiċċju mingħajr dewmien kull informazzjoni li għandha x'taqsam ma' każijiet possibbli ta' frodi jew korruzzjoni jew kull attività illegali oħra li tagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej.***

***2. L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji u, sa fejn il-liġi nazzjonali tippermetti, l-Istati Membri għandhom, fuq talba tal-Uffiċċju jew fuq inizjattiva tagħhom stess, jibagħtu kull dokument jew informazzjoni li jkollhom li għandhom x'jaqsmu ma' investigazzjoni li tkun għaddejja***."

*8)* L-Artikoli ▌ li ġejjin huma miżjuda:

"*Artikolu 7 a*

**Garanziji proċedurali**

1. L-Uffiċċju jinvestiga kemm favur kif ukoll kontra l-persuna kkonċernata. ***L-investigazzjonijiet għandhom jitmexxew b'mod oġġettiv u imparzjali, bi qbil mal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza u mal-garanziji proċedurali, spjegati fid-dettall fil-Kodiċi ta' Proċedura tal-investigazzjonijiet tal-OLAF imsemmija fl-Artikolu 15a***.

2. Meta investigazzjoni turi l-possibbiltà li membru, direttur, uffiċċjal, aġent jew persuna fis-servizz ta' istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija, jew operatur ekonomiku huwa implikat f'każ, dan ***huwa*** infurmat sakemm din l-informazzjoni ma tippreġudikax il-progress tal-investigazzjoni.

F'kull każ, ***qabel ma jiġi mfassal ir-rapport finali ta' investigazzjoni***, fl-għeluq ta' investigazzjoni ma jistgħux jintlaħqu konklużjonijiet li jirreferu bl-isem għal persuna fiżika jew ġuridika jekk din il-persuna hekk implikata personalment ma kenitx f'pożizzjoni li tippreżenta l-kummenti tagħha ***bil-miktub jew waqt diskussjoni mal-aġenti maħtura tal-Uffiċċju*** dwar il-fatti li jikkonċernawha. Rendikont qasir ta' dawn il-fatti *għandu jiġi* mogħti ▌ fl-istedina ***lill-persuna kkonċernata, u din għandha tressaq il-kummenti tagħha fiż-żmien stipulat mill-Uffiċċju. Waqt li tkun qed issir diskussjoni***. Hija tista' tkun megħjuna minn persuna tal-għażla tagħha. Kull persuna implikata personalment għandha d-dritt li tesprimi ruħha f'lingwa uffiċjali tal-Komunità tal-għażla tagħha; madankollu, l-uffiċjali jew l-aġenti tal-Komunitajiet jistgħu jkunu mistiedna jesprimu ruħhom f'lingwa uffiċċjali tal-Komunità li huma jafu jitkellmu sew. Persuna implikata personalment għandha d-dritt li ma tinkriminax ruħha.

Fil-każijiet fejn tinħtieġ iż-żamma ta' *segretezza assoluta* għall-finijiet tal-investigazzjoni ***jew*** fejn ikun hemm bżonn ta' proċeduri investigattivi li jaqgħu taħt il-kompetenza ta' awtorità ġudizzjarja nazzjonali ▌ *d*-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju jista' jiddeċiedi li jiddiferixxi l-eżekuzzjoni tal-obbligu li jistieden lill-persuna implikata personalment biex tippreżenta l-kummenti tagħha, ***b'konformità mad-dispożizzjonijiet rigward il-kontroll tal-legalità stipulati fl-Artikolu 14***. Fil-każ ta' investigazzjoni interna, id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju jieħu din id-deċiżjoni ***wara li jkun informa lill***-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija li l-persuna kkonċernata tappartjeni għaliha.

***L-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tiddeċiedi, jekk jinqala' l-każ, jekk huwiex opportun li tieħu miżuri eventwali kawtelatorji jew amministrattivi, filwaqt li tqis il-bżonn li tiżgura l-effikaċja tal-progress tal-investigazzjoni kif ukoll tal-miżuri partikolari ta' kunfidenzjalità rakkomandati mill-Uffiċċju L-istituzzjoni, il-korp jew l-aġenzija għandhom jinformaw lill-Uffiċċju malajr kemm jista' jkun dwar id-deċiżjoni li jittieħdu miżuri skont dan l-Artikolu u, fejn huwa xieraq, dwar il-ħtieġa li tinbeda proċedura dixxiplinari addizzjonali dwar kwistjonijiet li għalihom l-istituzzjoni, il-korp jew l-aġenzija huma kompetenti skont l-Istatut. Tista' tinbeda proċedura dixxiplinarja addizzjonali wara li jiġi kkonsultat l-Uffiċċju.***

3. L-istedina għal kull interrogazzjoni, kemm jekk flimkien ma' xhud jew ma' persuna implikata personalment fis-sens tal-paragrafu 2, trid tintbagħat mill-inqas ***għaxar*** ġranet tax-xogħol qabel; dan iż-żmien jista' jitqassar bi ***l-kunsens preċiż tal***-persuna li se tkun interrogata. L-istedina tinkludi b'mod partikolari il-lista tad-drittijiet tal-persuna interrogata. L-Uffiċċju jagħmel rendikont ta' kull interrogazzjoni u jippermetti lill-persuna interrogata biex ikollha aċċess għalih sabiex hija tkun tista' tapprova r-rendikont kif ukoll tagħmel xi osservazzjonijiet.

Jekk matul l-interrogazzjoni ***jkun hemm elementi li juru biċ-ċar*** li l-persuna interrogata tista' tkun implikata fil-fatti taħt investigazzjoni, ir-regoli proċedurali previsti fil-paragrafu 2 huma immedjatament applikabbli.

4. Il-garanziji proċedurali previsti fl-Artikolu preżenti japplikaw mingħajr preġudizzju:

a) għal ħarsien aktar estensiv li huwa riżultat, jekk jinqala' l-każ, tar-regoli tat-Trattati, ***tal-Karta tad-Drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea jew ta' dispożizzjonijiet nazzjonali jew Kommunitarji rilevanti oħra, li jinkludu l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej***;

b) għad-drittijiet u l-obbligi mogħtija mill-Istatut ***lill-Membri tal-Parlament Ewropew jew mill-Istatut***.

*Artikolu 7b*

Informazzjoni dwar għeluq ta' investigazzjoni mingħajr azzjoni sussegwenti

Jekk, wara investigazzjoni, l-ebda akkuża ma tista' ssir kontra membru, direttur, uffiċċjal, aġent jew persuna oħra fis-servizz ta' istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija jew kontra operatur ekonomiku, l-investigazzjoni li tikkonċernah tingħalaq mingħajr azzjoni sussegwenti fuq deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju, li jinforma b'dan bil-miktub lill-interessat, ***sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem tax-xogħol minn meta tkun ittieħdet id-deċiżjoni***, kif ukoll, jekk ikun il-każ, l-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tiegħu.

***Artikolu 7c***

***Protezzjoni tas-sorsi tal-ġurnalisti***

***Sabiex ikun hemm informazzjoni oġġettiva tal-kontribwenti Ewropej u sabiex tiġi garantita l-libertà tal-istampa, l-entitajiet kollha tal-Unjoni Ewropea li jipparteċipaw fl-istħarriġ għandhom jirrispettaw il-protezzjoni tas-sorsi ġurnalistiċi, b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali***."

*9)* Fl-Artikolu 8, il-paragrafi 3 u 4 huma *sostitwiti* bit-test li ġej:

"3. L-Uffiċċju jirrispetta d-dispożizzjonijiet Komunitarji u nazzjonali relatati mal-ħarsien ta' data ta' natura personali, u b'mod partikolari dawk speċifikati mir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

4. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju jieħu ħsieb l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu preżenti kif ukoll tal-Artikolu 287 tat-Trattat.

---

(*) ‖ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1."

*10)* L-Artikolu ‖ li ġej huwa miżjud:

"*Artikolu 8a*

Komunikazzjoni tar-rapport finali wara l-għeluq tal-investigazzjoni

Qabel ma' jittrażmetti r-rapport finali ta' investigazzjoni lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji kkonċernati jew lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati, l-Uffiċċju għandu jikkomunika l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport finali lill-persuna implikata personalment fil-fatti taħt investigazzjoni interna jew esterna.

Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju jista' jiddeċiedi li ma jipproċedix bil-komunikazzjoni skond l-ewwel sub-paragrafu biss fil-każijiet li jeħtieġu ż-żamma ta' *segretezza assoluta* ***jew*** l-użu ta' mezzi ta' investigazzjoni li joħorġu mill-kompetenza ta' awtorità ġudizzjarja nazzjonali, ***f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli għall-investigazzjonijiet***. Fil-każ ta' investigazzjoni interna, huwa jieħu din il-miżura ***wara li jkun għarraf biha, kif inhu sewwa u dovut, l***-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija li l-persuna kkonċernata tappartjeni għaliha.

Meta l-persuna implikata personalment taħseb li l-garanziji proċedurali previsti fl-Artikolu 6 (5), u fl-Artikolu 7 a tar-Regolament preżenti kienu misinterpretati b'mod li setgħu jinfluwenzaw il-konklużjonijiet tal-investigazzjoni, hija tista', fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data tal-wasla tal-konklużjonijiet tar-rapport finali, tippreżenta talba għal opinjoni mingħand ***il-Kumitat ta' Sorveljanza, f' konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14a***."

*11)* L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

a) Il-paragrafu 1 *huwa sostitwit bit-test li ġej*:

"Ma' l-għeluq ta' investigazzjoni magħmula mill-Uffiċċju, dan jistabbilixxi taħt l-awtorità tad-*Direttur Ġenerali tal-Uffiċju* tiegħu rapport li jinkludi ▌ rendikont tal-progress tal-proċedura, ***il-miżuri ta' investigazzjoni implimentati***, il-bażi ġuridika, il-fatti stabbiliti u d-disposizzjonijiet applikabbli, jekk ikun hemm bżonn, id-dannu finanzjarju kif ukoll il-konklużjonijiet tal-investigazzjoni, inklużi r-rakkomandazzjonijiet dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu. ***Dan ir-rapport għandu jsemmi t-telf finanzjarju stmat u l-ammonti totali li jridu jinġabru. Il-kodiċi proċedurali tal-investigazzjonijiet tal-OLAF, imsemmi fl-Artikolu 15a, jagħti fid-dettall l-elementi l-oħra kollha li għandhom jiddaħħlu fir-rapport għall-finijiet ta' ġbir ta' flus, li r-responsabilità tiegħu tkun taqa' fuq l-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni tal-infiq kompetenti***."

b) Il-paragrafu 3 *huwa sostitwit bit-test li ġej*:

"3. Ir-rapport maħruġ wara investigazzjoni esterna u kull dokument utli relatat miegħu għandu jiġi trażmess lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati f'konformità mar-regolamenti relatati mal-investigazzjonijiet esterni, kif ukoll mal-Kummissjoni. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati, sakemm il-liġi nazzjonali tippermetti, għandhom jinfurmaw lid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju bl-azzjonijiet meħuda abbażi tar-rapporti tal-investigazzjoni li ġew trażmessi lilhom. ***Għal dan il-għan, huma għandhom jgħaddu lid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju, kull sitt xhur, jew, jekk ikun il-każ, sal-iskadenza ffissata mid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju, rapport dwar il-progress li jkun sar***.

***L-Uffiċċju għandu jgħaddi lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi, skont il-ftehim ta' koperazzjoni u ta' għajnuna reċiproka konklużi mal-Kummissjoni, il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport imfassal wara li tkun saret investigazzjoni esterna u kull dokument utli relatat miegħu. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi, identifikati fil-ftehim ta' koperazzjoni u ta' għajnuna reċiproka bħala punt ta' kuntatt tal-Uffiċċju, għandhom jgħarrfu lid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju, sakemm tkun tippermetti l-liġi nazzjonali, dwar l-azzjonijiet meħuda dwar il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport finali tal-investigazzjoni. Il-Kummissjoni, bl-istess mod, għandha tiżgura li l-organizzazzjonijiet internazzjonali jgħarrfu lid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju dwar l-azzjonijiet meħuda dwar il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport finali tal-investigazzjoni. Għal dan il-għan, huma għandhom jgħaddu lid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju, kull sitt xhur, jew, jekk ikun il-każ, sal-iskadenzi ffissati mid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju, rapport dwar il-progress li jkun sar***."

c) *Il-paragrafu* ▌▌*li ġej huwa miżjud*:

"Meta r-rapport maħruġ wara investigazzjoni interna juri ***tagħrif dwar*** fatti li jistgħu iwasslu għal azzjonijiet penali, ir-rapport finali huwa trażmess lill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru kkonċernat.,***u, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali rigward il-proċeduri*** ġudizzjarji, lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija kkonċernat skond il-paragrafu 4. ▌"

*d)* ***Il-paragrafu 4 huwa sostitwit bit-test li ġej:***

"***4. Ir-rapport imfassal wara investigazzjoni interna u d-dokumenti utli relatati kollha għandhom jintbagħtu lill-istituzzjoni, lill-korp jew lill-organiżmu kkonċernati. L-istituzzjoni, korp jew organiżmu għandhom jieħdu dawk l-azzjonijiet, partikolarment dawk dixxiplinarji jew legali, fuq il-bażi tal-investigazzjonijiet interni, skont ir-riżultati ta' dawk l-investigazzjonijiet, u għandhom jgħarrfu bihom lid-Direttur tal-Uffiċċju. Għal dan il-għan, kull sitt xhur jew, skond il-każ, fiż-żmien stipulat mid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju, huma għandhom jibagħtu rapport dwar il-progress li jkun sar lid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju.***"

*e)* Il-paragrafu ‖ li ġej huwa miżjud:

"Informatur li jkun ittrażmetta lill-Uffiċċju xi informazzjoni rigward xi suspetti ta' frodi jew ta' irregolarità jista, jekk jitlob dan, jingħata informazzjoni mill-Uffiċċju li investigazzjoni tkun ingħalqet u, jekk ikun il-każ, jekk ikunx intbagħat rapport finali lill-awtoritajiet kompetenti. L-Uffiċċju jista madanakollu jiċħad it-talba, f'każ li jqis li talba bħal din tkun tippreġudika d-drittijiet leġittimi tal-persuni kkonċernati, l-effikaċja tal-inkjesta u s-segwiti tagħha, jew l-obbligu tal-kunfidenzjalità."

12) L-Artikolu 10 *huwa sostitwit bit-test li ġej*:

"*Artikolu 10*

Skambju ta' informazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament preżenti u tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju f'kull ħin jista' jittrażmetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati informazzjoni miksuba matul investigazzjonijiet esterni.

***Id-deċiżjoni tat-tranżmissjoni għandha tittieħed mid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju, wara konsultazzjoni mal-bord eżekuttiv tal-Uffiċċju f'konformità mal-kontroll tal-legalità stipulat fl-Artikolu 14(2).***

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 8 u 9, id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju matul investigazzjonijiet interni jittrażmetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru kkonċernat l-informazzjoni miksuba mill-Uffiċċju dwar fatti li jimplikaw l-użu ta' proċeduri ta' investigazzjoni marbuta mal-kompetenza ta' awtorità ġudizzjarja nazzjonali jew li jkunu jinħtieġu, minħabba l-gravità tagħhom, segwitu penali urġenti. F'dan il-każ, huwa jinforma bil-quddiem lill-istituzzjoni, -korp, uffiċċju jew — aġenzija kkonċernata. L-informazzjoni trażmessa tinkludi b'mod partikolari l-identità tal-persuna implikata mill-investigazzjoni, ir-rendikont tal-fatti ddikjarati, deskrizzjoni preliminari tad-disposizzjonijiet applikabbli u d-dannu finanzjarja eventwali.

***Id-deċiżjoni tat-trażmissjoni għandha tittieħed mid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju, wara konsultazzjoni mal-bord eżekuttiv tal-Uffiċċju f'konformità mal-kontroll tal-legalità stipulat fl-Artikolu 14(2).***

Qabel it-trażmissjoni ta' informazzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu, ***u sakemm ma jagħmilx ħsara lill-proċress tal-investigazzjoni***, l-Uffiċċju jagħti l-opportunità lill-persuna implikata mill-investigazzjoni biex tagħti l-opinjoni tagħha dwar il-fatti li jikkonċernawha, taħt il-kundizzjonijiet u skond il-modalitajiet previsti mill-Artikolu 7a(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi.

3. L-awtoritajiet kompetenti, u b'mod partikolari l-awtoritajiet ġudizzjarji, tal-Istat Membru kkonċernat, sakemm il-liġi nazzjonali tippermetti, għandhom jinformaw kemm jista' jkun malajr lid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju bl-azzjonijiet meħuda abbażi tal-informazzjoni li ġiet trażmessa lilhom skond l-Artikolu preżenti.

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

***4. L-iskambju ta' tagħrif u l-koperazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-Awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif ukoll l-azzjonijiet u l-miżuri meħuda jew imwettqa fuq il-bażi tat-tagħrif li jkun waslilhom għandhom ikunu s-suġġett ta' analiżi regolari fil-qafas tal-proċedura ta' konċiljazzjoni stabbilita mill-Artikolu 11a.***."

***13) Għandhom jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:***

***"Artikolu 10a***

***Skambju ta' informazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-istituzzjonijiet interessati***

***1. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għandu jirrapporta b'mod regoli, għall-inqas darba fis-sena, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, r-riżultati tal-investigazzjoni mwettqa mill-Uffiċċju, rigward il-kunfidenzjalità ta' dawn l-investigazzjonijiet, id-drittijiet legali tal-persuni kkonċernati u fejn ikun il-każ, rigward id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli għall-proċeduri ġudizzjarji.***

***Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju jaġixxi f'konformità mal-prinċipju tal-awtonomija li hija karatteristika tal-irwol tiegħu.***

***2. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri għandhom jiggarantixxu r-rispett tal-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet magħmulin mill-Uffiċċju, tad-drittijiet legali tal-persuni kkonċernati u, f'każ li jkun hemm proċeduri legali, tad-dispożizzjonijiet nazzjonali kollha applikabbli għal dawn il-proċeduri.***

***3. L-Uffiċċju u l-istituzzjonijiet konċernati jistgħu jistabbilixxu ftehim dwar it-trażmissjoni tal-informazzjoni kollha meħtieġa biex titwettaq il-missjoni tal-Uffiċċju, f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-paragrafi 1 u 2.***

***Artikolu 10b***

***Informazzjoni għall-pubbliku***

***Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għandu jiżgura li l-informazzjoni tal-pubbliku ssir b'mod newtrali, imparzjali u li jirrispetta l-prinċipji stipulati fl-Artikolu 10a.***

***Il-kodiċi ta' proċedura tal-investigazzjonijiet tal-OLAF, adottat skont l-Artikolu 15a, jagħti fid-dettall ir-regoli għall-prevenzjoni tat-tixrid mhux awtorizzat ta' informazzjoni dwar l-attività operattiva tal-Uffiċċju, u s-sanzjonijiet dixxiplinarji li għandhom jiġu applikati f'każ ta' tixrid mhux awtorizzat ta' informazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8(3)***."

*14)* L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

a) Il-paragrafu *huwa sostitwit bit-test li ġej*:

"Il-Kumitat ta' Sorveljanza, bil-kontroll regolari li huwa jeżerċita fuq l-eżekuzzjoni tal-funzjoni ta' investigazzjoni, ***għandu jiżgura li*** l-Uffiċċju ***jwettaq b'awtonomija sħiħa il-kompit mogħtija lilu permezz ta' dan ir-Regolament. Il-Kumitat ta' Sorveljanza***:

***a)*** jiżgura r-rispett tar-regoli relatati mat-trażmissjoni ta' informazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-istituzzjonijiet, l-korpi jew l-organiżmi;

***b)*** isegwi l-iżviluppi dwar l-applikazzjoni ta' garanziji proċedurali u d-dewmien ta' investigazzjonijiet, fid-dawl ta' statistiċi perjodiċi ***tal-informazzjoni u tar-rapporti ta' investigazzjoni mogħdija lilu*** mid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju ***kif ukoll wara kunsiderazzjoni*** tal-opinjonijiet ▌ *imfassla* ▌mill-konsulent reviżur ▌▌;

***c) jgħin lid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju, filwaqt li jiżgura li l-Uffiċju jkollu r-riżorsi meħtieġa biex iwettaq il-funzjoni investigattiva tiegħu;***

***d) jagħti opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar:***

***— l-identifikazzjoni tal-prijoritajiet tal-investigazzjoni;***

***— id-dewmien tal-investigazzjonijiet u s-segwitu tagħhom;***

***— il-kodiċi ta' proċedura tal-investigazzjonijiet tal-OLAF;***

***e) jagħti opinjonijiet dwar l-intervent tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u quddiem il-qrati nazzjonali;***

***f) jgħin lid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju fil-proċedura ta' konċiljazzjoni;***

***g) jista' jressaq lill-Kummissjoni jew lil kwalunkwe istituzzjoni oħra quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja meta jidhirlu li dawn l-istituzzjonijiet ikunu ħadu miżuri li jitfgħu fid-dubju l-awtonomija tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju.***

Il-Kumitat ta' Sorveljanza jagħti opinjonijiet lid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju, fuq inizjattiva tiegħu jew fuq talba ta' dan tal-aħħar jew ta' istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija, mingħajr ma jindaħal madankollu fil-progress ta' investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin. Kopja ta' dawn l-opinjonijiet għandhom jiġu indirizzati lil min jagħmel it-talba."

***b) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit bit-test li ġej:***

"2. ***Huwa magħmul minn ħames persuni esterni awtonomi, li fil-punt tan-nomina tagħhom ikunu qed iwettqu funzjoni legali jew ta' investigazzjoni għolja, jew xi funzjoni komparabbli, relatati mal-ħidma tal-Uffiċċju. Huma għandhom ikunu familjari mal-operat tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, kif ukoll ikunu jafu lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea.***

***Il-membri tal-kumitat jiġu nnominati bi qbil komuni mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Talba għall-applikazzjonijiet tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Il-ħames persuni jintgħażlu fuq il-bażi ta' 'lista ta' preselezzjoni' mressqa mill-Kummissjoni u li tkun tinkludi mill-inqas 12-il kandidat***."

***c) Il-paragrafu 3 huwa sostitwit bit-test li ġej:***

"***3***. ***Il-mandat tal-membri huwa ta' ħames snin. Dan il-mandat ma jistax ikun imġedded. Il-ħatra ta' xi wħud mill-membri għandha tkun imqassma fuq medda ta' żmien sabiex l-għarfien espert fi ħdan il-Kumitat ikun ippreservat***."

***d) Il-paragrafu 6, 7 u 8 huma sostitwiti bit-test li ġej:***

"***6***. ***Il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jaħtar lill-President tiegħu. Huwa jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, li qabel l-adozzjoni jitressaq għall-opinjoni quddiem il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Il-laqgħat tal-Kumitat ta' Sorveljanza jitħabbru fuq l-inizjattiva tal-president tiegħu jew tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju. ▌Il-Kumitat għandu jieħu d-deċiżjonijiet skont il-maġġoranza tal-Membri tiegħu. Is-segretarjat tiegħu għandu jiġi provdut mill-Uffiċċju.***

7. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għandu kull sena jittrażmetti lill-Kumitat ta' Sorveljanza l-programm tal-attivitajiet tal-Uffiċċju f'dak li għandu x'jaqsam ma' investigazzjonijiet. Hu għandu regolarment iżomm lill-Kumitat ta' Sorveljanza infurmat bl-attivitajiet tal-Uffiċċju, bl-eżekuzzjoni tal-funzjoni ta' investigazzjoni u bl-azzjonijiet li jittieħdu fuq l-investigazzjonijiet.

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għandu jinforma lill-Kumitat dwar:

a) każijiet fejn l-istituzzjoni, l-korp, uffiċċju jew jew l-aġenzija kkonċernata ma ħaditx azzjoni fuq ir-rakkomandazzjonijiet magħmula minnu;

b) każijiet ***fejn l-awtorità kompetenti tal-Istati membri ma ħaditx azzjoni fuq ir-rakkomandazzjonijiet magħmula minnu***.

8. Il-Kumitat ta' Sorveljanza jadotta mill-inqas rapport ta' attivitajiet fis-sena, li b'mod partikolari jkopri ***l-evalwazzjoni tal-awtonomija tal-Uffiċċju***, l-applikazzjoni ta' garanziji proċedurali u t-tul tal-investigazzjonijiet; dawn ir-rapport għandhom jintbagħtu lill-istituzzjonijiet. Il-Kumitat jista' jippreżenta rapporti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri dwar ir-riżultat u l-azzjonijiet ta' investigazzjonijiet meħuda fuqhom magħmula mill-Uffiċċju."

*15)* L-Artikolu ‖ li ġej huwa miżjud:

*"L-Artikolu 11 a*

***Proċedura ta' Konċiljazzjoni***

***1. Għandha titwaqqaf proċedura ta' konċiljazzjoni bejn i***l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ▌.

***2. Il-proċedura ta' konċiljazzjoni*** *tirrigwarda*:

***a) ir-relazzjonijiet u l-koperazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-Istati Membri, u bejn l-Istati Membri nfushom, u b'mod partikulari:***

***— il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet meħuda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1;***

***— l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 u tar-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, kif ukoll tal-Konvenzjoni dwar il-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej tas-26 ta' Lulju 1995, u l-protokolli marbuta magħha;***

***— l-azzjonijiet meħuda dwar ir-rapporti finali ta' investigazzjoni tal-Uffiċċju, kif ukoll l-azzjonijiet meħuda rigward it-trażmissjoni ta' informazzjoni mill-Uffiċċju;***

***b) ir-relazzjonijiet u l-kollaborazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organiżmi, inklużi l-Eurojust u l-Europol, b'mod partikulari l-għajnuna offruta mill-istituzzjonijiet lill-Uffiċċju u l-azzjonijiet meħuda rigward ir-rapporti finali ta' investigazzjoni jew rigward it-trażmissjoni ta' informazzjoni mill-Uffiċċju;***

***c) ir-relazzjonijiet u l-koperazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi, kif ukoll mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, fil-qafas tal-ftehim stipulati minn dan ir-regolament;***

***d) l-aspetti relatati mal-prijoritajiet tal-politika tal-Uffiċċju f'dak li għandu x'jaqsam mal-investigazzjonijiet;***

***e) ir-rapporti u l-analiżijiet tal-Kumitat ta' Sorveljanza.***

***3. Il-konċiljazzjoni trid issir mill-inqas darba fis-sena u fuq talba ta' waħda mill-istituzzjonijiet.***

***4. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju u l-president tal-Kumitat ta' Sorveljanza għandhom jieħdu sehem fil-proċedura ta' konċertazzjoni. Ir-rappreżentanti tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Eurojust u tal-Europol jistgħu jiġu mistiedna.***

***5. Il-konċiljazzjoni għandha titħejja waqt laqgħa teknika, jew għadd ta' laqgħat tekniċi. Il-laqgħat għandhom jissejħu fuq talba ta' waħda mill-istituzzjonijiet jew fuq talba tal-Uffiċċju.***

***6. Il-proċedura ta' konċiljazzjoni fl-ebda każ m'għandha tinterferixxi fil-proċess tal-investigazzjonijiet, u għandha titmexxa b'rispett sħiħ tal-awtonomija tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju.***

***7. L-istituzzjonijiet, l-korpi u l-organiżmi, l-Uffiċċju u l-Istati Membri għandhom jinfurmaw kull darba lill-parteċipanti tal-proċedura ta' konċiertazzjoni dwar l-azzjonijiet meħuda rigward il-konklużjonijiet tal-proċedura ta' konċiljazzjoni.***"

16) L-Artikolu 12 *huwa sostitwit bit-test li ġej*:

"*Artikolu 12*

Id-*Direttur Ġenerali tal-Uffiċju*

1. ***L-Uffiċċju huwa mmexxi minn Direttur Ġenerali nnominat mill-***Kummissjoni ▌ għal perjodu ta' ***ħames snin*** li jiġġedded ***darba waħda***.

***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jinnominaw bi ftehim komuni lid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju fuq il-bażi ta' lista ta' sitt kandidati ppreżentati mill-Kummissjoni. Sejħa għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.***

***In-nomina għandha ssir fi żmien tliet xhur mill-preżentazzjoni tal-lista tal-applikanti mill-Kummissjoni. Il-proċedura ta' nominazzjoni kollha kemm hi ma tistax taqbeż id-disa' xhur u għandha tibda mill-inqas disa' xhur qabel it-tmiem tal-mandat tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju fil-kariga, li jibqa' fil-kariga sal-bidu tal-mandat tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju l-ġdid.***

***Jekk il-Parlament Ewropew u/jew il-Kunsill ma jkunux kontra t-tiġdid tal-mandat tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju għall-anqas disa' xhur qabel jagħlaq iż-żmien tal-ewwel mandat tiegħu, il-Kummissjoni għandha tgħaddi għall-estensjoni tal-mandat tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju. L-oppożizzjoni għall-estensjoni tal-mandat trid tkun iġġustifikata. Jekk le, għandha tkun applikata l-proċedura ta' nominazzjoni stipulata fit-tielet subparagrafu.***

***2. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għandu jintgħażel minn fost il-kandidati tal-Istati Membri li jkunu qed jeżerċitaw, jew kienu eżerċitaw, kariga għolja ġudizzjarja jew kariga eżekuttiva għolja ta' investigazzjoni u li jkollhom esperjenza professjonali operazzjonali ta' mill-inqas għaxar snin f'kariga ta' mmaniġġjar f'livell għoli ta' responsabilità. Parti sinifikanti ta' din l-esperjenza professjonali għandha tkun ġiet akkwistata fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi nazzjonali u/jew komunitarji. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju għandu jkun jaf fid-dettall kif jaħdmu l-Istituzzjonijiet tal-Unjoni u jkun jaf sewwa lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni. Huwa (jew hija) għandu joffri kull garanzija ta' awtonomija.***

***3. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju la għandu jitlob u lanqas jaċċetta struzzjonijiet mingħand l-ebda gvern, istituzzjoni, korp jew organiżmu, fil-qadi ta' dmirijietu rigward il-ftuħ u t-twettiq ta' investigazzjonijiet esterni u interni u rigward it-tfassil tar-rapporti li jsiru wara dawn l-investigazzjonijiet. Jekk id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju jqis li xi miżura li tkun ħadet il-Kummissjoni tkun tikkompromettl l-pożizzjoni awtonoma tiegħu, huwa għandu jgħarraf b'dan mill-ewwel lill-Kumitat ta' Sorveljanza, għal opinjoni, u jiddeċiedi jew le li jressaq rikors kontra l-istituzzjoni kkonċernata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.***

***Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju għandu jirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, fil-kuntest tal-proċedura ta' konċertazzjoni msemmija fl-Artikolu 11a, dwar dak li jkun irriżulta mill-investigazzjonijiet li jkunu saru mill-Uffiċċju, l-azzjoni li tkun ittieħdet u l-problemi li jkunu ġew iffaċċjati, filwaqt li jirrispetta l-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet, id-drittijiet leġittimi tal-persuni kkonċernati u, fejn jixraq, id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli għall-proċeduri ġudizzjarji.***

***Dawn l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw ir-rispett għall-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju, għad-drittijiet leġittimi tal-persuni kkonċernati u, fil-każ li jkunu jeżistu proċeduri legali, għandu jkun żgurat ir-rispett ukoll għad-dispożizzjonijiet nazzjonali kollha applikabbli għal dawn il-proċeduri.***

4. Qabel ma tgħaddi sanzjoni dixxiplinari fir-rigward tad-*Direttur Ġenerali tal-Uffiċju*, il-Kummissjoni tik-konsulta lill-Kumitat ta' Sorveljanza, imlaqqa' mar-rappreżentanti ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***, fil-qafas ***tal-proċedura ta' konċiljazzjoni stilupata fl-Artikolu 11a***.

Il-miżuri relatati mas-sanzjonijiet dixxiplinari fir-rigward tad-*Direttur Ġenerali tal-Uffiċju* jirriżultaw minn deċiżjonijiet ġustifikati, li jkunu kkomunikati bħala informazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat ta' Sorveljanza.

***5. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għandu jinforma lill-Kummissjoni jekk hux bi ħsiebu jwettaq attività professjonali ġdida fi żmien sentejn wara t-tmiem tas-servizz tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 16 tal-Istatut.***

*6.* Id-*Direttur Ġenerali tal-Uffiċju*, fuq parir tal-Kumitat ta' Sorveljanza, kull sena jistabbilixxi l-programm ta' attivitajiet u tal-prijoritajiet tal-politika tal-Uffiċċju f'dak li għandu x'jaqsam mal-investigazzjonijiet.

*7.* Id-*Direttur Ġenerali tal-Uffiċju* jista' jiddelega, bil-miktub, fil-kundizzjonijiet u l-limiti li huwa jistabbilixxi, l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt l-Artikolu 5, tal-Artikolu 6 il-paragrafu 3, tal-Artikolu 7 b u tal-Artikolu 10 (2) lill-aġent wieħed jew aktar tal-Uffiċċju."

*17)* ***Jiżdied l-Artikolu li ġej:***

"***Artikolu 12 a***

***Intervent tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u quddiem il-ġurisdizzjonijiet nazzjonali***

***Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju jista' jintervjeni fil-kwistjonijiet, li jirrigwardaw l-eżerċizzju tal-attivitajiet tal-Uffiċċju, li jinġiebu quddiem il-Qorti tal-Ġusitzzja tal-Komunitajiet Ewropej u, f'konformità mal-liġi nazzjonali, quddiem il-ġurisdizzjonijiet nazzjonali.***

***Qabel ma jintervjeni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jew il-ġurisdizzjonijiet nazzjonali, id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għandu jitlob l-opinjoni tal-Kumitat ta' Sorveljanza***."

*18)* L-Artikolu 13 huwa *sostitwit* bit-test li ġej:

"*L-Artikolu 13*

Finanzjament

L-approprjazzjonijiet tal-Uffiċċju, li l-ammont totali tagħhom għandu jiddaħħal f'linja baġitarja speċifika fis-sezzjoni tal-baġit ġenerali tal-*Unjoni Ewropea* relatata mal-Kummissjoni, jidhru fid-dettall f'anness ta' din is-sezzjoni.

It-tabella ta' postijiet allokati lill-Uffiċċju jidhru bħala anness tat-tabella fil-pjan ta' impjiegi tal-Kummissjoni."

19) L-Artikolu 14 huwa *sostitwit* bit-test li ġej:

"*L-Artikolu 14*

***Kontroll tal-legalità tal-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju***

*1. Il-kontroll tal-legalità tal-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju għandu l-għan li jirrispetta l-garanziji ta' proċedura u d-drittijiet fundamentali tal-persuni li jkollhom x'jaqsmu ma' investigazzjoni li ssir mill-Uffiċċju.*

*2. Il-kontroll tal-legalità għandu jitwettaq qabel il-ftuħ u qabel l-għeluq ta' investigazzjoni, qabel kull trażmissjoni ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati skont is-sens tal-Artikoli 9 u 10 u f'rabta ma' evalwazzjoni tal-kunfidenzjalità assoluta tal-investigazzjoni.*

*3. Il-kontroll tal-legalità tal-investigazzjonijiet għandu jsir minn esperti tal-liġi u tal-proċedura ta' investigazzjoni tal-Uffiċċju li huma kkwalifikati biex iwettqu funzjoni ġudizzjarja fi Stat Membru. L-opinjoni tagħhom għandha tkun mehmuża mar-rapport finali tal-investigazzjoni.*

*4. Il-kodiċi ta' proċedura tal-investigazzjonijiet tal-OLAF, imsemmi fl-Artikolu 15a jagħti dettalji dwar il-proċedura rigward il-kontroll tal-legalità.*"

*20) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:*

"*Artikolu 14a*

***Tressiq ta' ilmenti mill-persuni involuti fl-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju***

*1. Kwalunkwe persuna involuta personalment f'investigazzjoni tista' tressaq ilment quddiem il-Kumitat ta' Sorveljanza, b'allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet proċedurali jew tal-bniedem matul l-investigazzjoni. Meta jirċievi lment, il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jittrażmettih mingħajr dewmien lil Konsulent Reviżur.*

*2. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju, fuq parir tal-Kumitat ta' Sorveljanza, għandu jinnomina Konsulent Reviżur għal perjodu ta' ħames snin li ma jiġġeddidx. Il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jfassal il-proposta tiegħu fuq il-bażi ta' lista ta' diversi kandidati magħżula wara li tkun saret sejħa għall-applikazzjonijiet.*

*3. Il-Konsulent Reviżur għandu jaqdi dmirijietu b'awtonomija sħiħa. Fil-qadi tal-missjoni tiegħu, il-Konsulent Reviżur la għandu jitlob u l-anqas jaċċetta struzzjonijiet mingħand l-ebda persuna. Huwa (jew hija) ma jwettaq l-ebda ħidma fi ħdan l-Uffiċċju ħlief dawk il-kompiti marbuta mas-sorveljanza tar-rispett għall-proċeduri.*

*4. Il-Kunsillier Reviżur huwa kompetenti wkoll biex jittratta l-ilmenti tal-informaturi, inklużi l-persuni li jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 22 tal-Istatut.*

*5. Il-Konsulent Reviżur għandu jagħti l-opinjoni tiegħu (jew tagħha) lill-kwerelant, lill-Kumitat ta' Sorveljanza u lid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju mhux iktar tard minn 30 jum ta' ħidma minn meta jitressaq l-ilment.*

*6. Il-Konsulent Reviżur għandu regolarment jirrapporta lill-Kumitat ta' Sorveljanza dwar l-attivitajiet tiegħu. Huwa (jew hija) għandu jikkomunika lill-Kumitat ta' Sorveljanza, kif ukoll lill-Kummissjoni, rapporti statistiċi u analitiċi regolari dwar il-kwistjonijiet marbuta mal-ilmenti.*"

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

*21)* L-Artikolu 15 huwa ***sostitwit bit-test li ġej***:

"***Artikolu 15***

***Rapport ta' evalwazzjoni***

***Matul (*) …, il-Kummissjoni għandha tittrażmetti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament flimkien ma' opinjoni tal-Kumitat ta' Sorveljanza. Dan ir-rapport għandu jgħid hemmx lok għal tibdil f'dan ir-Regolament. F'kull sitwazzjoni, dan ir-Regolament għandu jkun modifikat wara l-ħolqien ta' Uffiċċju ta' Prosekuter Pubbliku Ewropew.***

---

(*) Ir-raba' sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament."

*22)* L-*Artikolu* ▌ li ġej *għandu jiġi* miżjud:

"*L-Artikolu 15a*

***Kodiċi ta' proċedura tal-investigazzjonijiet tal-OLAF***

***1. L-Uffiċċju jadotta 'kodiċi ta' proċedura tal-investigazzjonijiet tal-OLAF' li jinkludi l-prinċipji ġuridiċi u notevolment ta' proċedura stipulati permezz ta' dan ir-regolament. Huwa għandu jqis il-prattika operattiva tal-Uffiċċju.***

***2. Il-kodiċi ta' proċedura tal-investigazzjonijiet tal-OLAF jiċċara l-prattiki fl-implimentazzjoni tal-mandat u tar-Regolamenti tal-Uffiċċju, tal-prinċipji ġenerali li jikkontrollaw il-proċedura ta' investigazzjoni, tal-fażijiet differenti tal-proċedura ta' investigazzjoni, tal-azzjonijiet prinċipali tal-investigazzjoni, tad-drittijiet leġittimi tal-persuni kkonċernati, tal-garanziji proċedurali, tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta u tal-politika ta' komunikazzjoni u aċċess għad-dokumenti, tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-kontroll tal-leġittimità u tal-mezzi ta' rikors tal-persuni kkonċernati.***

***3. Qabel l-adozzjoni tal-kodiċi ta' proċedura tal-investigazzjonijiet tal-OLAF, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-kumitat ta' sorveljanza tal-Uffiċċju għandhom jiġu kkonsultati għall-opinjoni. Il-kumitat ta' sorveljanza għandu jiżgura l-awtonomija tal-Uffiċċju fil-proċedura ta' adozzjoni tal-kodiċi ta' proċedura.***

***4. Il-kodiċi ta' proċedura tal-investigazzjonijiet tal-OLAF jista' jkun introdott fuq proposta tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju. F'dan il-każ, il-proċedura tal-adozzjoni stipulata minn dan l-Artikolu għandha tiġi applikata.***

***5. Il-kodiċi ta' proċedura tal-investigazzjonijiet tal-OLAF adottat mill-Uffiċċju għandu jiġi ppubblikat mill-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.***"

▌

*Artikolu 2*

Id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu *12(1)* tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 kif emendati minn dan ir-Regolament ma japplikawx għad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju li jkun fl-inkariga mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u li l-mandat tiegħu ikun ġie mġedded għal perjodu ta' ħames snin.

*Artikolu 3*

Ir-Regolament preżenti jidħol fis-seħħ fi […] ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ‖,

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |

## L-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 8/2008

P6_TA(2008)0554

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 8/2008 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008 (15765/2008 — C6-0426/2008 — 2008/2287(BUD))**

(2010/C 16 E/40)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 272 tat-Trattat KE u l-Artikolu 177 tat-Trattat Euratom,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, adottat b'mod definittiv fit-13 ta' Diċembru 2007 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja solida ([3]),

— wara li kkunsidra l-abbozz preliminari tal-baġit ta' emenda Nru 9/2008 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008 ppreżentat mill-Kummissjoni fit-6 ta' Ottubru 2008 (COM(2008)0619),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 8/2008 mħejji mill-Kunsill fit-18 ta' Novembru 2008 (15765/2008 — C6-0426/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 69 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0453/2008),

A. billi l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 8 għall-baġit ġenerali tal-2008 jikkonċerna biss il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u jirrigwarda l-aġġustamenti għall-baġit li jirriżultaw mill-fatt li ż-żieda fil-pagi u l-pensjonijiet kienet iktar baxxa minn dik użata bħala bażi għat-tħejjija tal-abbozz preliminari għall-2008,

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. DT(d. m. yyyy)@DATEMSG@NR.

([2]) ĠU L 71, 14.3.2008.

([3]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

B. billi l-prinċipju li jitressaq baġit ta' emenda li jaġġorna d-data teknika li intużat biex ġie stabbilit il-baġit oriġinarjament, bil-ħsieb li jingħataw lura l-fondi lill-kontributuri tat-taxxa, għandu jiġi milqugħ b'sodisfazzjon, għalkemm, f'dan il-każ, l-ispiża għall-proċedura tista' sfortunatament taqbeż il-flus li fil-fatt se jingħataw lura,

1. Jieħu nota tal-abbozz preliminari tal-baġit ta' emenda Nru 9/2008, li naqqas il-baġit tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (spejjeż) bi EUR 318 262 u d-dħul tiegħu b'EUR 48 265;

2. Japprova l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 8/2008 mingħajr emendi;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-iskop ta' impjieg bi kwalifiki għoljin *

P6_TA(2008)0557

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-iskop ta' impjieg bi kwalifiki għoljin (COM(2007)0637 — C6-0011/2007 — 2007/0228(CNS))**

(2010/C 16 E/41)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0637),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 63(3)(a) u (4) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0011/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0432/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob il-ftuħ tal-proċedura ta' konċiljazzjoni prevista fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-4 ta' Marzu1975, jekk il-Kunsill ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

5. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(2a) Fil-laqgħa speċjali tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, il-Kunsill Ewropew innota li kienet meħtieġa l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kundizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' ċittadini minn pajjiżi terzi. F'dak ir-rigward, iddikjara b'mod partikolari li l-Unjoni Ewropea għandha tiżgura trattament ġust taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li huma residenti legalmet fit-territorju tal-Istati Membri u li politika ta' integrazzjoni aktar enerġetika għandha timmira li tagħtihom drittijiet u obbligi simili għal dawk taċ-ċittadini tal-Unjoni.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| | |
|---|---|
| (3) Il-Kunsill Ewropew ta' Liżbona *ta'* Marzu 2000 stipula l-*għan għal-Komunità* li ssir l-ekonomija msejsa fuq l-għarfien l-aktar kompetittiva u dinamika fid-dinja sa l-2010. | (3) Il-Kunsill Ewropew ta' Liżbona *f'*Marzu 2000 stipula *għall-Komunità* l-*objettiv* li ssir l-ekonomija msejsa fuq l-għarfien l-aktar kompetittiva u dinamika fid-dinja sa l-2010, ***li tkun kapaċi għal tkabbir ekonomiku sostenibbli b'impjiegi aktar u aħjar u b'koeżjoni soċjali akbar. Il-miżuri maħsuba biex jattiraw u jżommu lill-ħaddiema bi kwalifiki għoljin li ġejjin minn pajjiżi terzi bħala parti minn approċċ imsejjes fuq il-bżonnijiet tal-Istati Membri għandhom jitqiesu fil-kuntest usa' stabbilit mill-Istrateġija ta' Liżbona u mil-Linji Gwida Integrati għat-Tkabbir u l-Impjiegi***. |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(5a) F'suq tax-xogħol dejjem aktar globalizzat, l-Unjoni Ewropea għandha ssir aktar attraenti għall-ħaddiema, b'mod partikolari il-ħaddiema bi kwalifiki għolja minn pajjiżi terzi. Dan l-objettiv jista' jintlaħaq b'mod aktar effettiv bl-għoti ta' privileġġi, pereżempju derogi partikulari, u billi jagħmluha possibbli li jkun hemm aċċess aktar faċli għall-informazzjoni relevanti.*** |

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (6) Biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Proċess ta' Liżbona huwa importanti wkoll li tithaddan il-mobilità ta' ħaddiema bi kwalifiki għolja li huma ċittadini tal-UE fi ħdan l-Unjoni, b'mod partikolari mill-Istati Membri li daħlu fl-UE fl-2004 u l-2007. Bl-***implimentazzjoni*** ta' din id-Direttiva, ***l-Istati Membri huma marbuta li jirrispettaw*** il-prinċipju *ta'* preferenza tal-Komunità kif espress b'mod partikolari fid-dispożizzjonijiet relevanti tal-Atti ta' Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 u l-25 ta' April 2005. | (6) Biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Proċess ta' Liżbona huwa importanti wkoll li tithaddan il-mobilità ta' ħaddiema bi kwalifiki għolja li huma ċittadini tal-UE fi ħdan l-Unjoni, b'mod partikolari mill-Istati Membri li daħlu fl-UE fl-2004 u l-2007. *Meta* ***tiġi implimentata*** din id-Direttiva, il-prinċipju *tal*-preferenza tal-Komunità kif espress b'mod partikolari fid-dispożizzjonijiet relevanti tal-Atti ta' Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 u l-25 ta' April 2005 ***għandu jkun irrispettat***. |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (10) Din id-Direttiva għandha tipprovdi għal sistema ta' dħul flessibbli li tiddependi fuq id-domanda, ibbażata fuq kriterji oġġettivi *bħal*-***limitu minimu ta' salarju kumparabbli mal-livelli ta' salarji fl-Istati Membri u fuq*** kwalifiki professjonali. ***Id-definizzjoni ta' denominatur komuni minimu għall-limitu nazzjonali ta' salarji*** huwa meħtieġ biex ikun żgurat ***livell minimu ta' armonizzazzjoni fil-kondizzjonijiet ta' dħul fl-UE kollha. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-livell nazzjonali tagħhom skond is-sitwazzjoni tas-swieq tax-xogħol rispettivi tagħhom u l-politiki ta' immigrazzjoni ġenerali tagħhom***. | (10) Din id-Direttiva għandha tipprovdi għal sistema ta' dħul flessibbli li tiddependi fuq id-domanda, ibbażata fuq kriterji oġġettivi *bħal m'huma l*-kwalifiki professjonali. ***L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' 'salarju ugwali għall-istess xogħol'*** hija meħtieġa biex ikun żgurat ***li ċ-ċittadini tal-UE u ċ-ċittadini ta' pajjżi terzi jkunu trattati l-istess***. |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***(11) F'dak li jirrigwarda d-derogi mill-iskema prinċipali tal-livelli tas-salarji għall-applikanti bi kwalifiki għolja taħt it-30 sena li, minħabba l-esperjenza professjonali limitata tagħhom u l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' salarju tal-iskema ewlenija jew, għal dawk li kisbu l-kwalifiki tagħhom ta' edukazzjoni ogħla fl-Unjoni Ewropa.*** | ***imħassar*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15 a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(15a) Fil-każ tal-mobilità intrakomunitarja minn Stat Membru għal ieħor wara t-tiġdid tal-Karta Blu tal-UE, l-ivvjaġġar transkonfinali lejn ix-xogħol u lura tista' tkun għażla għad-detentur tal-Karta Blu tal-UE. Peress li l-Karta Blu tal-UE tiġbor fiha nfisha permess tax-xogħol u tar-residenza, din ma toffrix l-għażla li wieħed jivvjaġġa lejn Stat Membru ieħor għal raġunijiet ta' xogħol u lura filwaqt li jkollu r-residenza tiegħu fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-Karta Blu tal-UE. Il-possibilità ta' vvjaġġar transkonfinali lejn ix-xogħol u lura għandha tkun indirizzata mid-Direttiva tal-Kunsill …/…/KE ta' … dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku biex ċittadini ta' pajjiżi terzi jirresjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjizi terzi li jkunu jgħixu legalment fi Stat Membru.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (17) Il-mobilità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bi kwalifiki għolja bejn il-Komunità u l-pajjiż ta' oriġini tagħhom għandha titrawwem u tiġi appoġġjata. Id-derogi mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti għat-tul għandhom ikunu previsti sabiex jiġi estiż il-perjodu ta' assenza mit-territorju tal-Komunità li m'huwiex ikkunsidrat għall-kalkolu tal-perjodu ta' residenza legali u kontinwa neċessarja għall-eliġibilità għall-istatus ta' resident tal-KE għat-tul. Perjodi itwal ta' assenza minn dawk li hemm dispożizzjoni dwarhom fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE għandhom jingħataw wara ċittadini ta' pajjiżi terzi bi kwalifiki għolja jkunu kisbu l-istatus ta' residenza tal-KE għat-tul. B'mod partikolari, biex titheġġeġ il-migrazzjoni ċirkolari ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi li joriġinaw mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-użu ta' possibilitajiet offruti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE biex tippermetti perjodi itwal ta' assenza minn dawk li hemm dispożizzjoni dwarhom f'din id-Direttiva. Sabiex tkun żgurata l-konsistenza b'mod partikolar mal-iżvilupp għaddej tal-għanijiet, dawn id-derogi għandhom japplikaw biss jekk jista' jiġi ppruvat li l-persuna kkonċernata rritornat lura għall-*pajjiżha **għal raġunijiet ta' xogħol, studju jew attivitajiet ta' volontarjat***. | (17) Il-mobilità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bi kwalifiki għolja bejn il-Komunità u l-pajjiż ta' oriġini tagħhom għandha titrawwem u tiġi appoġġjata. Id-derogi mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti għat-tul għandhom ikunu previsti sabiex jiġi estiż il-perjodu ta' assenza mit-territorju tal-Komunità li m'huwiex ikkunsidrat għall-kalkolu tal-perjodu ta' residenza legali u kontinwa neċessarja għall-eliġibilità għall-istatus ta' resident tal-KE għat-tul. Perjodi itwal ta' assenza minn dawk li hemm dispożizzjoni dwarhom fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE għandhom jingħataw wara ċittadini ta' pajjiżi terzi bi kwalifiki għolja jkunu kisbu l-istatus ta' residenza tal-KE għat-tul. B'mod partikolari, biex titheġġeġ il-migrazzjoni ċirkolari ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi li joriġinaw mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-użu ta' possibilitajiet offruti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE biex tippermetti perjodi itwal ta' assenza minn dawk li hemm dispożizzjoni dwarhom f'din id-Direttiva. Sabiex tkun żgurata l-konsistenza b'mod partikolari mal-iżvilupp li għaddej tal-għanijiet, dawn id-derogi għandhom japplikaw biss jekk jista' jiġi ppruvat li l-persuna kkonċernata rritornat lura għall-*pajjiż ta' oriġini tagħha*. |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (20) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri ***għandhom joqgħodu lura milli jwettqu reklutaġġ attiv f'setturi li qed ibgħatu minn nuqqas ta' riżorsi umani fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw***. Politiki u prinċipji ta' reklutaġġ etiku ***applikabbli għall-imjegati tas-settur pubbliku u privat għandu jiġi żviluppat partikolarment fis-settur tas-saħħa, kif enfasizzat fil-konklużjoni tal-Kunsill u l-Istati Membri fl-14 ta' Mejju 2007 dwar il-Programm Ewropew għal Azzjoni biex jiġi indirizzat in-nuqqas kritiku ta' ħaddiema tas-saħħa fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (2007-2013). Dawn għandhom*** jissaħħu bl-iżvilupp ta' mekkaniżmi, linji gwida u għodod oħra biex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni ċirkolari u termporanja, ***kif ukoll miżuri oħra li jnaqqsu l-effetti negattivi u jżidu l-effetti pożittiv ta' immigrazzjoni ta' kapaċità għolja fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw***. Kwalunkwe intervent ta' dan it-tip għandu *jittieħed konformi* mal-linji tad-Dikjarazzjoni Konġunta Afrika-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp, adottata fi Tripli fit-22 u t-23 ta' Novembru 2006 *bil*-għan li *tistabbilixxi* politika komprensiva *ta'* migrazzjoni kif *stabbilit* mill-Kunsill Ewropew tal-14 u l-15 ta' Diċembru 2006. | (20) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri ***m'għandhomx ifittxu b'mod attiv li jattiraw ħaddiema kkwalifikati ħafna fis-setturi li diġà huma soġġetti, jew huma mistennija li jkunu soġġetti, għal nuqqas ta' ħaddiema kkwalifikati ħafna fil-pajjiż terz. Dan japplika għas-setturi tas-saħħa u tal-edukazzjoni b'mod partikulari. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ftehimiet ta' koperazzjoni ma' pajjiżi terzi bil-għan li jkunu ssalvagwardjati kemm il-ħtiġijiet tal-Unjoni kif ukoll l-iżvilupp tal-pajjiżi terzi li minn jiġu immigranti kkwalifikati ħafna. Il-ftehimiet ta' koperazzjoni għandhom jinkludu*** politiki u prinċipji ta' reklutaġġ etiku *u għandhom* jissaħħu bl-iżvilupp ta' mekkaniżmi, linji gwida u għodod oħra biex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni ċirkolari u termporanja ***li biha immigranti li jkunu kwalifikati ħafna jkunu jistgħu jerġgħu lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom***. Kwalunkwe intervent ta' dan it-tip għandu *jsir f'konformità* mal-linji tad-Dikjarazzjoni Konġunta Afrika-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp, adottata fi Tripli fit-22 u t-23 ta' Novembru 2006 ***u l-konklużjonijiet tal-ewwel laqgħa tal-Forum Globali dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp li sar f'Lulju 2007***, *u bil*-għan li *tkun stabbilita* politika komprensiva *tal*-migrazzjoni kif *intalab* mill-Kunsill Ewropew tal-14 u l-15 ta' Diċembru 2006. ***Barra minn hekk, l-Istati Membri, f'koperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini, għandhom joffru appoġġ konkret għat-taħriġ ta' professjonisti f'setturi ewlenin li jkunu ddgħajfu minħabba l-eżodu ta' dawk li jkollhom it-talent***. |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 — punt b**

| | |
|---|---|
| (b) "impjieg bi kwalifiki għolja" *jfisser* l-eżerċizzju ta' xogħol ġenwin u effettiv taħt id-direzzjoni ta' xi ħadd ieħor *għal liema* persuna titħallas u li għalih *huwa meħtieġ* kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla ***jew minimu ta' tliet snin esperjenza professjonali***; | (b) "impjieg bi kwalifiki għolja" *tfisser* l-eżerċizzju ta' xogħol ġenwin u effettiv ***bħala impjegat*** taħt id-direzzjoni ta' xi ħadd ieħor *li għalih* persuna titħallas u li għalih *huma meħtieġa* kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew ***kwalifiki professjonali ogħla***; |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 — punt c**

| | |
|---|---|
| (c) Il-"Karta Blu tal-UE" tfisser l-awtorizzazzjoni bl-isem ta' "Karta Blu tal-UE" li tintitola d-*detentur* jirresjedi u jaħdem legalment fit-territorju tagħha u jiċċaqlaq għal Stat Membru ieħor għal impjieg bi kwalifiki għolja ***skond il-kondizzjonijiet ta' din id-Direttiva***; | (c) Il-"Karta Blu tal-UE" tfisser l-awtorizzazzjoni bl-isem ta' "Karta Blu tal-UE" li tintitola d-*detentur tagħha biex* jirresjedi u jaħdem legalment fit-territorju tagħha u, ***skont il-Kapitolu V***, *biex* jiċċaqlaq għal Stat Membru ieħor għal impjieg bi kwalifiki għolja; |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 — punt f**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| (f) "membri tal-familja" *jfisser* iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi skond id-definizzjoni f'Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2003/86/KE. | (f) "membri tal-familja" *tfisser* iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi skont id-definizzjoni f'Artikolu 4(1), ***4(2)(b) u 4(3)*** tad-Direttiva 2003/86/KE; |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 — punt g**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| (g) "kwalifika ta' edukazzjoni ogħla" tfisser kwalunkwe lawrea, diploma jew ċertifikat ieħor maħruġ ***minn*** awtorità kompetenti li jiddikjara t-tmiem b'suċċess ta' programm ta' edukazzjoni ogħla, *notevolment* għadd ta' korsijiet ipprovduti minn stabbiliment edukattiv magħruf bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla mill-Istat li jinsab fih. Dawn il-kwalifiki jiġu kkunsidrati, għall-iskop ta' din id-Direttiva, *fuq* kondizzjoni li l-istudji meħtieġa biex jinkisbu damu minimu ta' tliet snin. | (g) "kwalifika ta' edukazzjoni ogħla" tfisser kwalunkwe lawrea, diploma jew ċertifikat ieħor maħruġ ***minn pajjiż terz u sussegwentement rikonoxxut mill***-awtorità kompetenti ***ta' Stat Membru*** li jiċċertifika t-tmiem b'suċċess ta' programm ta' edukazzjoni ogħla, *jiġifieri* għadd ta' korsijiet ipprovduti minn stabbiliment edukattiv magħruf bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla mill-Istat li jinsab fih. Dawn il-kwalifiki jiġu kkunsidrati, għall-iskop ta' din id-Direttiva, *bil*-kondizzjoni li l-istudji meħtieġa biex jinkisbu damu minimu ta' tliet snin. ***Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, sabiex issir evalwazzjoni dwar jekk ċittadin ta' pajjiż terz għandux edukazzjoni ogħla, għandha ssir referenza għall-Klassifika Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni (ISCED) 1997 livelli 5a u 6***; |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 — punt h**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| (h) "kwalifiki professjonali għolja" jfisser kwalifiki ċċertifikati b'evidenza ta' ***kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew ekwivalenti ta' minimu ta' tliet snin esperjenza professjonali***; | (h) "kwalifiki professjonali għolja" jfisser kwalifiki ċċertifikati b'evidenza ta' ***mill-inqas ħames snin ta' esperjenza professjonali ta' livell komparabbli ma' kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla, inklużi għall-anqas sentejn f'pożizzjoni superjuri***; |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 — punt i**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| (i) "esperjenza professjonali" tfisser iż-żmien attwali u legali fil-professjoni kkonċernata. | (i) "esperjenza professjonali" tfisser iż-żmien attwali u legali fil-professjoni kkonċernata, ***iċċertifikat bi kwalunkwe dokument maħruġ mill-awtoritajiet pubbliċi, pereżempju ċertifikat ta' impjieg, ċertifikat ta' assigurazzjoni soċjali jew ċertifikat tat-taxxa***; |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 — punt ia (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(ia) "professjoni regolata" tfissru attività professjonali jew grupp ta' attivitajiet professjonali li l-aċċess għalihom, l-eżerċizzju tagħhom jew wieħed mill-modi ta' eżerċizzju tagħhom huwa suġġett, direttament jew indirettament, bis-saħħa ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi għall-pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi; b'mod partikolari, l-użu ta' titlu professjonali ristrett minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi għad-detenturi ta' ċerti kwalifiki professjonali partikulari jikkostitwixxi mod ta' eżerċizzju tal-attività.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 — paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Din id-Direttiva għandha tapplika lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għad-dħul fit-territorju ta' Stat Membru għall-iskop ta' impjieg bi kwalifiki għolja. | 1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għad-dħul fit-territorju ta' Stat Membru għall-iskop ta' impjieg bi kwalifiki għolja ***kif ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma diġà legalment residenti skont skemi oħra fi Stat Membru u li japplikaw biex ikollhom Karta Blu tal-UE***. |

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 — paragrafu 2 — punt a**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (a) jirresjedu fi Stat Membru bħala applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew taħt skemi ta' protezzjoni temporanji; | (a) jirresjedu fi Stat Membru bħala applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew taħt skemi ta' protezzjoni temporanji ***jew li, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet, ikunu applikaw għal permess ta' residenza u li ma tkunx għadha ttieħdet deċiżjoni dwar l-istatus tagħhom***; |

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 — paragrafu 2 — punt b**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (b) jkunu ***refuġjati jew*** ikunu applikaw għar-rikonoxximent bħala refuġjati u li l-applikazzjoni tagħhom tkun *għada* ma tatx lok għal deċiżjoni finali; | (b) ikunu applikaw għar-rikonoxximent bħala refuġjati u li l-applikazzjoni tagħhom tkun *għadha* ma tatx lok għal deċiżjoni finali; |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 — paragrafu 2 — punt f**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (f) li jidħlu fi Stat Membru taħt impenji li jinsabu fi *ftehim* internazzjonali li *jiffaċilita* d-dħul u r-residenza temporanja ta' *persuni naturali minn ċerti kategoriji ta'* negozju u relatati mal-investiment; | (f) li jidħlu fi Stat Membru taħt impenji li jinsabu fi *ftehima* internazzjonali li *tiffaċilita* d-dħul u r-residenza temporanja ta' ċerti kategoriji ta' persuni naturali tan- negozju u relatati mal-investiment, ***b'mod partikolari, impjegati trasferiti internament f'kumpanija, dawk li jipprovdu servizzi kontrattwali u apprendisti bi kwalifiki edukattivi ogħla li huma koperti mill-obbligi tal-Komunità skond il-Ftehima Ġenerali dwar il-Kummerċ tas-Servizzi (GATS)***; |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 — paragrafu 2 — punt ga (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(ga) li jkunu ngħataw permess jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru bħala ħaddiema staġjunali.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 — paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Din id-Direttiva *hija* bla ħsara għal kwalunkwe ftehim futur bejn il-Komunità jew bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha fuq naħa u pajjiż jew pajjiżi terzi fuq naħa oħra, li jagħmlu lista tal-professjonijiet li ma jaqgħux taħt din id-Direttiva sabiex jiżgura reklutaġġ etiku, f'setturi li *fihom hemm* nuqqas ta' persunal, billi jitħarsu r-riżorsi umani fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, firmatarji ta' dawn il-ftehimiet. | 3. Din id-Direttiva *għandha tkun* bla ħsara għal kwalunkwe ftehim futur bejn il-Komunità jew bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha fuq naħa u pajjiż jew pajjiżi terzi fuq naħa oħra, li jagħmlu lista tal-professjonijiet li ma jaqgħux taħt din id-Direttiva sabiex ikun żgurat reklutaġġ etiku, f'setturi li *jkunu qed ibatu min*-nuqqas ta' persunal, ***f'setturi vitali għall-kisba tal-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp tan-NU, b'mod partikulari s-setturi tas-saħħa u tal-edukazzjoni, u fis-setturi vitali għall-kapaċità tal-pajjiżi terzi li jwasslu servizzi soċjali bażiċi***, billi jitħarsu r-riżorsi umani fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, firmatarji ta' dawn il-ftehimiet. |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 — paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Din id-Direttiva *ma taffettwax id*-dritt *ta' Stati* Membri li jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet *iktar favorevoli* dwar ***kondizzjonijiet ta' dħul u residenza għal*** persuni li *tapplika*, ***ħlief għad-dħul fl-ewwel*** Stat Membru. | 2. Din id-Direttiva *m'għandhiex taffettwa d*-dritt *tal-Istati* Membri li jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet dwar persuni li *għalihom tapplika* ***din id-Direttiva*** *li jkunu* iktar favorevoli ***mid-dispożizzjonijiet li ġejjin***:<br><br>***(a) l-Artikolu 5 (2) fil-każ ta' residenza fit-tieni*** Stat Membru;<br><br>***(b) l-Artikoli 12, 13(1) u (2), 14, 16, 17(4) u 20.*** |

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 — paragrafu 1 — punt a**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (a) jippreżenta kuntratt ***validu*** ta' xogħol jew offerta ta' impjieg li torbot ta' *minimu* sena fl-Istat Membru kkonċernat; | (a) jippreżenta kuntratt ta' xogħol ***għal impjieg bi kwalifika għolja li jkun validu skont il-liġi nazzjonali*** jew offerta ta' impjieg li torbot ta' *mill-inqas* sena fl-Istat Membru kkonċernat; |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 — paragrafu 1 — punt c**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***(c) għall-professjonijiet mhux irregolati, jippreżenta d-dokumenti li jiċċertifikaw il-kwalifiki professjonali għolja rilevanti fl-attività professjonali jew is-settur speċifikat fil-kuntratt ta' xogħol jew fl-offerta ta' impjieg li torbot;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 — paragrafu 1 — punt e**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (e) jippreżenta prova li għandu assigurazzjoni għall-mard għall-applikant u għall-familja tiegħu/tagħha għar-riskji kollha normalment koperti għaċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat għall-perjodi fejn kopertura minn assigurazzjoni u l-benefiċċji ekwivalenti m'humiex ipprovduti b'konnessjoni ma' kuntratt tax-xogħol, jew jirriżultaw minnu. | (e) jippreżenta prova li għandu assigurazzjoni għall-mard għall-applikant u għall-familja tiegħu/tagħha għar-riskji kollha normalment koperti għaċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat għall-perjodi fejn kopertura minn assigurazzjoni u l-benefiċċji ***tal-assigurazzjoni tal-mard*** ekwivalenti m'humiex ipprovduti b'konnessjoni ma' kuntratt tax-xogħol, jew jirriżultaw minnu. |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 — paragrafu 1 — punt (f)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (f) li l-persuna kkonċernata ma tikkostitwixxix theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika. | (f) li l-persuna kkonċernata, ***minħabba raġunijiet li jistgħu jintwerew b'mod oġġettiv***, ma tikkostitwixxix theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika. |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 — paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Barra mill-kondizzjonijiet stipulati fl-1 paragrafu, is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew offerta ta' impjieg li torbot m'għandhiex tkun inqas ***mill-livell*** nazzjonali ***ta' salarju*** definit u ppublikat għall-iskop tal-Istati Membri li għandu jkun mill-inqas ***tliet*** darbiet *il-minimu* tal-paga ***minima*** gross ***kif stipulat fil-liġi nazzjonali***. | 2. Barra mill-kondizzjonijiet stipulati fl-1 paragrafu, is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew offerta ta' impjieg li torbot m'għandux ikun inqas ***minn livell*** nazzjonali definit u ppublikat għal dan l-iskop mill-Istati Membri li għandu jkun mill-inqas ***1,7*** darbiet tal-paga gross *fix-xahar* ***jew tal-pagi medji annwali fl-Istat Membru konċernat, u m'għandux ikun inqas mill-pagi li japplikaw għal ħaddiem kumparabbli fil-pajjiż ospitanti***. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***L-Istati Membri fejn il-pagi minimi m'humiex iddefiniti għandhom jistabbilixxu l-livell nazzjonali ta' salarju sabiex ikun mill-inqas tliet darbiet id-dħul minimu li bih iċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat huma intitolati għal għajnuna soċjali f'dak l-Istat Membru.*** | |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 5a*** |
| | ***Nevitaw nuqqas ta' ħaddiema bi kwalifiki għolja f'pajjiżi terzi*** |
| | ***L-Istati Membri m'għandhomx ifittxu b'mod attiv li jattiraw ħaddiema bi kwalifiki għolja fis-setturi li diġà huma suġġetti, jew huma mistennija li jkunu suġġetti, għal nuqqas ta' ħaddiema bi kwalifiki għolja fil-pajjiż terz. Dan japplika għas-setturi tas-saħħa u tal-edukazzjoni b'mod partikulari.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***Artikolu 6*** | ***imħassar*** |
| ***Deroga*** | |
| ***Jekk l-applikazzjoni hija ppreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz ta' inqas minn 30 sena u li għandu kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla, japplikaw id-derogi li ġejjin:*** | |
| ***(a) L-Istati Membri għandhom iqiesu sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5(2) jekk is-salarju gross fix-xahar offrut huwa ekwivalenti għal mill-inqas żewġ terzi tal-livell nazzjonali tas-salarju definit skond Artikolu 5(2);*** | |
| ***(b) L-Istati Membri jistgħu ma japplikawx il-kondizzjoni ta' salarju imniżżla fl-Artikolu 5(2) fuq kondizzjoni li l-applikant ikun temm edukazzjoni ogħla fil-post ta' studju u kiseb lawrea ta' Baċċellerat jew Masters f'istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla li tinsab fit-territorju tal-Komunità.*** | |
| ***(c) L-Istati Membri ma jitolbux prova ta' esperjenza professjonali minbarra l-kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla, sakemm dan huwa meħtieġ biex jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-eżerċizzju miċ-ċittadini tal-UE tal-professjoni rregolata speċifikata fil-kuntratt ta' xogħol jew l-offerta' ta' impjieg li torbot.*** | |

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 — paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Il-validità inizjali tal-Karta Blu tal-UE tkun ta' ***sentejn*** u tiġġedded mill-inqas ***għall-istess ammont***. Jekk il-kuntratt ta' xogħol ikopri perjodu ta' inqas minn ***sentejn***, il-Karta Blu tal-UE tingħata għat-tul ta' żmien tal-kuntratt ta' xogħol b'żieda ta' ***tliet*** xhur. | 2. Il-validità inizjali tal-Karta Blu tal-UE tkun ta' ***tliet*** snin u tiġġedded mill-inqas ***għal sentejn oħra***. Jekk il-kuntratt ta' xogħol ikopri perjodu ta' inqas minn ***tliet snin***, il-Karta Blu tal-UE għandha tingħata għat-tul ta' żmien tal-kuntratt ta' xogħol b'żieda ta' ***sitt*** xhur. |

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 — paragrafu 2a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2a. Wara 36 xahar ta' residenza legali fi Stat Membru bħala detentur ta' Karta Blu tal-UE, il-persuna kkonċernata għandha titħalla tagħmel xogħol ta' kwalifiki għolja fi Stat Membru ieħor waqt li tkun residenti fl-ewwel Stat Membru. Dettalji ulterjuri dwar l-ivvjaġġar transkonfinali huma stipulati fid-Direttiva …/…/KE [dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jirresjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar għadd komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjizi terzi li joqogħdu legalment fi Stat Membru].*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 — paragrafu 2 — subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Qabel ma tittieħed id-deċiżjoni dwar applikazzjoni għal Karta *Blue* tal-UE, l-Istati Membri jistgħu jeżaminaw is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tagħhom u japplikaw il-proċeduri nazzjonali ***tagħhom*** dwar il-kondizzjonijiet għal mili ta' pożizzjoni battala. | 2. Qabel ma tittieħed id-deċiżjoni dwar applikazzjoni għal Karta *Blu* tal-UE, l-Istati Membri jistgħu jeżaminaw is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tagħhom u japplikaw il-proċeduri nazzjonali ***u Komunitarji*** dwar il-kondizzjonijiet għal mili ta' pożizzjoni battala. ***Id-deċiżjoni diskrezzjonali tagħhom għandha tikkunsidra d-domanda għall-ħaddiema fil-livell nazzjonali u reġjonali***. |

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 — paragrafu 2 — subparagrafu 1a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jirrifjutaw applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE sabiex jevitaw esodu tal-imħuħ f'setturi li jbatu minn nuqqas ta' persunal ikkwalifikat fil-pajjiżi tal-oriġini.*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 9 — paragrafu 2 — subparagrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Għal raġunijiet ta' politika tas-suq tax-xogħol, l-Istati Membri ***jistgħu*** jagħtu preferenza lil ċittadini tal-Unjoni, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, fejn hemm provvediment dwar dan fil-leġislazzjoni tal-Komunità, kif ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment u li jirċievu l-benefiċċji tal-qgħad fl-Istati Membri konċernati. | Għal raġunijiet ta' politika tas-suq tax-xogħol, l-Istati Membri ***għandhom*** jagħtu preferenza lil ċittadini tal-Unjoni, ***u jistgħu jagħtu preferenza*** lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, fejn hemm provvediment dwar dan fil-leġislazzjoni tal-Komunità, kif ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment u li jirċievu l-benefiċċji tal-qgħad fl-Istati Membri konċernati |
| | ***L-Istati Membri għandhom jirrifjutaw applikazzjonijiet għal Karta Blu tal-UE fis-setturi tas-swieq tax-xogħol li l-aċċess għalihom minn ħaddiema minn Stati Membri oħra huwa ristrett minħabba arranġamenti tranżizzjonali stipulati fl-Atti tal-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 u tal-25 ta' April 2005.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jirtiraw jew jirrifjutaw li jġeddu Karta Blu tal-UE maħruġa fuq il-bażi ta' din id-Direttiva ***fil-każijiet li ġejjin***: | 1. L-Istati Membri għandhom jirtiraw jew jirrifjutaw li jġeddu Karta Blu tal-UE maħruġa fuq il-bażi ta' din id-Direttiva meta ***l-Karta l-Blu tal-UE*** tkun inkisbet b'mod frawdolenti, jew iffalsifikata jew imbagħbsa. |
| ***(a)*** meta ***din*** tkun inkisbet b'mod frawdolenti, jew iffalsifikata jew imbagħbsa, ***jew*** | ***(1a.) L-Istati Membri jistgħu jirtiraw jew jirrifjutaw li jġeddu Karta Blu tal-UE li tkun inħarġet fuq il-bażi ta' din id-Direttiva fil-każijiet li jmiss:*** |
| ***(b)*** meta jidher li d-detentur ma *laqax* jew m'għadux *jilqa'* l-kondizzjonijiet għal dħul u residenza stipulati fl-Artikoli 5 u 6 jew li qed jirresjedi għal skopijiet oħra minbarra dak li għalih ingħata awtorizzazzjoni għal residenza. | ***(a)*** meta jidher li d-detentur ma *jissodisfax* jew m'għadux *jissodisfa* l-kondizzjonijiet għal dħul u residenza stipulati fl-Artikoli 5 u 6 jew li qed jirresjedi għal skopijiet oħra minbarra dak li għalih ingħata awtorizzazzjoni għal residenza; |
| ***(c)*** meta d-detentur ma rrispettax il-limitazzjonijiet stipulati fl-Artikoli 13(1) u (2) u 14. | ***(b)*** meta d-detentur ma rrispettax il-limitazzjonijiet stipulati fl-Artikoli 13(1) u (2) u 14. |

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 — paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. L-Istat Membri jistgħu jirtiraw jew jirrifjutaw li jġeddu Karta Blu tal-UE ***għal raġunijiet*** ta' politika pubblika, ***sigurtà*** pubblika jew saħħa pubblika. | 3. L-Istati Membri jistgħu jirtiraw jew jirrifjutaw li jġeddu Karta Blu tal-UE ***biss jekk ikun hemm theddida għall-implimentazzjoni*** ta' politika pubblika, ***jew għas-sigurtà*** pubblika jew saħħa pubblika ***li tkun tista' tintwera b'mod oġġettiv***. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 11 — paragrafu 3 — subparagrafu 1a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Meta Stat Membru joħroġ Karta Blu tal-UE, huwa jimpenja ruħu li joħroġ id-dokumentazzjoni u l-viżi relevanti, fejn dan ikun japplika, malajr kemm jista' jkun, iżda mill-inqas f'perjodu ta' żmien raġonevoli qabel ma l-applikant jibda l-impjieg li fuq il-bażi tiegħu tkun ħarġet il-Karta Blu tal-UE, sakemm l-Istat Membru ma jkunx jista' raġonevolment jiġi mistenni li jagħmel dan, jew minħabba li l-applikazzjoni għall-Karta Blu tal-UE tkun saret tard jew min-naħa ta' min iħaddem jew min-naħa taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 — paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Jekk l-informazzjoni pprovduta mal-applikazzjoni m'hijiex adegwata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-applikant dwar l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa. Il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi sospiż sakemm l-awtoritajiet ikunu rċevew l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa. | 2. Jekk l-informazzjoni pprovduta mal-applikazzjoni m'hijiex adegwata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-applikant ***malajr kemm jista' jkun*** dwar l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa. Il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi sospiż sakemm l-awtoritajiet ikunu rċevew l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa. |

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 — paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE, jew nuqqas ta' tiġdid jew irtirar ta' Karta Blu tal-UE, għandha tiġi nnotifikata bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u, fejn dan ikun relevanti, lil min ikun ser jimpjegah skond il-proċeduri ta' notifika skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti u din tista' tiġi kkontestata quddiem ***il-qrati*** tal-Istat Membru kkonċernat. In-notifikazzjoni għandha tispeċifika r-raġunijiet għad-deċiżjoni, il-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u l-limitu ta' żmien biex tittieħed dik l-azzjoni. | 3. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE, jew nuqqas ta' tiġdid jew irtirar ta' Karta Blu tal-UE, għandha tiġi nnotifikata bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u, fejn dan ikun relevanti, lil min ikun ser jimpjegah skond il-proċeduri ta' notifika skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti u din tista' tiġi kkontestata quddiem ***l-awtorità kompetenti*** tal-Istat Membru kkonċernat ***li tkun maħtura skont il-liġi nazzjonali***. In-notifikazzjoni għandha tispeċifika r-raġunijiet għad-deċiżjoni, il-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u l-limitu ta' żmien biex tittieħed dik l-azzjoni. |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 — paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 1. Għall-ewwel sentejn ta' residenza legali fl-Istat Membru kkonċernat bħala detentur tal-Karta Blu tal-UE, l-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-persuna kkonċernata jkun ristrett għall-eżerċizzju ta' attivitajiet ta' impjieg imħallas li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għad-dħul stipulati fl-Artikoli 5 u 6. Tibdil fit-termini tal-kuntratt tax-xogħol li jaffettwaw il-kondizzjonijiet għad-dħul jew tibdil fir-relazzjoni tax-xogħol għandhom ikunu ***soġġetti għall-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet*** kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza, skond il-proċeduri nazzjonali u fil-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 12(1). | 1. Għall-ewwel sentejn ta' residenza legali fl-Istat Membru kkonċernat bħala detentur tal-Karta Blu tal-UE, l-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-persuna kkonċernata jkun ristrett għall-eżerċizzju ta' attivitajiet ta' impjieg imħallas li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għad-dħul stipulati fl-Artikoli 5 u 6. Tibdil fit-termini tal-kuntratt tax-xogħol li jaffettwaw il-kondizzjonijiet għad-dħul jew tibdil fir-relazzjoni tax-xogħol għandhom ikunu ***notifikati bil-quddiem***, *bil-miktub*, ***lill-awtoritajiet*** kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza, skond il-proċeduri nazzjonali u fil-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 12(1). |

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 — paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 2. Wara l-ewwel sentejn ta' residenza legali fl-Istat Membru kkonċernat bħala detentur ta' Karta Blu tal-UE, il-persuna kkonċernata għandha tgawdi minn trattament ugwali bħaċ-ċittadini ***f'dak li jirrigwarda aċċess għal impjieg bi kwalifiki għolja. Id-detentur tal-Karta Blu tal-UE għandu jgħarraf l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza dwar tibdil fir-relazzjoni tax-xogħol tiegħu, skont il-proċeduri nazzjonali***. | 2. Wara l-ewwel sentejn ta' residenza legali fl-Istat Membru kkonċernat bħala detentur ta' Karta Blu tal-UE, il-persuna kkonċernata għandha tgawdi minn trattament ugwali bħaċ-ċittadini. |

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 — paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 1. Il-qgħad fih innifsu m'huwiex raġuni biex tkun ***irrevokata*** Karta Blu tal-UE, sakemm il-perjodu ta' qgħad ma jkunx iktar minn ***tliet*** xhur ***konsekutivi***. | 1. Il-qgħad fih innifsu m'huwiex raġuni biex tkun ***irtirata*** Karta Blu tal-UE ***jew biex din ma tiġġeddidx***, sakemm il-perjodu ta' qgħad ma jkunx iktar minn ***sitt*** xhur *konsekuttivi*. |

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 — paragrafu 1a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***1a. Dententur ta' Karta l-Blu tal-UE għandu jkollu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istati Membri sakemm ikun qed iwettaq attivitajiet ta' taħriġ bil-għan li jkompli jżid il-kapaċitajiet professjonali tiegħu jew għal kwalifika mill-ġdid tal-profil professjonali tiegħu.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 — paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Matul ***dan il-perjodu***, id-detentur tal-Karta Blu tal-UE jingħata permess ifittex u jaċċetta impjieg *il-kondizzjonijiet* stipulati fl-Artikolu 13(1) jew (2) skond liema jkun applikabbli. | 2. Matul ***il-perjodi msemmija fil-paragrafi 1 u 1a***, id-detentur tal-Karta Blu tal-UE għandu jingħata permess biex ifittex u jaċċetta impjieg ***bi kwalifiki għolja*** *bil-kondizzjonijiet* stipulati fl-Artikolu 13(1) jew (2) skond liema jkun applikabbli. |

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 — paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***2. l-Istati Membri jistgħu jillimitaw id-drittijiet mogħtija skond il-paragrafi 1(b) u (h) f'dak li jirrigwarda boroż ta' studju u proċeduri għall-kisba ta' akkomodazzjoni pubblika għall-każijiet fejn id-detentur ta' Karta Blu tal-UE ilu joqgħod jew għandu d-dritt li joqgħod fit-territorju tiegħu għal minimu ta' tliet snin.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 — paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***3. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw trattament ugwali fuq il-post tax-xogħol f'dak li jirrigwarda għajnuna soċjali għall-każijiet fejn id-detentur ta' Karta Blu tal-UE ingħata status ta' resident tal-KE għal żmien twil skond l-Artikolu 17.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 — paragrafu 2a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2a. L-Artikolu 8(2) għandu jiġi interpretat li jfisser li detentur ta' Karta Blu tal-UE għandu jkun irrisjeda legalment fit-territorju tal-ewwel Stat Membru għall-perjodu ta' validità tal-Karta Blu tal-UE, inkluż it-tiġdid tagħha.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 — paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 4. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva 2003/109/KE, l-Istati Membri ***għandhom*** iġeddu b'24 xahar il-perjodu ta' assenza permess lil detentur ta' Karta Blu tal-UE u tal-membri tal-familja tiegħu/tagħha li ngħataw status ta' residenti tal-KE għat-tul mit-territorju tal-Komunità. | 4. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva 2003/109/KE, l-Istati Membri ***jistgħu*** iġeddu b'24 xahar il-perjodu ta' assenza permess lil detentur ta' Karta Blu tal-UE u tal-membri tal-familja tiegħu/tagħha li ngħataw status ta' residenti tal-KE għat-tul mit-territorju tal-Komunità. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 52**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 — paragrafu 5**

| | |
|---|---|
| 5. Id-derogi mid-Direttiva 2003/109/KE stipulati fil-paragrafi 3 u 4 għandhom japplikaw biss f'każijiet fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jista' jippreżenta evidenza li hu/hi kien assenti mit-territorju tal-Komunità biex jeżerċita attività ekonomika f'kapaċità ta' impjegat jew impjieg għal rasu, jew biex iwettaq servizz volontarju jew biex jistudja ***fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu/tagħha***. | 5. Id-derogi mid-Direttiva 2003/109/KE stipulati fil-paragrafi 3 u 4 għandhom japplikaw biss f'każijiet fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jista' jippreżenta evidenza li hu/hi kien assenti mit-territorju tal-Komunità biex jeżerċita, ***fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu/tagħha***, attività ekonomika f'kapaċità ta' impjegat jew impjieg għal rasu, jew biex iwettaq servizz volontarju jew biex jistudja, ***biex jħeġġeġ il-mobilità ċirkulari ta' dawn il-professjonisti, kif ukoll l-involviment sussegwenti tal-istess ħaddiema migranti f'attivitajiet ta' taħriġ, ta' riċerka u dawk tekniċi fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom***. |

**Emenda 53**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 — paragrafu 3 — parti introduttorja**

| | |
|---|---|
| 3. Skond il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 12, it-tieni Stat Membru għandu jipproċessa ***n-notifika*** u jinforma bil-miktub l-applikant u l-ewwel Stat Membru dwar id-deċiżjoni tiegħu li: | 3. Skond il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 12, it-tieni Stat Membru għandu jipproċessa ***l-applikazzjoni u d-dokumenti elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu*** u jinforma bil-miktub l-applikant u l-ewwel Stat Membru dwar id-deċiżjoni tiegħu li: |

**Emenda 54**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 — paragrafu 3 — punt b**

| | |
|---|---|
| (b) jirrifjuta li joħroġ Karta Blu tal-UE ***u*** jobbliga lill-applikant u l-membri tal-familja tiegħu, skond il-proċeduri pprovduti mil-liġi nazzjonali, inkluż il-proċeduri ta' tkeċċija, biex jitlaq mit-territorju tiegħu ***jekk il-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu m'humiex sodisfatti***. L-ewwel Stat Membru għandu jdaħħal immedjatament u mingħajr formalitajiet id-detentur tal-Karta Blu tal-UE u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 japplikaw wara d-dħul mill-ġdid. | (b) jirrifjuta li joħroġ Karta Blu tal-UE, ***jekk il-kundizzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu ma jiġux issodisfati jew jekk ikun hemm raġuni biżżejjed biex ma tinħariġx skont l-Artikolu 9. F'dan il-każ, l-Istat Membru għandu*** jobbliga lill-applikant, ***jekk dan ikun diġà jinsab fit-territorju tiegħu***, u l-membri tal-familja tiegħu, skond il-proċeduri pprovduti mil-liġi nazzjonali, inkluż il-proċeduri ta' tkeċċija, biex jitlaq mit-territorju tiegħu. L-ewwel Stat Membru għandu jdaħħal immedjatament u mingħajr formalitajiet id-detentur tal-Karta Blu tal-UE u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 japplikaw wara d-dħul mill-ġdid. |

**Emenda 75**
**Proposta għal direttiva**
**Article 20 — paragraph 2**

| | |
|---|---|
| 2. F'każijiet fejn Stat Membru jiddeċiedi li japplika r-restrizzjonijiet dwar aċċess għas-suq tax-xogħol previst fl-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2003/109/KE, ***tingħata*** preferenza għad-detenturi tal-permess ta' residenza "resident tal-KE għat-tul/detentur tal-Karta Blu tal-UE" fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għar-residenza hemmhekk għall-istess skopijiet. | 2. F'każijiet fejn Stat Membru jiddeċiedi li japplika r-restrizzjonijiet dwar aċċess għas-suq tax-xogħol previst fl-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2003/109/KE, ***jista' jagħti*** preferenza għad-detenturi tal-permess ta' residenza "resident tal-KE għat-tul/detentur tal-Karta Blu tal-UE" fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għar-residenza hemmhekk għall-istess skopijiet ***f'sitwazzjonijiet fejn żewġ kandidati jew iżjed ikunu kkwalifikati tajjeb b'mod indaqs għall-impjieg***. |

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 22 — paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra jekk miżuri leġiżlattivi jew regolatorji huma ppromulgati fir-rigward tal-Artikoli 7, 9(2), 19(5) u 20 permezz tan-netwerk stabbilit bid-Deċiżjoni 2006/688/KE. | 1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra jekk miżuri leġiżlattivi jew regolatorji huma ppromulgati fir-rigward tal-Artikoli 7, 9(2), 19(5) u 20 permezz tan-netwerk stabbilit bid-Deċiżjoni 2006/688/KE ***u għandhom jidentifikaw il-miżuri speċifiċi konċernati***. |

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 22 — paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Kull sena, u għall-ewwel darba mhux iktar tard mill-1 ta' April [sena wara d-data ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-istatistiċi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra permezz tan-netwerk stabbilit bid-Deċiżjoni 2006/688/KE dwar il-volumi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw, li ġġedditilhom jew li ċċaħditilhom Karta Blu tal-UE matul is-sena kalendarja ta' qabel, bl-indikazzjoni tan-nazzjonalità tagħhom u l-impjieg. Statistika dwar membri tal-familja li jidħlu għandhom jiġu kkomunikati wkoll. Għad-detenturi tal-Karta Blu tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom li jidħlu skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 19 sa 21, l-informazzjoni pprovduta għandha wkoll tispeċifika l-Istat Membru ta' residenza preċedenti. | 3. Kull sena, u għall-ewwel darba mhux iktar tard mill-1 ta' April [sena wara d-data ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-istatistiċi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra permezz tan-netwerk stabbilit bid-Deċiżjoni 2006/688/KE dwar il-volumi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw, li ġġedditilhom jew li ċċaħditilhom Karta Blu tal-UE matul is-sena kalendarja ta' qabel, bl-indikazzjoni tan-nazzjonalità u l-impjieg tagħhom ***b'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali***. Statistika dwar membri tal-familja li jitħallew jidħlu għandha tiġi kkomunikata wkoll ***bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni li tikkonċerna l-impjieg tagħhom***. Għad-detenturi tal-Karta Blu tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom li jidħlu skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 19 sa 21, l-informazzjoni pprovduta għandha wkoll tispeċifika l-Istat Membru ta' residenza preċedenti. |

---

## Proċedura unika ta' applikazzjoni għal permess uniku *

P6_TA(2008)0558

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi proċedura unika ta' applikazzjoni għal permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jgħixu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru kif ukoll dwar ġabra komuni ta' drittijiet għall-ħaddiema minn pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu legalment fi Stat Membru (COM(2007)0638 — C6-0470/2007 — 2007/0229(CNS))**

(2010/C 16 E/42)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0638),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 63(3)(a) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0470/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u għall-Affarijiet Soċjali (A6-0431/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 7 a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(7a)* ***Il-perjodu ta' validità tal-permess uniku għandu jkun stabbilit minn kull Stat Membru.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 10**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (10) Iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi b'residenza legali u b'xogħol fl-Istati Membri għandhom igawdu *mill-inqas l-istess* ġabra komuni ta' drittijiet fil-forma ta' trattament ugwali maċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti rispettiv, irrispettivament mill-għan inizjali tal-ammissjoni jew il-bażi għaliha. Id-dritt għat-trattament ugwali fl-oqsma speċifikati minn din id-Direttiva għandu jingħata mhux biss lil dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru biex jaħdmu iżda wkoll lil dawk kollha li ġew ammessi għal skopijiet oħra u ngħataw aċċess għas-suq tax-xogħol ta' dak l-Istat Membru skont leġiżlazzjoni oħra tal-Komunità jew nazzjonali inklużi l-membri tal-familja ta' ħaddiem ta' pajjiż terz li huma ammessi fl-Istat Membru skont id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għar-reunifikazzjoni tal-familja, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ammessi fit-territorju ta' Stat Membru skont id-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar il-kondizzjonijiet ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' studju, skambju tal-istudenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju u r-riċerkaturi ammessi skont id-Direttiva tal-Kunsill 2005/71/KE tat-12 ta' Ottubru 2005 dwar proċedura speċifika għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' riċerka xjentifika. | (10) Iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi b'residenza legali u b'xogħol fl-Istati Membri għandhom igawdu *tal-anqas mill-istess* ġabra komuni ta' drittijiet ***relatati mal-impjieg*** fil-forma ta' trattament ugwali maċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti rispettiv, irrispettivament mill-għan inizjali tal-ammissjoni jew il-bażi għaliha. Id-dritt għat-trattament ugwali fl-oqsma speċifikati minn din id-Direttiva għandu jingħata mhux biss lil dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru biex jaħdmu iżda wkoll lil dawk kollha li ġew ammessi għal skopijiet oħra u ngħataw aċċess għas-suq tax-xogħol ta' dak l-Istat Membru skont leġiżlazzjoni oħra tal-Komunità jew nazzjonali inklużi l-membri tal-familja ta' ħaddiem ta' pajjiż terz li huma ammessi fl-Istat Membru skont id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għar-reunifikazzjoni tal-familja, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ammessi fit-territorju ta' Stat Membru skont id-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar il-kondizzjonijiet ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' studju, skambju tal-istudenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju u r-riċerkaturi ammessi skont id-Direttiva tal-Kunsill 2005/71/KE tat-12 ta' Ottubru 2005 dwar proċedura speċifika għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' riċerka xjentifika. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (13) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru ***għal perjodu ta' mhux aktar minn 6 xhur fi kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar*** biex jaħdmu fuq bażi staġjonali m'għandhomx ikunu koperti mid-Direttiva minħabba l-istatus temporanju tagħhom. | (13) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru biex jaħdmu fuq bażi staġjonali m'għandhomx ikunu koperti mid-Direttiva minħabba l-istatus temporanju tagħhom ***kif ukoll minħabba l-fatt li se jiġu ttrattati f'direttiva speċifika***. |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13 a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(13a) Il-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja għandhom ikunu suġġetti għal din id-Direttiva f'dak li jirrigwarda l-ġabra komuni ta' drittijiet, minħabba li dawn huma awtorizzati li jaħdmu b'mod legali fit-territorju ta' Stat Membru.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18 a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(18a) Din id-Direttiva għandha tkun implimentata mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet aktar favorevoli li jinsabu fil-leġiżlazzjoni u fl-istrumenti internazzjonali tal-Unjoni Ewropea.*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18 b (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(18b) L-Istati Membri għandhom jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti u tal-Membri Familjari tagħhom, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-18 ta' Diċembru 1990.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| | |
|---|---|
| (19) L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew oħrajn, sħubija f'minoranza nazzjonali, ġid, twelid, diżabilitajiet, età jew orjentazzjoni sesswali partikolarment skont id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol. | (19) L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew oħrajn, sħubija f'minoranza nazzjonali, ġid, twelid, diżabilitajiet, età jew orjentazzjoni sesswali partikolarment skont id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, ***u bi qbil mal-leġiżlazzjoni futura f'dan il-qasam, bħall-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426)***. |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 — punt a**

| | |
|---|---|
| *(a)* proċedura unika ta' applikazzjoni għall-ħruġ ta' permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex ikunu jistgħu jgħixu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru, sabiex tkun simplifikata ***l***-ammissjoni tagħhom u jiġi ffaċilitat il-kontroll tal-istatus tagħhom u; | *(a)* proċedura unika ta' applikazzjoni għall-ħruġ ta' permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex ikunu jistgħu jgħixu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru, sabiex tkun simplifikata ***l-proċedura ta'*** ammissjoni tagħhom u jiġi ffaċilitat il-kontroll tal-istatus tagħhom u; |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 — punt b**

| | |
|---|---|
| *(b)* ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu legalment fi Stat Membru. | *(b)* ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu legalment fi Stat Membru, ***irrispettivament mill-għanijiet li għalihom kienu ammessi inizjalment fit-territorju ta' Stat Membru***. |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 — paragrafu 1a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Din id-direttiva ma tbiddilx il-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għas-swieq tax-xogħol tagħhom.*** |

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 — punt d**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (d) "Proċedura unika ta' applikazzjoni": tfisser kwalunkwe proċedura li twassal, ***abbażi tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' residenza u tax-xogħol ta' ċittadin minn pajjiż terz fit-territorju ta' Stat Membru***, għal deċiżjoni dwar permess uniku għal dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz. | (d) "Proċedura unika ta' applikazzjoni": tfisser kwalunkwe proċedura li twassal għal deċiżjoni dwar permess uniku ***li tawtorizza*** ċittadin ta' pajjiż terz ***biex jgħix u jaħdem fit-territorju ta' Stat Membru, fuq il-bażi ta' applikazzjoni magħmula minn dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew minn min ikun se jimpjegah***. |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 — paragrafu da (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***da) "xogħol tal-fruntiera": tfisser it-twettiq ta' xogħol fi Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru ta' residenza min-naħa ta' ħaddiem tal-fruntiera skont it-tifsira tal-Artikolu 1(b) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 — paragrafu 1 — punt (b)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (b) għall-ħaddiema ta' pajjiżi terzi b'residenza legali fi Stat Membru. | (b) għall-ħaddiema ta' pajjiżi terzi b'residenza legali fi Stat Membru, ***irrispettivament mill-għanijiet li għalihom kienu ammessi inizjalment fit-territorju ta' Stat Membru***. |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 — paragrafu 2 — parti introduttorja**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Din ***id***-Direttiva ***ma tapplikax*** għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li: | 2. ***Id-dispożizzjonijiet ta'*** din ***id***-Direttiva ***dwar il-proċedura ta' applikazzjoni unika biex jinħareġ permess uniku li jawtorizza ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru ma japplikawx*** għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li: |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 — paragrafu 2 d**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (d) ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru ***għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar*** biex jaħdmu fuq bażi staġjonali; | (d) li ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru biex jaħdmu fuq bażi staġjonali; |

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 — paragrafu 2 — punt da (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | ***(da) li ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru biex jaħdmu hemm għal mhux aktar minn sitt xhur, esklussivament fir-rigward tal-qasam tal-proċedura ta' applikazzjoni unika;*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 — paragrafu 2 — punt f**

| | |
| --- | --- |
| f) jgħixu fi Stat Membru bħala applikanti għal protezzjoni internazzjonali ***jew taħt skemi ta' protezzjoni temporanja***; | f) jgħixu fi Stat Membru bħala applikanti għal protezzjoni internazzjonali; |

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 — paragrafu 1a (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | ***1a. Hija r-responsabilità tal-Istati Membri li jiddeterminaw jekk l-applikazzjoni għall-permess uniku għandhiex issir miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, mill-persuna li tkun se timpjegah, jew minn kwalunkwe minn dawn it-tnejn.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 — paragrafu 1b (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | ***1b. F'każ li l-applikazzjoni għall-permess uniku issir miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, din l-applikazzjoni għandha tkun tista' ssir u tiġi eżaminata kemm meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jgħix barra mit-territorju tal-Istat Membru fejn huwa jixtieq jidħol, kif ukoll meta huwa diġà jinsab legalment fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 — paragrafu 2 — subparagrafu 1a (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | ***F'każ li l-permess tal-applikant jiskadi qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-applikazzjoni tiegħu, l-Istat Membru inkarigat biex jeżamina l-applikazzjoni għandu jawtorizza lill-persuna kkonċernata, u fejn applikabbli lill-familja tiegħu, biex tgħix legalment fit-territorju tiegħu sakemm tkun ittieħdet deċiżjoni rigward l-applikazzjoni tiegħu għal tiġdid tal-permess uniku.*** |

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 5 — paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 4. Jekk l-informazzjoni li tappoġġja l-applikazzjoni ***ma tkunx biżżejjed***, l-awtorità magħżula għandha tinnotifika lill-applikant dwar l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa. Il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi sospiż sakemm l-awtoritajiet jirċievu l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa. | 4. Jekk l-informazzjoni li tappoġġja l-applikazzjoni ***ma tkunx sħiħa fir-rigward tal-kriterji ffissati pubblikament***, l-awtorità magħżula għandha tinnotifika lill-applikant dwar l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa. Il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi sospiż sakemm l-awtoritajiet jirċievu l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa. |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 5 — paragrafu 4a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***4a. F'każ ta' sospensjoni jew ta' estensjoni tad-data tal-iskadenza tal-adozzjoni tad-deċiżjoni stipulata fil-paragrafu 1, l-applikant għandu jinżamm infurmat kif xieraq mill-awtorità kompetenti.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 6 — subparagrafu 2a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2a. Stat Membru jista' joħroġ lil detentur ta' permess uniku li jkun inħareġ minn Stat Membru ieħor permess li jippermettilu li jagħmel xogħol tal-fruntiera. Dan il-permess għandu jinħareġ skont il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru fejn ix-xogħol tal-fruntiera jitwettaq. Il-perjodu ta' validità ta' dan il-permess ma jistax ikun itwal mill-perjodu ta' validità ta' permess uniku.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 — paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku fuq il-bażi tal-kriterji speċifikati fil-liġi Komunitarja jew nazzjonali, għandha tkun motivata fin-notifika miktuba. | 1. Deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku fuq il-bażi tal-kriterji speċifikati fil-liġi Komunitarja jew nazzjonali, għandha tkun motivata ***b'raġunijiet oġġettivi u verifikabbli*** fin-notifika miktuba. ***Dawk il-kriterji għandhom ikunu oġġettivi u miftuħa għall-pubbliku, sabiex id-deċiżjoni tkun tista' tiġi vverifikata***. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 — paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku tista' tiġi kkontestata quddiem il-***qrati*** tal-Istat Membru kkonċernat. In-notifika miktuba għandha tispeċifika l-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u t-terminu biex tittieħed dik l-azzjoni. | 2. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku tista' tiġi kkontestata quddiem ***l-awtorità kompetenti*** tal-Istat Membru kkonċernat ***maħtura skont il-liġi nazzjonali***. In-notifika miktuba għandha tispeċifika l-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli ***inkluża l-awtorità kompetenti*** u t-terminu biex tittieħed dik l-azzjoni. ***Il-kontestazzjoni għandha tissospendi d-deċiżjoni amministrattiva sakemm tingħata deċiżjoni definittiva mill-qorti***. |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***L-Istati*** Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jinfurmaw liċ-ċittadin minn pajjiż terz u lill-persuna li ser tħaddmu fil-futur dwar id-dokumenti ta' prova li jinħtieġu biex jikkompletaw l-applikazzjoni. | Kull ***Stat Membru għandu jiżgura li ġabra ta' informazzjoni aġġornata b'mod regolari, dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u ta' residenza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tiegħu għal skopijiet ta' xogħol, tkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali, b'mod partikulari permezz tal-konsulat tiegħu. B'mod speċifiku, l-Istati*** Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jinfurmaw liċ-ċittadin minn pajjiż terz u lill-persuna li ser tħaddmu fil-futur dwar id-dokumenti ta' prova li jinħtieġu biex jikkompletaw l-applikazzjoni, ***kif ukoll dwar il-ħlas globali dovut sabiex tiġi pproċessata l-applikazzjoni***. |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-applikanti biex iħallsu l-miżati għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet skont din id-Direttiva. Il-livell tal-miżati għandu jkun proporzjonat u ***jista' jkun ibbażat fuq il-prinċipju tas-servizz attwalment ipprovdut***. | L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-applikanti biex iħallsu l-miżati għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet skont din id-Direttiva. Il-livell tal-miżati għandu jkun proporzjonat u ***raġjonevoli u m'għandux ikun aktar mill-ispejjeż li fil-verità tkun ġarrbet l-amministrazzjoni nazzjonali. Għandu jiġi stabbilit ammont globali massimu fil-liġi nazzjonali li jinkludi, fejn xieraq, l-ispejjeż ta' sottokuntrattar li jirriżultaw mill-użu ta' kumpaniji esterni għall-ġbir tad-dokumenti meħtieġa għall-fajl sabiex jinkiseb il-permess***. |

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 — parti introduttorja**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Matul il-perjodu tal-validità tiegħu, il-permess uniku għandu jintitola lid-detentur tiegħu għall-inqas: | Matul il-perjodu tal-validità tiegħu, ***kif stabbilit minn kull Stat Membru***, il-permess uniku għandu jintitola lid-detentur tiegħu għall-inqas: |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 — punt c**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (c) li jkollu aċċess liberu għat-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat li joħroġ il-permess uniku, fil-limiti li hemm hemm dispożizzjoni dwarhom fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għal raġunijiet ta' sigurtà; | (c) li jkollu aċċess liberu għat-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat li joħroġ il-permess uniku. ***L-Istati Membri jistgħu jimponu restrizzjonijiet territorjali fuq id-dritt ta' residenza u d-dritt tax-xogħol*** fil-limiti li hemm dispożizzjoni dwarhom fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għal raġunijiet ta' sigurtà ***fejn l-istess restrizzjonijiet japplikaw għaċ-ċittadini tagħhom stess***; |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 11a***<br><br>***Notifika u informazzjoni***<br><br>***In-notifika u l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 5, 8 u 9 għandhom ikunu komunikati b'mod li l-applikant ikun jista' jifhem il-kontenut u l-implikazzjonijiet tagħhom.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 — paragrafu 1 — punt a**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (a) il-kondizzjonijiet tax-xogħol, inkluż il-ħlas u t-tkeċċija kif ukoll is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; | (a) il-kondizzjonijiet tax-xogħol, inkluż il-ħlas, ***il-vaganzi, il-ħin ta' ħidma*** u t-tkeċċija kif ukoll is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; |

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 — paragrafu 1 — punt b**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (b) il-libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni u sħubija ta' organizzazzjoni li tirrappreżenta l-ħaddiema jew lil min iħaddem jew ta' xi organizzazzjoni li l-membri tagħha jkunu jwettqu xi xogħol speċifiku, inklużi l-benefiċċji konferiti minn dawn l-organizzazzjonijiet, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-politika pubblika u s-sigurtà pubblika; | (b) il-libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni u sħubija ta' organizzazzjoni li tirrappreżenta l-ħaddiema jew lil min iħaddem jew ta' xi organizzazzjoni li l-membri tagħha jkunu jwettqu xi xogħol speċifiku, inklużi l-benefiċċji konferiti minn dawn l-organizzazzjonijiet, ***bħall-informazzjoni u l-għajnuna***, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-politika pubblika u s-sigurtà pubblika; |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 — paragrafu 1 — punt c**

| | |
|---|---|
| (c) l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; | (c) l-edukazzjoni ***fis-sens wiesa' tat-terminu (it-tagħlim tal-lingwi u l-familjarizzazzjoni kulturali bl-iskop li titjieb l-integrazzjoni)*** u taħriġ vokazzjonali; |

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 — paragrafu 1 — punt d**

| | |
|---|---|
| (d) ir-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u kwalifiki professjonali oħra, skont il-proċeduri nazzjonali rilevanti; | (d) ir-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u kwalifiki professjonali oħra, skont il-proċeduri nazzjonali rilevanti ***applikabbli skont it-termini tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali*** [1] |

*[1] ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.*

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 — paragrafu 1 — punt f**

| | |
|---|---|
| (f) ***il-ħlas*** ta' pensjonijiet ***miksuba meta jiċċaqalqu għal pajjiż*** terz; | (f) ***it-trasferiment*** ta' pensjonijiet ***jew benefiċċji fir-rigward tax-xjuħija, mewt, jew invalidità bir-rata applikata skont il-liġi tal-Istat Membru (jew Stati Membri) debitur meta dak li jkun imur jgħix f'pajjiż*** terz; |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 — paragrafu 1 — punt g**

| | |
|---|---|
| (g) il-benefiċċji tat-taxxa; | (g) il-benefiċċji tat-taxxa, ***jekk kemm-il darba l-ħaddiem jitqies bħala residenti għal finijiet tat-taxxa fl-Istat Membru kkonċernat***; |

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 — paragrafu 1 — punt ha (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***(ha) servizzi ta' informazzjoni u konsulenza mogħtija mill-uffiċċji tal-impjiegi;*** |

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 — paragrafu 2 — parti introduttorja**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw it-trattament ugwali bħaċ-ċittadini: | 2. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw it-trattament ugwali maċ-ċittadini ***fil-każijiet li ġejjin biss***: |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 — paragrafu 2 — punt c**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (c) billi jillimitaw id-drittijiet mogħtija taħt il-paragrafi 1(h) rigward l-akkomodazzjoni ***pubblika għal każijiet fejn iċ-ċittadin minn pajjiż terz ikun ilu jgħix jew li jkollu d-dritt li jgħix fit-territorju għal mill-inqas tliet snin***; | (c) billi jillimitaw id-drittijiet mogħtija taħt il-paragrafi 1(h) rigward l-akkomodazzjoni; |

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 — paragrafu 2 — punt d**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***(d) billi jillimitaw id-drittijiet mogtħija taħt il-paragrafi 1 (a), (b) u (g) għal dawk il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jkollhom impjieg;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 — paragrafu 2 — punt e**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***(e) billi jillimitaw id-drittijiet mogħtija taħt il-paragrafu 1(e) għall-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jkollhom impjieg ħlief għall-benefiċċji tal-qgħad.*** | ***imħassar*** |

**Amendement 45**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 — paragrafu 2a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kwalunkwe ksur tad-drittijiet imniżżla f'din id-Direttiva jintlaqa' minn pieni effettivi, proporzjonati u disważivi.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 47**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14**

| | |
|---|---|
| *Artikolu 14* | ***imħassar*** |
| ***Kull Stat Membru għandu jiżgura li ġabra ta’ informazzjoni aġġornata b’mod regolari, dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u ta’ residenza taċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi fit-territorju tiegħu għal skopijiet ta’ xogħol, tkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali.*** | |

## Emenda tar-Regolament Waħdieni dwar id-WTO *

P6_TA(2008)0559

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta’ Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (“Ir-Regolament Waħdieni dwar id-WTO”) (COM(2008)0489 — C6-0314/2008 — 2008/0156(CNS))**

(2010/C 16 E/43)

(Proċedura ta’ konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0489),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 36 u 37 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0314/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 43(1) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0368/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa’ jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b’mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri *

P6_TA(2008)0560

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (COM(2008)0717 — C6-0389/2008 — 2008/0208(CNS))**

(2010/C 16 E/44)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0717),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 308 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0389/2008),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi tal-pagamenti tal-Istati Membri ([1]) u l-pożizzjoni tal-Parlament tas-6 ta' Settembru 2001 dwar għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi tal-pagamenti tal-Istati Membri ([2]) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-20 ta' Novembru 2008 dwar li tkun stabbilita faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi tal-pagament tal-Istati Membri ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0450/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

([1]) ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU C 72 E, 21.3.2002, p. 312.
([3]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0562.

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Premessa 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (2) ***Għandha tiġi stabbilita proċedura ad hoc għal reviżjonijiet ta' dak il-limitu fil-futur, bil-ħsieb li tittejjeb il-kapaċità tal-Komunità li tirreaġixxi malajr għall-bidliet kbar fl-ambjent finanzjarju li jaffettwaw l-ammont totali ta' appoġġ li potenzjalment ikun meħtieġ mill-Istati Membri.*** | (2) ***Fil-każ li jinqalgħu sitwazzjonijiet eċċezzjonali li jistgħu jirrikjedu reazzjoni Komunitarja ta' malajr għal bidliet kbar fl-ambjent finanzjarju, il-Parlament Ewropew, l-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jaġixxu malajr kemm jista' jkun sabiex jiżguraw li l-fiduċja fis-swieq ma tiddgħajjifx.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 1 — paragrafu 2**

*Regolament (KE) nru 332/2002*

*Artikolu 1 — paragrafu 3*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***Għandu jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:***<br>***"Meta deterjorament serju tal-ambjent finanzjarju jkun jeħtieġ li tingħata għajnuna finanzjarja urġenti mill-Komunità għat-terminu l-medju lil bosta Stati Membri, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirrevedi l-limitu wara li tkun kisbet l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, kemm fuq il-ħtieġa urġenti li jiġi rivedut il-limitu kif ukoll fuq il-limitu rivedut innifsu. Il-limitu l-ġdid għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea".*** | ***imħassar*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament — att li jemenda**

**Artikolu 1a (ġdid)**

*Regolament (KE) nru 332/2002*

*Artikolu 10*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 1a***<br>***L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 332/2002 huwa mibdul b'dan li ġej:***<br>**Kull *sentejn* il-Kunsill għandu jeżamina, fuq il-bażi ta' rapport mill-Kummissjoni, wara li *jkun ikkonsulta l-Parlament Ewropew u wara li tkun ingħatat* l-opinjoni *tal-Kumitat* Ekonomiku u Finanzjarju, jekk il-faċilità stabbilita għadhiex tissodisfa, fil-prinċipju, fl-arranġamenti u fil-limitu massimu tagħha, il-ħtieġa li kienet wasslet għall-ħolqien tagħha.** |